



Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE <sup>(1)</sup> ..... 1**

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



## I

(Atti leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2018/858 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Mejju 2018

**dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 26(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), is-suq intern jinkludi żona mingħajr fruntieri interni fejn għandu jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital. Jenħtieġ li r-regoli tas-suq intern ikunu trasparenti, sempliċi, konsistenti u effettivi, sabiex b'hekk jiġu pprovduti ċertezza u ċarezza legali għall-benefiċċju tan-negozji u tal-konsumaturi.
- (2) Għal dak il-għan, ġie stabbilit qafas komprensiv tal-UE għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u tas-sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi mid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>.
- (3) Fl-2013, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-qafas legali tal-Unjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li uriet li l-qafas stabbilit mid-Direttiva 2007/46/KE huwa adatt sabiex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-armonizzazzjoni, il-funzjonament effettiv tas-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta u kkonkludiet li jenħtieġ għalhekk li dan ikompli jiġi applikat.
- (4) Madankollu, dik il-valutazzjoni kkonkludiet ukoll li hemm il-ħtieġa li jiġu introdotti dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq sabiex jikkomplementaw ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip; il-ħtieġa li jiġu ċċarati

<sup>(1)</sup> ĠU C 303, 19.8.2016, p. 86.

<sup>(2)</sup> Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2018 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018.

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

l-proċeduri ta' sejħiet lura u ta' salvagwardja, kif ukoll il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' estensjonijiet għall-approvazzjonijiet għat-tipi eżistenti ta' vetturi; il-ħtieġa li jittejjeb l-infurzar tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip permezz tal-armonizzazzjoni u t-tisħiħ tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-proċeduri tal-produzzjoni applikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mis-servizzi tekniċi; il-ħtieġa li jiġu indikati b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-provvista, kif ukoll tal-awtoritajiet u tal-partijiet involuti fl-infurzar tal-qafas, filwaqt li tiġi ggarantita l-indipendenza ta' dawk l-awtoritajiet u partijiet, u jiġu evitati l-kunflitti ta' interess; u l-ħtieġa li tittejjeb l-adeqwatezza tal-iskemi alternattivi tal-approvazzjoni (approvazzjonijiet individwali u ta' serje żgħar nazzjonali) u l-adeqwatezza tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji sabiex tiġi pprovduta flessibilità xierqa għal swieq niċeċ u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju mingħajr, madankollu, ma jiġu mfixkla l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

- (5) Barra minn hekk, il-problemi reċenti fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-UE tal-approvazzjoni tat-tip kixfu dgħufijiet partikolari u wrew li tenħtieġ revizzjoni fundamentali tiegħu sabiex jiġi żgurat li jkun robust, trasparenti, prevedibbli u sostenibbli u li jipprovdni livell għoli ta' sikurezza u ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.
- (6) Dan ir-Regolament jintroduċi numru ta' salvagwardji biex tiġi evitata l-applikazzjoni ħażina tar-reqwiziti imposti fil-proċess tal-għoti ta' approvazzjoni lill-vetturi, lis-sistemi, lill-komponenti jew lill-unitajiet tekniċi separati. Sabiex jiġi evitat l-abbuż tal-proċess ta' approvazzjoni fil-futur, huwa importanti li dawk is-salvagwardji jkunu effettivi.
- (7) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji armonizzati għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u għas-sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, u għall-approvazzjoni tal-vettura individwali, bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern għall-benefiċċju tan-negozji u l-konsumaturi u biex jiġi offrut livell għoli ta' sikurezza u ta' protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent.
- (8) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-reqwiziti tekniċi u amministrattivi tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur għat-trasport tal-passiġġieri (il-kategorija M), u vetturi bil-mutur għat-trasport tal-merkanzija (il-kategorija N) u t-trejlers tagħhom (il-kategorija O), u għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi bil-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza u ta' prestazzjoni ambjentali.
- (9) Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali japplikaw u jinfurzaw ir-reqwiziti ta' dan ir-Regolament b'mod uniformi mal-Unjoni kollha biex jiżguraw kondizzjonijiet ekwi u jevitaw li jiġu applikati standards diverġenti madwar l-Unjoni. Jenħtieġ li jikkooperaw bis-sħiħ mal-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar ("il-Forum") u mal-Kummissjoni fl-attivitajiet ta' awditjar u sorveljanza tagħha.
- (10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament isahha il-qafas attwali tal-UE tal-approvazzjoni tat-tip, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq. Jenħtieġ li s-sorveljanza tas-suq fis-settur tal-karozzi tiġi introdotta billi jiġu speċifikati l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-provvista, ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tal-infurzar fl-Istati Membri, u l-miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward ta' prodotti tal-karozzi li jkunu fis-suq u li jirrappreżentaw riskji serji għas-sikurezza jew għall-ambjent, li jimminaw il-protezzjoni tal-konsumaturi, jew li ma jkunux konformi mar-reqwiziti tal-approvazzjoni tat-tip.
- (11) Biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tar-reqwiziti tal-approvazzjoni tat-tip, jenħtieġ li jissaħħu d-dispożizzjonijiet attwali dwar il-konformità tal-produzzjoni billi, fost l-oħrajn, jiġu previsti awditjar perjodiku obligatorju tal-metodi ta' kontroll tal-konformità u tal-konformità kontinwa tal-prodotti tal-karozzi kkonċernati u billi jissaħħu r-reqwiziti relatati mal-kompetenza, l-obbligi u l-prestazzjoni tas-servizzi tekniċi li jwettqu t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura sħiħa taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni. Il-funzjonament xieraq tas-servizzi tekniċi huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza u ta' protezzjoni tal-ambjent u fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema. Jenħtieġ li l-kriterji għad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi pprovduti mid-Direttiva 2007/46/KE jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament fiktur dettall sabiex jiżguraw li jiġu applikati b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha. Hemm it-tendenza li l-metodi ta' valutazzjoni tas-servizzi tekniċi fl-Istati Membri jvarjaw b'mod progressiv minħabba l-kumplessità akbar tal-ħidma tagħhom. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu previsti obbligi proċedurali li jiżguraw skambju tal-informazzjoni u monitoraġġ tal-prattiki tal-Istati Membri għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi tagħhom. Jenħtieġ li dawk l-obbligi proċedurali jneħħu kwalunkwe diskrepanza eżistenti fil-metodi użati minn, u fl-interpretazzjoni tal-kriterji għad-deżinjazzjoni ta', is-servizzi tekniċi. Sabiex jiġu żgurati sorveljanza adegwata u kondizzjonijiet ekwi fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li l-valutazzjoni tas-servizz tekniku ta' applikant tinkludi valutazzjoni fuq il-post.
- (12) Fil-każ ta' approvazzjonijiet tat-tip f'diversi stadji, huwa essenzjali li jiġi vverifikat li l-bidliet li saru qabel l-istadju finali tat-tlestija ma jaffettwawx il-funzjonament ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati approvati fir-rigward tat-tip b'tali mod li jkun jinvalida l-approvazzjoni tat-tip mogħtija qabel.

- (13) Il-ħtieġa ta' kontroll u monitoraġġ tas-servizzi tekniċi żdiedet minħabba l-fatt li l-progress tekniku żied ir-riskju li s-servizzi tekniċi ma jkollhomx il-kompetenza meħtieġa biex jiġu ttestjati teknoloġiji ġodda jew apparati li joħorġu fl-ambitu tad-deżinjazzjoni tagħhom. Billi l-progress tekniku jqassar iċ-ċikli tal-prodotti u billi l-intervalli tal-valutazzjonijiet fuq il-post għal sorveljanza u tal-monitoraġġ ivarjaw, jenħtieġ li l-validità tad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi tkun limitata fiż-żmien, li għandu jiżgura li l-kompetenza tas-servizzi tekniċi tiġi vvalutata perijodikament.
- (14) Għalhekk, jenħtieġ li d-deżinjazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi mill-Istati Membri, skont kriterji dettaljati u stretti, ikunu soġġetti għal kontrolli superviżorji, inter alia bħala kondizzjoni għat-tiġdid tad-deżinjazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-pożizzjoni tas-servizzi tekniċi fir-rigward tal-manifatturi tissaħħa, inkluż id-dritt u d-dmir tagħhom li jwettqu spezzjonijiet mhux imħabbra fil-fabbriki u li jagħmlu testijiet fiżiċi jew tal-laboratorju fuq prodotti tal-karozzi koperti minn dan ir-Regolament, sabiex jiżguraw li l-manifatturi jibqgħu konformi b'mod kontinwu wara li jkunu kisbu approvazzjoni tat-tip għall-prodotti tal-karozzi tagħhom.
- (15) Sabiex jiżdiedu t-trasparenza u l-fiduċja reċiproka u sabiex jiġu allinjati u żviluppatti iktar il-kriterji għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni u n-notifika tas-servizzi tekniċi, kif ukoll il-proċeduri ta' estensjoni u tiġdid, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkonsultaw lil xulxin u lill-Kummissjoni fuq kwistjonijiet ta' rilevanza ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni. Huwa importanti li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jużaw sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku bħala mezz biex tiġi ffaċilitata u titejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva wara perijodi ta' implimentazzjoni xierqa sabiex il-ġestjoni tal-iskambju ta' informazzjoni ssir aktar effiċjenti u effettiva abbażi ta' proċeduri sempliċi u unifikati. Sabiex tkun iffaċilitata l-aċċessibilità u t-trasparenza tagħha, jenħtieġ li l-informazzjoni tkun disponibbli bħala data strutturata li tista' titfittex b'mod elettroniku.
- (16) Fejn id-deżinjazzjoni ta' servizz tekniku tkun ibbażata fuq l-akkreditazzjoni fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, jenħtieġ li l-korpi ta' akkreditazzjoni u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni li jiddeżinjaw jiskambjaw informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-kompetenza tas-servizzi tekniċi.
- (17) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jimponu ħlasijiet għad-deżinjazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi sabiex jiżguraw is-sostenibilità tal-monitoraġġ ta' dawk is-servizzi tekniċi mill-Istati Membri u sabiex jistabbilixxu kondizzjonijiet ekwi għas-servizzi tekniċi.
- (18) Meta, minkejja l-miżuri meħudin mill-Istati Membri sabiex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti u kontinwa tar-rekwiżiti, ikun hemm dubju dwar il-kompetenza ta' servizz tekniku, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tinvestiga każijiet individwali.
- (19) Sabiex jiġi żgurat li t-testijiet u r-rapporti pprovduti mis-servizzi tekniċi ma jkunux influwenzati minn ċirkustanzi mhux leġittimi, huwa importanti li l-organizzazzjoni u l-operat tas-servizzi tekniċi jiżguraw imparzialità u indipendenza sħaħ. Sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod koerenti u sistematiku, jenħtieġ li s-servizzi tekniċi jkollhom stabbilita sistema ta' ġestjoni sodisfaċenti li tinkludi dispożizzjonijiet dwar servizzi professjonali. Sabiex is-servizzi tekniċi jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom b'mod xieraq, jenħtieġ li l-persunal tagħhom juri dejjem livell ta' għarfien, kompetenza u indipendenza adegwati.
- (20) Jeħtieġ mekkaniżmu robust li jinforza l-konformità biex jiżgura li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. Jenħtieġ li l-iżgurar tal-konformità mal-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità mar-rekwiżiti tal-produzzjoni tal-leġislazzjoni li tirregola s-settur tal-karozzi jibqa' r-responsabilità ewlenija tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni, billi dan huwa obbligu marbut mill-qrib mal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip u jirrikjedi għarfien dettaljat dwar il-kontenut tiegħu. Għalhekk huwa importanti li l-prestazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tiġi vverifikata b'mod regolari.
- (21) Sabiex tiġi żgurata konformità ma' dan ir-Regolament, biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi fi ħdan l-Unjoni u biex jiġi ffaċilitat skambju tal-aħjar prattiki, jenħtieġ li l-Kummissjoni torganizza u twestaq valutazzjonijiet tal-proċeduri stabbiliti mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-eżitu ta' tali valutazzjonijiet, inkluż kwalunkwe rakkomandazzjoni mhux vinkolanti, jiġi diskuss fi ħdan il-Forum. Jenħtieġ li l-valutazzjonijiet jitwettqu perijodikament, filwaqt li jittieħed kont tal-prinċipju ta' proporzjonalità, l-għadd u l-varjetà ta' approvazzjonijiet tat-tip mogħtija u kwalunkwe każ ta' nonkonformità skopert matul il-verifika tal-konformità.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

- (22) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni filwaqt li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv, huwa importanti li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-Kummissjoni jikkooperaw b'mod effiċjenti waqt il-valutazzjoni, b'mod partikolari waqt il-valutazzjoni fil-bini tal-awtorità tal-approvazzjoni kkonċernata. Jenħtieġ li l-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni jitwettqu f'konformità mal-liġi applikabbli, f'konformità, inter alia, mal-perijodi ta' ħidma jew il-lingwa tal-awtoritajiet nazzjonali. Jenħtieġ li l-ispejjeż li jirriżultaw minn dawk il-valutazzjonijiet jiġġarrbu mill-Kummissjoni, inkluż dawk relatati mat-traduzzjoni tad-dokumenti.
- (23) Is-sistema ta' verifika tal-konformità qed tissaħħaħ bir-rikonoxximent ta' proċess formali ta' akkreditazzjoni ta' servizzi tekniċi jew bl-introduzzjoni ta' evalwazzjoni regolari bejn il-pari fir-rigward tal-valutazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi minn awtoritajiet tal-approvazzjoni. Din għandha l-għan li tiżgura li jiġi applikat livell uniformi ta' kwalità u strettezza mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni kollha meta jinfurzew ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip.
- (24) Koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali bl-iskambju ta' informazzjoni u valutazzjonijiet koordinati taħt id-direzzjoni ta' awtorità ta' koordinazzjoni hija fundamentali sabiex jiġi żgurat livell konsistentement għoli ta' sikurezza u ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent fis-suq intern. Dan iwassal ukoll għal użu iktar effiċjenti tar-riżorsi skarsi fil-livell nazzjonali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi stabbilit Forum konsultattiv bil-għan li jiġu promossi l-aħjar prattiki, biex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiskambjaw informazzjoni u jikkoordinaw l-attivitajiet relatati mal-infurzar tal-leġislazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip. Il-kooperazzjoni bħalissa informali bejn l-Istati Membri fdak ir-rigward tkun tibbenefika minn qafas iktar formali. Jenħtieġ li dan il-Forum ikun magħmul minn rappreżentanti maħturin mill-Istati Membri li jirrappreżentaw l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tagħhom. Ir-rappreżentanti li jattendu laqgħa partikolari jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kwistjonijiet diskussi mill-Forum. Sabiex jibbenefika minn firxa ta' fehmiet u kontributi, ikun siewi li jiġu mistiedna għall-Forum fuq bażi regolari osservaturi esterni partikolari, kull meta l-attivitajiet ta' dawk l-osservaturi jkunu rilevanti għall-kwistjonijiet li jkunu se jiġu diskussi.
- (25) Biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess li jista' jkun hemm, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu awtonomi fit-twettiq tal-kompiti tagħhom. Fejn Stat Membru jagħżel li jqiegħed dawk l-awtoritajiet fl-istess organizzazzjoni, jenħtieġ li tal-anqas jiżgura li dik l-organizzazzjoni jkollha l-istrutturi li jiżguraw li l-attivitajiet tal-awtoritajiet jibqgħu distinti minn xulxin f'termini tal-ġestjoni diretta tagħhom u t-teħid minnhom ta' deċiżjonijiet.
- (26) Ir-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq tal-Unjoni u dwar il-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 japplikaw għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi. Dawk ir-regoli ma jżommux lill-Istati Membri milli jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti sabiex dawn iwettqu dawk il-kompiti. Is-sorveljanza tas-suq hija kompetenza li tista' tkun kondiviża bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti sabiex jitqiesu s-sistemi nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Jenħtieġ li koordinazzjoni u monitoraġġ effettivi fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali jiggarantixxu li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jinfurzew il-qafas il-ġdid għall-approvazzjoni tat-tip u għas-sorveljanza tas-suq.
- (27) Huwa neċessarju li jiġu inklużi regoli dwar is-sorveljanza tas-suq f'dan ir-Regolament sabiex isaħħu d-drittijiet u l-obbligi tal-awtoritajiet nazzjonali, biex jiżguraw koordinazzjoni effettiva tal-attivitajiet tagħhom ta' sorveljanza tas-suq u biex jiċċaraw il-proċeduri applikabbli.
- (28) L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jeħtieġu li jkunu jstgħu jwettqu kif xieraq il-kompiti previsti minn dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdulhom ir-riżorsi meħtieġa għal dak il-għan.
- (29) Sabiex tiżdied it-trasparenza fil-proċess tal-approvazzjoni u sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u l-verifika indipendenti mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-Kummissjoni, jenħtieġ li d-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tiġi pprovduta f'format elettroniku u għandha ssir disponibbli għall-pubbliku, soġġett għal eżenzjonijiet fir-rigward tal-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali u l-protezzjoni tad-data personali.
- (30) L-obbligi tal-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq previsti f'dan ir-Regolament huma aktar speċifiċi minn dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Dan jirriżulta mill-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi speċjali tal-qafas għall-approvazzjoni tat-tip u l-ħtieġa li dak il-qafas jiġi kkomplementat b'mekkaniżmu effettiv ta' sorveljanza tas-suq li jiżgura verifika robusta tal-konformità tal-prodotti tal-karozzi

koperti minn dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tal-qafas, huwa essenzjali li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jivverifikaw il-konformità tal-prodotti tal-karozzi irrispettivament minn jekk l-approvazzjoni tat-tip tagħhom ingħatatx qabel jew wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- (31) Huwa essenzjali għall-funzjonament korrett tas-sorveljanza tas-suq li l-konformità ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati fis-suq tiġi vverifikata abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju robusta. Dik il-verifika tal-konformità, flimkien mal-istabbiliment ta' għadd minimu ta' kontrolli fuq vetturi fis-sena, tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni effettiva mal-Unjoni kollha tal-obbligi tas-sorveljanza tas-suq.
- (32) Minħabba l-karatteristiċi speċjali ta', u r-riskju potenzjali marbut ma', l-emissjonijiet, jenħtieġ li parti adegwata mill-għadd minimu ta' kontrolli tkun allokata għal testijiet relatati mal-emissjonijiet. Sabiex tiġi żgurata l-konformità sħiħa tal-vetturi, jenħtieġ li kull kontroll jinkludi l-verifika ta' jekk ir-rekwiżiti kollha għall-approvazzjoni tat-tip li huma applikabbli għall-vettura li qed tiġi ttestjata fir-rigward tal-emissjonijiet ġeww issodisfati.
- (33) Jenħtieġ li jkun possibbli li jintuża kwalunkwe test imwettaq fuq kwalunkwe vettura fi kwalunkwe Stat Membru sabiex tittieħed miżura korrettiva u restrittiva fi Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li r-riżultati tal-kontrolli mwettqa fuq vetturi fi Stat Membru wieħed jitqiesu bħala adegwati għall-fini li jiġu invokati miżuri korrettivi u restrittivi fi Stat Membru ieħor. Għaldaqstant, it-trasferiment fiżiku tal-vetturi kkonċernati ma għandu jkun meħtieġ għall-fini ta' ebda kontroll li jitwettaq fisem Stat Membru ieħor.
- (34) Huwa ta' importanza partikolari li l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni jqisu l-ittestjar tal-konformità waqt is-servizz u l-ispezzjonijiet tal-vetturi bħala parti mill-proċeduri ta' verifika tal-konformità tagħhom. Jenħtieġ li l-għażla tal-vetturi li se jrin ikunu soġġetti għal dik il-verifika tal-konformità tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju xierqa li tqis il-gravità tan-nonkonformità possibbli; il-probabbiltà li sseħħ; u indikaturi possibbli oħrajn, bħall-introduzzjoni ta' vetturi b'teknoloġija ġdida installata, kwalunkwe storja jew rapporti passati ta' nonkonformità, ir-riżultati tal-ittestjar bit-telerilevament u t-tħassib espress minn partijiet terzi rikonoxxuti.
- (35) Barra minn hekk, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti, jenħtieġ li l-Kummissjoni torganizza u twettaq testijiet u spezzjonijiet ta' verifika tal-konformità li jkunu indipendenti minn dawk imwettqa mill-Istati Membri skont l-obbligi nazzjonali tagħhom ta' sorveljanza tas-suq. Fejn tali testijiet u spezzjonijiet isiru fuq vetturi rreġistrati bi qbil mad-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura, huwa importanti li jittieħed kont tal-fatt li l-vetturi modifikati jistgħu ma jkunux adegwati biex issir tali verifika tal-konformità. Huwa importanti wkoll li jittieħed kont tal-implikazzjonijiet għad-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura, speċjalment fejn id-detentur ikun persuna fiżika, li f'dak il-każ il-mod adegwat biex jintgħażlu l-vetturi jkun permezz ta' sejħa pubblika jew permezz tal-awtoritajiet tal-Istati Membri. Fejn dawk it-testijiet u spezzjonijiet jistabbilixxu li hemm nonkonformità, jew fejn jinstab li ngħatat approvazzjoni tat-tip abbażi ta' data skorretta, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha d-dritt li tieħu azzjonijiet ta' rimedju madwar l-Unjoni sabiex terġa' ġġib lura l-konformità tal-vetturi kkonċernati, u biex jiġu investigati r-raġunijiet għall-iskorrettezza tal-approvazzjoni tat-tip. Jenħtieġ li jiġi żgurat finanzjament xieraq fil-baġit ġenerali tal-Unjoni sabiex ikunu jistgħu jsiru tali ttestjar u spezzjonijiet ta' verifika tal-konformità.
- (36) Bil-għan li jingħata appoġġ lill-Istati Membri fil-ħidma biex jidentifikaw tagħmir ta' manipulazzjoni, fis-26 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni ppubblikat Gwida dwar l-evalwazzjoni tal-Istrateġiji Awżiljarji għall-Kontroll tal-Emissjonijiet u l-preżenza ta' Tagħmir ta' Manipulazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6). B'konsistenza ma' dik il-Gwida, jenħtieġ li l-attivitajiet ta' ttestjar tal-Kummissjoni, tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u tas-servizzi tekniċi għall-fini ta' identifikazzjoni tat-tagħmir ta' manipulazzjoni jikkonservaw in-natura mhux prevedibbli tagħhom, u jenħtieġ li jinkludu wkoll kondizzjonijiet ta' ttestjar modifikati li jinkludu varjazzjonijiet fil-kondizzjonijiet fiżiċi u l-parametri ta' ttestjar.
- (37) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza funzjonali tal-vetturi, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u ta' utenti oħrajn tat-triq, kif ukoll sabiex jiġi żgurat il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa, ir-rekwiżiti tekniċi u l-istandards ambjentali applikabbli għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati jenħtieġ li jkomplu jiġu armonizzati u adattati biex jirriflettu l-progress tekniku u xjentifiku.
- (38) Jenħtieġ li l-għan ta' dan ir-Regolament ma jiġix affettwat mill-fatt li ċerti sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts u tagħmir jistgħu jiġu mmuntati mal-vettura jew fiha wara li dik il-vettura tkun tpoġġiet fis-suq, ġiet irreġistrata jew tqiegħdet fiċ-ċirkolazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jittieħdu miżuri xierqa li jiżguraw li s-sistemi,

il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati jew il-parts u t-tagħmir li jistgħu jiġu mmuntati mal-vetturi jew fihom u li jistgħu jfixxlu b'mod sinifikanti l-funzjonament tas-sistemi li huma essenzjali għall-protezzjoni tal-ambjent jew għas-sikurezza funzjonali jkunu soġġetti għal kontrolli minn awtorità tal-approvazzjoni qabel ma jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni.

- (39) Jenħtieġ li dawk il-miżuri japplikaw biss għal għadd limitat ta' parts jew tagħmir. Jenħtieġ li, f'każ ta' riskju serju, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-lista ta' tali parts jew tagħmir u r-rekwiżiti korrispondenti bħala kwistjoni ta' prijorità, wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Jenħtieġ li, filwaqt li tistabbilixxi l-lista, il-Kummissjoni tiżgura b'mod partikolari li parts u tagħmir ta' sostituzzjoni li huma essenzjali għall-kontrolli tal-emissjonijiet u s-sikurezza jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet ta' prestazzjoni tal-parts u tagħmir oriġinali. Jenħtieġ li hija wkoll tikkonsulta mal-partijiet interessati abbażi ta' rapport, u li hija timmira biex ikun hemm bilanċ ġust bejn ir-rekwiżiti għat-titjib tas-sikurezza fit-toroq u l-protezzjoni tal-ambjent, kif ukoll bilanċ ġust bejn l-interessi tal-konsumaturi, tal-manifatturi u tad-distributuri filwaqt li tkun ippreżervata l-kompetizzjoni fis-suq sekondarju (aftermarket).
- (40) Is-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tippermetti lil kull Stat Membru jikkonferma li kull tip ta' vettura u kull tip ta' sistema, komponent u unità teknika separata maħsuba għal tali tip ta' vettura jkunu għaddew mit-testijiet u mill-ispezzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament sabiex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip ta' dan ir-Regolament u li l-manifattur tagħhom ikun kiseb ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip għalihom. Is-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tobbliha lill-manifatturi jipproduċu l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tagħhom b'konformità mat-tip approvat. Manifattur ta' vettura għandu jiċċertifika dan billi joħroġ ċertifikat tal-konformità għal kull vettura. Jenħtieġ li kull vettura li jkollha ċertifikat validu tal-konformità tingħata permess li titqiegħed għad-disponibbiltà fis-suq u li tiġi rreġistrata sabiex tintuża fl-Unjoni.
- (41) Sabiex jiġi ssimplifikat l-iskambju ta' informazzjoni relatata mal-approvazzjoni tat-tip bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-informazzjoni rilevanti ssir aċċessibbli pubblikament wara perijodi ta' implimentazzjonijiet xierqa, jenħtieġ li jsir obligatorju l-użu tal-bażijiet ta' data li tista' titfittex online. Biex tiġi ppreservata l-informazzjoni kunfidenzjali, huwa importanti li kull skambju ta' data jsir permezz ta' protokoll ta' skambju sigur ta' data. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi eliminat l-użu ħażin ta' data, inkluż li jiġi evitat il-ħolqien ta' reġistrazzjonijiet multipli għall-ewwel darba meta jintużaw ċertifikati ta' konformità f'format elettroniku.
- (42) Il-konformità tal-produzzjoni hija wieħed mill-pedamenti tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u, għalhekk, jenħtieġ li l-arranġamenti stabbiliti mill-manifattur sabiex jiżgura tali konformità jiġu approvati mill-awtorità kompetenti jew minn servizz tekniku kkwalifikat b'mod xieraq iddeżinjat għal dak il-għan, u li jkunu soġġetti għal verifika regolari permezz ta' awditjar perjodiku indipendenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jiżguraw il-verifika tal-konformità kontinwa tal-prodotti tal-karozzi kkonċernati.
- (43) Il-validità kontinwa tal-approvazzjonijiet tat-tip tesiġi li l-manifattur jgħarraf lill-awtorità li tkun approvat it-tip ta' vettura tiegħu dwar kwalunkwe bidla fil-karatteristiċi tat-tip jew tar-rekwiżiti tas-sikurezza u tal-prestazzjoni ambjentali applikabbli għal dak it-tip sabiex ikun jista' jiġi vverifikat li t-tip ta' vettura jibqa' jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli kollha. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-kondizzjonijiet għall-emendar tal-approvazzjonijiet tat-tip ikunu ċċarati biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-proċeduri u l-infurzar tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip mal-Unjoni kollha, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-applikazzjoni stretta tar-regoli li jiddistingwu bejn approvazzjonijiet tat-tip emendati u approvazzjonijiet tat-tip ġodda. Sabiex jiġi żgurat li jiġu implimentati l-aħħar rekwiżiti fuq il-vetturi ġodda kollha f'ċertu ħin, huwa importanti li l-atti regolatorji elenkati fl-Anness II ikunu jinkludu mhux biss data għall-applikazzjoni ta' rekwiżiti ġodda għal approvazzjonijiet tat-tip ġodda, iżda wkoll data li minnha jsiru obligatorji r-rekwiżiti ġodda għat-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati.
- (44) Jenħtieġ li l-valutazzjoni tar-riskju serju rrapportat għas-sikurezza u tal-ħsara għas-saħħa pubblika u l-ambjent issir flivell nazzjonali, iżda jenħtieġ li tiġi żgurata koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni fejn ir-riskju jew il-ħsara rrapportati jistgħu jestendu lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru wieħed, bil-għan li jinqasmu r-riżorsi u tiġi żgurata konsistenza rigward l-azzjoni korrettiva li trid tittieħed sabiex jiġu mitigati r-riskju jew il-ħsara identifikati.
- (45) Sabiex jiġi żgurat li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati kollha mqiegħda fis-suq joffru livell għoli ta' sikurezza u ta' protezzjoni tal-ambjent, jenħtieġ li l-manifattur jew kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor fil-katina tal-provvista jieħu miżuri korrettivi adegwati, inkluż is-sejħa lura tal-vetturi mis-suq, meta vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tippreżenta riskju serju lill-utenti jew l-ambjent kif previst fir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jingħataw is-setgħa li jivvalutaw



u jivverifikaw jekk dawk il-miżuri korrettivi humiex adegwati. Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni ta' Stati Membri oħrajn ikollhom id-dritt li jieħdu miżuri korrettivi u restrittivi fejn huma jqisu li l-miżuri korrettivi tal-manifattur ma jkunux adegwati.

- (46) Fejn jiġu applikati miżuri korrettivi, id-detenturi ta' reġistrazzjonijiet għal vetturi affettwati ma jenħtiġux iġarrbu l-ispejjeż ta' tiswijiet għall-vetturi tagħhom, inkluż fkażijiet fejn it-tiswijiet ikunu twettqu bi spiża għad-detentur tar-reġistrazzjoni qabel l-adozzjoni tal-miżura korrettiva. Dan ma għandux jipprekludi lill-konsumaturi milli jużaw rimedji bbażati fuq il-liġi kuntrattwali, kif applikabbli taħt il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali.
- (47) Jenħtieġ li tiġi pprovduta flessibilità xierqa permezz ta' skemi alternattivi tal-approvazzjoni għall-manifatturi ta' vetturi prodotti f'serje żgħira. Jenħtieġ li huma jkunu jistgħu jibbenifikaw mill-vantaġġi tas-suq intern, dment li l-vetturi tagħhom ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vetturi prodotti f'serje żgħira. F'ċerti każijiet limitati, huwa xieraq li tiġi permessa l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal serje żgħira. Sabiex jiġi evitat l-użu ħażin, jenħtieġ li kwalunkwe proċedura ssimplifikata għall-vetturi prodotti f'serje żgħira tiġi ristretta għal każijiet li jinvolvu produzzjoni limitata ħafna f'konformità ma' dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi definiti preċiżament il-kunċett tal-vetturi prodotti f'serje żgħira f'termini tal-għadd ta' vetturi prodotti, ir-rekwiżiti li jridu jiġu rrispettati u l-kondizzjonijiet għat-tqegħid ta' dawk il-vetturi fis-suq. Huwa ugwalment importanti li tiġi speċifikata skema ta' approvazzjoni alternattiva għal vetturi individwali, b'mod partikolari sabiex tiġi pprovduta biżżejjed flessibilità għall-approvazzjoni tal-vetturi mibnija f'diversi stadji.
- (48) L-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta' Marzu 1958 dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-parts li jistgħu jiġu mmuntati mal-vetturi bir-roti u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958")<sup>(1)</sup>. L-Unjoni aċċettat għadd sinifikanti ta' Regolamenti annessi mal-Ftehim Rivedut tal-1958, u għalhekk għandha l-obbligu li taċċetta l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija skont dawk ir-Regolamenti bħala konformi mar-rekwiżiti ekwivalenti tal-Unjoni. Bil-għan li tissimplifika l-qafas tagħha għall-approvazzjoni tat-tip u tallinjah mal-qafas internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), fir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup>, l-Unjoni ħassret id-Direttivi speċifiċi tagħha dwar l-approvazzjoni tat-tip u ssostitwethom bl-applikazzjoni obbligatorja tar-Regolamenti rilevanti tan-NU. Bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip, fejn xieraq, il-manifatturi ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati jenħtieġ li jitħallew jitolbu approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament, direttament billi jiksibu approvazzjoni taħt ir-Regolamenti rilevanti tan-NU msemmija fl-Annessi għal dan ir-Regolament.
- (49) Konsegwentement, jenħtieġ li r-Regolamenti tan-NU u l-emendi tagħhom, li l-Unjoni vvotat favurijom jew li tapplika l-Unjoni, skont id-Deċiżjoni 97/836/KE, jiġu inkorporati fil-leġislazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Għaldaqstant, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex temenda l-Annessi ta' dan ir-Regolament u biex tiżgura li r-referenzi għar-Regolamenti tan-NU u l-emendi rrispettivi tagħhom fil-lista tal-atti regolatorji rilevanti jinżammu aġġornati.
- (50) L-aċċess mhux ristrett għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, permezz ta' format standardizzat li jista' jintuża sabiex tiġi rkuprata l-informazzjoni teknika, kif ukoll il-kompetizzjoni effettiva fis-suq tas-servizzi li jipprovdut tali informazzjoni, huma meħtieġa sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern, b'mod partikolari fir-rigward tal-moviment liberu tal-merkanzija, tal-libertà tal-istabbiliment u tal-libertà fil-forniment tas-servizzi. Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni sa issa kienu stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007<sup>(3)</sup> u (KE) Nru 595/2009<sup>(4)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jiġu kkonsolidati f'dan ir-Regolament u jenħtieġ li r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 jiġu emendati kif xieraq.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li tikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet, liema jistgħu jkunu ffitjati ma' u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet reċiproċi tal-approvazzjoni mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

- (51) Il-progress tekniku li jintroduċi metodi jew tekniki ġodda għad-dijanostika u t-tiswija tal-vetturi, bħall-aċċess remot għall-informazzjoni u s-software dwar il-vettura, jenħtieġ li ma jdgħajjifx l-għan ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi għall-operaturi indipendenti.
- (52) Sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva fis-suq għal servizzi ta' informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni ta' vetturi, u sabiex jiġi ċċarat li l-informazzjoni kkonċernata tkopri wkoll l-informazzjoni li jenħtieġ li tingħata lil operaturi indipendenti minbarra s-sewwejjja, sabiex jiġi żgurat li s-suq indipendenti tat-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi inġenerali jkun jista' jikkompeti ma' negozjanti awtorizzati, irrispettivament minn jekk il-manifattur tal-vettura jagħtix tali informazzjoni direttament lil negozjanti u sewwejjja awtorizzati jew jużax huwa stess tali informazzjoni għar-raġunijiet ta' tiswija u manutenzjoni, jenħtieġ li jiġu stipulati d-dettalji tal-informazzjoni li għandha tingħata għall-finijiet ta' aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi.
- (53) Għall-ispezzjoni tal-vetturi, u b'mod partikolari għall-komponenti tagħhom relatati mas-sikurezza u l-ambjent, jitqies bħala neċessarju għaċ-ċentri tal-ittestjar u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti li jkollhom aċċess għall-informazzjoni teknika ta' kull vettura individwali, kif stipulat fid-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li l-operaturi indipendenti jkollhom aċċess għall-informazzjoni teknika meħtieġa għat-tħejjija tal-vetturi għall-kontrolli tekniċi tagħhom.
- (54) Peress li bħalissa ma hemm l-ebda proċess strutturat komuni għall-iskambju ta' data ta' komponenti ta' vettura bejn il-manifatturi tal-vetturi u operaturi indipendenti, huwa xieraq li jiġu żviluppati prinċipji għal tali skambji ta' data. Jenħtieġ li għall-futur jiġi żviluppat b'mod formali mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) proċess strutturat komuni dwar il-format standardizzat tal-iskambji tad-data, għalkemm il-mandat mogħti lis-CEN ma jiddeterminax minn qabel il-livell ta' dettall ipprovdut minn dak l-istandard. Jenħtieġ li l-ħidma tas-CEN tirrifletti, b'mod partikolari, l-interessi u l-ħtiġijiet tal-manifatturi tal-vetturi u l-operaturi indipendenti bl-istess mod u tinvestiga wkoll soluzzjonijiet għal formati ta' data miftuħa deskritti minn metadata ddefinita tajjeb biex takkomoda infrastrutturi eżistenti tat-teknoloġija informatika.
- (55) Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip li jikkonċernaw il-prestazzjoni ambjentali u dik relatata mas-sikurezza ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni ttwettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>(2)</sup>. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (56) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(3)</sup>.
- (57) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali għall-ksur ta' dan ir-Regolament u li jiżguraw li daww ir-regoli jiġu implimentati. Jenħtieġ li daww il-penali jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. B'mod partikolari, jenħtieġ li huma jirriflettu r-riskju għas-sikurezza, is-saħħa jew l-ambjent li jista' johlq l-għadd ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi li jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw il-penali imposti lill-Kummissjoni kull sena, sabiex jimmonitorjaw il-koerenza tal-implimentazzjoni ta' daww ir-regoli.
- (58) Meta jwettqu l-ittestjar tal-verifika tal-konformità, jenħtieġ li s-servizzi tekniċi jkunu jistgħu jagħżlu l-parametri tat-testijiet b'mod ħieles u mhux prevedibbli minn ħdan il-firxa pprovduta fl-atti regolatorji rilevanti. Dan għandu jgħinhom jivverifikaw li l-vetturi ttestjati huma konformi fil-firxa sħiħa ta' parametri, inkluż il-parametri li jikkorrispondu għall-agħar każ għat-test.

(1) Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

(2) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (59) Sabiex jiġi żgurat li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati jikkonformaw ma' dan ir-Regolament fil-każijiet kollha, jenħtieġ li ma jitqisux bħala li jikkonformaw mar-reqwiziti rilevanti fejn ir-riżultati tat-testijiet ma jkunux jistgħu jiġu vverifikati b'mod empiriku mill-awtorità rilevanti għalkemm il-parametri tal-ittestjar kollha jkunu ġew replikati jew ikun ittieħed kont tagħhom. Jeħtieġ li jiġu imposti penali fuq operaturi ekonomiċi u servizzi tekniċi li jiffalsifikaw ir-riżultati tat-testijiet jew jippreżentaw dikjarazzjonijiet foloz jew data mhux korretta għall-approvazzjoni tat-tip.
- (60) Fl-interessi taċ-ċarezza, tar-razzjonalità u tas-simplifikazzjoni, jenħtieġ li d-Direttiva 2007/46/KE titħassar u tiġi sostitwita b'dan ir-Regolament. L-adozzjoni ta' dan ir-Regolament tiżgura li d-dispożizzjonijiet ikunu direttament applikabbli u li jkunu jistgħu jiġu aġġornati b'mod f'waqt u aktar effikaċi sabiex jittieħed kont aħjar tal-progress tekniku u tal-iżviluppi regolatorji fil-kuntest tal-Ftehim Rivedut tal-1958.
- (61) Sabiex tappoġġa miżuri korrettivi u restrittivi fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li timponi multi amministrattivi armonizzati fuq l-operaturi ekonomiċi li jinstabu li jkunu kisru dan ir-Regolament irrispettivament minn fejn vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kellha l-approvazzjoni tat-tip oriġinarjament. Jenħtieġ li s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-proċedura għal, u l-metodi għall-kalkolu u l-għbir ta', dawk il-multi amministrattivi, abbażi tal-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (62) Kull meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li dawn jitwettqu skont ir-Regolamenti (UE) 2016/679 <sup>(1)</sup> u (KE) Nru 45/2001 <sup>(2)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll il-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għalihom. Huwa importanti li l-manifatturi jimplementaw il-miżuri meħtieġa kollha biex jikkonformaw mar-regoli dwar l-ipproċessar u t-trażmissjoni ta' data personali li huma ġġenerati waqt li tintuża l-vettura.
- (63) Sabiex ikun possibbli għall-Istati Membri u għall-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi li jippreparaw għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda introdotti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi stabbilita data ta' applikazzjoni li taħbat wara d-data tad-dħul fis-seħħ.
- (64) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u reqwiziti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi ġodda tal-kategoriji M, N u O, u għall-approvazzjoni tat-tip ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, kif ukoll għas-sorveljanza tas-suq ta' tali vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, ma jstax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

### SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONJET

#### Artikolu 1

#### Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-reqwiziti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u t-tqegħid fis-suq tal-vetturi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati ġodda kollha, imsemmija fl-Artikolu 2(1), u għal approvazzjonijiet ta' vetturi individwali.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll id-dispożizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq u t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' parts u tagħmir li jistgħu joħlqu riskju serju għall-funzjonament korrett tas-sistemi essenzjali tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 2(1).

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għas-sorveljanza tas-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li huma soġġetti għal approvazzjoni. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti għas-sorveljanza tas-suq ta' parts u tagħmir għal tali vetturi.

## Artikolu 2

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għal vetturi bil-mutur tal-kategoriji M u N u għat-trejlers tagħhom tal-kategorija O, li huma maħsuba biex jintużaw fuq toroq pubbliċi, inklużi dawk iddisinjati u mibnija fi stadju wieħed jew aktar, u għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, kif ukoll għal parts u tagħmir, iddisinjati u mibnija għal tali vetturi u trejlers.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-vetturi li ġejjin:

- (a) vetturi li jintużaw għall-agrikoltura jew għall-forestrija, kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>;
- (b) vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli, kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>;
- (c) vetturi biċ-ċingi;
- (d) vetturi ddisinjati u mibnija jew adattati għall-użu biss mis-servizzi armati.

3. Għall-vetturi li ġejjin, il-manifattur jista' japplika għall-approvazzjoni tat-tip jew għall-approvazzjoni ta' vettura individwali skont dan ir-Regolament, dment li dawk il-vetturi jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament:

- (a) vetturi ddisinjati u mibnija għall-użu prinċipalment f'siti ta' kostruzzjoni jew f'barrieri, u f'faċilitajiet ta' portijiet jew ajruporti;
- (b) vetturi ddisinjati u mibnija jew adattati għall-użu, mill-protezzjoni ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar u mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku;
- (c) kwalunkwe vettura awtopropulsiva ddisinjata u mibnija speċifikament sabiex twettaq xogħol u li, minħabba l-karatteristiċi tal-kostruzzjoni tagħha, mhijiex addattata għall-ġarr tal-passiġġieri jew għat-trasport tal-merkanzija, u li ma tkunx makkinarju mmuntat fuq xażi ta' vettura bil-mutur.

Tali approvazzjonijiet ser ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>.

4. Għall-vetturi li ġejjin, il-manifattur jista' japplika għal approvazzjoni ta' vettura individwali skont dan ir-Regolament:

- (a) vetturi maħsuba esklużivament għat-tlielaq fit-toroq;
- (b) prototipi ta' vetturi li jintużaw fit-triq taħt ir-responsabbiltà ta' manifattur sabiex iwettaq programm ta' test speċifiku, dment li dawn ikunu ġew iddisinjati u mibnija speċifikament għal dak il-għan.

## Artikolu 3

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u l-atti regolatorji elenkati fl-Anness II, ħlief kif stipulat mod ieħor fihom, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "approvazzjoni tat-tip" tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tiċċertifika li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24).

- (2) “approvazzjoni tat-tip tal-UE” tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta’ dan ir-Regolament;
- (3) “approvazzjoni tat-tip nazzjonali” tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti stabbiliti mil-liġi ta’ Stat Membru, fejn il-validità ta’ tali approvazzjoni tkun limitata għat-territorju ta’ dak l-Istat Membru;
- (4) “ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip” tfisser id-dokument li bih l-awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika uffiċjalment li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkollhom it-tip tagħhom approvat;
- (5) “ċertifikat tal-konformità” tfisser id-dokument maħruġ mill-manifattur li jiċċertifika li vettura manifatturata tikkonforma mat-tip approvat ta’ vettura u li tikkonforma mal-atti regolatorji kollha li kienu applikabbli fil-mument tal-produzzjoni tagħha;
- (6) “approvazzjoni ta’ vettura individwali” tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li vettura partikolari, kemm jekk unika kif ukoll jekk le, tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti għall-approvazzjoni ta’ vettura individwali tal-UE jew għall-approvazzjoni ta’ vettura individwali nazzjonali;
- (7) “approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha” tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ vettura mhux kompleta, kompleta jew kompluta jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;
- (8) “approvazzjoni tat-tip f’diversi stadji” tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni waħda jew aktar jiċċertifika li, skont l-istat tal-ikkompletar tagħha, tip ta’ vettura mhux kompleta jew kompluta jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;
- (9) “approvazzjoni tat-tip pass pass” tfisser il-proċedura li tikkonsisti fil-ġbir pass pass tas-sett sħiħ ta’ ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew ta’ ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati li jiffurmaw parti minn vettura, u li twassal, fl-istadju finali tagħha, għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha;
- (10) “approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed” tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika permezz ta’ operazzjoni waħda li tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata b’mod sħiħ jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;
- (11) “approvazzjoni tat-tip imħallta” tfisser approvazzjoni tat-tip pass pass li għaliha jkunu nkisbu approvazzjoni tat-tip ta’ sistema waħda jew aktar matul l-istadju finali tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha, mingħajr il-ħtieġa li jinħarġu ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal dawk is-sistemi;
- (12) “approvazzjoni tat-tip tas-sistema” tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ sistema jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;
- (13) “approvazzjoni tat-tip ta’ unità teknika separata” tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ unità teknika separata jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti fir-rigward ta’ tip speċifika wieħed jew aktar ta’ vetturi;
- (14) “approvazzjoni tat-tip ta’ komponent” tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ komponent, indipendentement minn vettura, jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;
- (15) “vettura” tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur jew it-trejler tagħha;
- (16) “vettura bil-mutur” tfisser kwalunkwe vettura bil-magna li tkun iddisinjata u mibnija sabiex titmexxa minnha minn nifisha, li jkollha mill-inqas erba’ roti, li tkun kompleta, kompluta jew mhux kompleta, u li jkollha veloċità massima skont id-disinn ta’ aktar minn 25 km/sieġha;
- (17) “trejler” tfisser kwalunkwe vettura mhux awtopropulsiva fuq ir-roti ddisinjata u mibnija biex tiġi rmunkata minn vettura bil-mutur, li tkun tista’ tartikula tal-anqas madwar assi orizzontali perpendikulari mal-pjan medjan lonġitudinali u madwar assi vertikali paralleli mal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura bil-mutur tal-irmonk;
- (18) “sistema” tfisser assemblaġġ ta’ apparat ikkombinat biex iwettaq funzjoni speċifika waħda jew aktar f’vettura u li huwa soġġett għar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament jew kwalunkwe wieħed mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness II;
- (19) “komponent” tfisser apparat li huwa maħsub biex ikun parti minn vettura, li jista’ jkollu t-tip tiegħu approvat indipendentement minn vettura u li huwa soġġett għar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament jew kwalunkwe wieħed mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness II fejn l-att regolatorju speċifiku jagħmel dispożizzjonijiet espressament għal dan l-iskop;

- (20) “unità teknika separata” tfisser apparat maħsub biex ikun parti minn vettura li jista' jkollu t-tip tiegħu approvat separatament, iżda biss fir-rigward ta' tip speċifiku wieħed jew aktar ta' vettura u li huwa soġġett għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew kwalunkwe wieħed mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness II fejn l-att regolatorju speċifiku jagħmel dispożizzjonijiet espliċiti għal dan l-iskop;
- (21) “parts” tfisser oġġetti li jintużaw għall-assemblaġġ, għat-tiswija u għall-manutenzjoni ta' vettura, kif ukoll spare parts;
- (22) “tagħmir” tfisser kwalunkwe oġġetti minbarra parts li jistgħu jiġu miżjuda jew installati fuq vettura;
- (23) “spare parts” tfisser oġġetti li għandhom jiġu installati f'vettura jew fuqha sabiex jissostitwixxu l-parts oriġinali ta' dik il-vettura, inklużi oġġetti li huma neċessarji għall-użu ta' vettura, bl-eċċezzjoni tal-karburanti;
- (24) “vettura bażi” tfisser kwalunkwe vettura li tintuża fl-istadju inizjali ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji;
- (25) “vettura mhux kompleta” tfisser kwalunkwe vettura li tkun trid tgħaddi minn mill-inqas stadju ieħor biex tkun kompleta u tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta' dan ir-Regolament;
- (26) “vettura kompluta” tfisser vettura li tirriżulta mill-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji li tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta' dan ir-Regolament;
- (27) “vettura kompleta” tfisser vettura li ma għandhiex bżonn tiġi kompluta sabiex tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta' dan ir-Regolament;
- (28) “vettura ta' tmiem is-serje” tfisser vettura li hija parti minn stokk u li, minħabba d-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti tekniċi ġodda li skont dawn ma kellhiex it-tip tagħha approvat, ma tistax jew ma tibqax aktar titqiegħed għad-disponibbiltà fis-suq, tiġi rreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni;
- (29) “vettura li taħdem b'karburant alternattiv” tfisser vettura ddisinjata biex tal-anqas tkun kapaċi taħdem b'tip wieħed ta' karburant li jew ikun gassuż f'temperatura u pressjoni atmosferiċi, jew ikun sostanzjalment derivat minn żejt mhux minerali;
- (30) “vettura prodotta f'serje żgħira” tfisser tip ta' vettura li l-għadd ta' unitajiet tagħha jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni ma jaqbiżx il-limiti annwali kwantitattivi stipulati fl-Anness V;
- (31) “vettura bi skop speċjali” tfisser vettura tal-kategorija M, N jew O bil-karatteristiċi tekniċi speċifiċi biex tkun tista' twettaq funzjoni li tirrikjedi arranġamenti jew tagħmir speċjali;
- (32) “tip ta' vettura” tfisser grupp partikolari ta' vetturi li tal-inqas jikkondividi l-karatteristiċi speċifikati fil-Parti B tal-Anness I, inkluż grupp ta' vetturi u li jkollu fih varjanti u verżjonijiet kif riferuti fih;
- (33) “semitrejler” tfisser vettura rmunkata, fejn il-fus jew fusien ikunu pożizzjonati wara ċ-ċentru tal-gravità tal-vettura (meta tkun mgħobbija b'mod uniformi), u li tkun mgħammra b'apparat ta' konnessjoni li jippermetti l-forzi vertikali jew orizzontali jiġu trasmessi lejn il-vettura tal-irmonk;
- (34) “sorveljanza tas-suq” tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq sabiex jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-parts u t-tagħmir imqiegħda għad-disponibbiltà fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u ma jipperikolawx is-saħħa, is-sikurezza, l-ambjent jew kwalunkwe aspett ieħor tal-protezzjoni tal-interess pubbliku;
- (35) “awtorità tas-sorveljanza tas-suq” tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għat-twettiq tas-sorveljanza tas-suq fit-territorju tal-Istat Membru;
- (36) “awtorità tal-approvazzjoni” tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet ta' Stat Membru, innotifikata lill-Kummissjoni minn dak l-Istat Membru, b'kompetenza għall-aspetti kollha tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, jew tal-approvazzjoni ta' vettura individwali, għall-proċess tal-awtorizzazzjoni għal parts u tagħmir, għall-ħruġ u, jekk xieraq, l-irtirar jew ir-rifjut ta' ċertifikati ta' approvazzjoni, biex taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, biex tiddeżinja s-servizzi tekniċi u biex tiżgura li l-manifattur jissodisfa l-obbligi tiegħu rigward il-konformità tal-produzzjoni;
- (37) “awtorità nazzjonali” tfisser awtorità tal-approvazzjoni jew kwalunkwe awtorità oħra involuta fis-sorveljanza tas-suq, fil-kontroll tal-fruntieri jew fir-reġistrazzjoni fi Stat Membru u responsabbli minnhom fir-rigward ta' vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir;

- (38) “servizz tekniku” tfisser organizzazzjoni jew entità deżinjata mill-awtorità tal-approvazzjoni bħala laboratorju tal-ittestjar sabiex iwettaq it-testijiet, jew bħala entità għall-valutazzjoni tal-konformità sabiex twettaq il-valutazzjoni inizjali u testijiet jew spezzjonijiet oħrajn;
- (39) “korp nazzjonali ta’ akkreditazzjoni” tfisser korp nazzjonali ta’ akkreditazzjoni kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;
- (40) “manifattur” tfisser persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-aspetti kollha tal-approvazzjoni tat-tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, jew għall-approvazzjoni ta’ vettura individwali, jew għall-proċess ta’ awtorizzazzjoni għal parts u taġġmir, sabiex tkun żgurata l-konformità tal-produzzjoni u li hija responsabbli wkoll għal kwistjonijiet tas-sorveljanza tas-suq għal dawk il-vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts u taġġmir immanifatturati, irrispettivament minn jekk dik il-persuna tkunx involuta direttament jew le fl-istadji kollha tad-disinn u l-konstruzzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernata;
- (41) “rappreżentant tal-manifattur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tiġi debitament maħtura mill-manifattur sabiex tirrappreżenta lill-manifattur quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni jew l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq u sabiex taġixxi fisem il-manifattur fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament;
- (42) “importatur” tfisser persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni, li tqiegħed fis-suq vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew taġġmir li jkunu ġew manifatturati f’pajjiż terz;
- (43) “distributtur” tfisser negozjant jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista, minbarra l-manifattur jew l-importatur, li tqiegħed għad-disponibbiltà fis-suq vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew taġġmir;
- (44) “operatur ekonomiku” tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant tal-manifattur, l-importatur jew id-distributtur;
- (45) “operatur indipendenti” tfisser persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant jew sewwej awtorizzat, li hija direttament jew indirettament involuta fit-tiswija u fil-manutenzjoni tal-vetturi, u inklużi sewweġja, manifatturi jew distributuri ta’ taġġmir tat-tiswija, għodod jew spare parts, kif ukoll pubblikaturi ta’ informazzjoni teknika, assoċjazzjonijiet tal-karozzi, operaturi tal-assistenza fit-triq, operaturi li joffru servizzi ta’ spezzjoni u ttestjar, operaturi li joffru taħriġ għall-installaturi, il-manifatturi u sewweġja ta’ taġġmir għall-vetturi li jaħdmu b’karburanti alternattivi; tfisser ukoll sewweġja, negozjanti u distributuri awtorizzati fi ħdan is-sistema tad-distribuzzjoni ta’ manifattur ta’ vettura partikolari sakemm huma jipprovdu servizzi ta’ tiswija u manutenzjoni għall-vetturi li fir-rigward taġġhom mhumiex membri tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-manifattur tal-vettura;
- (46) “sewwej awtorizzat” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizzi ta’ tiswija u manutenzjoni għall-vetturi u li topera fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-manifattur;
- (47) “sewwej indipendenti” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizzi ta’ tiswija u manutenzjoni għall-vetturi u li ma toperax fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-manifattur;
- (48) “informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura” tfisser l-informazzjoni kollha, inklużi l-emendi u supplimenti sussegwenti kollha taġġha, li tkun meħtieġa għad-dijanjożi, l-għoti ta’ service u l-ispezzjoni ta’ vettura, it-tħejjija taġġha għall-kontroll tekniku, it-tiswija, l-ipprogrammar mill-ġdid jew l-inizjalizzazzjoni mill-ġdid ta’ vettura jew li tkun meħtieġa għall-appoġġ djanjostiku mill-bogħod ta’ vettura jew għall-immuntar fuq vettura ta’ parts u taġġmir, u li tiġi pprovdata mill-manifattur lis-sħab, negozjanti jew sewweġja awtorizzati tiegħu u li tintuża mill-manifattur għal finijiet ta’ tiswija jew manutenzjoni;
- (49) “informazzjoni dwar id-dijanjożika abbord (OBD) tal-vettura” tfisser l-informazzjoni ġġenerata minn sistema li hija abbord vettura jew li tkun konnessa ma’ magna u li tkun kapaċi tidentifika ħsara u, fejn applikabbli, li tkun kapaċi tindika l-okkorrenza taġġha permezz ta’ sistema ta’ twissija, li tkun kapaċi tidentifika dik il-parti relatata mal-ħsara permezz tal-informazzjoni maħżuna fil-memorja ta’ kompjuter, u li tkun kapaċi tikkomunika dik l-informazzjoni off-board;
- (50) “tqegħid fis-suq” tfisser li vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew taġġmir imqiegħda fis-suq għall-ewwel darba fl-Unjoni;
- (51) “tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq” tfisser kwalunkwe forniment ta’ vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew taġġmir għad-distribuzzjoni jew l-użu fis-suq fl-andament ta’ attività kummerċjali, kemm jekk bi hłas jew inkella bla hłas;
- (52) “tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni” tfisser l-ewwel użu fl-Unjoni, għall-iskop intenzjonat, ta’ vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew taġġmir;

- (53) “reġistrazzjoni” tfisser l-awtorizzazzjoni amministrattiva għat-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni fit-triq ta' vettura approvata, li tinvolvi l-identifikazzjoni tal-vettura u l-ħruġ ta' numru tas-serje għaliha, magħruf bħala n-numru tar-reġistrazzjoni, hux fuq bażi permanenti jew temporanja;
- (54) “metodu ta' ttestjar virtwali” tfisser simulazzjonijiet bil-kompjuter, inkluż kalkoli, sabiex juru li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi ta' att regolatorju elenkat fl-Anness II mingħajr ma jkun meħtieġ l-użu ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata fiżiċi;
- (55) “rekwiżiti alternattivi” tfisser dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi li għandhom l-għan li jiżguraw livell ta' sikurezza funzjonali, protezzjoni tal-ambjent u sikurezza okkupazzjonali li, kemm jista' jkun prattikabbli, ikun ekwivalenti għal-livell previst minn wieħed jew aktar mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness II;
- (56) “valutazzjoni fuq il-post” tfisser verifika fil-bini ta' servizz tekniku jew wieħed mis-sottokuntratturi jew waħda mis-sussidjarji tiegħu;
- (57) “valutazzjoni ta' sorveljanza fuq il-post” tfisser valutazzjoni perġodika ta' rutina fuq il-post li la hija l-valutazzjoni fuq il-post li ssir għad-deżinjazzjoni inizjali tas-servizz tekniku jew ta' wieħed mis-sottokuntratturi jew waħda mis-sussidjarji tiegħu, u lanqas il-valutazzjoni fuq il-post li ssir għat-tiġdid ta' dik id-deżinjazzjoni;
- (58) “data tal-manifattura tal-vettura” tfisser id-data meta l-manifattura ta' vettura tkun ġiet iffinalizzata f'konformità mal-approvazzjoni miksuba minn dak il-manifattur.

#### Artikolu 4

### Kategoriji ta' vetturi

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kategoriji ta' vetturi li ġejjin:
  - (a) Il-Kategorija M li tinkkonsisti minn vetturi bil-mutur iddisinjati u mibnija primarjament għall-ġarr tal-passiġġieri u tal-bagalji tagħhom, diviżi fi:
    - (i) Kategorija M<sub>1</sub>: vetturi bil-mutur b'mhux aktar minn tmien pożizzjonijiet bil-qiegħda minbarra l-pożizzjoni bil-qiegħda tax-xufier u mingħajr spazju għal passiġġieri bil-wieqfa, irrispettivament jekk l-għadd ta' pożizzjonijiet bil-qiegħda jkun ristrett għall-pożizzjoni bil-qiegħda tax-xufier;
    - (ii) Kategorija M<sub>2</sub>: vetturi bil-mutur b'aktar minn tmien pożizzjonijiet bil-qiegħda minbarra l-pożizzjoni bil-qiegħda tax-xufier u b'massa massima ta' mhux aktar minn ħames tunnelli, irrispettivament jekk dawk il-vetturi bil-mutur jkollhomx spazju għal passiġġieri bil-wieqfa; u
    - (iii) Kategorija M<sub>3</sub>: vetturi bil-mutur b'aktar minn tmien pożizzjonijiet bil-qiegħda minbarra l-pożizzjoni bil-qiegħda tax-xufier u b'massa massima ta' aktar minn ħames tunnelli, irrispettivament jekk dawk il-vetturi bil-mutur jkollhomx spazju għal passiġġieri bil-wieqfa.
  - (b) Il-Kategorija N li tinkkonsisti minn vetturi bil-mutur iddisinjati u mibnija primarjament għall-ġarr ta' merkanzija, diviżi fi:
    - (i) Kategorija N<sub>1</sub>: vetturi bil-mutur b'massa massima ta' mhux aktar minn 3,5 tunnelli;
    - (ii) Kategorija N<sub>2</sub>: vetturi bil-mutur b'massa massima ta' aktar minn 3,5 tunnelli iżda mhux aktar minn 12-il tunnelli; u
    - (iii) Kategorija N<sub>3</sub>: vetturi bil-mutur b'massa massima ta' aktar minn 12-il tunnelli;
  - (c) Il-Kategorija O li tinkkonsisti minn trejlers, diviżi fi:
    - (i) Kategorija O<sub>1</sub>: trejlers b'massa massima ta' mhux aktar minn 0,75 tunnelli;
    - (ii) Kategorija O<sub>2</sub>: trejlers b'massa massima ta' aktar minn 0,75 tunnelli iżda mhux aktar minn 3,5 tunnelli;
    - (iii) Kategorija O<sub>3</sub>: trejlers b'massa massima ta' aktar minn 3,5 tunnelli iżda mhux aktar minn 10 tunnelli; u
    - (iv) Kategorija O<sub>4</sub>: trejlers b'massa massima ta' aktar minn għaxar tunnelli.
2. Il-kriterji għall-kategorizzazzjoni tal-vetturi, tat-tipi ta' vetturi, tal-varjanti u tal-verżjonijiet huma stabbiliti fl-Anness I.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 82, li jemendaw l-Anness I fir-rigward tat-tipi ta' vetturi u t-tipi ta' karozzerija biex jittieħed kont tal-progress tekniku.



## KAPITOLU II

## OBBLIGI ĠENERALI

## Artikolu 5

## Rekwiżiti tekniċi

1. Il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness II.
2. Il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati għandhom jitqiesu bħala mhux konformi ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fil-każijiet li ġejjin:
  - (a) jekk jiddevjaw mid-dettalji fiċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-annessi tagħhom jew mid-dettalji deskrittivi fir-rapporti tal-ittejtjar lil hinn milli permess fl-att regolatorju rilevanti;
  - (b) jekk il-kriterji tal-prestazzjoni jew il-valuri ta' limitu għall-produzzjoni tas-serje stabbiliti fl-att regolatorju rilevanti għall-produzzjoni tas-serje ma jkunux ġew issodisfati taħt il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-att regolatorju rilevanti;
  - (c) jekk l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew il-Kummissjoni ma jkunux jistgħu jirriproduċu taħt il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-att regolatorju rilevanti kwalunkwe mill-informazzjoni mogħtija mill-manifattur fid-dokument ta' informazzjoni.

Huma biss il-kontrolli, it-testijiet, l-ispezzjonijiet u l-valutazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni, jew fisimhom, li għandhom jitqiesu meta jivvalutaw il-konformità għall-finijiet ta' dan il-paragrafu.

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82, li jemendaw l-Anness II biex jittieħed kont tal-iżviluppi teknoloġiċi u regolatorji billi tintroduċi u tagħgorna r-referenzi għall-atti regolatorji li jinkludu r-rekwiżiti li magħhom iridu jkun konformi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati.

## Artikolu 6

## Obbligi tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jaħtru l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tagħhom stess. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment u l-ħatra ta' dawk l-awtoritajiet.

Dik in-notifika għandha tinkludi l-isem ta' dawk l-awtoritajiet, l-indirizzi tagħhom, inklużi l-indirizzi elettroniki tagħhom, kif ukoll l-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha lista tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, flimkien mad-dettalji ta' kuntatt tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tagħhom stess iżommu separazzjoni stretta tar-rwoli u r-responsabbiltajiet u li kull waħda minnhom tiffunzjona b'mod indipendenti mill-oħra. Dawk l-awtoritajiet jistgħu jkun mill-istess organizzazzjoni dment li l-attivitajiet tagħhom ikunu ġestiti b'mod awtonomu bħala parti minn struttura separata.

2. Stat Membru fejn iktar minn awtorità tal-approvazzjoni waħda tkun responsabbli għall-approvazzjoni tal-vetturi inkluż approvazzjoni tal-vetturi individwali għandu jiddeżinja waħda minnhom li jkollha l-kompetenza toħroġ l-approvazzjonijiet tat-tip bħala l-awtorità tal-approvazzjoni waħdanija li tkun responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, għall-fini tal-Artikolu 11 u għall-adempiment tal-obbligi stipulati fil-Kapitolu XV.

3. Stat Membru fejn iktar minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq waħda tkun responsabbli għas-sorveljanza tas-suq għandu jiddeżinja waħda minnhom bħala l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq waħdanija li tkun responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni ta' Stati Membri oħrajn għall-fini tal-Artikolu 11.

4. L-Istati Membri għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati biss li jkun konformi ma' dan ir-Regolament.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jipprobbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li jkun konformi ma' dan ir-Regolament, għajr fil-każijiet previsti fil-Kapitolu XI.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jippermettux iċ-ċirkolazzjoni fit-triq, it-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi li ngħataw l-approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament, iżda li jaqbzū d-dimensjonijiet, il-piżijiet u t-tagħbijiet fuq il-fus armonizzati stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE <sup>(1)</sup>.

6. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jwettqu sorveljanza tas-suq u kontrolli tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati li jidħlu fis-suq, f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu intitolati li, fejn iqisu li jkun meħtieġ u ġustifikat, jidħlu fil-bini tal-operaturi ekonomiċi fit-territorju tagħhom u jieħdu kwalunkwe kampjun meħtieġ ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għall-finijiet ta' ttestjar tal-konformità.

8. L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw u jivvalutaw b'mod perijodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' approvazzjoni tat-tip tagħhom. Tali rieżamijiet u valutazzjonijiet għandhom jitwettqu tal-inqas kull erba' snin u r-risultati tagħhom għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni u lill-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar imsemmi fl-Artikolu 11 ("il-Forum").

L-Istati Membri għandhom jagħmlu aċċessibbli għall-pubbliku sommarju tar-risultati ta' rieżamijiet u valutazzjonijiet perijodiċi.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni u lill-Forum dwar kif huma jindirizzaw kwalunkwe rakkomandazzjoni imsemmija fl-Artikolu 11(5) maħruġa mill-Forum.

9. L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw u jivvalutaw b'mod perijodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq tagħhom. Tali rieżamijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull erba' snin u r-risultati tagħhom għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni u lill-Forum.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu aċċessibbli għall-pubbliku sommarju tar-risultati ta' rieżamijiet u valutazzjonijiet perijodiċi.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni u lill-Forum dwar kif jindirizzaw kwalunkwe rakkomandazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(5) maħruġa mill-Forum.

10. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-kriterji komuni għall-format tar-rappurtar dwar ir-rieżamijiet u l-valutazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 8 u 9 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 83(2).

#### Artikolu 7

### Obbligi tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom japprovaw biss vetturi, sistemi komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. Dawn għandhom josservaw il-kunfidenzjalità sabiex iħarsu s-segretezza kummerċjali, soġġett għall-obbligu stabbilit fl-Artikolu 9(4) li jagħmlu informazzjoni disponibbli lill-Kummissjoni u soġġett għal rekwiżiti ta' divulgazzjoni applikabbli oħra stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni sabiex iħarsu l-interessi tal-utenti fl-Unjoni.

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jikkooperaw b'mod effiċjenti u effettiv, u għandhom jaqsmu informazzjoni rilevanti għar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom.

3. Bil-għan li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu jistgħu jagħmlu kontrolli, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-informazzjoni meħtieġa relatata mal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li jkunu soġġetti għal kontrolli ta' verifika tal-konformità. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-annessi tiegħu msemmija fl-Artikolu 28(1). L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq mingħajr dewmien żejjed.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).

4. Fejn awtorità tal-approvazzjoni tiġi infurmata f'konformità mal-Kapitolu XI li xi vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata huma suspettati li jippreżentaw riskju serju jew li mhumiex konformi, din għandha tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tirrieżamina l-approvazzjoni tat-tip mogħtija u, fejn ikun adatt, tikkoreġi jew tirtira l-approvazzjoni tat-tip skont ir-raġunijiet u l-gravità tad-devjazzjonijiet murija.

#### Artikolu 8

### Obbligi tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu kontrolli regolari biex jivverifikaw li vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti. Tali kontrolli għandhom isiru fuq skala adegwata permezz ta' kontrolli ta' dokumenti u, fejn adatt, permezz ta' testijiet fil-laboratorju u testijiet fuq it-triq magħmula abbażi ta' kampjuni statistikament rilevanti.

Meta jwettqu tali kontrolli, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iqisu:

- (a) prinċipji stabbiliti ta' valutazzjoni tar-riskju;
- (b) ilmenti sostanzjali; u
- (c) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, inklużi l-informazzjoni skambjata fil-Forum u riżultati tal-ittejtjar ippubblikati minn partijiet terzi rikonoxxuti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti mill-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(10).

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' kull Stat Membru għandhom iwettqu mill-inqas għadd minimu ta' testijiet fuq vetturi kull sena. Dak l-għadd minimu ta' testijiet għal kull Stat Membru għandu jkun ta' wieħed għal kull 40 000 vettura bil-mutur ġdida rreġistrata fl-Istat Membru fis-sena preċedenti, iżda m'għandux ikun inqas minn ħames testijiet.

Kull test għandu jivverifika l-konformità mal-atti regolatorji applikabbli elenkati fl-Anness II.

3. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jwettqu aktar minn ħames testijiet fis-sena għandhom iwettqu tal-anqas 20 % tal-għadd minimu ta' testijiet fil-forma ta' testijiet relatati mal-emissjonijiet komparabbli mat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip li jkopru r-rekwiżiti applikabbli kollha relatati mal-emissjonijiet għat-tip ittejtjat stipulat fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness II.

4. L-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed tista' taqbel mal-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru ieħor li l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ta' dak l-Istat Membru l-ieħor iwettaq it-testijiet meħtieġa taħt il-paragrafi 2 u 3.

5. L-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru tista' tiftiehem mal-Kummissjoni li l-Kummissjoni twettaq it-testijiet meħtieġa taħt il-paragrafu 3 bi spiża għal dak l-Istat Membru. Kwalunkwe test imwettaq taħt dan il-paragrafu għandu jitqies għall-għadd minimu ta' testijiet meħtieġa taħt il-paragrafu 2.

6. Kull Stat Membru għandu kull sena jħejji deskrizzjoni komprensiva tal-kontrolli tiegħu tas-sorveljanza tas-suq ipplanati li huwa għandu jippreżenta lill-Forum mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu.

7. Kull sentejn, kull Stat Membru għandu jfassal rapport dwar is-sejbiet tiegħu wara kwalunkwe kontroll ta' verifika tal-konformità li jkun wettaq fis-sentejn ta' qabel. Dak ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Forum sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara tmiem il-perijodu ta' sentejn ikkonċernat.

8. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jesiġu li l-operaturi ekonomiċi jagħmlu disponibbli lill-awtoritajiet tali dokumentazzjoni, informazzjoni u speċifikazzjoni teknika oħra, inkluż l-aċċess għas-software u l-algoritmi, li l-awtoritajiet iqisu bħala neċessarji għall-fini ta' twettiq tal-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq.

9. Għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tat-tip approvat, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu inkonsiderazzjoni ċ-ċertifikati tal-konformità, il-marki tal-approvazzjoni tat-tip jew iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip, ippreżentati mill-operaturi ekonomiċi.

10. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu miżuri adatti biex javżaw lill-utenti fit-territorji tal-Istati Membri tagħhom f'perijodu ta' żmien adegwat dwar il-perikli li jkunu ġew identifikati minnhom jew mill-Kummissjoni b'rabta ma' kwalunkwe vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata sabiex jipprevjenu jew inaqqsu r-riskju ta' korriment jew ħsara oħra, inkluż billi jagħmlu disponibbli tali informazzjoni fuq is-sit web tal-awtorità tas-sorveljanza tas-suq.

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkooperaw mal-operaturi ekonomiċi fir-rigward ta' azzjonijiet li jistgħu jevitaw jew inaqqsu r-riskji kkaġunati minn vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li daww l-operaturi għamlu disponibbli fis-suq.

11. Fejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru jiddeċiedu li jirtiraw vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mis-suq f'konformità mal-Kapitolu XI, għandhom jgħarrfu lill-operatur ekonomiku kkonċernat u lill-awtorità tal-approvazzjoni rilevanti.

12. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. Għandhom josservaw il-kunfidenzjalità sabiex iħarsu s-sigrieti kummerċjali, soġġett għall-obbligu stabbilit fl-Artikolu 9(4) li jagħmlu informazzjoni disponibbli lill-Kummissjoni jew soġġett għal kwalunkwe rekwiżit ta' divulgazzjoni applikabbli stabbilit fil-liġi tal-Unjoni sabiex ikunu protetti l-interessi tal-utenti fl-Unjoni.

13. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri differenti għandhom jikkoordinaw l-attivajiet ta' sorveljanza tas-suq tagħhom, jikkooperaw ma' xulxin u għandhom jaqsmu r-riżultati ta' daww l-attivajiet ma' xulxin u mal-Forum. Meta jkun adatt, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jaqblu dwar il-kondiviżjoni ta' xogħol u l-ispeċjalizzazzjoni.

14. Meta jkun hemm iktar minn awtorità waħda fi Stat Membru li tkun responsabbli għas-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli tal-fruntieri esterni, daww l-awtoritajiet għandhom jikkooperaw ma' xulxin b'mod effiċjenti u effettiv, u għandhom jaqsmu informazzjoni rilevanti għar-rwoli u l-funzjonijiet rispettivi tagħhom.

15. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu kriterji komuni għall-istabbiliment tal-iskala adegwata tal-kontrolli ta' verifika tal-konformità imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u li jistabbilixxu kriterji komuni għall-format tad-deskrizzjoni u tar-rapportar imsemmija rispettivament fil-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu. Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83 (2).

#### Artikolu 9

### Verifika tal-konformità mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha torganizza u twestaq, bi spejjeż għaliha, testijiet u spezzjonijiet biex tivverifika li vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti.

It-testijiet u spezzjonijiet għandhom jitwettqu, fost l-oħrajn, permezz ta' testijiet fil-laboratorju u testijiet fit-triq, abbażi ta' kampjuni statistikament rilevanti, u għandhom jiġu ssupplimentati minn kontrolli dokumentarji.

Meta tagħmel daww it-testijiet u spezzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis:

- (a) il-prinċipji stabbiliti tal-valutazzjoni tar-riskju;
- (b) ilmenti sostanzjali; u
- (c) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, inkluż informazzjoni skambjata fil-Forum, riżultati tal-ittestjar ippubblikati minn partijiet terzi rikonossuti li jkunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti mill-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(10), informazzjoni dwar teknoloġiji ġodda fis-suq u rapporti li jirriżultaw minn telerilevament fit-triq.

Il-Kummissjoni tista' tafda t-twettiq ta' testijiet jew spezzjonijiet lil servizzi tekniċi, u f'dak il-każ, is-servizzi tekniċi jkunu qed jaġixxu f'isem il-Kummissjoni. Fejn il-Kummissjoni tafda t-twettiq ta' testijiet jew spezzjonijiet lil servizzi tekniċi għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-servizz tekniku li jintuża ma jkunx l-istess bħas-servizz tekniku li jkun wettaq it-test tal-approvazzjoni tat-tip oriġinali.

Daww it-testijiet u spezzjonijiet jistgħu jsiru:

- (a) fuq vetturi ġodda furniti minn manifatturi jew minn operatur ekonomiku ieħor, kif previst fil-paragrafu 2;
- (b) fuq vetturi rreġistrati bi qbil mad-detentur taċ-ċertifikat ta' rreġistrazzjoni tal-vettura.

2. Il-manifatturi li jkollhom approvazzjoni tat-tip jew operaturi ekonomiċi oħra għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba u billi jingħataw kumpens ġust, għadd statistikament rilevanti ta' vetturi tal-produzzjoni, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maġżulin mill-Kummissjoni li huma rappreżentattivi għall-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati disponibbli għat-tqegħid fis-suq b'dik l-approvazzjoni tat-tip. Tali vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom jiġu furnuti għall-ittestjar f'tali żmien u post, u għal tali perijodu, kif meħtieġ mill-Kummissjoni.

3. Qabel ma l-Kummissjoni tagħmel l-ittestjar u l-ispezzjonijiet tagħha, hija għandha tinnotifika lill-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip u lill-Istat Membru fejn il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata jkunu tqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq.

L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni meta din twettaq dawn it-testijiet u spezzjonijiet.

4. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel l-ittestjar u spezzjonijiet skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa marbuta mal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li jkunu soġġett għall-verifika tal-konformità. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-annessi tiegħu msemmija fl-Artikolu 28(1).

5. Il-manifatturi għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni, mingħajr ħlas u mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe data li tkun meħtieġa għall-fini tal-verifika tal-konformità u li ma tkunx disponibbli fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-annessi tiegħu msemmija fl-Artikolu 28(1).

Tali data għandha tinkludi l-parametri u l-konfigurazzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġu replikati b'mod preċiż il-kondizzjonijiet ta' ttestjar li kienu japplikaw fil-mument tal-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw id-data li għandha ssir disponibbli, soġġett għall-protezzjoni tas-segretezza kummerċjali u l-preservazzjoni tad-data personali skont il-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

6. Fejn il-Kummissjoni tistabbilixxi li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip stabbiliti f'dan ir-Regolament, li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati ma jikkonformawx mal-approvazzjoni tat-tip jew li l-approvazzjoni tat-tip tkun ingħatat abbażi ta' data skorretta, din għandha tagħti bidu għall-proċedura prevista fl-Artikoli 53 jew 54.

Fejn it-testijiet u l-ispezzjonijiet ipoġġu f'dubju l-korrettezza tal-approvazzjoni tat-tip stess, il-Kummissjoni għandha tinforma immedjatament lill-awtorità tal-approvazzjoni jew l-awtoritajiet ikkonċernati kif ukoll lill-Forum.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rilevanti sabiex huma jieħdu miżuri adatti biex javżaw lill-utenti fl-Unjoni f'perijodu ta' żmien adegwat dwar kwalunkwe nonkonformità identifikata minnha relatata ma' kwalunkwe vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata sabiex tipprevjeni jew tnaqqas ir-riskju ta' korriment jew ħsara oħra.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport dwar il-konklużjonijiet tagħha wara kwalunkwe test ta' verifika tal-konformità li twettaq u għandha tgħaddi dawn il-konklużjonijiet lill-Istati Membri u lill-Forum. Dak ir-rapport għandu jkun fih id-dettalji tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li kienu vvalutati u l-identità tal-manifatturikkonċernat, kif ukoll deskrizzjoni qasira tas-sejbiet, inkluża n-natura tan-nonkonformità, jekk ikun hemm.

#### Artikolu 10

#### Valutazzjonijiet mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha torganizza u twettaq valutazzjonijiet tal-proċeduri stabbiliti mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni li taw approvazzjonijiet tat-tip tal-UE matul il-ħames snin ta' qabel il-valutazzjoni, b'mod partikolari tal-proċeduri għall-għoti tal-approvazzjonijiet tat-tip, għat-tweqqif tal-konformità tal-produzzjoni u għad-deżinjazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi. Tali valutazzjonijiet għandhom jinkludu evalwazzjoni, bl-użu ta' kampjun aleatorju, tal-konformità tal-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija mar-rekwiżiti applikabbli msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 26(2) fi żmien ħames snin qabel il-valutazzjoni.

2. Il-valutazzjonijiet għandu jkollhom l-għan li jassistu lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni li jagħtu l-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE biex jiżguraw l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament u biex jikkondividu l-aħjar prattiki.

3. Il-valutazzjonijiet għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru kkonċernat, b'kont dovut tad-drittijiet tal-awtoritajiet ikkonċernati u għandhom jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-Kummissjoni għandha twettaq dmirijietha b'mod indipendenti u imparzjali u għandha tħares il-kunfidenzjalità sabiex jiġu protetti s-sigriet kummerċjali skont il-liġi applikabbli. Il-Kummissjoni għandha ġġarrab l-ispejjeż li jirriżultaw minn tali valutazzjonijiet.

4. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni kkonċernati għandhom jiffaċilitaw il-valutazzjoni billi jikkooperaw mal-Kummissjoni u jagħtuha kwalunkwe assistenza neċessarja u jipprovduha kwalunkwe dokumentazzjoni neċessarja.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-persunal li jipparteċipa fil-valutazzjoni huwa kkwalifikat biżżejjed u mħarreġ b'mod adegwat. Il-Kummissjoni għandha tinforma, fi żmien xieraq qabel il-valutazzjoni, lill-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni kkonċernati bid-data li fiha tkun ser tibda l-valutazzjoni u l-identità tal-persunal li ser iwettaq il-valutazzjoni. It-tul tal-valutazzjoni fil-bini tal-awtorità tal-approvazzjoni kkonċernata ma għandux normalment jaqbeż il-jumejn, u fi kwalunkwe każ ma għandux jaqbeż tlett ijiem.

6. Kull awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat tal-inqas approvazzjoni tat-tip tal-UE waħda matul perijodu ta' ħames snin għandha tiġi vvalutata mill-Kummissjoni darba matul dak il-perijodu.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, il-valutazzjoni ta' awtorità tal-approvazzjoni tista' tkun anqas frekwenti, jekk il-Kummissjoni tqis li l-ewwel valutazzjoni ta' dik l-awtorità turi li l-proċeduri stabbiliti jiżguraw l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, b'kont meħud tal-ambitu u l-firxa tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE mogħtija.

7. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-eżitu tal-valutazzjoni, inkluż kwalunkwe rakkomandazzjoni, lill-Forum u għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku sommarju tal-eżitu. Il-Forum għandu jeżamina l-eżitu tal-valutazzjoni.

8. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni u lill-Forum dwar kif jindirizzaw kwalunkwe rakkomandazzjoni inkluż l-eżitu tal-valutazzjoni.

9. B'kont debitu tal-konsiderazzjonijiet tal-Forum, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu kriterji komuni li jistipulaw l-ambitu ta', u l-metodoloġija użata għal, il-valutazzjoni, il-kompożizzjoni tat-tim ta' valutazzjoni, il-pjan għall-valutazzjonijiet li jkopri perijodu ta' mill-anqas ħames snin u l-kondizzjonijiet speċifiċi li taħthom tista' titnaqqas il-frekwenza ta' tali valutazzjonijiet. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

#### Artikolu 11

### Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, tippresiedi u timmaniġġja Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar ("il-Forum").

Il-Forum għandu jkun magħmul minn rappreżentanti maħturin minn kull Stat Membru li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet tagħhom tal-approvazzjoni u lill-awtoritajiet tagħhom tas-sorveljanza tas-suq.

Kull meta jkun xieraq, servizzi tekniċi, partijiet terzi rikonoxxuti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(10), rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-industrija u tal-operaturi ekonomiċi rilevanti kif ukoll tal-partijiet interessati involuti fi kwistjonijiet ta' sikurezza u dawk ambjentali jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi għall-Forum f'konformità mar-regoli ta' proċedura msemmija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

Il-kompiti konsultattivi tal-Forum għandhom ikollhom bħala għan tagħhom il-promozzjoni tal-aħjar prattiki sabiex tiġi ffaċilitata l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, l-iskambju ta' informazzjoni dwar problemi ta' infurzar, kooperazzjoni, b'mod partikolari rigward il-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni u l-monitoraġġ ta' servizzi tekniċi, l-iżvilupp ta' metodi ta' ħidma u għodod, l-iżvilupp ta' proċedura ta' skambju elettroniku ta' informazzjoni, u l-evalwazzjoni ta' proġetti ta' infurzar armonizzatu penali.

2. Il-Forum għandu jikkunsidra:

- (a) kwistjonijiet relatati mal-interpretazzjoni uniformi tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness II matul l-interpretazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti;
- (b) ir-riżultati tal-attivitajiet relatati mal-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq li twettqu mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 6(8) u (9);
- (c) ir-riżultati tal-ittestjar u ta' spezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 9;
- (d) il-valutazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10;
- (e) rapporti ta' testijiet dwar il-possibbiltà ta' nonkonformità ppreżentati minn partijiet terzi rikonoxxuti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti mill-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(10);
- (f) ir-riżultati tal-attivitajiet tal-konformità tal-produzzjoni mwettqa mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 31;

- (g) l-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri taħt l-Artikolu 67(6) dwar il-proċeduri tagħhom għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni u n-notifika tas-servizzi tekniċi u għall-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi;
  - (h) il-kwistjonijiet ta' rilevanza ġenerali fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament b'rabta mal-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi f'konformità mal-Artikoli 67(10) u 78(4);
  - (i) il-ksur minn operaturi ekonomiċi;
  - (j) l-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi jew restrittivi stabbiliti fil-Kapitolu XI;
  - (k) l-ippjanar, il-koordinazzjoni u r-risultati tal-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq;
  - (l) il-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi stipulati fil-Kapitolu XIV u, b'mod partikolari, il-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tal-proċeduri stabbiliti taħt l-Artikolu 65.
3. Abbażi tar-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 8(7), il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport fil-qosor dwar l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq disponibbli għall-pubbliku fuq bażi ta' sentejn.
4. Kull sena l-Kummissjoni għandha tippreżenta sommarju tal-attivitajiet tal-Forum lill-Parlament Ewropew.
5. Bħala parti mill-kompitu tiegħu ta' konsulenza u b'kont meħud tal-eżitu tal-kunsiderazzjonijiet taħt il-paragrafu 2, il-Forum jista' jagħti opinjoni jew joħroġ rakkomandazzjoni.
- Meta jagħti opinjoni jew joħroġ rakkomandazzjoni, il-Forum għandu jagħmel ħiltu biex jilħaq kunsens. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq tali kunsens, il-Forum għandu jagħti l-opinjoni tiegħu jew joħroġ rakkomandazzjonijiet tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-Istati Membri. Kull Stat Membru għandu jkollu vot wieħed. L-Istati Membri li jkollhom pożizzjonijiet diverġenti jistgħu jitolbu li l-pożizzjonijiet tagħhom u r-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati jiġu rreġistrati fl-opinjoni jew rakkomandazzjonijiet tal-Forum.
6. Meta l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiegħu debitament inkonsiderazzjoni l-opinjoni mogħtija mill-Forum skont il-paragrafu 5.
7. Il-Forum għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

## Artikolu 12

### Skambju ta' data online

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku msemmija fl-Artikolu 27 għaċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-annessi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 28(1), inkluż għal kwalunkwe rapport tal-ittejtjar kif ukoll emendi, rifjuti jew irtirar ta' kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-UE.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jużaw is-Sistema tat-Tagħrif Imħaffef (RAPEX), stabbilita taħt id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup> u s-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS), stabbilita taħt ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 għas-sorveljanza tas-suq, sejħiet lura u attivitajiet rilevanti oħra bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

2. Mill-5 ta' Lulju 2026, l-Istati Membri għandhom jagħmlu aċċessibbli għall-pubbliku, permezz tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura, iċ-ċertifikat ta' konformità ta' kull vettura bħala data strutturata f'format elettroniku fis-sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku, f'konformità mal-Artikolu 37.

Mill-5 ta' Lulju 2026, l-Istati Membri għandhom jagħmlu aċċessibbli għall-pubbliku l-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikat ta' konformità, bl-esklużjoni tan-numri ta' identifikazzjoni tal-vetturi, bħala data strukturata f'format elettroniku fis-sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku f'konformità mal-Artikolu 37.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format ta', u l-kriterji ta' aċċess għall-pubbliku għall-informazzjoni msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83 (2).

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠUL 11, 15.1.2002, p. 4).

3. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa kollha biex tistabbilixxi interfaċċa bejn is-sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku msemmija fl-Artikolu 27, ir-RAPEX) u l-ICSMS sabiex ikunu faċilitati l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq u jkunu żgurati l-koordinazzjoni, il-konsistenza u l-eżattezza tal-informazzjoni provduta lill-konsumaturi u partijiet terzi.

4. L-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku msemmija fl-Artikolu 27, sabiex jagħmlu lista tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għall-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati mogħtija, emendati, irrifjutati jew irtirati minnhom, kif ukoll lista tas-servizzi tekniċi li wettqu t-testijiet għall-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE, aċċessibbli għall-pubbliku mill-1 ta' Settembru 2022.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-format ta', u l-kriterji ta' aċċess għall-pubbliku għall-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

5. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa għodda biex tagħmel aċċessibbli għall-pubbliku r-riżultati tat-testijiet u lmenti dwar il-prestazzjoni ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati minn partijiet terzi rikonnoxuti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(10).

### Artikolu 13

#### Obbligi ġenerali tal-manifatturi

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li huma mmanifatturaw u li jitqiegħdu fis-suq ikunu ġew manifatturati u approvati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, u b'mod partikolari, dawk fl-Artikolu 5.

2. Il-manifatturi għandhom ikunu responsabbli lejn l-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċedura tal-approvazzjoni u li jiżguraw il-konformità tal-produzzjoni.

Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, il-manifatturi għandhom ikunu responsabbli wkoll għall-approvazzjoni u l-konformità tal-produzzjoni tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li huma jkun żied fl-istadju tal-ikkompletar tal-vettura. Manifatturi li jimmodifikaw komponenti, sistemi jew unitajiet tekniċi separati diġà approvati fi stadji aktar bikrija għandhom ikunu responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-produzzjoni tal-komponenti, tas-sistemi jew tal-unitajiet tekniċi separati modifikati. Il-manifatturi tal-istadju preċedenti għandhom jipprovdu informazzjoni lill-manifatturi tal-istadju sussegwenti rigward kwalunkwe bidla li tista' taffettwa l-approvazzjoni tat-tip tal-komponent, l-approvazzjoni tat-tip tas-sistema jew l-approvazzjoni tat-tip tal-unità teknika separata jew inkella l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha. Tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta hekk kif tkun ingħatat l-estensjoni l-ġdida għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha u mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-manifattura tal-vettura mhux kompleta.

3. Il-manifatturi li jimmodifikaw vettura mhux kompleta b'tali mod li din tikkwalifika b'halha kategorija ta' vettura differenti, bil-konsegwenza li r-rekwiżiti diġà vvalutati fi stadju preċedenti tal-approvazzjoni tat-tip ikunu nbidlu, għandhom ikunu responsabbli wkoll għall-konformità mar-rekwiżiti applikabbli għall-kategorija ta' vetturi li għaliha tikkwalifika l-vettura modifikata.

4. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, manifattur stabbilit barra mill-Unjoni għandu jaħtar rappreżentant waħdieni stabbilit fl-Unjoni sabiex jirrappreżenta lill-manifattur quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni. Dak il-manifattur għandu jaħtar ukoll rappreżentant waħdieni stabbilit fl-Unjoni għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq, li jista' jkun l-istess rappreżentant maħtur għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

5. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati mhumiex imfassla biex jinkorporaw strateġiji jew mezzji oħra li jalteraw il-prestazzjoni murija waqt il-proċeduri ta' ttestjar b'tali mod li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament meta joperaw taħt kondizzjonijiet li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija f'operat normali.

6. Il-manifatturi għandhom jistabbilixxu proċeduri li jiżguraw li l-produzzjoni tas-serje ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati tibqa' f'konformità mat-tip approvat.

7. Il-manifatturi għandhom jeżaminaw kwalunkwe lment li jirċievu relatat ma' riskji, suspett ta' inċidenti jew kwistjonijiet ta' nonkonformità fir-rigward ta' vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts u tagħmir li jkunu qiegħdu fis-suq.



Il-manifatturi għandhom iżommu rekord ta' tali ilmenti, inklużi għal kull ilment deskrittazzjoni tal-kwistjoni u d-dettalji meħtieġa biex jiġi identifikat b'mod preċiż it-tip affettwat ta' vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir, u, fil-każ ta' lmenti sostanzjali, il-manifatturi għandhom iżommu informati lid-distributuri u l-importaturi tagħhom dwarhom.

8. Minbarra l-panċa statutorja mwaħħla mal-vetturi tagħhom u l-marki tal-approvazzjoni mwaħħlin mal-komponenti jew mal-unitajiet tekniċi separati tagħhom f'konformità mal-Artikolu 38, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom, flimkien mal-indirizz ta' kuntatt tagħhom fl-Unjoni fuq il-vetturi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati tagħhom imqiegħda għad-disponibbiltà fis-suq jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument li jakkumpanja l-komponent jew l-unità teknika separata.

9. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li, sakemm vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata ikunu taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kondizzjonijiet tal-ħażna jew tat-trasport ma jippreġudikawx il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

10. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(5) u soġġett għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u l-preservazzjoni tad-data personali skont il-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali, il-manifatturi tal-vetturi għandhom jagħmlu disponibbli data, li tinħtieġ għall-ittestjar minn partijiet terzi tal-possibbiltà ta' nonkonformità, inklużi l-parametri u l-konfigurazzjonijiet kollha li jinħtieġu biex jiġu replikati b'mod preċiż il-kondizzjonijiet ta' ttestjar li ġew applikati fil-mument tal-ittestjar tal-approvazzjoni tat-tip.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw id-data li għandha ssir disponibbli mingħajr ħlas, kif ukoll ir-rekwiżiti li għandhom jintlaħqu minn partijiet terzi biex juru l-interess leġittimu tagħhom fl-oqsma tas-sikurezza pubblika jew il-protezzjoni tal-ambjent u l-użu minnhom ta' faċilitajiet ta' ttestjar adegwati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

#### Artikolu 14

##### **Obbligi tal-manifatturi dwar il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati, il-parts u t-tagħmir tagħhom li mhumiex konformi jew li jippreżentaw riskju serju**

1. Fejn vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir, li jkunu tqiegħdu fis-suq jew li tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni, ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament jew fejn l-approvazzjoni tat-tip tkun inġerata abbażi ta' data skorretta, il-manifattur għandu jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa minnufih biex iġib tali vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir f'konformità, jew inkella biex jirtirahom mis-suq jew jagħmel seġha lura tagħhom mis-suq, kif ikun adatt.

Il-manifattur għandu jgħarraf minnufih lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni fid-dettall dwar in-nonkonformità u dwar kwalunkwe miżura meħuda.

2. Fejn il-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir jippreżentaw riskju serju, il-manifattur għandu jipprovi minnufih lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq informazzjoni dettaljata dwar ir-riskju u dwar kwalunkwe miżura meħuda f'dak ir-rigward.

3. Il-manifatturi għandhom iżommu ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-annessi tagħhom msemmija fl-Artikolu 28(1) għal perijodu ta' 10 snin wara tmiem il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura u għal perijodu ta' ħames snin wara tmiem il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' sistema, komponent jew unità teknika separata.

Il-manifatturi tal-vettura għandhom iżommu kopja taċ-ċertifikati tal-konformità msemmija fl-Artikolu 36 għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni għal perijodu ta' 10 snin mid-data ta' manifattura tal-vettura.

4. Il-manifatturi għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali jew il-Kummissjoni, jipprovi lil dik l-awtorità jew lill-Kummissjoni, kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) li turi l-konformità tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent, tal-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir b'lingwa li tista' tintfieh mill-awtorità nazzjonali jew mill-Kummissjoni.

Il-manifatturi għandhom jikkooperaw, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, ma' dik l-awtorità dwar kwalunkwe azzjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-vettura, mis-sistema, mill-komponent, mill-unità teknika separata, mill-part jew mit-tagħmir li huma jkunu qiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq.

## Artikolu 15

**Obbligi tar-rappreżentanti tal-manifattur**

1. Ir-rappreżentant tal-manifattur għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jkun irċieva mill-manifattur. Il-mandat għandu tal-inqas jipprevedi li r-rappreżentant:
  - (a) ikollu aċċess għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-annessi tiegħu msemmija fl-Artikolu 28(1), u għaċ-ċertifikat tal-konformità f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Tali dokumentazzjoni għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal perijodu ta' 10 snin wara tmiem il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura u għal perijodu ta' ħames snin wara tmiem il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' sistema, komponent jew unità teknika separata;
  - (b) jipprovdi lil awtorità tal-approvazzjoni, wara talba motivata minn dik l-awtorità, l-informazzjoni, id-dokumentazzjoni kollha u kwalunkwe speċifikazzjoni teknika oħra, inkluż aċċess għas-softwer u algoritmi, li jkunu meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-produzzjoni ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata;
  - (c) jikkoopera mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni jew mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, fuq talba tagħhom, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġi eliminat ir-riskju serju kkawżat minn vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir koperta minn dak il-mandat tagħhom;
  - (d) jgħarraf minnufih lill-manifattur dwar l-ilmenti u r-rapporti marbutin ma' riskji, inċidenti suspettati jew kwistjonijiet ta' nonkonformità rigwar għal vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir koperti minn dak il-mandat;
  - (e) jkollu d-dritt li jgħarraf l-awtorità tal-approvazzjoni minn għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, fuq talba tagħhom, jekk il-manifattur jaġixxi b'mod li jmur kontra l-obbligi tiegħu taħt dan ir-Regolament.
2. Rappreżentant ta' manifattur li jgħarraf l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip kif ukoll lill-Kummissjoni.

L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għandha tispeċifika tal-inqas:

- (a) id-data tat-terminazzjoni tal-mandat;
- (b) id-data sa meta r-rappreżentant tal-manifattur li ser jieqaf jista' jkun indikat fl-informazzjoni pprovduta mill-manifattur, inkluż kwalunkwe materjal promozzjonali;
- (c) it-trasferiment ta' dokumenti, inkluż aspetti marbutin mal-kunfidenzjalità u d-drittijiet ta' proprjetà;
- (d) l-obbligu tar-rappreżentant tal-manifattur li ser jieqaf biex wara tmiem il-mandat jgħaddi lill-manifattur jew lir-rappreżentant tal-manifattur li ser jinħatar kwalunkwe lment jew rapport dwar riskji u inċidenti suspettati marbutin ma' vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir li għalihom ir-rappreżentant tal-manifattur li ser jieqaf kien ġie ddeżinjat bħala rappreżentant tal-manifattur.

## Artikolu 16

**Obbligi tal-importaturi**

1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati biss li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.
2. Qabel iqiegħdu fis-suq vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tat-tip approvat, l-importaturi għandhom jivverifikaw li dawn ikunu koperti minn ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE validu u li s-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata jkollhom l-marka tal-approvazzjoni meħtieġa u jkunu konformi mal-Artikolu 13(8).

Fil-każ ta' vettura, l-importatur għandu jiżgura li l-vettura tkun akkumpanjata miċ-ċertifikat tal-konformità meħtieġ.

3. Fejn vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mhumiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari fejn ma jikkorrispondux għall-approvazzjoni tat-tip tagħhom, l-importaturi ma għandhomx iqiegħdu fis-suq, jippermettu t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta' tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, sakemm dawn jiġu konformi.

4. Fejn vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, part jew tagħmir jikkawżaw riskju serju, l-importaturi għandhom jgħarrfu b'dan lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tat-tip approvat, l-importaturi għandhom jgħarrfu wkoll lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip.
5. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom, flimkien mal-indirizz ta' kuntatt tagħhom fuq il-vettura, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir, jew, fejn dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument li jakkumpanja l-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir.
6. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata ikunu akkumpanjati minn istruzzjonijiet u informazzjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 59, bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istati Membri kkonċernati.
7. Bl-għan li jipproteġi s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, l-importaturi għandhom iżommu rekord tal-ilmenti u s-sejħiet lura rigward vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir li jkunu qiegħdu fis-suq u għandhom iżommu lid-distributuri tagħhom infurmati dwar tali lmenti u sehjet lura mis-suq.
8. L-importaturi għandhom jgħarrfu minnufih lill-manifattur rilevanti dwar kwalunkwe lment li jirċievu rigwardriskji, suspett ta' inċidenti jew kwistjonijiet ta' nonkonformità dwar vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir li huma jkunu qiegħdu fis-suq.
9. L-importaturi għandhom jiżguraw li, sakemm vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkunu taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kondizzjonijiet tal-ħażna jew tat-trasport ma jippreġudikawx il-konformità tagħhom mar-reqwiziti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

#### Artikolu 17

##### **Obbligi tal-importaturi dwar il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati, il-parts u t-tagħmir tagħhom li mhumiex konformi jew li jippreżentaw riskju serju**

1. Fejn vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir li jkunu tqiegħdu fis-suq minn importaturi ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament, l-importaturi għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa sabiex iġibu tali vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir f'konformità taħt is-sorveljanza tal-manifattur, biex jirtirawhom mis-suq jew jagħmlu sejħa lura tagħhom mis-suq, kif adatt. L-importaturi għandhom wkoll jgħarrfu lill-manifattur u lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE.
2. Fejn vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir li jkunu tqiegħdu fis-suq jippreżentaw riskju serju, l-importaturi għandhom jipprovdu minnufih informazzjoni dettaljata dwar ir-riskju serju lill-manifattur u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

L-importaturi għandhom jgħarrfu ukoll lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar kwalunkwe azzjoni meħuda u jagħti dettalji, b'mod partikolari, dwar ir-riskju serju u dwar kwalunkwe miżuri meħuda mill-manifattur.

3. L-importaturi għandhom, għal perijodu ta' 10 snin wara tmiem il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura u għal perijodu ta' ħames snin wara tmiem il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' sistema, komponent jew unità teknika separata, iżommu kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u tal-annessi tiegħu msemmija fl-Artikolu 28(1), u għandhom jiżguraw li dawn ikunu jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, fuq talba.
4. L-importaturi għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali, jipprovdu lil dik l-awtorità l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa li turi l-konformità ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità.

L-importaturi għandhom jikkooperaw, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali, ma' dik l-awtorità dwar kwalunkwe azzjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex jiġu eliminati r-riskji kkawżati mill-vettura, mis-sistema, mill-komponent, mill-unità teknika separata, mill-part jew mit-tagħmir li huma jkunu qiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq.

*Artikolu 18***Obbligi tad-distributuri**

1. Id-distributuri għandhom jivverifikaw, qabel iqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata jkollhom il-pjanċa statutorja tal-manifattur jew il-marka tal-approvazzjoni meħtieġa, li jkunu akkumpanjati mid-dokumenti meħtieġa, kif ukoll bi struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza, kif mitlub mill-Artikolu 59, bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru rilevanti, u li l-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 13(8) u fl-Artikolu 16(5), rispettivament.
2. Id-distributuri għandhom jgħarrfu minnufih lill-manifattur rilevanti dwar kwalunkwe lment li jirċievu relatat ma' riskji, suspett ta' inċidenti jew kwistjonijiet ta' nonkonformità tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati, il-parts jew it-tagħmir li jkunu qiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq.
3. Id-distributuri għandhom jiżguraw li, sakemm vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tkun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kondizzjonijiet tal-ħażna jew tat-trasport ma jippreġudikawx il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 19***Obbligi tad-distributuri dwar il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati, il-parts u t-tagħmir tagħhom li mhumiex konformi jew li jippreżentaw riskju serju**

1. Fejn vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir ma jkunux f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, id-distributuri għandhom jgħarrfu lill-manifattur, lill-importatur u lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE f'dan ir-rigward, u ma għandhomx iqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq il-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir sakemm dawn jinġiebu f'konformità.
2. Fejn vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir li d-distributuri jkunu qiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq ma jkunux f'konformità ma' dan ir-Regolament, huma għandhom jgħarrfu lill-manifattur, l-importatur u l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE.
3. Fejn vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, -part jew tagħmir jippreżentaw riskju serju, id-distributuri għandhom jipprovdu informazzjoni dettaljata minnufih dwar dak ir-riskju serju lill-manifattur, lill-importatur u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn tali vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir ikunu tqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq.

Id-distributuri għandhom jgħarrfuhom ukoll bi kwalunkwe azzjoni meħuda u jagħtu dettalji ta' kwalunkwe miżuri korrettivi meħuda mill-manifattur.

4. Id-distributuri għandhom jikkooperaw, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, ma' dik l-awtorità dwar kwalunkwe azzjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex jiġu eliminati r-riskji kkawżati mill-vettura, mis-sistema, mill-komponent, mill-unità teknika separata, mill-part jew mit-tagħmir li huma jkunu qiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq.

*Artikolu 20***Każijiet meta l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u d-distributuri**

Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikoli 8, 13 u 14, fil-każijiet li ġejjin:

- (a) fejn l-importatur jew id-distributur iqiegħed għad-disponibbiltà fis-suq, jew ikun responsabbli għat-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata taħt l-isem jew it-trademark tiegħu, jew jimmodifika vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata b'tali mod li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata ma jibqgħux konformi mar-rekwiżiti applikabbli; jew
- (b) fejn l-importatur jew id-distributur iqiegħed għad-disponibbiltà fis-suq jew ikun responsabbli għat-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' sistema, komponent jew unità teknika separata abbażi ta' approvazzjonijiet tat-tip tan-NU li jkunu ngħataw lil manifattur barra mill-Unjoni, u ma jkunx possibbli li jiġi identifikat rappreżentant tal-manifattur fit-territorju tal-Unjoni.

*Artikolu 21***Identifikazzjoni ta' operaturi ekonomiċi**

Fuq talba ta' awtorità tal-approvazzjoni jew ta' awtorità tas-sorveljanza tas-suq, għal perijodu ta' 10 snin wara t-tqegħid fis-suq ta' vettura u għal perijodu ta' ħames snin wara t-tqegħid fis-suq ta' sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar dawn li ġejjin:

- (a) l-identità ta' kwalunkwe operatur ekonomiku li jkun ipprovdilhom vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir;
- (b) l-identità ta' kwalunkwe operatur ekonomiku li lilu jkunu ipprovdew vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir.

## KAPITOLU III

**PROĊEDURI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE***Artikolu 22***Proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE**

1. Meta jiġi biex japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha, il-manifattur jista' jagħżel waħda mill-proċeduri li ġejjin:

- (a) approvazzjoni tat-tip pass pass;
- (b) approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed;
- (c) proċedura ta' approvazzjoni tat-tip imħallta.

Barra minn hekk, il-manifattur jista' jagħżel approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji għal vettura mhux kompleta jew li tkun kompluta.

2. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness II, għall-approvazzjoni tat-tip ta' sistema, l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent u l-approvazzjoni tat-tip ta' unità teknika separata, hija applikabbli biss l-approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed.

3. Għandha tingħata approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji fir-rigward ta' tip ta' vettura mhux kompleta jew li tkun kompluta li, wara li jiġi kkunsidrat l-istat tal-ikkompletar tal-vettura, ikun konformi mad-dettalji mogħtija fil-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24 u li jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II.

L-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji għandha tapplika wkoll għall-vetturi kompleti li ġew ikkonvertiti jew immodifikati minn manifattur ieħor wara l-ikkompletar tagħhom.

4. L-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-istadju finali tal-ikkompletar għandha tingħata biss wara li l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Anness IX, li t-tip approvat ta' vettura fl-istadju finali jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi applikabbli kollha fil-mument tal-approvazzjoni. Verifika għandha tinkludi kontroll ta' dokumenti tar-rekwiżiti kollha koperti minn approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura mhux kompleta mogħtija matul il-proċedura f'diversi stadji, inkluż fejn l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tkun ingħatat għal kategorija differenti ta' vettura.

5. L-għażla tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex taffettwa r-rekwiżiti applikabbli li magħhom irid jikkonforma t-tip approvat ta' vettura fil-mument tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha.

6. L-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji tista' tintuża wkoll minn manifattur wieħed, dment li ma tintużax biex tevita r-rekwiżiti applikabbli għall-vetturi mibnija fi stadju wieħed. Il-vetturi mibnija minn manifattur wieħed ma jitqisux li nbnew f'diversi stadji għall-finijiet tal-Artikoli 41, 42 u 49.

*Artikolu 23***Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-UE**

1. Il-manifattur għandu jippreżenta lill-awtorità tal-approvazzjoni applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24.

2. Għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni waħda biss fir-rigward ta' tip partikolari ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata. Din l-applikazzjoni waħdanija għandha tiġi ppreżentata fi Stat Membru wieħed biss u lil awtorità tal-approvazzjoni waħda biss stabbilita fih.

Ma tistax tiġi ppreżentata applikazzjoni ġdida fi Stat Membru ieħor fir-rigward tal-istess tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata fejn:

- (a) awtorità tal-approvazzjoni tkun irrifjutat li tagħti approvazzjoni tat-tip għal dak it-tip;
- (b) awtorità tal-approvazzjoni tkun irtirat l-approvazzjoni tat-tip ta' dak it-tip; jew
- (c) il-manifattur ikun irrevoka applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip ta' dak it-tip.

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirrifjuta applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip ta' deżinjazzjoni ta' tip differenti jew ta' modifika fir-rigward ta' applikazzjoni preċedenti meta t-tibdiliet ma jkunux suffiċjenti biex jikkostitwixxu tip ġdid ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata.

3. Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' tip partikolari ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata għandha tinkludi dikjarazzjoni mill-manifattur li tiċċertifika, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 li:

- (a) il-manifattur ma applikax għal approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-istess tip lil ebda awtorità tal-approvazzjoni oħra, u ebda awtorità tal-approvazzjoni oħra ma tat lill-manifattur tali approvazzjoni;
- (b) ebda awtorità tal-approvazzjoni ma rrifjutat li tagħti approvazzjoni tat-tip għal dak it-tip;
- (c) ebda awtorità tal-approvazzjoni ma rtirat l-approvazzjoni tat-tip għal dak it-tip; u
- (d) il-manifattur ma rrevokax xi applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip għal dak it-tip.

4. Għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni separata għal kull tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li jrid jiġi approvat.

#### Artikolu 24

### Folder ta' informazzjoni

1. Il-folder ta' informazzjoni għandu jinkludi dawn li ġejjin:

- (a) dokument ta' informazzjoni, f'konformità mal-mudell stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 4, għal approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed jew approvazzjoni tat-tip imħallta tal-vettura kollha, jew għal approvazzjoni tat-tip pass pass tal-vettura kollha jew, fil-każ tal-approvazzjoni tat-tip ta' sistema, komponent jew unità teknika separata, skont l-att regolatorju rilevanti elenkat fl-Anness II;
- (b) id-data, it-tpiġġiet, ir-ritratti u l-informazzjoni rilevanti l-oħra kollha;
- (c) għall-vetturi, indikazzjoni tal-proċedura jew proċeduri magħżula f'konformità mal-Artikolu 22(1);
- (d) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba mill-awtorità tal-approvazzjoni fil-kuntest tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

2. Id-dokument ta' informazzjoni msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha għandu jkollu sett sħiħ ta' informazzjoni dwar il-karatteristiċi tat-tip ta' vettura li hija neċessarja sabiex l-awtorità tal-approvazzjoni tidentifika t-tip ta' vettura u biex twettaq kif suppost il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip.

3. Il-manifattur għandu jippreżenta l-folder ta' informazzjoni lill-awtorità tal-approvazzjoni f'format elettroniku li jkun aċċettabbli għal dik l-awtorità. L-awtorità tal-approvazzjoni tista' wkoll taċċetta li l-folders ta' informazzjoni li jkunu ppreżentati pprovdut fuq karta.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-mudell għad-dokument ta' informazzjoni u kwalunkwe parti oħra tal-folder ta' informazzjoni, u format elettroniku armonizzat għall-finijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2). L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni għandhu jiġi adottat sal-5 ta' Lulju 2020.

## Artikolu 25

**Informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta ma' applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-UE**

1. Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip pass pass għandha tkun akkumpanjata, minbarra l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24, bis-sett komplet ta' ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU u l-annessi tagħhom, li jkunu meħtieġa skont l-atti regolatorji elenkati fl-Anness II.

F'każ ta' approvazzjoni tat-tip ta' sistema, approvazzjoni tat-tip ta' komponent jew approvazzjoni tat-tip ta' unità teknika separata, skont l-atti regolatorji elenkati fl-Anness II, l-awtorità tal-approvazzjoni għandu jkollha aċċess għall-folder ta' informazzjoni u, jekk applikabbli, għaċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-annessi tagħhom sakemm tingħata jew tiġi rrifjutata l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha.

2. Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip imħallta għandha tkun akkumpanjata, minbarra l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24, biċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew biċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU, u l-annessi tagħhom, li jkunu meħtieġa skont l-atti regolatorji elenkati fl-Anness II.

Għas-sistemi li għalihom ma ġie ppreżentat ebda ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU, l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata, minbarra l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24, bl-informazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni ta' dawk is-sistemi matul il-fażi tal-approvazzjoni tal-vettura, kif ukoll b'rapport tal-ittestjar minflok iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU.

3. Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji għandha tkun akkumpanjata bl-informazzjoni li ġejja:

(a) fl-ewwel stadju, b'dawk il-partijiet tal-folder ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU jew, jekk applikabbli, ir-rapporti tal-ittestjar, li jkunu rilevanti għall-istat tal-ikkompletar tal-vettura bażi;

(b) fit-tieni stadju u fl-istadji sussegwenti, b'dawk il-partijiet tal-folder ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU li jkunu rilevanti għall-istadju attwali tal-ikkompletar, flimkien ma' kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-vettura kollha maħruġa fl-istadju preċedenti tal-bini tal-vettura, kif ukoll id-dettalji sħaħ ta' kwalunkwe bidla jew żieda li l-manifattur ikun għamel fil-vettura.

L-informazzjoni speċifikata f'dan il-paragrafu għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-Artikolu 24(3).

4. L-awtorità tal-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi għandu jkollhom l-aċċess għas-sofwer u l-algoritmi tal-vettura li huma jqisu neċessarji għall-fini li jitwettqu l-attivitajiet tagħhom.

L-awtorità tal-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi jistgħu wkoll jesigū li l-manifattur jipprovdi dokumentazzjoni jew kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa li tippermetti lill-awtorità tal-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi biex jiżviluppaw livell xieraq ta' fehim tas-sistemi, inkluż il-proċess ta' żvilupp tas-sistema u l-kunċett tas-sistema, kif ukoll il-funzjonijiet u l-algoritmi li jkunu meħtieġa biex tiġi vverifikata konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament biex tittieħed deċiżjoni dwar liema testijiet huma meħtieġa jew biex tiġi ffaċilitata l-eżekuzzjoni ta' dawk it-testijiet.

## KAPITOLU IV

**IT-TWETTIQ TA' PROĊEDURI GħALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE**

## Artikolu 26

**Dispożizzjonijiet ġenerali dwar it-twettiq ta' proċeduri għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE**

1. Tista' tingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE waħda biss għal kull tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata.

2. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun irċeviet applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 23, għandha tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE biss wara li tkun ivverifikat dawn kollha li ġejjin:

(a) il-konformità tal-arranġamenti tal-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 31;

(b) li d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(3) ġiet ippreżentata;

- (c) il-konformità tat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mar-rekwiżiti applikabbli;
- (d) fil-każ tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-vettura kollha skont il-proċeduri, tal-approvazzjoni tat-tip, pass pass, imħallta jew f'diversi stadji, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika, f'konformità mal-Artikolu 22(4), li s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati jkunu koperti minn approvazzjonijiet tat-tip separati u validi li ngħataw skont ir-rekwiżiti applikabbli fiż-żmien tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha.
3. Fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, għandhom japplikaw il-proċeduri li huma stabbiliti fl-Anness III u l-proċeduri fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, stabbiliti fl-Anness IX.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jemendaw l-Annessi III u IX bl-għan li jittieħed kont tal-iżviluppi regolatorji u teknoloġiċi billi jaġġornaw il-proċeduri fihom fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji.

4. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiġbor pakkett ta' informazzjoni li jkun jikkonsisti mill-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24, akkumpanjat bir-rapporti tal-ittejtjar u d-dokumenti l-oħrajn kollha li jkunu nżdedu mal-folder ta' informazzjoni mis-servizz tekniku jew mill-awtorità tal-approvazzjoni waqt it-twejtq tal-kompiti tagħhom.

Il-pakkett ta' informazzjoni jista' jinżamm b'mod elettroniku. Huwa għandu jkun fih indiċi li jindika b'mod ċar il-paġni kollha u l-format ta' kull dokument u li jirreġistra b'mod kronoloġiku kwalunkwe bidla fl-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha iżomm il-pakkett ta' informazzjoni disponibbli għal perijodu ta' 10 snin wara t-tmiem tal-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE kkonċernata.

5. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE meta hija ssib li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli madankollu jippreżenta riskju serju għas-sikurezza jew jista' jkun ta' dannu serju għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika. F'tali każ, hija għandha tibgħat minnufih lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni fajl dettaljat li jispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha u li jstabbilixxi l-evidenza għas-sejbiet tagħha.
6. F'konformità mal-Artikolu 22(4), fil-każ ta' proċeduri pass pass, imħalltin u daww f'diversi stadji, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE, meta ssib li s-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha titlob lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni li taw approvazzjonijiet tat-tip għas-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati biex jaġixxu f'konformità mal-Artikolu 54(2).

## Artikolu 27

### Notifika ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija, emendata, irrifjutata u rtirata

1. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, meta toħroġ jew temenda ċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-Kummissjoni, kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, għal kull tip ta' vettura, sistema, komponent u unità teknika separata li għalihom tkun tat approvazzjoni tat-tip u l-annessi tiegħu, inklużi r-rapporti tal-ittejtjar imsemmijin fl-Artikolu 30. Dik il-kopja għandha ssir disponibbli permezz tas-sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku skont l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.
2. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tgħarraf, mingħajr dewmien, lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bir-rifjut jew l-irtirar tagħha ta' kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-UE, billi tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha, permezz tas-sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku skont l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.
3. Fir-rigward tas-sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-format tad-dokumenti elettroniki li għandhom isiru disponibbli, il-mekkaniżmu ta' skambju, il-proċeduri biex jiġu informati awtoritajiet dwar l-għoti tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE, dwar l-emendi, ir-rifjuti u l-irtirar tagħhom u dwar il-miżuri ta' sigurtà rilevanti. Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2). L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni għandhu jiġi adottat sal-5 ta' Lulju 2020.



## Artikolu 28

**Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE**

1. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jinkludi, l-annessi li ġejjin:
  - (a) il-pakkett ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 26(4);
  - (b) ir-rapporti tal-ittestjar imsemmija fl-Artikolu 30 fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip ta' sistema, komponent jew unità teknika separata, jew il-folja bir-riżultati tal-ittestjar fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha;
  - (c) fil-każ tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha, l-isem u l-kampjun tal-firma tal-persuna jew persuni awtorizzati biex jiffirmaw iċ-ċertifikati tal-konformità u dikjarazzjoni tal-pożizzjoni tagħhom fil-kumpanija;
  - (d) fil-każ tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha, kampjun mimli taċ-ċertifikat tal-konformità tat-tip ta' vettura.
2. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jingħata numru uniku f'konformità ma' sistema ta' numerazzjoni armonizzata, li tal-anqas għandha tippermetti l-identifikazzjoni tal-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-identifikazzjoni tar-rekwiżiti li magħhom jikkonformaw it-tip ta' vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-mudelli għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, għas-sistema ta' numerazzjoni armonizzata u għall-folja bir-riżultati tal-ittestjar, rispettivament, inkluż billi tipprovdi l-formati elettroniċi rilevanti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2). L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni għandhu jiġi adottat sal-5 ta' Lulju 2020.
4. Fir-rigward ta' kull tip ta' vettura, sistema, komponent u unità teknika separata, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha:
  - (a) timla t-taqsimiet rilevanti kollha taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, inklużi l-annessi tiegħu;
  - (b) tħejji l-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 26(4);
  - (c) toħroġ iċ-ċertifikat komplet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-annessi tiegħu u tibgħathom lill-manifattur mingħajr dewmien.
5. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE li l-validità tagħha kienet ristretta f'konformità mal-Artikolu 39, l-Artikolu 43 jew il-Parti III tal-Anness II, jew li fir-rigward tagħha ma japplikawx ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness II, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jispeċifika dawk ir-restrizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet rilevanti li ma japplikawx.
6. Fejn manifattur ta' vettura jagħżel il-proċedura tal-approvazzjoni mħallta, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tlesti l-pakkett ta' informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 26(4) bir-referenzi għar-rapporti tal-ittestjar msemmija fl-Artikolu 30 għas-sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li għalihom ma jkun inħareġ ebda ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha wkoll tidentifika b'mod ċar fil-pakkett ta' informazzjoni ma' liema rekwiżiti tekniċi tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness II ġiet ittestjata l-vettura.
7. Fejn manifattur ta' vettura jagħżel il-proċedura tal-approvazzjoni fi stadju wieħed, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha twaħħal maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE lista tal-atti regolatorji rilevanti f'konformità mal-mudell previst fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

## Artikolu 29

**Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati**

1. Għandha tingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward ta' sistema, komponent jew unità teknika separata li jkunu konformi mad-dettalji pprovduti fil-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24 u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II.
2. Fejn komponenti jew unitajiet tekniċi separati, kemm jekk maħsuba għal tiswija, għoti ta' service jew manutenzjoni jew le, ikunu koperti wkoll minn approvazzjoni tat-tip għal sistema fir-rigward ta' vettura, ma għandha tkun meħtieġa ebda approvazzjoni tat-tip addizzjonali għal komponent jew unità teknika separata, ħlief jekk tali approvazzjoni tat-tip tkun prevista skont l-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II.

3. Fejn komponent jew unità teknika separata jissodisfaw il-funzjoni tagħhom jew joffru karatteristika speċifika biss flimkien ma' parts oħrajn tal-vettura, sabiex b'hekk ikun possibbli li l-konformità tiġi vverifikata biss meta l-komponent jew l-unità teknika separata joperaw flimkien ma' daww il-parts l-oħrajn tal-vettura, l-ambitu tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-komponent jew tal-unità teknika separata għandu jiġi ristrett kif adatt.

F'tali każijiet, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jispeċifika kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu tal-komponent jew tal-unità teknika separata u għandu jindika l-kondizzjonijiet speċjali għall-immuntar tal-komponent jew tal-unità teknika separata f'vettura.

Fejn dak il-komponent jew dik l-unità teknika separata jiġu mmuntati f'vettura, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika, fil-ħin tal-approvazzjoni tal-vettura, li l-komponent jew l-unità teknika separata jikkonformaw mar-restrizzjonijiet applikabbli kollha dwar l-użu jew il-kondizzjonijiet għall-immuntar.

### Artikolu 30

#### Testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Għall-fini tal-għoti tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament permezz ta' testijiet xierqa li jitwettqu mis-servizzi tekniċi tagħha.
2. L-elementi fundamentali tat-testijiet, inklużi r-rekwiżiti tekniċi li l-konformità tagħhom ġiet ivverifikata mit-testijiet, għandhom jiġu reġistrati f'rapport tal-ittestjar.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-format tar-rapporti tal-ittestjar. Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2). L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni għandhu jiġi adottat sal-5 ta' Lulju 2020.
4. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u jipprovdni lis-servizzi tekniċi kkonċernati l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huma meħtieġa taħt l-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II għat-tweġiq tat-testijiet meħtieġa.
5. It-testijiet meħtieġa għandhom jitwettqu fuq il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li jirrappreżentaw it-tip li jrid jiġi approvat.
6. Fejn tiġi pprovduta medda ta' valuri għall-parametri u għall-kondizzjonijiet użati biex jitwettqu t-testijiet xierqa msemmija fil-paragrafu 1, is-servizzi tekniċi jistgħu jużaw kwalunkwe valur fi ħdan dik il-firxa.
7. Fuq talba tal-manifattur u soġġett għall-qbil tal-awtorità tal-approvazzjoni, il-metodi ta' ttestjar virtwali jistgħu jintużaw f'konformità mal-Anness VIII bħala alternattivi għat-testijiet msemmija fil-paragrafu 1.
8. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jemendaw l-Anness VIII biex jittieħed kont tal-iżviluppi tekniċi u regolatorji billi jagħgornaw il-lista ta' atti regolatorji li fir-rigward tagħhom jistgħu jintużaw metodi ta' ttestjar virtwali minn manifattur jew servizz tekniku u l-kondizzjonijiet speċifiċi li taħthom għandhom jintużaw daww il-metodi ta' ttestjar virtwali.

### Artikolu 31

#### Konformità tal-arranġamenti għall-produzzjoni

1. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa f'konformità mal-Anness IV biex tivverifika, jekk meħtieġ b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, li l-manifattur jipproduċi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati f'konformità mat-tip approvat.
2. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha għandha tivverifika għadd statistika rilevanti ta' kampjuni ta' vetturi u ċertifikati tal-konformità fir-rigward tal-konformità tagħhom mal-Artikoli 36 u 37 u għandha tivverifika li l-informazzjoni f'daww iċ-ċertifikati tal-konformità hija korretta.
3. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tivverifika, jekk meħtieġ, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, li l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jibqgħu adegwati sabiex il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati fil-produzzjoni jkomplu jikkonformaw mat-tip approvat u li iċ-ċertifikati ta' konformità jibqgħu jikkonformaw mal-Artikoli 36 u 37.

4. Sabiex tivverifika li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tkun konformi mat-tip approvat, l-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tiegħu l-miżuri neċessarji biex twettaq il-kontrolli jew it-testijiet fuq kampjuni meħuda fil-bini tal-manifattur, inklużi l-faċilitajiet tal-produzzjoni, meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

F'konformità mal-Anness IV, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiegħu l-miżuri neċessarji biex twettaq tali kontrolli jew testijiet bil-frekwenza stabbilita fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness II, jew, jekk ma tkun speċifikata ebda frekwenza f'dawk l-atti, mill-inqas darba kull tliet snin.

5. Sabiex jiġi vverifikat li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jikkonformaw mat-tip approvat, l-awtorità tal-approvazzjoni jew is-servizzi tekniċi għandhom:

(a) jekk tkun prevista medda ta' valuri fil-proċeduri tat-testijiet stabbiliti fl-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II, jiffissaw il-valuri b'mod aleatorju fi ħdan il-medda pprovduta meta jitwettqu kontrolli jew testijiet; u

(b) ikollhom aċċess għas-software, l-algoritmi, id-dokumentazzjoni u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 25(4).

6. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tivverifika li l-manifattur jikkonforma mal-obbligi stipulati fil-Kapitolu XIV. Hija għandha tivverifika b'mod partikolari jekk, sabiex ikun konformi ma' daww l-obbligi, il-manifattur kienx emenda jew issupplimenta l-informazzjoni dwar l-OBd tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura.

7. Fejn awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE tistabbilixxi li l-manifattur ma għadux jipproduċi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati f'konformità mat-tip approvat jew mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jew tistabbilixxi li ċ-ċertifikati tal-konformità ma għadhomx konformi mal-Artikoli 36 u 37, anke jekk il-produzzjoni titkompla, hija għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li l-arranġamenti għall-konformità tal-produzzjoni jiġu segwiti b'mod korrett jew inkella tirtira l-approvazzjoni tat-tip. L-awtorità tal-approvazzjoni tista' tiddeċiedi li tiegħu l-miżuri restrittivi kollha meħtieġa f'konformità mal-Kapitolu XI.

8. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jemendaw l-Anness IV biex jittieħed kont tal-iżviluppi regolatorji u teknoloġiċi billi taġġorna l-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni.

## Artikolu 32

### Ħlasijiet

1. Il-ħlasijiet għall-attivitajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom ikunu imposti fuq il-manifatturi li jkunu applikaw għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru għandu jiżgura li jkun hemm biżżejjed riżorsi disponibbli biex ikopru l-ispejjeż għall-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali, daww l-ispejjeż jistgħu jiġu rkuprati minn ħlasijiet li jistgħu jiġu imposti mill-Istat Membru li fih il-vetturi jitqiegħdu fis-suq.

2. L-Istati Membri jistgħu jimponu ħlasijiet amministrattivi fuq is-servizzi tekniċi li jkunu qegħdin japplikaw biex jiġu ddeżinjati biex ikopru b'mod sħiħ jew parzjali, l-ispejjeż marbutin mal-attivitajiet imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-servizzi tekniċi f'konformità ma' dan ir-Regolament.

## KAPITOLU V

### EMENDI GħALL-APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP TAL-UE U L-VALIDITÀ TAGĦHOM

## Artikolu 33

### Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-emendi tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE

1. Il-manifattur għandu jgħarraf lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla fid-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 26(4), inkluż kwalunkwe bidla fil-pakkett ta' dokumentazzjoni estiż taħt l-atti regolatorji elenkati fl-Anness II.

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiddeċiedi jekk dik il-bidla teħtieġx emenda, fil-forma ta' revizzjoni jew estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE f'konformità mal-Artikolu 34, jew jekk dik il-bidla teħtieġx approvazzjoni tat-tip tal-UE ġdida.

2. Applikazzjoni għal emenda għandha tiġi ppreżentata biss lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE eżistenti.
3. Fejn awtorità tal-approvazzjoni ssib li emenda tkun teħtieġ ir-repetizzjoni tal-ispezzjonijiet jew tat-testijiet, hija għandha tgħarraf b'dan lill-manifattur kif xieraq.
4. Fejn, abbażi tal-ispezzjonijiet jew tat-testijiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, awtorità tal-approvazzjoni ssib li r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE qegħdin ikompli jiġu ssodisfati, għandhom japplikaw il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 34.
5. Fejn l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li l-bidliet fid-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni ma jstgħux ikunu koperti minn estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip eżistenti, hija għandha tirrifjuta li temenda l-approvazzjoni tat-tip tal-UE u titlob lill-manifattur sabiex japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE ġdida.

#### Artikolu 34

### Reviżjonijiet u estensjonijiet tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE

1. Emenda għandha tissejjaħ "revizzjoni" fejn awtorità tal-approvazzjoni ssib li, minkejja l-bidla fid-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 26(4), it-tip ikkonċernat ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkompli jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli għal dak it-tip u li, għalhekk, ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti spezzjonijiet jew testijiet.

F'tali każ, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha toħroġ il-paġni riveduti tal-pakkett ta' informazzjoni, skont kif meħtieġ u mingħajr dewmien, billi timmarka kull paġna riveduta biex turi b'mod ċar in-natura tal-bidla u d-data tal-ħruġ mill-ġdid, jew għandha toħroġ verżjoni aġġornata u kkonsolidata tal-pakkett ta' informazzjoni, akkumpanjata b'deskrizzjoni dettaljata tal-bidliet.

2. L-emenda għandha tissejjaħ "estensjoni" fejn l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li d-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni nbidlu u fejn ikun japplika kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

- (a) ikunu meħtieġa spezzjonijiet jew testijiet ulterjuri sabiex tiġi vverifikata l-konformità kontinwa mar-rekwiżiti li fuqhom kienet ibbażata l-approvazzjoni tat-tip tal-UE eżistenti;
- (b) tkun inbidlet kwalunkwe informazzjoni fuq iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, għajr għad-dokumenti mehmuża miegħu; jew
- (c) ikunu saru applikabbli rekwiżiti ġodda, taħt kwalunkwe att regolatorju elenkat fl-Anness II, għat-tip approvat ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata.

Fil-każ ta' estensjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha toħroġ ċertifikat aġġornat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE mingħajr dewmien, li għandu jkun denotat b'numru ta' estensjoni li jkun inkrementat f'konformità mal-għadd ta' estensjonijiet suċċessivi diġà mogħtija. Dak iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni għandu jiddikjara b'mod ċar ir-raġuni għall-estensjoni, id-data tal-ħruġ mill-ġdid u, fejn rilevanti, il-perijodu tal-validità.

3. Kull meta jinħarġu l-paġni emendati dwar il-pakkett ta' informazzjoni jew verżjoni aġġornata u kkonsolidata tal-pakkett ta' informazzjoni, l-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni għandu jiġi emendat kif xieraq sabiex juri d-data tal-aktar estensjoni jew revizzjoni reċenti, jew id-data tal-aktar konsolidazzjoni reċenti tal-verżjoni aġġornata.

4. Ma għandha tkun meħtieġa ebda estensjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' tip ta' vettura jekk ir-rekwiżiti ġodda msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 ikunu, minn perspettiva teknika, irrilevanti għal dak it-tip ta' vettura jew ikunu jikkonċernaw kategoriji ta' vettura oħrajn għajr il-kategorija li għaliha jappartjeni.

#### Artikolu 35

### Tmiem tal-validità

1. Seba' snin wara l-aħħar aġġornament tal-pakkett ta' informazzjoni fil-każ ta' ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha tal-UE għall-kategoriji  $M_1$  u  $N_1$ , u 10 snin għall-vetturi tal-kategoriji  $M_2$ ,  $M_3$ ,  $N_2$ ,  $N_3$  u O, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika li t-tip ta' vettura jikkonforma mal-atti regolatorji kollha li jkunu rilevanti għal dak it-tip.

Fejn l-awtorità tal-approvazzjoni twettaq il-verifika msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, mhuwiex meħtieġ li t-testijiet imsemmija fl-Artikolu 30 jiġu ripetuti.

2. Approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha ssir invalida f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:
  - (a) fejn rekwiżiti ġodda applikabbli għat-tip approvat ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jsiru obbligatorji għat-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, għar-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni u l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ma tkunx tista' tiġi estiża għar-raġunijiet stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 34(2);
  - (b) fejn verifika mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tikkonkludi li l-vettura ma tikkonformax mal-atti regolatorji kollha li jkunu rilevanti għal dak it-tip;
  - (c) fejn il-produzzjoni tal-vetturi f'konformità mat-tip approvat ta' vettura titwaqqaf b'mod definit fuq bażi volontarja, li għandha titqies li tkun seħħet fejn ebda vettura tat-tip ikkonċernat ma tkun ġiet prodotta fis-sentejn ta' qabel; madankollu, tali approvazzjonijiet tat-tip għandhom jibqgħu validi għall-fini ta' reġistrazzjoni jew tat-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni sakemm il-punt (a) ta' dan il-paragrafu ma jkunx applikabbli;
  - (d) fejn l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tkun ġiet irtirata f'konformità mal-Artikolu 31(7);
  - (e) fejn il-validità taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE tiskadi minħabba restrizzjoni msemmija fl-Artikolu 39(6);
  - (f) fejn l-approvazzjoni tat-tip tkun instabet li hija bbażata fuq dikjarazzjonijiet foloz, riżultati tal-ittestjar iffalsifikati jew fejn inżammet data li kienet twassal għar-rifjut ta' għoti ta' approvazzjoni tat-tip.
3. Fejn l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha ta' varjant wieħed biss fi ħdan tip ta' vettura jew verżjoni waħda fi ħdan varjant issir invalida, l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha tat-tip ta' vettura inkwistjoni għandha ssir invalida biss sa fejn ikunu kkonċernati l-varjant jew il-verżjoni partikolari.
4. Fejn il-produzzjoni ta' tip partikolari ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tkun ser titwaqqaf b'mod definit, il-manifattur għandu jinnotifika b'dan lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE mingħajr dewmien.

Fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata għandha tgħarraf lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn kif xieraq.

5. Fejn ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE jkun wasal biex isir invalidu, il-manifattur għandu jinnotifika b'dan lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE mingħajr dewmien.
6. Malli tirċievi n-notifika magħmula mill-manifattur, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tikkomunika lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni mingħajr dewmien l-informazzjoni kollha rilevanti għat-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, għar-reġistrazzjoni jew għad-dħul fis-servizz ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, kif xieraq.

Fil-każ ta' vetturi, il-komunikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tispeċifika d-data tal-manifattura u n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura ("VIN"), kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011<sup>(1)</sup>, tal-aħħar vettura prodotta.

## KAPITOLU VI

### ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ U MARKI

#### Artikolu 36

#### Ċertifikat ta' konformità f'format stampat

1. Il-manifattur għandu jorhōg ċertifikat ta' konformità f'format stampat sabiex jakkumpanja lil kull vettura, kemm jekk kompleta, mhux kompleta jew kompluta li tiġi manifatturata f'konformità mat-tip approvat ta' vettura. Għal dak il-għan, il-manifattur għandu juża l-mudell stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011 tal-11 ta' Jannar 2011 li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur u għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 8, 12.1.2011, p. 1).

Iċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat għandu jiddeskrivi l-karatteristiċi ewlenin tal-vettura, kif ukoll il-prestazzjoni teknika f'termini konkreti. Iċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat għandu jinkludi d-data tal-manifattura tal-vettura. Iċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat għandu jiffassal b'mod li ma jippermettix falsifikazzjoni.

Iċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat għandu jingħata bla ħlas lix-xerrej flimkien mal-vettura. L-għoti tiegħu ma jistax jiddependi minn rikjesta espliċita jew mill-għoti ta' informazzjoni addizzjonali lill-manifattur.

2. Mill-5 ta' Lulju 2026, il-manifattur għandu jkun eżentat mill-obbligu taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li joħroġ iċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat li għandu jakkumpanja kull vettura, fejn il-manifattur jagħmel disponibbli ċ-ċertifikat ta' konformità bħala data strutturata f'format elettroniku f'konformità mal-Artikolu 37(1).

3. Għal perijodu ta' 10 snin wara d-data tal-manifattura tal-vettura, il-manifattur għandu, fuq talba tas-sid tal-vettura, joħroġ kopja taċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat bi ħlas li ma jaqbiżx l-ispiża tal-ħruġ ta' kopja taċ-ċertifikat. Il-kelma "kopja" għandha tkun tidher b'mod ċar fuq in-naħa ta' quddiem ta' kull ċertifikat idduplikat.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar iċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat, li jistabbilixxu, b'mod partikolari:

- (a) il-mudell għaċ-ċertifikat ta' konformità;
- (b) l-elementi tas-sigurtà biex tiġi evitata l-falsifikazzjoni taċ-ċertifikat ta' konformità; u
- (c) l-ispeċifikazzjoni dwar il-mod li bih jiġi ffirmat iċ-ċertifikat ta' konformità.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2). L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni għandhu jiġi adottat qabel l-1 ta' Settembru 2020.

5. Iċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat għandu jitħejja f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

6. Il-persuna jew persuni awtorizzati biex jiffirmaw iċ-ċertifikati ta' konformità f'format stampat għandhom jiġu impjegati mill-manifattur u jkunu debitament awtorizzati sabiex jieħdu r-responsabbiltà legali tal-manifattur fir-rigward tad-disinn u l-konstruzzjoni tal-vettura jew fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni tagħha.

7. Iċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat għandu jimtela kollu u ma għandux jinkludi restrizzjonijiet fir-rigward tal-użu tal-vettura minbarra dawk previsti f'dan ir-Regolament jew fi kwalunkwe wieħed mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness II.

8. Fil-każ ta' vettura bażi mhux kompleta, il-manifattur għandu jimla biss dawk il-partijiet taċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat li huma rilevanti fir-rigward tal-istat ta' komplettezza tal-vettura.

9. Fil-każ ta' vettura mhux kompleta jew kompluta, il-manifattur għandu jimla biss dawk l-oqsma taċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat li jikkonċernaw iż-żidiet jew il-bidliet imwettqa fl-istadju attwali tal-approvazzjoni u, fejn applikabbli, jehmeż iċ-ċertifikati kollha ta' konformità f'format stampat li ġew mogħtija fl-istadij preċedenti.

#### Artikolu 37

### Ċertifikat ta' konformità f'format elettronika

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 36(1), mill-5 ta' Lulju 2026, il-manifattur għandu jagħmel disponibbli mingħajr ħlas u mingħajr dewmien bla bżonn wara d-data ta' manifattura tal-vettura, iċ-ċertifikat ta' konformità lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha bħala data strukturata f'format elettroniku f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 36(1), kwalunkwe manifattur jista' jagħmel disponibbli ċertifikati ta' konformità skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu qabel il-5 ta' Lulju 2026.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tagħmel disponibbli ċ-ċertifikat ta' konformità bħala data strukturata f'format elettroniku f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 8, biex iċ-ċertifikat ta' konformità jkun jista' jiġi aċċessat mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni tal-Istati Membri u mill-Kummissjoni.

4. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-manifatturi mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta' tipi ta' vetturi li għandhom l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal serje żgħira ta' vetturi, f'konformità mal-Artikolu 42.

5. L-awtorità tal-approvazzjoni li tirċievi ċ-ċertifikat ta' konformità bħala data strutturata f'format elettroniku f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu għandha tagħti aċċess li jinqara biss għaċ-ċertifikat ta' konformità kif stabbilit fl-Artikolu 12(2). Fil-każ ta' vetturi mibnija f'diversi stadji tali aċċess għandu jingħata lill-manifattur tal-istadju sussegwenti.
6. Kull skambju ta' data f'konformità ma' dan l-Artikolu għandu jsir permezz ta' protokoll ta' skambju sigur ta' data.
7. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-organizzazzjoni u l-istruttura tan-netwerk tad-data tagħhom li tippermetti li tasal id-data taċ-ċertifikati ta' konformità bħala data strutturata f'format elettroniku f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 8 b'effett mill-1 ta' Settembru 2025, preferibbilment bl-użu tas-sistemi eżistenti għall-iskambju ta' data strutturata.
8. B'kont meħud tad-data li tkun meħtieġa li tingħata fuq iċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar ċertifikati ta' konformità bħala data strutturata f'format elettroniku li jistabbilixxu, b'mod partikolari:
- (a) il-format bażiku u l-istruttura tal-elementi tad-data taċ-ċertifikati ta' konformità f'format elettroniku u l-messaġġi użati fl-iskambju;
  - (b) ir-rekwiżiti minimi għall-iskambju sigur tad-data, inklużi l-prevenzjoni tal-korruzzjoni tad-data u l-użu ħażin tad-data u miżuri biex tiġi garantita l-awtentiċità tad-data elettronika, bħall-użu ta' firma diġitali;
  - (c) il-mezzi ta' skambju tad-data taċ-ċertifikat ta' konformità f'format elettroniku;
  - (d) ir-rekwiżiti minimi għal identifikatur uniku speċifiku għall-vettura u l-forma ta' informazzjoni għax-xerrej skont il-paragrafu 5;
  - (e) l-aċċess ta' qari biss imsemmi fil-paragrafu 5;
  - (f) l-eżenzjonijiet għall-manifatturi ta' kategoriji u tipi partikolari ta' vetturi li jkunu prodotti f'serje żgħar.
- Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2). L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni għandhu jiġi adottat qabel l-1 ta' Settembru 2020.
9. Għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jagħmlu skambju taċ-ċertifikati ta' konformità f'format elettroniku, f'konformità ma' dan l-Artikolu mal-Istati Membri oħra mhux aktar tard mill-5 ta' Lulju 2026.
10. Mill-5 ta' Lulju 2026, fejn f'każijiet eċċezzjonali hekk ikun mitlub minn awtorità nazzjonali, il-manifattur għandu jōhrog kopja taċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat.

#### Artikolu 38

#### **Pjanċi statutorji u addizzjonali tal-manifatturi, marki u l-marka tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati**

1. Il-manifattur ta' vettura għandu jwaħħal ma' kull vettura manifatturata f'konformità mat-tip approvat ta' pjanċa statutorja, fejn rilevanti pjanċi addizzjonali, u indikazzjonijiet jew simboli, bil-marki meħtieġa taħt dan ir-Regolament u l-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II.
2. Il-manifattur ta' komponent jew unità teknika separata għandu jwaħħal ma' kull komponent u unità teknika separata manifatturati f'konformità mat-tip approvat, kemm jekk ikunu parti minn sistema jew le, il-marka tal-approvazzjoni tat-tip meħtieġa skont l-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II.
- Fejn ma tkun meħtieġa ebda tali marka ta' approvazzjoni tat-tip, il-manifattur għandu jwaħħal mal-komponent jew mal-unità teknika separata mill-inqas l-isem kummerċjali jew il-marka kummerċjali tal-manifattur, kif ukoll in-numru tat-tip jew numru ta' identifikazzjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-mudell għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2). L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat sal-5 ta' Lulju 2020.
4. L-operaturi ekonomiċi għandhom biss iqiegħdu fis-suq jew iqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li huma mmarkati b'mod li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament.

## KAPITOLU VII

## TEKNOLOĠIJI ĠODDA JEW KUNĊETTI ĠODDA

## Artikolu 39

**Eżenzjonijiet għal teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda**

1. Il-manifattur jista' japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward ta' tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li jinkorpora teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li huma inkompatibbli ma' att regolatorju wieħed jew aktar elenkati fl-Anness II.
2. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemija fil-paragrafu 1 meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:
  - (a) l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE tiddikjara r-raġunijiet għaliex it-teknoloġiji ġodda jew il-kunċetti ġodda jagħmlu l-vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati inkompatibbli ma' att regolatorju wieħed jew aktar elenkati fl-Anness II;
  - (b) l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE tiddeskrivi l-implikazzjonijiet għas-sikurezza u għall-ambjent tat-teknoloġija ġdida jew tal-kunċett ġdid u l-miżuri meħuda sabiex jiżguraw mill-inqas livell ekwivalenti ta' sikurezza u protezzjoni tal-ambjent bħal dak ipprovdut mir-rekwiżiti li fir-rigward tagħhom qed tintalab eżenzjoni;
  - (c) id-deskrizzjonijiet u r-riżultati tat-testijiet ippreżentati juru li l-kondizzjoni stipulata fil-punt (b) hija ssodisfata.
3. L-għoti ta' approvazzjonijiet tat-tip tal-UE li jeżentaw it-teknoloġiji ġodda jew il-kunċetti ġodda għandu jkun soġġett għall-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddeċiedi jekk tagħtix l-awtorizzazzjoni msemija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 83(2).

4. Sa meta jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafu 3, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja, li tkun valida biss fit-territorju tal-Istat Membru ta' dik l-awtorità tal-approvazzjoni, fir-rigward ta' tip ta' vettura kopert mill-eżenzjoni mitluba. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn b'dan mingħajr dewmien permezz ta' fajl li jkun fih l-informazzjoni msemija fil-paragrafu 2.

In-natura proviżorja u l-validità territorjali limitata tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom ikunu evidenti mill-intestatura taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE u mill-intestatura taċ-ċertifikat ta' konformità.

5. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni ta' Stati Membri oħrajn jistgħu jiddeċiedu li jaċċettaw l-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja msemija fil-paragrafu 4 fit-territorju tagħhom, dment li huma jinformaw lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja dwar l-aċċettazzjoni tagħhom bil-miktub.
6. Fejn xieraq, l-atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafu 3 għandhom jispeċifikaw jekk l-awtorizzazzjonijiet humiex soġġetti għal xi restrizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-għadd massimu ta' vetturi koperti. Fil-każijiet kollha, l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tkun valida għal mill-inqas 36 xahar.
7. Fejn il-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafu 3 biex tirrifjuta li tagħti l-awtorizzazzjonijiet, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tgħarraf minnufih lid-detentur tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja msemija fil-paragrafu 4 li l-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja għandha tiġi rrevokata sitt xhur wara d-data tal-att ta' implimentazzjoni.

Madankollu, il-vetturi li jkunu ġew manifatturati f'konformità mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja qabel ma din waqfet milli tkun valida jistgħu jitpoġġew fis-suq, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni fi kwalunkwe Stat Membru li jkun aċċetta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja f'konformità mal-paragrafu 5.

## Artikolu 40

**Adattament sussegwenti tal-atti regolatorji**

1. Fejn il-Kummissjoni tkun awtorizzata l-għoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE f'konformità mal-Artikolu 39, hija għandha minnufih tiegħu l-passi meħtieġa sabiex tadatta l-atti regolatorji kkonċernati skont l-aħħar żviluppi teknoloġiċi.

Fejn l-eżenzjoni skont l-Artikolu 39 tkun marbuta ma' Regolament tan-NU, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti biex jiġi emendat ir-Regolament tan-NU rilevanti f'konformità mal-proċedura applikabbli taħt il-Ftehim Rivedut tal-1958.



2. Ladarba jiġu emendati l-atti regolatorji rilevanti, kwalunkwe restrizzjoni fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 39(3) għandha titneħħa.
3. Fejn ma jkunux ittiegħu l-passi meħtieġa sabiex jiġu adattati l-atti regolatorji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista', fuq talba tal-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja, tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddeċiedi tagħtix l-awtorizzazzjoni għall-estensjoni tal-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE proviżorja. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

## KAPITOLU VIII

### VETTURI PRODOTTI F'SERJE ŻĠĦAR

#### Artikolu 41

#### **Approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vetturi prodotti f'serje żġħar**

1. Fuq talba tal-manifattur u fi ħdan il-limiti annwali kwantitattivi għal kategoriji ta' vetturi M, N u O stabbiliti fil-punt 1 tal-Parti A tal-Anness V, l-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura prodotta f'serje żġħar li jissodisfa mill-inqas ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Appendiċi 1 għall-Parti I tal-Anness II.
2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal vetturi bi skopijiet speċjali.
3. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vetturi prodotti f'serje żġħar għandu jingħata numru uniku f'konformità ma' sistema armonizzata ta' numerazzjoni, li tal-anqas għandha tippermetti l-identifikazzjoni tal-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-identifikazzjoni tar-rekwiżiti li magħhom jikkonformaw it-tip ta' vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata.
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-mudell u s-sistema ta' numerazzjoni għaċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vetturi prodotti f'serje żġħar. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).
5. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jemendaw l-Appendiċi 1 tal-Parti I tal-Anness II biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tekniċi għal kategoriji tal-vetturi M, N u O u li jemendaw il-punt 1 tal-Parti A tal-Anness V kif meħtieġ fir-rigward tal-limiti kwantitattivi annwali.

#### Artikolu 42

#### **Approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żġħar**

1. Il-manifatturi jistgħu japplikaw għal approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żġħar fi ħdan il-limiti annwali kwantitattivi stabbiliti fil-punt 2 tal-Parti A tal-Anness V. Dawk il-limiti għandhom japplikaw għat-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, għar-reġistrazzjoni jew għat-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi tat-tip approvat fis-suq ta' kull Stat Membru f'sena partikolari.
2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw kwalunkwe tip ta' vettura msemmija fil-paragrafu 1 mill-obbligu li jikkonformaw ma' waħda jew aktar mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness II, dment li dawk l-Istati Membri jkunu stabbilixxu rekwiżiti alternattivi rilevanti.
3. Għall-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vetturi prodotti f'serje żġħar, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha taċċetta s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li jkollhom it-tip tagħhom approvat skont l-atti regolatorji elenkati fl-Anness II.
4. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żġħar għandu jingħata numru uniku f'konformità ma' sistema armonizzata ta' numerazzjoni, li tal-anqas għandu jippermetti l-identifikazzjoni tal-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip u l-karatterizzazzjoni tal-approvazzjoni bħala waħda li nġġat għal serje żġħar nazzjonali.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-mudell u s-sistema armonizzata ta' numerazzjoni għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vetturi prodotti f'serje żġħar li għandu jkollu l-intestatura "Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żġħar" u għandu jispecifica l-kontenut u n-natura tal-eżenzjonijiet mogħtija skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2). Sa meta l-Kummissjoni tadotta t-tali atti ta' implimentazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jiddeterminaw il-format ta' ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip nazzjonali.

## Artikolu 43

**Il-validità ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żgħar**

1. Il-validità ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żgħar għandha tkun ristretta għat-territorju tal-Istat Membru tal-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip.
2. Fuq talba tal-manifattur, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tibgħat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri magħżulin mill-manifattur kopja taċ-ċertifikat nazzjonali ta' approvazzjoni tat-tip, inkluż il-partijiet rilevanti tal-pakkett ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 26(4), permezz tal-posta rreġistrata jew tal-posta elettronika.
3. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali, ħliet jekk ikollhom bażi raġonevoli sabiex jemmnu li r-rekwiżiti tekniċi nazzjonali li abbażi tagħhom ikun ġie approvat it-tip ta' vettura mhumiex ekwivalenti għal tagħhom.
4. Fi żmien xahrejn minn meta jirċievu d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri magħżulin mill-manifattur għandhom jikkomunikaw lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali d-deċiżjoni tagħhom li jaċċettaw l-approvazzjoni tat-tip jew le. Fejn ma tkun għet ikkomunikata ebda tali deċiżjoni f'dak il-perijodu ta' xahrejn, l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għandha titqies bħala li għet aċċettata.
5. Fuq talba ta' applikant li jkun jixtieq iqiegħed fis-suq, jirreġistra jew idaħħal fiċ-ċirkolazzjoni fi Stat Membru ieħor vettura b'approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żgħar, l-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żgħar għandha ttiprovdi lill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru l-ieħor kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip, inkluż il-partijiet rilevanti tal-pakkett ta' informazzjoni.

L-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru l-ieħor għandha tippermetti t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' tali vettura, ħliet jekk ikollha bażi raġonevoli sabiex temmen li r-rekwiżiti tekniċi nazzjonali li abbażi tagħhom ikun ġie approvat it-tip ta' vettura mhumiex ekwivalenti għal tagħha.

## KAPITOLU IX

**APPROVAZZJONIJET TA' VETTURI INDIVIDWALI**

## Artikolu 44

**Approvazzjonijiet ta' vetturi individwali tal-UE**

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE għal vettura li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 2 għall-Parti I tal-Anness II jew, għal vetturi bi skop speċjali, fil-Parti III tal-Anness II.

Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għal vetturi mhux kompleti.

2. Għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għal approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE mis-sid tal-vettura, il-manifattur, jew mir-rappreżentant tal-manifattur jew l-importatur.
3. L-Istati Membri ma għandhomx iwettqu testijiet distruttivi sabiex jistabbilixxu jekk il-vettura hijiex konformi mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, iżda minflok għandhom jużaw kwalunkwe informazzjoni rilevanti pprovduta mill-applikant għal dak il-għan.
4. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-vettura individwali tal-UE għandu jingħata numru uniku f'konformità ma' sistema armonizzata ta' numerazzjoni, li tal-anqas għandu jippermetti l-identifikazzjoni tal-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tal-vettura individwali tal-UE.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-mudell u s-sistema ta' numerazzjoni ta' ċertifikati ta' approvazzjoni ta' vetturi individwali tal-UE. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2). L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat sal-5 ta' Lulju 2020.
6. L-Istati Membri għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi b'ċertifikat validu ta' approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE.
7. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82, li jemendaw il-Parti I tal-Anness II biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tekniċi għal vetturi tal-kategoriji M, N u O.

*Artikolu 45***Approvazzjonijiet ta' vetturi individwali nazzjonali**

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw vettura partikolari, kemm jekk unika kif ukoll jekk le, mill-obbligu li jikkonformaw ma' waħda jew aktar mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew ma' waħda jew aktar mir-rekwiżiti stipulati fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness II, dment li dawk l-Istati Membri imponew rekwiżiti alternattivi rilevanti.
2. Għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għal approvazzjoni ta' vettura individwali mis-sid tal-vettura, il-manifattur, jew mir-rappreżentant tal-manifattur jew l-importatur.
3. L-Istati Membri ma għandhomx iwettqu testijiet distruttivi sabiex jistabbilixxu jekk il-vettura hijiex konformi mar-rekwiżiti alternattivi msemmija fil-paragrafu 1, iżda minflok għandhom jużaw kwalunkwe informazzjoni rilevanti pprovduta mill-applikant għal dak il-għan.
4. Għall-fini ta' approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha taċċetta s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li għandhom it-tip tagħhom approvat f'konformità mal-atti regolatorji elenkati fl-Anness II.
5. Stat Membru għandu jorog, mingħajr dewmien, ċertifikat ta' approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali meta l-vettura tkun konformi mad-deskrizzjoni miżjuda mal-applikazzjoni u tkun tissodisfa r-rekwiżiti alternattivi rilevanti.
6. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-vettura individwali nazzjonali għandu jingħata numru uniku f'konformità ma' sistema armonizzata ta' numerazzjoni, li tal-anqas jippermetti l-identifikazzjoni tal-Istat Membru li ta l-approvazzjoni u l-identifikazzjoni tar-rekwiżiti li magħhom tikkonforma l-vettura.
7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-mudell u s-sistema ta' numerazzjoni ta' ċertifikati ta' approvazzjoni ta' vetturi individwali nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2). Sa meta l-Kummissjoni tadotta tali atti ta' implimentazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jiddeterminaw il-format taċ-ċertifikati ta' approvazzjoni ta' vetturi individwali nazzjonali.

*Artikolu 46***Il-validità tal-approvazzjonijiet ta' vetturi individwali nazzjonali**

1. Il-validità ta' approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali għandha tkun ristretta għat-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni ta' vettura individwali.
2. Fuq talba ta' applikant li jkun jixtieq iqiegħed għad-disponibbiltà fis-suq, jirreġistra jew iqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni fi Stat Membru ieħor vettura b'approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali, l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni għandu jipprovi lill-applikant dikjarazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi li abbażi tagħhom ġiet approvata l-vettura.
3. Stat Membru għandu jippermetti fit-territorju tiegħu t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vettura, li għaliha Stat Membru ieħor ikun ta approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali skont l-Artikolu 45, ħliet jekk dak l-Istat Membru jkollu bażi raġonevoli sabiex jemmen li r-rekwiżiti alternattivi rilevanti li abbażi tagħhom tkun ġiet approvata l-vettura mhumiex ekwivalenti għal tiegħu jew li l-vettura mhijiex konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.
4. Dan l-Artikolu japplika għal vetturi li kellhom it-tip tagħhom approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament u li ġew immodifikati qabel l-ewwel reġistrazzjoni jew tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni tagħhom.

*Artikolu 47***Dispożizzjonijiet speċifiċi**

1. Il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 44 u 45 jistgħu japplikaw għal vettura partikolari mibnija f'diversi stadji.
2. Il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 44 u 45 ma għandhomx jissostitwixxu stadju intermedju fi ħdan is-sekwenza normali ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, u ma għandhomx jiġu applikati għall-finijiet tal-kisba tal-approvazzjoni fl-ewwel stadju ta' vettura.

## KAPITOLU X

## TQEGĦID GĦAD-DISPONIBILITÀ FIS-SUQ, REĠSTRAZZJONI, JEW TQEGĦID FIĊ-ĊIRKOLAZZJONI

## Artikolu 48

**It-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi minbarra l-vetturi ta' tmiem is-serje**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 51, 52 u 53, il-vetturi li għalihom l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha hija obligatorja, jew li għalihom il-manifattur kiseb dik l-approvazzjoni tat-tip, għandhom jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni biss jekk ikunu akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità validu maħruġ f'konformità mal-Artikoli 36 u 37.

Ir-reġistrazzjoni u t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi mhux kompleti jistgħu jiġu rrifjutati sakemm il-vetturi jibqgħu mhux kompleti. Ir-reġistrazzjoni u t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi mhux kompleti ma għandhomx isiru biex tiġi evitata l-applikazzjoni tal-Artikolu 49.

2. L-għadd ta' vetturi prodotti f'serje żgħira li jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, li jiġu rreġistrati, jew li jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni matul l-istess sena ma għandux jaqbeż il-limiti annwali kwantitattivi stipulati fl-Anness V.

## Artikolu 49

**It-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi ta' tmiem is-serje**

1. Soġġett għal-limiti speċifikati fil-Parti B tal-Anness V, u biss għal perijodu limitat ta' żmien kif speċifikat fil-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jirreġistraw u jippermettu t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi li jikkonformaw ma' tip ta' vettura li l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tagħha ma għadhiex aktar valida.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal vetturi fit-territorju tal-Unjoni li kienu koperti b'approvazzjoni tat-tip tal-UE fil-mument tal-produzzjoni tagħhom u li ma kinux ġew irreġistrati jew tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni qabel dik l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tilfet il-validità tagħha.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss, fil-każ ta' vetturi kompleti, għal perijodu ta' 12-il xahar mid-data li fiha skadiet il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u, fil-każ ta' vetturi kompluti, għal perijodu ta' 18-il xahar minn dik id-data.

3. Manifattur li jixtieq igawdi mill-paragrafu 1 għandu jibgħat talba lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru konċernat mir-reġistrazzjoni jew mit-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi inkwistjoni. It-talba għandha tispeċifika r-raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi li minħabba fihom daww il-vetturi mhumiex konformi mar-rekwiżiti tekniċi l-ġodda.

L-Istati Membri konċernati għandhom jiddeċiedu, fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu tali talba, jekk jippermettux ir-reġistrazzjoni jew mit-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' daww il-vetturi fit-territorju tagħhom, u f'dak il-każ, in-numru ta' tali vetturi.

4. L-Istati Membri għandhom japplikaw miżuri adatti biex jiżguraw li l-għadd ta' vetturi li jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni fil-qafas tal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu jkun immonitorjat b'mod effettiv.

## Artikolu 50

**It-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati**

1. Il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati, inklużi daww maħsuba għas-suq ta' wara l-bejgħ, jistgħu jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni biss jekk jkunu konformi mar-rekwiżiti tal-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II u jkunu mmarkati f'konformità mal-Artikolu 38.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-komponenti jew għall-unitajiet tekniċi separati li jkunu speċifikament mibnija jew iddisinjati għal vetturi li mhumiex koperti minn dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati li huma eżentati skont l-Artikolu 39 jew li huma intiżi biex jintużaw fuq il-vetturi koperti minn approvazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 41, 42, 44 u 45 dwar il-komponent jew l-unità teknika separata inkwistjoni.

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll it-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati li huma intiżi biex jintużaw fuq vetturi li ma kellhomx bżonn li jkollhom it-tip tagħhom approvat skont dan ir-Regolament jew skont id-Direttiva 2007/46/KE fiż-żmien meta daww il-vetturi tqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, kienu rreġistrati jew tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni.

5. L-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll it-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' komponenti sostituti u unitajiet tekniċi separati li jintużaw f'vetturi li ngħataw l-approvazzjoni tat-tip qabel id-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti tal-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II, f'konformità mar-rekwiżiti tal-atti rilevanti li kien japplika meta daww l-approvazzjonijiet tat-tip ingħataw fil-bidu.

## KAPITOLU XI

### KLAWSOLI TA' SALVAGWARDJA

#### Artikolu 51

#### **L-evalwazzjoni nazzjonali li tirrigwarda vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati b'suspett li jippreżentaw riskju serju jew nonkonformità**

Fejn, abbażi tal-attivitajiet tagħhom ta' sorveljanza tas-suq, jew abbażi ta' informazzjoni providuta minn awtorità tal-approvazzjoni jew manifattur jew abbażi ta' lmenti, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikollhom raġunijiet sabiex jemmnu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jippreżentaw riskju serju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni jew għal aspetti oħrajn tal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament jew ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, huma għandhom jevalwaw il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kkonċernati fir-rigward tar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni rilevanti għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, li għandu jinkludi wkoll it-trasmissjoni tar-risultati tal-kontrolli jew tat-testijiet rilevanti kollha mwettqa f'konformità mal-Artikolu 31.

L-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu japplika għall-valutazzjoni tal-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kkonċernati.

#### Artikolu 52

#### **Proċeduri nazzjonali biex jiġu trattati vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li jippreżentaw riskju serju jew nonkonformità**

1. Fejn, wara li tkun wettqet l-evalwazzjoni skont l-Artikolu 51, l-awtorità ta' sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed issib li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kkonċernata jippreżentaw riskju serju għas-saħħa jew għas-sikurezza ta' persuni jew għal aspetti oħra tal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament, din għandha tirrikjedi mingħajr dewmien li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi xierqa mingħajr dewmien ħalli jiżgura li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata kkonċernata, meta jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni, ma jippreżentawx aktar dak ir-riskju.

2. Fejn, wara li tkun wettqet l-evalwazzjoni skont l-Artikolu 51, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed issib li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, iżda ma jippreżentawx riskju serju kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tesiġi mingħajr dewmien li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi xierqa kollha f'perijodu ta' żmien raġonevoli biex iġib konformi vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata. Dak il-perijodu għandu jkun proporzjonali għall-gravità tan-nonkonformità biex jiġi żgurat li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata kkonċernata jkunu konformi meta jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni.

L-operaturi ekonomiċi għandhom, f'konformità mal-obbligi stabbilita fl-Artikoli 13 sa 21, jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi kollha xierqa fir-rigward tal-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati kkonċernati kollha li huma jkunu qiegħdu fis-suq, irreġistraw jew qiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni fl-Unjoni.

3. Fejn l-operatur ekonomiku ma jiħux il-miżuri korrettivi adegwati fil-perijodu rilevanti msemmi fil-paragrafu 1 jew 2 jew fejn ir-riskji jirrikjeddu azzjoni rapida, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri proviżorji restrittivi xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni, tas-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati kkonċernati fis-suq nazzjonali tagħhom, jew biex jirtirawhom minn dak is-suq jew isejhuhom lura.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu japplika għall-miżuri restrittivi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu klassifikazzjoni tal-gravità tan-nonkonformità u l-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet nazzjonali biex jiżguraw l-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

#### Artikolu 53

### Miżuri korrettivi u restrittivi fil-livell tal-Unjoni

1. L-Istat Membru li jieħu miżuri korrettivi jew restrittivi f'konformità mal-Artikolu 52 għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien, permezz tal-ICSMS. Huwa għandu wkoll jinforma mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni dwar is-sejbiet tiegħu.

L-informazzjoni pprovduta għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-data neċessarja għall-identifikazzjoni tal-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kkonċernati, l-oriġini tagħhom, in-natura tal-allegata nonkonformità u r-riskju involut, in-natura u t-tul ta' żmien tal-miżuri korrettivi u restrittivi nazzjonali meħuda, u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti.

2. L-Istat Membru li jieħu l-miżura korrettiva jew restrittiva għandu jindika wkoll jekk ir-riskju jew in-nonkonformità humiex minħabba dawn:

(a) il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata ma jissodisfawx ir-rekwiżiti marbuta mas-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni, il-protezzjoni tal-ambjent jew ma' aspetti oħrajn tal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament; jew

(b) nuqqasijiet fl-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II.

3. L-Istati Membri għajr l-Istat Membru li jieħu l-miżuri korrettivi jew restrittivi għandhom jgħarrfu fi żmien xahar wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar kwalunkwe miżuri korrettivi jew restrittivi adottati u dwar kwalunkwe informazzjoni addizzjonali għad-dispożizzjoni tagħhom b'rabta man-nonkonformità u r-riskju tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati kif ukoll, f'każ ta' nuqqas ta' qbil mal-miżura nazzjonali nnotifikata, dwar l-oġġezzjonijiet tagħhom.

4. Fejn, fi żmien xahar min-notifika msemmija fil-paragrafu 1, ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni minn xi Stat Membru jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura nazzjonali nnotifikata, dik il-miżura għandha titqies bħala ġustifikata. L-Istati Membri l-oħrajn għandhom jiżguraw li jittieħdu mingħajr dewmien fit-territorji tagħhom miżuri korrettivi jew restrittivi simili fir-rigward tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati.

5. Fejn, fi żmien xahar wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, Stat Membru ieħor jew il-Kummissjoni jqajmu oġġezzjoni fir-rigward ta' miżura nazzjonali nnotifikata, jew fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li miżura nazzjonali nnotifikata tmur kontra l-liġi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u lill-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti mingħajr dewmien.

Abbażi tal-konsultazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddeċiedi dwar miżuri korrettivi jew restrittivi armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika minnufih id-deċiżjoni msemmija fit-tieni subparagrafu lill-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti. L-Istati Membri għandhom jimplementaw tali atti mingħajr dewmien u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Fejn il-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali nnotifikata mhijiex ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira jew jadatta l-miżura, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fit-tieni subparagrafu.

6. Fejn, wara testijiet u spezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 9, il-Kummissjoni tistabilixxi li miżura korrettiva jew restrittiva hija neċessarja fil-livell tal-Unjoni, hija għandha tikkonsulta mingħajr dewmien l-Istati Membri kkonċernati u l-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti.

Abbażi tal-konsultazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddeċiedi dwar miżuri korrettivi jew restrittivi fil-livell tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika minnufih id-deċiżjoni msemmija fit-tieni subparagrafu lill-operatur jew lill-operaturi ekonomiċi rilevanti. L-Istati Membri għandhom jimplementaw tali atti mingħajr dewmien u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

7. Fejn ir-riskju jew in-nonkonformità jiġu attribwiti għal nuqqasijiet fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness II, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri xierqa kif ġej:

- (a) fejn ikunu kkonċernati atti legali tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-emendi meħtieġa għall-atti kkonċernati;
- (b) fejn ikunu kkonċernati Regolamenti tan-NU, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-abbozz ta' emendi meħtieġa għar-Regolamenti tan-NU rilevanti b'konformità mal-proċedura applikabbli skont il-Ftehim Rivedut tal-1958.

8. Fejn miżura korrettiva titqies bħala ġustifikata f'konformità ma' dan l-Artikolu jew tkun soġġetta għall-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 jew 6, dik il-miżura għandha tkun disponibbli bla ħlas għad-detenturi ta' reġistrazzjonijiet għall-vetturi affettwati. Fejn ikunu saru tiswijiet bi spiża għad-detentur tar-reġistrazzjoni qabel ma tkun ġiet adottata l-miżura korrettiva, il-manifattur għandu jirrimborsa l-ispiża ta' tali tiswijiet sal-ispiża tat-tiswijiet meħtieġa minn dik il-miżura korrettiva.

#### Artikolu 54

### Approvazzjoni tat-tip tal-UE mhux konformi

1. Fejn awtorità tal-approvazzjoni ssib li approvazzjoni tat-tip li tkun inġhatat ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, hija għandha tirrifjuta li tirrikonoxxi dik l-approvazzjoni.

2. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tinnotifika r-rifjut tagħha lill-awtorità ta' approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE, lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra, u lill-Kummissjoni. Fejn, fi żmien xahar wara n-notifika, in-nonkonformità tal-approvazzjoni tat-tip tiġi kkonfermata mill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE, dik l-awtorità ta' approvazzjoni għandha tirtira l-approvazzjoni tat-tip.

3. Fejn, fi żmien xahar wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 2, titqajjem oġġezzjoni mill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri mingħajr dewmien, b'mod partikolari, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip u lill-operatur ekonomiku rilevanti.

4. Abbażi tal-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddeċiedi jekk ir-rifjut ta' rikonoxximent ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu huwiex ġustifikat. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika minnufih id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-operaturi ekonomiċi rilevanti. L-Istati Membri għandhom jimplementaw tali atti mingħajr dewmien u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

5. Fejn, wara testijiet u spezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 9, il-Kummissjoni tistabbilixxi li approvazzjoni tat-tip li tkun inġhatat ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, hija għandha tikkonsulta lill-Istati Membri mingħajr dewmien, b'mod partikolari, lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip u lill-operatur ekonomiku rilevanti.

Abbażi tal-konsultazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddeċiedi dwar ir-rifjut tar-rikonoxximent ta' approvazzjoni tat-tip imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

6. L-Artikoli 51, 52 u 53 japplikaw għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li jkunu soġġetti għal approvazzjoni tat-tip mhux konformi u li diġà tqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq.

#### Artikolu 55

### Tqegħid fis-suq u tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' parts jew tagħmir li jistgħu jippreżentaw riskju serju għall-funzjonament korrett ta' sistemi essenzjali

1. Parts jew tagħmir li jistgħu jippreżentaw riskju serju għall-funzjonament korrett tas-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, ma għandhomx jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni u għandhom jiġu pprojbiti, ħlief jekk ikunu ġew awtorizzati minn awtorità tal-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 56.

2. Tali awtorizzazzjonijiet għandhom japplikaw biss għall-għadd limitat ta' parts jew tagħmir, li jkunu inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 4.

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu r-reqwiziti għall-awtorizzazzjoni tal-parts u t-tagħmir imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Dawk ir-reqwiziti jistgħu jkunu bbażati fuq l-atti regolatorji elenkati fl-Anness II jew jistgħu jkunu jikkonsistu minn tqabbil tal-prestazzjoni ambjentali jew tas-sikurezza tal-parts jew tat-tagħmir mal-prestazzjoni ambjentali jew tas-sikurezza tal-parts jew tat-tagħmir oriġinali, kif xieraq. F'kull każ, ir-reqwiziti għandhom jiżguraw li l-parts jew it-tagħmir ma jkunux ta' xkiel għall-funzjonament tas-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha.

4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82, li jemendaw l-Anness VI bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tekniċi u regolatorji, billi jistabbilixxu u jaġġornaw il-lista ta' parts jew tagħmir abbażi ta' evalwazzjoni ta' dawn li ġejjin:

- (a) il-punt sa fejn ikun jeżisti riskju serju għas-sikurezza jew għall-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi li jkunu mmuntati bil-parts jew bit-tagħmir inkwistjoni;
- (b) l-effett potenzjali fuq il-konsumaturi u l-manifatturi fis-suq ta' wara l-bejgħ ta' awtorizzazzjoni possibbli għall-parts jew għat-tagħmir skont l-Artikolu 56(1).

5. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-parts jew għat-tagħmir oriġinali jew għall-parts jew għat-tagħmir li jappartjenu għal sistema li kellha t-tip tagħha approvat f'konformità mal-atti regolatorji elenkati fl-Anness II, ħliet meta l-approvazzjoni tat-tip tkun relatata ma' aspetti oħrajn għajr ir-riskju serju msemmi fil-paragrafu 1.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, parts jew tagħmir oriġinali tfisser parts jew tagħmir li jiġu manifatturati skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tal-produzzjoni pprovduti mill-manifattur tal-vettura għall-assemblaġġ tal-vettura inkwistjoni.

6. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-parts jew għat-tagħmir esklużivament prodotti għall-vetturi tat-tlielaq. Il-parts jew it-tagħmir elenkati fl-Anness VI li jintużaw kemm fit-tlielaq kif ukoll fit-triq għandhom ikunu disponibbli fis-suq biss għal vetturi maħsuba biex jintużaw fit-toroq pubbliċi, jekk jikkonformaw mar-reqwiziti stabbiliti fl-atti delegati msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u jekk kienu ġew awtorizzati mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddeċiedi tagħtix dawk l-awtorizzazzjonijiet. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

#### Artikolu 56

#### **Rekwiżiti relatati għal parts jew tagħmir li jistgħu jippreżentaw riskju serju għall-funzjonament korrett ta' sistemi essenzjali**

1. Manifattur ta' parts jew ta' tagħmir jista' japplika għall-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) billi jippreżenta lill-awtorità tal-approvazzjoni applikazzjoni akkumpanjata b'rapport tat-test li jiffassal minn servizz tekniku u li jiċċertifika li l-parts jew it-tagħmir li għalihom tintalab awtorizzazzjoni jkunu konformi mar-reqwiziti msemmija fl-Artikolu 55(3). Tali manifattur jista' jippreżenta applikazzjoni waħda biss għal kull tip ta' part jew tagħmir u lil awtorità tal-approvazzjoni waħda biss.

2. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tinkludi d-dettalji tal-manifattur tal-parts jew tat-tagħmir, it-tip, in-numri tal-part jew tal-identifikazzjoni tal-parts jew tat-tagħmir, l-isem tal-manifattur tal-vettura, it-tip ta' vettura u, fejn xieraq, is-sena tal-kostruzzjoni u kwalunkwe informazzjoni oħra li tippermetti l-identifikazzjoni tal-vettura li magħha għandhom jiġu mmuntati l-parts jew it-tagħmir.

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tawtorizza t-tqegħid fis-suq u t-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni tal-parts jew tat-tagħmir meta hija ssib, wara li tikkunsidra r-rapport tat-test imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u evidenza oħra, li l-parts jew it-tagħmir inkwistjoni huma konformi mar-reqwiziti msemmija fl-Artikolu 55(3).

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha toħroġ lill-manifattur ċertifikat ta' awtorizzazzjoni mingħajr dewmien.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-mudell u s-sistema ta' numerazzjoni għaċ-ċertifikat ta' awtorizzazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

3. Il-manifattur għandu jgħarraf mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li hargħet l-awtorizzazzjoni dwar kwalunkwe bidla li taffettwa l-kondizzjonijiet li taħthom tkun inhargħet l-awtorizzazzjoni. Dik l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiddeċiedi jekk l-awtorizzazzjoni għandhiex tiġi riveduta jew maħruġa mill-ġdid u jekk hemmx bżonn li jsiru testijiet oħrajn.



Il-manifattur għandu jiżgura li l-parts jew it-tagħmir jiġu prodotti u jkomplu jiġu prodotti taħt il-kondizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni.

4. Qabel toħroġ kull awtorizzazzjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika l-eżistenza tal-arranġamenti u tal-proċeduri sabiex jiġi żgurat il-kontroll effettiv tal-konformità tal-produzzjoni.

Fejn l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li l-kondizzjonijiet għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni ma għadhomx issodisfati, hija għandha titlob lill-manifattur sabiex jieħu l-miżuri meħtieġa bil-għan li jiżgura li l-parts jew it-tagħmir jinġiebu f'konformità. Fejn meħtieġ, hija għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.

5. Fuq talba ta' awtorità nazzjonali ta' Stat Membru ieħor, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni għandha, fi żmien xahar minn meta tirċievi dik it-talba, tibgħat lil tal-ewwel kopja ta' ċertifikat ta' awtorizzazzjoni maħruġ flimkien mad-dokumenti mehmuża miegħu permezz ta' sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku. Il-kopja tista' wkoll tieħu l-forma ta' fajl elettroniku sigur.

6. Awtorità tal-approvazzjoni li ma taqbilx mal-awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru ieħor għandha tressaq ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil tagħha għall-attenzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa sabiex issolvi n-nuqqas ta' qbil. Inter alia, il-Kummissjoni tista', fejn meħtieġ u wara li tkun ikkonsultat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni rilevanti, tadotta atti ta' implimentazzjoni li jeżiġu li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

7. Sa meta tiġi stabbilita l-lista msemmija fl-Artikolu 55(4), l-Istati Membri jistgħu jżommu d-dispożizzjonijiet nazzjonali fir-rigward ta' parts jew tagħmir li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament korrett tas-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha.

## KAPITOLU XII

### REGOLAMENTI INTERNAZZJONALI

#### Artikolu 57

#### **Regolamenti tan-NU meħtieġa għal approvazzjoni tat-tip tal-UE**

1. Ir-Regolamenti tan-NU jew l-emendi għalihom, li l-Unjoni vvotat favurhom jew li tapplika l-Unjoni u li huma elenkati fl-Anness II, għandhom ikunu parti mir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati.

2. Fejn l-Unjoni tkun ivvotat favur Regolament tan-NU jew l-emendi għalih għall-fini ta' approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jagħmlu r-Regolament tan-NU jew l-emendi għalih obligatorji jew billi jemendaw dan ir-Regolament.

Dawk l-atti delegati għandhom jispeċifikaw id-dati li minnhom dak ir-Regolament tan-NU jew l-emendi għalih għandhom ikunu obligatorji, u għandhom jinkludu dispożizzjonijiet tranżizzjonali, fejn xieraq, u, fejn applikabbli, għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, tal-ewwel reġistrazzjoni u tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi u tat-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq tas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati.

#### Artikolu 58

#### **Ekwivalenza tar-Regolamenti tan-NU għall-fini ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE**

1. Ir-Regolamenti tan-NU elenkati fil-Parti II tal-Anness II huma rikonnoxxuti bħala ekwivalenti għall-atti regolatorji korrispondenti sakemm ikollhom l-istess kamp ta' applikazzjoni u suġġett.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mar-Regolamenti tan-NU msemmija fil-paragrafu 1 u, fejn applikabbli, għandhom jaċċettaw il-marki ta' approvazzjoni rilevanti minflok l-approvazzjonijiet tat-tip u l-marki ta' approvazzjoni korrispondenti li ngħataw f'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti regolatorji elenkati fl-Anness II.

## KAPITOLU XIII

### FORNIMENT TA' INFORMAZZJONI TEKNIKA

#### Artikolu 59

#### **Informazzjoni intiża għall-utenti**

1. Il-manifattur ma għandu jipprovdi ebda informazzjoni teknika relatata mad-dettalji tat-tip ta' vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir previsti f'dan ir-Regolament jew fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness II, li tiddevja mid-dettalji tal-approvazzjoni tat-tip mogħtija mill-awtorità tal-approvazzjoni.

2. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli għall-utenti l-informazzjoni rilevanti u l-istruzzjonijiet meħtieġa kollha li jiddeskrivu kwalunkwe kondizzjoni jew restrizzjoni speċjali fuq l-użu ta' vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir.
3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi fornuta bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir ser jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni. Din l-informazzjoni għandha tingħata wkoll fil-manwal tas-sid.

#### Artikolu 60

### Informazzjoni intiża għall-manifatturi

1. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jagħmlu disponibbli għall-manifatturi ta' sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir id-dettalji kollha li huma meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati jew sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1).

Il-manifatturi tal-vetturi jistgħu jimponu ftehim vinkolanti fuq il-manifatturi ta' sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir sabiex jiproteġu l-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li mhijiex fid-dominju pubbliku, inkluża informazzjoni relatata mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

2. Il-manifatturi ta' sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir għandhom jipprovdu lill-manifatturi tal-vetturi l-informazzjoni dettaljata kollha dwar ir-restrizzjonijiet li japplikaw għall-approvazzjonijiet tat-tip tagħhom u li huma msemmija fl-Artikolu 29(3) jew huma imposti minn att regolatorju elenkat fl-Anness II.

#### KAPITOLU XIV

### AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR L-OBD TAL-VETTURI U GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR IT-TISWIJA U L-MANUTENZJONI TAL-VETTURI

#### Artikolu 61

### L-obbligi tal-manifatturi li jipprovdu informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi u informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi

1. Il-manifatturi għandhom jipprovdu lill-operaturi indipendenti aċċess mhux ristrett, standardizzat u mhux diskriminatorju għal informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi, tagħmir dijanjostiku u tagħmir ieħor, għodod, inklużi r-riferenzi kompluti, u d-downloads disponibbli, tas-softwer applikabbli, u informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod faċilment aċċessibbli f'forma ta' settijiet ta' data li jistgħu jinqraw b'magna u li jistgħu jiġu pproċessati elettronikament. L-operaturi indipendenti għandu jkollhom aċċess għas-servizzi dijanjostiċi remoti użati mill-manifatturi u min-negozjanti u s-sewwejja awtorizzati.

Il-manifatturi għandhom jipprovdu faċilità standardizzata, sigura u remota li tippermetti lis-sewwejja indipendenti jwettqu operazzjonijiet li jinvolvu l-aċċess għas-sistema tas-sigurtà tal-vettura.

2. Sa meta l-Kummissjoni tadotta standard rilevanti permezz tal-ħidma tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) jew ta' korp ta' standardizzazzjoni komparabbli, l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandha tiġi ppreżentata b'mod li tkun faċilment aċċessibbli u b'mod li tkun tista' tiġi pproċessata minn operaturi indipendenti bi sforz raġonevoli.

L-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandha ssir disponibbli fuq is-siti web tal-manifatturi bl-użu ta' format standardizzat jew, jekk dan ma jkunx fattibbli, minħabba n-natura tal-informazzjoni, f'format ieħor xieraq. Għal operaturi indipendenti għajr is-sewwejja, l-informazzjoni għandha tingħata wkoll f'format li jkun jista' jinqara minn magna, li jkun jista' jiġi pproċessat elettronikament b'għodod u softwer tat-teknoloġija informatika disponibbli b'mod komuni u li jippermetti lil operaturi indipendenti jwettqu l-kompitu assoċjat man-negozju tagħhom fil-katina ta' provvista tas-suq ta' wara l-bejgħ.

3. Madanakollu, fil-każijiet li ġejjin, huwa suffiċjenti li l-manifattur jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa minnufih b'mod aċċessibbli faċilment meta operatur indipendenti jitlob dan:

- (a) għal tipi ta' vetturi koperti b'approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vetturi prodotti f'serje żgħira kif imsemmi fl-Artikolu 42;

- (b) għal vetturi bi skop speċjali;
- (c) għal tipi ta' vetturi fil-kategoriji  $O_1$  u  $O_2$  li ma jużawx għodod dijanjostiċi jew mezz ta' komunikazzjoni fiżika jew wieħed mingħajr fili mal-unità jew unitajiet ta' kontroll elettroniku abbord għal finijiet ta' dijanjosi jew program-mazzjoni mill-ġdid tal-vetturi tagħhom;
- (d) għall-istadju finali tal-approvazzjoni tat-tip fil-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, fejn l-aħħar stadju jkopri biss karozzerija li ma jkunx fiha sistemi għall-kontroll elettroniku tal-vettura, u s-sistemi ta' kontroll elettroniku tal-vettura kollha tal-vettura bażi ma jinbidlux.

4. Id-dettalji tar-rekwiżiti tekniċi għall-aċċess għal informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, b'mod partikolari l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar kif għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, huma stipulati fl-Anness X.

5. Il-manifatturi għandhom ukoll jagħmlu l-materjal tat-taħriġ disponibbli għall-operaturi indipendenti u għan-negożjanti u s-sewweġja awtorizzati.

6. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura jkunu dejjem aċċessibbli, ħlief kif meħtieġ għall-finijiet ta' manutenzjoni tas-sistema ta' informazzjoni.

Il-manifatturi għandhom jagħmlu kwalunkwe emenda u żieda sussegwenti fl-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u fl-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura disponibbli fuq is-siti web tagħhom fl-istess ħin li jagħmluhom disponibbli għal sewweġja awtorizzati.

7. Għall-finijiet tal-manifattura u l-ġhoti ta' service tal-parts ta' sostituzzjoni jew service kompatibbli mal-OBD u tal-għodod dijanjostiċi u t-tagħmir tal-ittestjar, il-manifatturi għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni rilevanti dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura fuq bażi nondiskriminatorja lil kwalunkwe manifattur jew sewweġ interessat ta' komponenti, għodod dijanjostiċi jew tagħmir tal-ittestjar.

8. Għall-finijiet tad-disinn, tal-manifattura u tat-tiswija ta' tagħmir awtomobilistiku għal vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi, il-manifatturi għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni rilevanti dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura fuq bażi nondiskriminatorja lil kwalunkwe manifattur, installatur jew sewweġ interessat ta' tagħmir għal vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi.

9. Fejn ir-rekords tat-tiswija u l-manutenzjoni ta' vettura jinżammu f'bażi tad-data ċentrali tal-manifattur tal-vettura jew f'ismu, is-sewweġja indipendenti għandu jkollhom aċċess mingħajr ħlas għal dawn ir-rekords u għandhom ikunu jistgħu jdaħħlu informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni li jkunu għamli.

10. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għal vetturi li jkunu koperti minn approvazzjonijiet ta' vetturi individwali.

11. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jemendaw l-Anness X biex jittieħed kont tal-iżviluppi tekniċi u regulatorji jew jiġi evitat l-użu ħażin billi taġġorna r-rekwiżiti dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, inkluż l-attivitajiet ta' tiswija u manutenzjoni appoġġati minn netwerks fuq żona wiesgħa mingħajr fili u billi tadotta u tintegra l-istandards imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont tat-teknoloġija tal-informatika attwali, l-iżviluppi prevedibbli fit-teknoloġija tal-vetturi, l-istandards ISO attwali u l-possibbiltà ta' standard ISO dinji.

#### Artikolu 62

#### **Obbligi fir-rigward tad-detenturi ta' diversi approvazzjonijiet tat-tip**

1. Il-manifattur responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip rispettiva ta' sistema, komponent jew unità teknika separata jew għal stadju partikolari ta' vettura għandu jkun responsabbli, fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip imħallta, approvazzjoni tat-tip pass pass jew approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, mill-komunikazzjoni lill-manifattur finali u lill-operaturi indipendenti tal-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni b'rabta mas-sistema, mal-komponent jew mal-unità teknika separata partikolari jew mal-istadju partikolari.

2. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, il-manifattur finali għandu jkun responsabbli biex jipprovdi aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura rigward l-istadju jew l-istadji tal-manifattura tiegħu stess u l-link għall-istadju jew l-istadji ta' qabel.

*Artikolu 63***Ħlasijiet għall-aċċess għal informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni tal-vetturi**

1. Il-manifattur jista' jitlob ħlasijiet raġonevoli u proporzjonati għall-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għajr ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 61(10). Dawk il-ħlasijiet ma għandhomx jiskoraġġixxu l-aċċess għal tali informazzjoni billi ma jikkunsidrawx il-punt sa fejn din tintuża mill-operatur indipendenti. L-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandu jiġi offrut mingħajr ħlas lill-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni u s-servizzi tekniċi.

2. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, inkluż is-servizzi tranżazzjonali bħal iprogrammar mill-ġdid jew assistenza teknika, fuq bażi ta' kull siegħa, ta' kuljum, kull xahar u kull sena, bil-ħlasijiet għall-aċċess għal tali informazzjoni jvarjaw skont il-perijodi ta' żmien rispettivi li għalihom jingħata l-aċċess.

Minbarra l-aċċess temporali, il-manifatturi jistgħu joffru aċċess ibbażat fuq it-tranżazzjoni, li l-ħlasijiet għalih jintalbu għal kull tranżazzjoni u mhux abbażi tat-tul ta' żmien li għalih jingħata l-aċċess.

Fejn il-manifattur joffri ż-żewġ sistemi ta' aċċess, is-sewweġja indipendenti għandhom jagħżlu sistemi ta' aċċess li jistgħu jkunu temporali jew ibbażati fuq it-tranżazzjoni.

*Artikolu 64***Prova ta' konformità mal-obbligi tal-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u tal-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni**

1. Il-manifattur li applika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali għandu jipprovdni lill-awtorità tal-approvazzjoni bi prova ta' konformità ma' dan il-Kapitolu fi żmien sitt xhur mid-data tal-approvazzjoni tat-tip rispettiva.

2. Fejn tali prova ta' konformità ma tiġix ipprovduta fil-perijodu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa f'konformità mal-Artikolu 65.

*Artikolu 65***Konformità mal-obbligi rigward l-aċċess għal informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi**

1. Fi kwalunkwe ħin, awtorità tal-approvazzjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess, abbażi ta' lment jew abbażi ta' valutazzjoni minn servizz tekniku, tikkontrolla li manifattur jikkonforma ma' dan il-Kapitolu, kif ukoll maċ-Ċertifikat tal-manifattur dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar l-OBD ta' vettura u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vettura msemmija fl-Appendiċi 1 tal-Anness X.

2. Fejn awtorità tal-approvazzjoni ssib li l-manifattur naqas milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu rigward l-aċċess għal informazzjoni dwar l-OBD ta' vettura u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vettura, l-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip rilevanti għandha tiegħu l-miżuri xierqa sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni.

Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-irtirar jew is-sospensjoni tal-approvazzjoni tat-tip, multi jew miżuri oħrajn adottati skont l-Artikolu 84.

3. Fejn operatur indipendenti jew assoċjazzjoni kummerċjali li tirrappreżenta lill-operaturi indipendenti jressqu lment quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni dwar in-nuqqas tal-manifattur milli jikkonforma ma' dan il-Kapitolu, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha twestaq verifika sabiex tivverifika l-konformità mill-manifattur. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha titlob lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha biex tinvestiga l-ilment u sussegwentement biex titlob evidenza mill-manifattur tal-vettura li turi li s-sistema li għandu stabbilita l-manifattur tal-vettura hija f'konformità ma' dan ir-Regolament. Ir-riżultati ta' dik l-investigazzjoni għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali tal-approvazzjoni u l-operatur indipendenti jew l-assoċjazzjoni kummerċjali kkonċernati fi żmien tliet xhur mit-talba.

4. Meta twestaq il-awditu, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' titlob lil servizz tekniku jew lil kwalunkwe espert indipendenti ieħor sabiex iwettaq valutazzjoni bil-għan li jivverifika jekk l-obbligi fir-rigward tal-aċċess għal informazzjoni dwar l-OBD ta' vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vettura ġewx issodisfati.

## Artikolu 66

**Forum dwar l-Aċċess għal Informazzjoni dwar il-Vetturi**

1. Il-Forum dwar l-Aċċess għall-Infommazzjoni dwar il-Vettura fir-rigward tal-aċċess għal informazzjoni dwar l-OBD ta' vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vettura, stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13(9) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 <sup>(1)</sup>, għandu jkopri wkoll il-vetturi kollha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Huwa għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu f'konformità mal-Anness X ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Forum dwar l-Aċċess għall-Infommazzjoni dwar il-Vettura għandu jqis jekk l-aċċess għal informazzjoni dwar l-OBD ta' vettura u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vettura jaffettwax il-progress li sar fit-tnaqqis tas-serq tal-vetturi u għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet biex jittejjbu r-rekwiżiti marbuta mal-aċċess għal tali informazzjoni. B'mod partikolari, il-Forum dwar l-Aċċess għall-Infommazzjoni dwar il-Vetturi għandu jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni ta' proċess li permezz tiegħu organizzazzjonijiet akkreditati japprovaw u jawtorizzaw lil operaturi indipendenti sabiex ikollhom aċċess għal informazzjoni dwar is-sigurtà tal-vetturi.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li żżomm id-diskussjonijiet u s-sejbiet ta' dan il-Forum dwar l-Aċċess għall-Infommazzjoni dwar il-Vettura kunfidenzjali.

## KAPITOLU XV

**VALUTAZZJONI, DEŻINJAZZJONI, NOTIFIKA U MONITORAĠĠ TA' SERVIZZI TEKNIĊI**

## Artikolu 67

**L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip responsabbli għas-servizzi tekniċi**

1. L-awtorità tal-approvazzjoni deżinjata mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 6(2) (imsejħa, għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip") għandha tkun responsabbli għall-valutazzjoni, deżinjazzjoni, notifika u monitoraġġ tas-servizzi tekniċi, inklużi, fejn xieraq, is-sottokuntratturi jew sussidjarji ta' dawk is-servizzi tekniċi. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' tiddeċiedi li l-valutazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi, u fejn xieraq, tas-sottokuntratturi jew s-sussidjarji ta' dawk is-servizzi tekniċi, għandhom jitwettqu minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni bejn il-pari fir-rigward ta' kwalunkwe attività mwettqa minnhom li tkun marbuta mal-valutazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi.

L-evalwazzjonijiet bejn il-pari għandhom ikopru l-valutazzjonijiet tal-operazzjonijiet kollha jew parzjali tas-servizzi tekniċi li jkunu twettqu minn awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Artikolu 73(4), inkluża l-kompetenza tal-persunal, il-korrettezza tal-metodoloġija tal-ittestjar u tal-ispezzjoni u l-korrettezza tar-riżultati tat-testijiet abbażi ta' kamp ta' applikazzjoni definit ta' atti regolatorji elenkati fil-Parti I tal-Anness II.

Attivitajiet marbuta mal-valutazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi li għandhom x'jaqsmu biss ma' approvazzjonijiet individwali nazzjonali li ngħataw f'konformità mal-Artikolu 45 jew ma' approvazzjonijiet tat-tip nazzjonali ta' vetturi prodotti f'serje żgħar li ngħataw f'konformità mal-Artikolu 42 huma eżentati mill-evalwazzjonijiet bejn il-pari.

Kwalunkwe valutazzjoni ta' servizzi tekniċi akkreditati minn awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jiġu eżentati minn evalwazzjonijiet bejn il-pari.

3. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ma għandhomx ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet bejn il-pari meta jiddeżinjaw is-servizzi tekniċi kollha tagħhom esklużivament abbażi tal-akkreditazzjoni tas-servizzi tekniċi.

4. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ma għandhiex tipprovdi servizzi ta' konsulenza fuq bażi kummerċjali jew kompetittiva.

5. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha jkollha biżżejjed persunal għad-dispożizzjoni tagħha biex twettaq il-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1)

6. Kull Stat Membru għandu jipprovi lill-Kummissjoni, lill-Forum u lill-Istati Membri l-oħrajn li jitolbuh l-informazzjoni dwar il-proċeduri tiegħu għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni u n-notifika tas-servizzi tekniċi u għall-monitoraġġ ta' servizzi tekniċi, u dwar kwalunkwe bidla fil-proċeduri.

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-mudell għall-għoti ta' informazzjoni dwar il-proċeduri tal-Istati Membri msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

7. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip li jkunu soġġetti għal evalwazzjonijiet bejn il-pari għandhom jistabbilixxu proċeduri għal awditjar intern f'konformità mal-Appendiċi 2 tal-Anness III. Tali awditjar intern għandu jsir mill-inqas darba fis-sena. Madankollu, il-frekwenza tal-awditjar intern tista' titnaqqas jekk l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' turi li s-sistema ta' ġestjoni tagħha qed tiġi implimentata b'mod effettiv u wriet li hija stabbli.

8. L-evalwazzjonijiet bejn il-pari ta' awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha titwettaq mill-inqas darba kull ħames snin minn tim ta' evalwazzjoni bejn il-pari magħmul minn żewġ awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip minn Stati Membri oħrajn.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tipparteċipa fit-tim ta' evalwazzjoni bejn il-pari abbażi ta' analiżi tal-valutazzjoni tar-riskju.

L-evalwazzjoni bejn il-pari għandha titwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità tal-approvazzjoni li tkun soġġetta għal evalwazzjoni, u għandha tinkludi żjara fil-bini tas-servizz tekniku magħżul fid-diskrezzjoni tat-tim ta' evalwazzjoni bejn il-pari.

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip li mhumiex soġġetti għal evalwazzjoni bejn il-pari f'konformità mal-paragrafu 3 ma għandhomx jiġu inklużi febda attività marbuta mat-tim ta' evalwazzjoni bejn il-pari.

9. B'kont debitament meħud tal-konsiderazzjonijiet tal-Forum, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstipulaw pjan għall-evalwazzjonijiet bejn il-pari li jkopri perijodu ta' mill-inqas ħames snin, fejn jiġu stabbiliti kriterji dwar il-kompożizzjoni tat-tim ta' evalwazzjoni bejn il-pari, il-metodoloġija użata għall-evalwazzjoni bejn il-pari, l-iskeda, il-perjodiċità u l-kompiti l-oħra marbuta mal-evalwazzjoni bejn il-pari. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

10. L-eżitu tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari għandu jiġi eżaminat mill-Forum. Il-Kummissjoni għandha theggi sommarji tal-eżitu ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari u tagħmilhom disponibbli għall-pubbliku.

#### Artikolu 68

#### Deżinjazzjoni ta' servizzi tekniċi

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jiddeżinjaw servizzi tekniċi għal waħda jew aktar mill-kategoriji ta' attivitajiet li ġejjin, skont il-qasam ta' kompetenza tagħhom:

- (a) kategorija A: it-testijiet imsemmija f'dan ir-Regolament u fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness II li jwettqu s-servizzi tekniċi fil-faċilitajiet tagħhom stess;
- (b) kategorija B: is-supervizzjoni tat-testijiet, li tinkludi t-tnejja tat-testijiet, imsemmija f'dan ir-Regolament u fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness II, fejn tali testijiet jitwettqu fil-faċilitajiet tal-manifattur jew fil-faċilitajiet ta' parti terza;
- (c) kategorija C: il-valutazzjoni u l-monitoraġġ fuq bażi regolari tal-proċeduri tal-manifattur għall-kontroll tal-konformità tal-produzzjoni;
- (d) kategorija D: is-supervizzjoni jew it-twettiq ta' testijiet jew spezzjonijiet għas-sorveljanza tal-konformità tal-produzzjoni.

2. Kull Stat Membru jista' jiddeżinja awtorità tal-approvazzjoni tat-tip bħala servizz tekniku għal waħda jew aktar mill-kategoriji ta' attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Servizz tekniku għandu jiġi stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u jkollu personalità ġuridika, ħliet għal servizzi tekniċi li jappartjenu lil awtorità tal-approvazzjoni tat-tip u ħliet għal servizzi tekniċi interni akkreditati tal-manifattur, kif imsemmi fl-Artikolu 72.

4. Servizz tekniku għandu jkollu assigurazzjoni ta' responsabbiltà għall-attivitajiet tiegħu, ħliet jekk tali responsabbiltà tintrefa' mill-Istat Membru tiegħu f'konformità mal-liġi nazzjonali, jew ħliet jekk l-Istat Membru nnifsu jkun direttament responsabbli mill-valutazzjoni tal-konformità.

5. Is-servizzi tekniċi ta' pajjiż terz, għajr dawk li ġew deżinjati f'konformità mal-Artikolu 72, jistgħu jiġu biss deżinjati u jiġu biss innotifikati lill-Kummissjoni għall-finijiet tal-Artikolu 74 meta jkun hemm ftehim bilaterali bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat li jipprevedi l-possibbiltà li jiġu deżinjati tali servizzi tekniċi. Dan ma għandux jipprevjeni lil servizz tekniku li jkun stabbilit skont il-liġi ta' Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu milli jistabbilixxi sussidjarji f'pajjiżi terzi, dment li dawk is-sussidjarji jkunu direttament ġestiti u kkontrollati mis-servizz tekniku deżinjat.

#### Artikolu 69

### L-indipendenza tas-servizzi tekniċi

1. Servizz tekniku, inkluż il-persunal tiegħu, għandu jkun indipendenti u għandu jwettaq l-attivitajiet li għalihom ikun ġie deżinjat bl-ogħla livell ta' integrità professjonali u bil-kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku li fih jopera u għandu jkun ħieles minn kull pressjoni u tentazzjonijiet, b'mod partikolari dawk finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tiegħu jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tiegħu, b'mod partikolari tali pressjonijiet jew tentazzjonijiet li jirriżultaw minn persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.

2. Servizz tekniku għandu jkun organizzazzjoni jew entità ta' parti terza li ma tkunx involuta fil-proċess tad-disinn, tal-manifattura, tal-forniment jew tal-manutenzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata li hija tivvaluta, tittestja jew tispezzjona.

Organizzazzjoni jew entità li tappartjeni għal assoċjazzjoni kummerċjali jew federazzjoni professjonali li tirrappreżenta lill-intrapriżi li huma involuti fid-disinn, fil-manifattura, fil-forniment jew fil-manutenzjoni tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li hija tivvaluta, tittestja jew tispezzjona, tista' titqies li tissodisfa r-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu, dment li l-indipendenza tagħha u n-nuqqas ta' kwalunkwe konflitt ta' interess jintwerew lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru rilevanti.

3. Servizz tekniku, il-maniġment fl-ogħla livell tiegħu u l-persunal responsabbli mit-tweġiq tal-attivitajiet li għalihom jiġu deżinjati f'konformità mal-Artikolu 68(1) ma għandhomx jiddisinjaw, jimmanifatturaw, ifornu jew jagħmlu l-manutenzjoni ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati vvalutati minnhom, u lanqas ma għandhom jirrappreżentaw lill-partijiet involuti f'dawk l-attivitajiet. Dan ma għandux jipprekludi l-użu ta' dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huma meħtieġa għall-operat tas-servizz tekniku jew għall-użu ta' tali vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati għal skopijiet personali.

4. Servizz tekniku għandu jiżgura li l-attivitajiet tas-sussidjarji jew tas-sottokuntratturi tiegħu ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività jew l-imparzjalità tal-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikun ġie deżinjat.

5. Il-membri tal-persunal ta' servizz tekniku għandhom josservaw is-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-tweġiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, ħliet b'raba mal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip u, fejn rilevanti, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni, fejn mitlub mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni.

#### Artikolu 70

### Il-kompetenza tas-servizzi tekniċi

1. Servizz tekniku għandu jkun jista' jwettaq l-attivitajiet kollha li għalihom ikun qed japplika biex jiġi deżinjat f'konformità mal-Artikolu 68(1). Huwa għandu juri lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip jew il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li qed iwettaq il-valutazzjoni jew il-monitoraġġ ta' dak is-servizz tekniku li jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) il-membri tal-persunal tiegħu għandhom il-ħiliet xierqa, l-għarfien tekniku speċifiku, it-taħriġ vokazzjonali u esperjenza xierqa u suffiċjenti sabiex iwettqu l-attivitajiet li għalihom is-servizz tekniku qed japplika biex jiġi deżinjat;
- (b) li jippossjedi deskrizzjonijiet tal-proċeduri rilevanti għat-tweġiq tal-attivitajiet li għalihom qed japplika biex jiġi deżinjat, b'kont debitu meħud tal-livell ta' kumplessità tat-teknoloġija tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata rilevanti inkwistjoni, kif ukoll tan-natura ta' massa jew ta' serje tal-proċess ta' produzzjoni. Is-servizz tekniku għandu juri t-trasparenza u r-riproduċibbiltà ta' dawk il-proċeduri;
- (c) li għandu l-mezzi meħtieġa biex iwettaq il-kompiti konnessi mal-kategorija jew kategoriji ta' attivitajiet li għalihom qed japplika biex jiġi deżinjat u li jkollu aċċess għat-tagħmir jew għall-faċilitajiet kollha meħtieġa.

2. Servizz tekniku għandu juri wkoll li għandu l-ħiliet xierqa, l-għarfien tekniku speċifiku u esperjenza ppruvata biex iwettaq it-testijiet u l-ispezzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati ma' dan ir-Regolament u għandu juri l-konformità tiegħu mal-istandards elenkati fl-Appendiċi 1 għall-Anness III. Madankollu, l-istandards elenkati fl-Appendiċi 1 għall-Anness III ma japplikawx għall-finijiet tal-aħħar stadju ta' proċedura nazzjonali ta' diversi stadji kif imsemmi fl-Artikolu 47(1).

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 82 li jemendaw l-Anness III fir-rigward tar-reqwiziti għall-valutazzjoni tas-servizzi tekniċi.

#### Artikolu 71

### Sussidjarji tas-servizzi tekniċi u sottokuntrattar minnhom

1. Is-servizzi tekniċi jistgħu jissottokuntrattaw, bi qbil mal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja, uħud mill-kategoriji ta' attivitajiet li jkunu ġew deżinjati għalihom f'konformità mal-Artikolu 68(1), jew inkella jqabdu sussidjarju biex iwettaq dawk l-attivitajiet għalihom.

2. Fejn servizz tekniku jissottokuntratta kompiti speċifiċi minn fost il-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikun ġie deżinjat jew għandu sussidjarju biex iwettaq dawk il-kompiti, huwa għandu jiżgura li s-sottokuntrattur jew is-sussidjarju jkun konformi mar-reqwiziti stabbiliti fl-Artikoli 68, 69 u 70 u għandu jgħarraf lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip b'dan.

3. Is-servizzi tekniċi għandhom jerfġu r-responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa mis-sottokuntratturi jew mis-sussidjarji tagħhom, irrISPETTIVAMENT mill-post ta' stabbiliment tagħhom.

4. Is-servizzi tekniċi għandhom iżommu, għad-dispożizzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja, id-dokumenti rilevanti li jikkonċernaw il-valutazzjoni mwettqa mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip jew l-akkreditazzjoni mwettqa mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarju u l-kompiti mwettqa minnhom.

#### Artikolu 72

### Servizz tekniku intern tal-manifattur

1. Servizz tekniku intern ta' manifattur jista' jiġi deżinjat bħala servizz tekniku għal attivitajiet taħt il-kategorija A kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 68(1) u biss fir-rigward tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness VII. Servizz tekniku intern għandu jikkostitwixxi parti separata u distinta tal-kumpannija tal-manifattur u ma għandux ikun involut fid-disinn, fil-manifattura, fil-forniment jew fil-manutenzjoni tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li huwa jivvaluta.

2. Servizz tekniku intern imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun konformi mar-reqwiziti li ġejjin:

(a) ikun ġie akkreditat minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni u jikkonforma mar-reqwiziti stabbiliti fl-Appendiċijiet 1 u 2 tal-Anness III;

(b) is-servizz tekniku intern, inkluż il-persunal tiegħu, ikun identifikabbli fuq livell organizzazzjonali u jkollu metodi ta' rapportar fil-kumpannija tal-manifattur li jiffirma parti minnha li jiżguraw l-imparzjalità tiegħu u juri dik l-imparzjalità lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip u lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni rilevanti;

(c) la s-servizz tekniku intern u lanqas il-persunal tiegħu ma jkun involut f'attività li tista' tkun konfliġġenti mal-indipendenza jew l-integrità tiegħu sabiex iwettaq l-attivitajiet li għalihom ġie deżinjat;

(d) iforni s-servizzi tiegħu biss lill-kumpannija tal-manifattur li jiffirma parti minnha.

3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jemendaw l-Anness VII sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi tekniċi u regolatorji billi tiġi aġġornata l-lista ta' atti regolatorji u r-restrizzjonijiet inklużi fihom.

#### Artikolu 73

### Valutazzjoni u deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi

1. Is-servizz tekniku applikant għandu jressaq applikazzjoni formali lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru li fih jitlob li jiġi deżinjat f'konformità mal-punt 4 tal-Appendiċi 2 tal-Anness III. L-applikazzjoni għandha tispeċifika l-kategoriji tal-attivitajiet li għalihom is-servizz tekniku qed japplika biex jiġi deżinjat.



2. Qabel ma awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tiddeżinja servizz tekniku, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip jew il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandhom jivvalutawh skont lista ta' kontroll tal-valutazzjoni li tal-inqas tkopri r-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 2 tal-Anness III. Il-valutazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni fuq il-post fil-bini tas-servizz tekniku li japplika, u, fejn rilevanti, ta' kwalunkwe sussidjarju jew sottokuntrattur, li jkun jinsab kemm ġewwa jew barra l-Unjoni.

3. Fil-każijiet fejn il-valutazzjoni ssir minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni, is-servizz tekniku applikant għandu jagħti lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ċertifikat ta' akkreditazzjoni validu u r-rapport ta' valutazzjoni korrispondenti li jattestaw li s-servizz tekniku jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 2 tal-Anness III għall-kategoriji tal-attivitàjiet li s-servizz tekniku applikant ikun qed japplika biex jiġi deżinjat għalihom.

4. F'każijiet fejn il-valutazzjoni ssir mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru li lillu s-servizz tekniku applikant ikun talab li jiġi deżinjat għandha formalment taħtar tim ta' valutazzjoni konġunta li jkun jinkludi wkoll rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' mill-inqas żewġ Stati Membri oħra u rappreżentant tal-Kummissjoni.

Fejn is-servizz tekniku japplika biex jiġi deżinjat fi Stat Membru għajr l-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, wieħed mir-rappreżentanti tat-tim ta' valutazzjoni konġunta għandu jkun mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu, ħliet jekk l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tiddeċiedi kontra l-parteċipazzjoni fit-tim ta' valutazzjoni konġunta.

It-tim ta' valutazzjoni konġunta għandu jipparteċipa fil-valutazzjoni tas-servizz tekniku applikant, inkluż il-valutazzjoni fuq il-post. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja tal-Istat Membru li fih is-servizz tekniku applikant ikun talab li jiġi deżinjat għandha tagħti lit-tim ta' valutazzjoni konġunta l-assistenza kollha neċessarja u tipprovdi aċċess fil-ħin għad-dokumentazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiġi vvalutat is-servizz tekniku applikant.

5. F'każijiet fejn il-valutazzjoni ssir mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li jiddeżinjaw servizzi tekniċi li japplikaw biex iwettqu testijiet esklużivament għal approvazzjonijiet ta' vetturi individwali nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 45, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru li fih is-servizz tekniku applikant ikun talab li jiġi deżinjat għandha tkun eżentata mill-obbligu li taħtar tim ta' valutazzjoni konġunta. Is-servizzi tekniċi li jikkontrollaw biss l-installazzjoni korretta tal-komponenti fil-kategoriji O<sub>1</sub> u O<sub>2</sub> għandhom jiġu eżentati wkoll mill-valutazzjoni.

6. Jekk is-servizz tekniku jkun talab li jiġi deżinjat minn waħda jew iktar awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip minn Stati Membri li ma jkunux l-Istat Membru li fih huwa stabbilit f'konformità mal-Artikolu 74(2), il-valutazzjoni għandha ssir darba biss, dment li f'dik il-valutazzjoni jkun ġie kopert l-ambitu kollu tad-deżinjazzjoni tas-servizz tekniku.

7. Matul il-proċess ta' valutazzjoni, it-tim ta' valutazzjoni konġunta għandu jippreżenta s-sejbiet tiegħu li jikkonċernaw in-nonkonformità tas-servizz tekniku applikant mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 68 sa 72, fl-Artikoli 80 u 81 u fl-Appendiċi 2 tal-Anness III. Tali sejbiet għandhom jiġu diskussi fi ħdan it-tim ta' valutazzjoni konġunta.

8. Wara li tkun saret il-valutazzjoni fuq il-post, it-tim ta' valutazzjoni konġunta għandu jipproduċi rapport li jstabilixxi sa fejn is-servizz tekniku applikant jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 68 sa 72, fl-Artikoli 80 u 81 u fl-Appendiċi 2 tal-Anness III.

9. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 8 għandu jinkludi sommarju ta' kwalunkwe nonkonformità identifikata, flimkien ma' rakkomandazzjoni dwar jekk l-applikant jistax jiġi deżinjat bħala servizz tekniku.

10. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-qasam tal-għarfien espert tar-rappreżentanti tagħha li ser jipparteċipaw fit-tim ta' valutazzjoni konġunta.

11. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn is-servizz tekniku applikant talab li jiġi deżinjat għandha tibgħat ir-rapport dwar l-eżitu tal-valutazzjoni f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Appendiċi 2 tal-Anness III, lill-Kummissjoni u, fuq talba, lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istati Membri l-oħrajn. Dak ir-rapport għandu jinkludi evidenza dokumentarja dwar il-kompetenza tas-servizz tekniku u l-arranġamenti li jkollha stabbiliti l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għall-monitoraġġ regolari tas-servizz tekniku.

12. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni jistgħu jirrieżaminaw ir-rapport ta' valutazzjoni u l-evidenza dokumentarja, iqajmu mistoqsijiet jew tħassib u jitolbu iktar evidenza dokumentarja fi żmien xahar mid-data meta jirċievu r-rapport tal-valutazzjoni u l-evidenza dokumentarja.

13. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn is-servizz tekniku applikant ikun talab biex jiġi deżinjat għandha twieġeb għall-mistoqsijiet, it-tħassib u t-talbiet għal iktar evidenza dokumentarja fi żmien erba' ġimgħat minn meta jaslulha.

14. Fi żmien erba' ġimgħat mir-riċezzjoni tat-tweġiba msemmija fil-paragrafu 13, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istati Membri l-oħrajn jew il-Kummissjoni jistgħu, b'mod individwali jew konġunt, jindirizzaw rakkomandazzjonijiet lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn is-servizz tekniku applikant ikun talab biex jiġi deżinjat. Dik l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet meta tieħu d-deċiżjoni dwar id-deżinjazzjoni tas-servizz tekniku. Fejn dik l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tiddeċiedi li ma ssegwix ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati mill-Istati Membri l-oħrajn jew mill-Kummissjoni, għandha tagħti r-raġunijiet għal dan fi żmien ġimgħtejn minn meta tieħu d-deċiżjoni tagħha.

15. Il-validità tad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi għandha tkun limitata għal massimu ta' ħames snin.

16. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li beħsiebha tiġi deżinjata bħala servizz tekniku f'konformità mal-Artikolu 68(2) għandha tiddokumenta l-konformità ma' dan ir-Regolament permezz ta' valutazzjoni mwettqa minn awdituri indipendenti. Dawk l-awdituri jistgħu jkunu mill-istess organizzazzjoni dment li huma ġestiti b'mod awtonomu mill-persunal li jkun qed jagħmel l-attività vvalutata, u dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Appendiċi 2 tal-Anness III.

#### Artikolu 74

##### **Notifika lill-Kummissjoni dwar id-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi**

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-isem, l-indirizz, inkluż l-indirizz elettroniku, il-persuni responsabbli u l-kategorija tal-attivitajiet ta' kull servizz tekniku li huma jkunu ddeżinjaw. Innotifika għandha tispeċifika b'mod ċar l-ambitu tad-deżinjazzjoni, l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità u l-proċeduri, it-tip ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, u s-suġġetti elenkati fl-Anness II li għalihom ġew deżinjati s-servizzi tekniċi, kif ukoll kwalunkwe sottokuntrattur jew sussidjarju tas-servizzi tekniċi, u kwalunkwe modifika sussegwenti għal kwalunkwe wieħed minn dawk id-dettalji.

Tali notifika għandha ssir qabel is-servizz tekniku dezinjat ikkonċernat iwettaq kwalunkwe attività msemmija fl-Artikolu 68(1).

2. Servizz tekniku jista' jiġi deżinjat minn waħda jew iktar awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' Stati Membri li ma jkunux l-Istat Membru li fih huwa stabbilit, dment li l-ambitu kollu tad-deżinjazzjoni mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ikun kopert minn akkreditazzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 73(3), jew permezz ta' valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 73(4).

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha, u taġġorna, lista bid-dettalji għal kuntatt mas-servizzi tekniċi deżinjati, is-sottokuntratturi u s-sussidjarji tagħhom li ġew innotifikati lilha f'konformità ma' dan l-Artikolu.

#### Artikolu 75

##### **Tibdil fid-deżinjazzjonijiet tas-servizzi tekniċi u t-tiġdid tagħhom**

1. Fejn l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tkun aċċertat jew ġiet mġharrfa li servizz tekniku ma għadux konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, dik l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirrestrinġi, tissospendi jew tirtira d-deżinjazzjoni kif xieraq, skont il-gravità tan-nonkonformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

L-awtorità nazzjonali għandha tinnotifika minnufih lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istati Membri l-oħrajn dwar kwalunkwe restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' deżinjazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-lista msemmija fl-Artikolu 74(3) kif xieraq.

2. Fil-każ ta' restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar tad-deżinjazzjoni, jew meta s-servizz tekniku jkun waqqaf l-attività tiegħu, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha żżomm il-fajls ta' dak is-servizz tekniku disponibbli għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni jew għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew titrasferixxi dawk il-fajls lil servizz tekniku ieħor magħżul mill-manifattur bi qbil ma' dak is-servizz tekniku.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tivvaluta fi żmien tliet xhur min-notifika msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 jekk in-nonkonformità tas-servizz tekniku għandhiex impatt fuq iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE maħruġa abbażi tar-rapporti tal-ispezzjoni u t-testijiet maħruġin mis-servizz tekniku soġġett għall-bidla fid-deżinjazzjoni u tinforma lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan.

Fi żmien xahrejn mindu tkun innotifikat il-bidliet fid-deżinjazzjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tissottometti rapport dwar is-sejbiet tagħha dwar in-nonkonformità lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip l-oħrajn. Fejn meħtieġ, sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li diġà tqiegħdu fis-suq, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja għandha tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ikkonċernati sabiex jissospendu jew jirtiraw, fi ħdan perijodu ta' żmien raġonevoli, kwalunkwe ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE li ma kellux jinħareġ.

4. Fejn d-deżinjazzjoni ta' servizzi tekniċi tkun ġiet ristretta, sospiża jew irtirata, iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE li nħarġu abbażi tar-rapporti tal-ispezzjoni u tat-testijiet maħruġin minn dawk is-servizzi tekniċi għandhom jibqgħu validi ħlief jekk dawk l-approvazzjonijiet tat-tip isiru invalidi f'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 35(2).

5. L-estensjonijiet tal-ambitu tad-deżinjazzjoni tas-servizz tekniku li jwasslu għad-deżinjazzjoni ta' kategorija addizzjonali ta' attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 68(1) għandhom jiġu vvalutati f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 73.

Jistgħu jsiru estensjonijiet tal-ambitu ta' deżinjazzjoni tas-servizz tekniku biss għall-atti regolatorji elenkati fl-Anness II f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Appendiċi 2 tal-Anness III u soġġett għan-notifika msemmija fl-Artikolu 74.

6. Id-deżinjazzjoni ta' servizz tekniku għandha tiġġedded biss wara li l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tkun ivverifikat li s-servizz tekniku għadu jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Dik il-valutazzjoni għandha ssir f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 73.

#### Artikolu 76

### Monitoraġġ tas-servizzi tekniċi

1. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja għandha timmonitorja kontinwament is-servizzi tekniċi sabiex tiżgura li tinżamm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 68 sa 72, fl-Artikoli 80 u 81, u fl-Appendiċi 2 għall-Anness III.

L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandu japplika għal ebda attività tas-servizzi tekniċi li hija mmonitorjata mill-korpi ta' akkreditazzjoni f'konformità mal-Artikolu 67(1) biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 68 sa 72, fl-Artikoli 80 u 81 u fl-Appendiċi 2 tal-Anness III.

Fuq talba, is-servizzi tekniċi għandhom jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha li jkunu meħtieġa sabiex l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja jew korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkunu jistgħu jivverifikaw il-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

Is-servizzi tekniċi għandhom jinformat, mingħajr dewmien, lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja jew lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni dwar kwalunkwe bidla, b'mod partikolari rigward il-persunal, il-faċilitajiet, is-sussidjarji jew is-sottokuntratturi tagħhom, li tista' taffettwa l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 68 sa 72, fl-Artikoli 80 u 81, u fl-Appendiċi 2 tal-Anness III, jew il-ħila tagħhom li jwettqu l-kompiti tal-valutazzjoni tal-konformità marbutin mal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li ġew deżinjati għalihom.

2. Is-servizzi tekniċi għandhom iwiegħu mingħajr dewmien għal talbiet minn awtorità tal-approvazzjoni tat-tip jew mill-Kummissjoni b'rabta mal-valutazzjonijiet tal-konformità li jkunu wettqu.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja għandha tiżgura li s-servizz tekniku jwettaq l-obbligu tiegħu stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ħlief jekk ikun hemm raġuni leġittima għaliex ma jagħmilx dan.

Fejn dik l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tirrikonoxxi raġuni leġittima, għandha tgħarraf lill-Kummissjoni b'dan.

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri mingħajr dewmien. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddeċiedi jekk ir-raġuni leġittima hijiex iġġustifikata jew le. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

Is-servizz tekniku u l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja tista' titlob li kwalunkwe informazzjoni mibgħuta lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ta' Stat Membru ieħor jew lill-Kummissjoni tiġi trrattata b'mod kunfidenzjali.

4. Tal-inqas kull 30 xahar, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja għandha tivvaluta jekk kull servizz tekniku taħt ir-responsabbiltà tagħha għadux jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 68 sa 72, fl-Artikoli 80 u 81, u fl-Appendiċi 2 għall-Anness III. Dik il-valutazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni fuq il-post lil kull servizz tekniku taħt ir-responsabbiltà tagħha.

Fi żmien xahrejn mill-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni tas-servizz tekniku, kull Stat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar l-attivitajiet ta' monitoraġġ tiegħu. Dawk ir-rapporti għandu jkun fihom sommarju tal-valutazzjoni, li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni pubblika.

*Artikolu 77***Kontestazzjoni tal-kompetenza tas-servizzi tekniċi**

1. Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru kkonċernat, għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn tkun ingibditilha l-attenzjoni għat-tħassib dwar il-kompetenza ta' servizz tekniku jew dwar il-konformità kontinwa minn servizz tekniku mar-rekwiżiti u tar-responsabbiltajiet li huwa soġġett għalihom skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tista' wkoll tiftaħ tali investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja.

Il-Kummissjoni għandha tinvestiga r-responsabbiltà tas-servizz tekniku fil-każ fejn jintwera jew fejn hemm raġunijiet iġġustifikati biex jitqies, li nġhatat approvazzjoni tat-tip abbażi ta' data falza, jew li r-riżultati tal-ittestjar ġew iffalsifikati jew li nżammet data jew speċifikazzjonijiet tekniċi li kienu jwasslu għar-rifjut tal-approvazzjoni tat-tip.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja, bħala parti mill-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Dik l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, fuq talba, l-informazzjoni rilevanti kollha relatata mal-prestazzjoni u l-konformità tar-rekwiżiti li jikkonċernaw l-indipendenza u l-kompetenza tas-servizz tekniku kkonċernat.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni sensittiva kollha miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tiġi trattata b'mod kunfidenzjali.

4. Fejn il-Kummissjoni taċċerta li servizz tekniku mhux konformi jew ma għadux konformi mar-rekwiżiti għad-deżinjazzjoni tiegħu jew li huwa responsabbli għal xi waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, hija għandha tgħarraf b'dan lill-Istat Membru tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja.

Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha titlob lil dak l-Istat Membru sabiex jieħu miżuri restrittivi, inklużi r-restrizzjoni, is-sospensjoni jew l-irtirar tad-deżinjazzjoni.

Fejn Stat Membru jonqos milli jieħu l-miżuri restrittivi neċessarji, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddeċiedi li tirrestrinġi, tissospendi jew tirtira d-deżinjazzjoni tas-servizz tekniku kkonċernat. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2). Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat dwar dawk l-atti ta' implimentazzjoni u għandha taġġorna l-informazzjoni ppubblikata msemmija fl-Artikolu 74(3) kif xieraq.

*Artikolu 78***L-iskambju ta' informazzjoni dwar il-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi**

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jikkonsultaw lil xulxin u lill-Kummissjoni fuq mistoqsijiet b'rilevanza ġenerali fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament b'rabta mal-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jikkomunikaw lil xulxin u lill-Kummissjoni l-mudell għal-lista ta' kontroll tal-valutazzjoni użat skont l-Artikolu 73(2) sal-5 ta' Lulju 2020 u, sussegwentement, l-adattamenti li jkunu saru f'dik il-lista ta' kontroll, sa meta l-Kummissjoni tkun adottat lista ta' kontroll tal-valutazzjoni armonizzata. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-mudell tal-lista ta' kontroll tal-valutazzjoni armonizzata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 83(2).

3. Fejn ir-rapporti tal-valutazzjoni msemmijin fl-Artikolu 73(8) jindikaw diskrepanzi fil-prattika ġenerali tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni jistgħu jitolbu skambju ta' informazzjoni.

L-iskambju ta' informazzjoni għandu jiġi kkoordinat mill-Forum.

*Artikolu 79***Kooperazzjoni ma' korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni**

1. Fejn id-deżinjazzjoni ta' servizz tekniku tkun ibbażata fuq l-akkreditazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni u l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jikkooperaw b'mod sħiħ u għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008, inkluż rapporti ta' inċidenti u informazzjoni oħra marbutin ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kontroll tas-servizz tekniku meta dik l-informazzjoni tkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-servizz tekniku.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit is-servizz tekniku żżomm lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni inkarigat mill-akkreditazzjoni ta' servizz tekniku partikolari informat dwar kwalunkwe sejba li tkun rilevanti għall-akkreditazzjoni. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jgħarraf lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit is-servizz tekniku dwar is-sejbiet tiegħu.

*Artikolu 80***Obbligi operazzjonali tas-servizzi tekniċi**

1. Is-servizzi tekniċi għandhom iwettqu l-attivitajiet li għalihom ġew iddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 68(1).
2. F'kull hin, is-servizzi tekniċi għandhom:
  - (a) jippermettu lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja li tkun xhud għat-tweqqig tas-servizz tekniku matul l-ittestjar għall-approvazzjoni tat-tip; u
  - (b) fuq talba, jipprovdu lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja informazzjoni dwar il-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ġew iddeżinjati.
3. Fejn servizz tekniku jsib li manifattur mhuwiex konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, huwa għandu jirrapporta din in-nonkonformità lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip sabiex dik l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tkun tista' titlob lill-manifattur jieħu miżuri korrettivi xierqa. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tirrifjuta li toħroġ ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip meta ma jkunux ittieħdu dawk il-miżuri korrettivi xierqa.

*Artikolu 81***Obbligi ta' informazzjoni tas-servizzi tekniċi**

1. Is-servizzi tekniċi għandhom jgħarrfu lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja dwar dawn li ġejjin:
  - (a) kwalunkwe nonkonformità li ltaqgħu magħha u li tista' tirrikjedi r-rifjut, restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip;
  - (b) kwalunkwe ċirkostanza li taffettwa l-ambitu u l-kondizzjonijiet għad-deżinjazzjoni tagħhom;
  - (c) kwalunkwe talba għall-informazzjoni li rċewew mingħand l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rigward l-attivitajiet tagħhom.
2. Fuq talba mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tiddeżinja, is-servizzi tekniċi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tad-deżinjazzjoni tagħhom jew dwar kwalunkwe attività oħra li għet imwettqa minnhom, fosthom attivitajiet transkonfinali u sottokuntrattar.

## KAPITOLU XVI

**SETGĦAT DELEGATI U TA' IMPLIMENTAZZJONI***Artikolu 82***Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 26(3), l-Artikolu 30(8), l-Artikolu 31(8), l-Artikolu 41(5), l-Artikolu 44(7), l-Artikolu 55(3) u (4), l-Artikolu 57(2), l-Artikolu 61(11), l-Artikolu 70(3), l-Artikolu 72(3) u l-Artikolu 85(2) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-4 ta' Lulju 2018. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 26(3), l-Artikolu 30(8), l-Artikolu 31(8), l-Artikolu 41(5), l-Artikolu 44(7), l-Artikolu 55(3) u (4), l-Artikolu 57(2), l-Artikolu 61(11), l-Artikolu 70(3), l-Artikolu 72(3) u l-Artikolu 85(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċizzjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċizzjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċizzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(3), l-Artikolu 26(3), l-Artikolu 30(8), l-Artikolu 31(8), l-Artikolu 41(5), l-Artikolu 44(7), l-Artikolu 55(3) u (4), l-Artikolu 57(2), l-Artikolu 61(11), l-Artikolu 70(3), l-Artikolu 72(3) u l-Artikolu 85(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkun hemm ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmwaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

### Artikolu 83

#### Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur (TCMV). Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

### KAPITOLU XVII

#### DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

### Artikolu 84

#### Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur mill-operaturi ekonomiċi u s-servizzi tekniċi ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. B'mod partikolari, daww il-penali għandhom ikunu proporzjonati għall-gravità ta' nonkonformità u għall-għadd ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi li jittieqgħdu għad-disponibbiltà fis-suq tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri għandhom, sal-1 ta' Settembru 2020, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u daww il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolgħothom.

2. It-tipi ta' ksur mill-operaturi ekonomiċi u s-servizzi tekniċi soġġetti għal penali għandhom ikunu tal-inqas dawn li ġejjin:

- (a) dikjarazzjonijiet foloz matul il-proċeduri tal-approvazzjoni jew miżuri korrettivi jew restrittivi imposti f'konformità mal-Kapitolu XI;
- (b) l-iffalsifikar tar-riżultati tat-testijiet għal approvazzjoni tat-tip jew għas-sorveljanza tas-suq;
- (c) iż-żamma ta' data jew speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu jwasslu għas-sejħa lura ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati jew għar-rifjut jew l-irtirar ta' ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE;
- (d) in-nonkonformità tas-servizzi tekniċi fir-rigward tar-rekwiżiti għad-deżinjazzjoni tagħhom.

3. Minbarra t-tipi ta' ksur stipulati fil-paragrafu 2, it-tipi ta' ksur mill-operaturi ekonomiċi li huma wkoll soġġetti għall-penali għandhom tal-inqas ikunu dawn li ġejjin:

- (a) ir-rifjut tal-għoti ta' aċċess għall-informazzjoni;
- (b) it-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati soġġetti għal approvazzjoni mingħajr tali approvazzjoni jew l-iffalsifikar ta' dokumenti, ċertifikati ta' konformità, pjanċi statutorji jew marki tal-approvazzjoni b'dik l-intenzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull sena dwar il-penali li jkun imponew fis-sena preċedenti. Fil-każ li ma jkun ġie impost ebda penali f'sena partikolari l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jirrapportaw lill-Kummissjoni.

5. Kull sena, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fil-qosor dwar il-penali imposti mill-Istati Membri. Dak ir-rapport jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri u għandu jiġi ppreżentat lill-Forum.

## Artikolu 85

**Multi amministrattivi b'appoġġ għal miżuri korrettivi u restrittivi fil-livell tal-Unjoni**

1. Meta l-Kummissjoni tiegħi deċiżjonijiet skont l-Artikolu 53, hija tista' timponi multi amministrattivi fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati għal nonkonformità tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata marrekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-multi amministrattivi previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. B'mod partikolari l-multi għandhom ikunu proporzjonati mal-għadd ta' vetturi mhux konformi rreġistrati fis-suq tal-Unjoni, jew man-numru ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi mqiegħda għad-disponibbiltà fis-suq tal-Unjoni.

Il-multi amministrattivi imposti mill-Kummissjoni ma għandhomx ikunu addizzjonali għall-penali imposti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 84 għall-istess ksur. Il-multi amministrattivi imposti mill-Kummissjoni ma għandhomx jaqġbu EUR 30 000 għal kull vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li ma tkunx konformi.

Il-Kummissjoni ma tistax tressaq, tibda mill-bidu jew tkompli proċedimenti taħt dan l-Artikolu kontra operaturi ekonomiċi għal ksur ta' dan ir-Regolament li għalih l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jkunu ġew ippenalizzati jew iddikjarati bħala mhux responsabbli f'konformità mal-Artikolu 84 minn deċiżjoni preċedenti li ma tistax terġa' tiġi kkontestata.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, abbażi tal-prinċipji stipulati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu l-proċedura għal, u l-metodi għall-kalkolu u l-ġbir ta', il-multi amministrattivi msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-atti delegati msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

- (a) il-proċedura mill-Kummissjoni għandha tirrispetta d-dritt għal amministrazzjoni tajba, u b'mod partikolari d-dritt li wieħed jinstema' u d-dritt ta' aċċess għall-fajl, filwaqt li jiġi rrispettati l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità u sigrietà kummerċjali;
- (b) fil-kalkolu tal-multa amministrattiva xierqa, il-Kummissjoni għandha tkun iggwidata mill-prinċipji ta' effettività, proporzjonalità u dissważività, filwaqt li jittieħed kont, fejn rilevanti, tal-gravità u l-effetti tal-ksur, il-bona fide tal-operatur ekonomiku kkonċernat, il-livell ta' diliġenza u kooperazzjoni tal-operatur ekonomiku, ir-repetizzjoni, il-frekwenza jew it-tul tal-ksur kif ukoll sanzjonijiet imposti qabel fuq l-istess operatur ekonomiku;
- (c) il-multi amministrattivi għandhom jinġabru mingħajr dewmien żejjed billi jiġi ffixxati skadenzi għall-ħlas u, skont il-każ, tiġi inklużi l-possibbiltà li l-ħlas jinqasam f'diversi pagamenti u fażijiet.

4. L-ammonti ta' multi amministrattivi għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

## Artikolu 86

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 715/2007**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'li ġej:

"Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6)";

(2) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'li ġej:

"2. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-konformità waqt is-servizz, għad-durabbiltà tal-mezzi għall-kontroll tat-tniġġis, għas-sistemi dijanjostiċi abbord (OBD) tal-vetturi u għall-kejl tal-konsum tal-karburanti.";

(3) fl-Artikolu 3, il-punti 14 u 15 huma mħassrin;

(4) il-Kapitolu III huwa mħassar;

(5) fl-Artikolu 13(2), il-punt (e) huwa mħassar.

2. Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet imħassrin tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fil-punt 1 tal-Anness XI għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 87***Emendi għar-Regolament (KE) Nru 595/2009**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'li ġej:

“Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE”;

(2) fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'li ġej:

“Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli għall-konformità waqt is-servizz ta' vetturi u magni, għad-durabbiltà tal-mezzi għall-kontroll tat-tniġġis, għas-sistemi dijanjostiċi abbord (OBD) tal-vetturi u għall-kejl tal-konsum tal-karburanti u tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>.”

(3) fl-Artikolu 3, il-punti 11 u 13 huma mħassrin;

(4) l-Artikolu 6 huwa mħassar;

(5) fl-Artikolu 11(2), il-punt (e) huwa mħassar.

2. Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet imħassrin tar-Regolament (KE) Nru 595/2009 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fil-punt 2 tal-Anness XI għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 88***Tħassir tad-Direttiva 2007/46/KE**

Id-Direttiva 2007/46/KE titħassar b'effett mill-1 ta' Settembru 2020.

Ir-referenzi għad-Direttiva 2007/46/KE għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fil-punt 3 tal-Anness XI għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 89***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

1. Dan ir-Regolament ma għandu jinvalida l-ebda approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha jew approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija lil vetturi jew lil sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati sal-31 ta' Awwissu 2020.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jagħtu estensjonijiet u reviżjonijiet tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-vettura kollha u approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti jew għall-unitajiet tekniċi separati msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikoli 33 u 34.

3. Is-servizzi tekniċi diġà deżinjati qabel l-4 ta' Lulju 2018 għandhom ikunu soġġetti għall-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 73.

Id-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi diġà deżinjati qabel l-4 ta' Lulju 2018 għandha tiġġedded sal-5 ta' Lulju 2022 fejn dawk is-servizzi tekniċi jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Il-validità tad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi magħmula qabel l-4 ta' Lulju 2018 għandha tintemm sal-5 ta' Lulju 2022.

*Artikolu 90***Rapportar**

1. Sal-1 ta' Settembru 2025, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip u l-proċeduri ta' sorveljanza tas-suq stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Sal-1 ta' Settembru 2026, abbażi tal-informazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż dwar il-funzjonament tal-verifika ta' konformità skont l-Artikolu 9.



*Artikolu 91***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2020.

Madankollu, mill-5 ta' Lulju 2020, l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip ġdid ta' vettura, jew jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' vettura ġdida fejn il-vettura kkonċernata tikkonforma ma' dan ir-Regolament, jekk manifattur jitlob dan.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-30 ta' Mejju 2018.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

A. TAJANI

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. PAVLOVA

\_\_\_\_\_

## LISTA TA' ANNESSI

Anness I	Definizzjonijiet ġenerali, kriterji għat-tqassim tal-vetturi f'kategoriji, tipi ta' vetturi u tipi ta' karożzeriji
Appendiċi 1:	Il-proċedura għall-kontroll ta' jekk vettura tistax tiġi kategorizzata bħala vettura off-road
Appendiċi 2:	Il-figuri użati biex jissupplimentaw il-kodiċijiet li ser jintużaw għal diversi tipi ta' karożzerija
Anness II	Rekwiżiti għall-finijiet ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati
Parti I	Atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vetturi prodotti f'serje illimitata
Appendiċi 1:	Atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vetturi prodotti f'serje żgħira skont l-Artikolu 41
Appendiċi 2:	Rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-UE ta' vetturi individwali skont l-Artikolu 44
Parti II	Lista ta' Regolamenti tan-NU rikonoxxuti bħala alternattiva għad-Direttivi jew ir-Regolamenti li hemm referenza għalihom fil-Parti I
Parti III	Lista ta' atti regolatorji li jstabbilixxu r-rekwiżiti għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vetturi bi skop speċjali
Appendiċi 1:	Karavans bil-mutur, ambulanzi u karożżi tal-mejtin
Appendiċi 2:	Vetturi blindati
Appendiċi 3:	Vetturi aċċessibbli għal siġġijiet tar-roti
Appendiċi 4:	Vetturi oħra bi skop speċjali (inkluż il-grupp speċjali, vetturi għall-ġarr ta' tagħmir u karavan li jinġibed)
Appendiċi 5:	Krejnijiet mobbli
Appendiċi 6:	Vetturi għat-trasport ta' tagħbijiet eċċezzjonali
Anness III	Il-proċeduri li jridu jiġu segwiti fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE
Appendiċi 1:	Standards li s-servizzi tekniċi msemmija fl-Artikolu 68 għandhom jikkonformaw magħhom
Appendiċi 2:	Proċedura għall-valutazzjoni tas-servizzi tekniċi
Anness IV	Konformità tal-proċeduri ta' produzzjoni
Anness V	Limiti ta' serje żgħira u ta' tmiem is-serje
Anness VI	Lista tal-partijiet jew tagħmir li jistgħu jippreżentaw riskju serju għall-funzjonament korrett ta' sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni ta' tali partijiet u tagħmir, il-proċeduri ta' ttestjar xierqa, u d-dispożizzjonijiet tal-immarkar u l-ippakkjar
Anness VII	Atti regolatorji li għalihom manifattur jista' jiġi deżinjat bħala servizz tekniku
Appendiċi:	Deżinjazzjoni ta' servizz tekniku intern ta' manifattur bħala servizz tekniku u sottokuntrattar
Anness VIII	Kondizzjonijiet għall-użu ta' metodi ta' ttestjar virtwali minn manifattur jew servizz tekniku
Appendiċi 1:	Kondizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' metodi ta' ttestjar virtwali

Appendiċi 2:	Kondizzjonijiet speċifiċi għall-użu ta' metodi ta' ttestjar virtwali
Appendiċi 3:	Proċess ta' validazzjoni
Anness IX	Proċeduri li għandhom jiġu segwiti matul l-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji
Appendiċi:	Mudell tal-pjanċa addizzjonali tal-manifattur
Anness X	L-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura
Appendiċi 1:	Iċ-ċertifikat tal-manifattur dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura
Appendiċi 2:	Informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura
Anness XI	Tabella ta' korrelazzjoni

## ANNEX I

DEFINIZZJONIJET ĠENERALI, KRITERJI GĦAT-TQASSIM TAL-VETTURI F'KATEGORIJI, TIPI TA' VETTURI  
U TIPI TA' KAROZZERJI

## PARTI INTRODUTTORJA

**Definizzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Definizzjonijiet
  - 1.1. "Pożizzjoni bilqiegħda" tfisser kwalunkwe post li kapaċi jilqa' persuna waħda bilqiegħda li tal-anqas hija kbira daqs:
    - (a) il-manekin ta' raġel adult tal-50 perċentil fil-każ tas-sewwieq;
    - (b) il-manekin ta' mara adulta tal-5 perċentil fil-każijiet kollha l-oħrajn.
  - 1.2. "Sit" tfisser struttura sħiħa b'finitura, integrali jew le mal-istruttura tal-qafas tal-vettura, li hija maħsuba sabiex fuqha tpoġġi persuna waħda.

Dan jinkludi kemm sit waħdu kif ukoll sit forma ta' bank, kif ukoll sits li jingħalqu u sits li jinqalgħu.
  - 1.3. "Oġġetti" tfisser primarjament kwalunkwe oġġett mobbli.

Jinkludi prodotti bl-ingrossa, oġġetti manifatturati, likwidi, annimali ħajjin, ghelejje, tagħbijiet li ma jistgħux jinqasmu.
  - 1.4. "Massa massima" tfisser il-"massa massima mgħobbija teknikament permissibbli".
2. Dispożizzjonijiet ġenerali
  - 2.1. Numru ta' pożizzjonijiet bilqiegħda:
    - 2.1.1. Ir-rekwiżiti fuq in-numru ta' pożizzjonijiet bilqiegħda japplikaw għal sits li huma mfasslin sabiex jintużaw meta l-vettura tkun qed tivvjaġġa fit-triq.
    - 2.1.2. Ma japplikawx għal sits li huma mfasslin sabiex jintużaw meta l-vettura tkun wieqfa u li għandhom jiġu identifikati biċ-ċar lill-utenti jew permezz ta' pittogramma jew sinjal bi kliem adattat.
    - 2.1.3. Ir-rekwiżiti li ġejjin japplikaw għall-għadd tal-pożizzjonijiet bilqiegħda:
      - (a) kull sit individwali għandu jingħadd daqs pożizzjoni bilqiegħda waħda;
      - (b) fil-każ ta' sit forma ta' bank, kwalunkwe spazju b'wisa' minima ta' 400 mm imkejla fil-livell tal-kuxin tas-sit għandu jingħadd bħala pożizzjoni bilqiegħda waħda.

Din il-kondizzjoni ma għandhiex iżżomm lura lill-manifattur milli juża d-dispożizzjonijiet ġenerali msemmijin fil-punt 1.1;
      - (c) madankollu, spazju msemmi fil-punt (b) ma għandux jingħadd bħala pożizzjoni bilqiegħda waħda fejn:
        - (i) is-sit forma ta' bank ikun jinkludi funzjonijiet li ma jħallux lill-manekin ipoġġi b'mod naturali - pereżempju: il-preżenza ta' kaxxa tal-konsol fissa, parti bla kuxin jew finitura interna li xxekkel il-wiċċ tas-sit nominali;
        - (ii) id-disinn tal-art eżatt quddiem pożizzjoni bilqiegħda preżunta (pereżempju l-preżenza ta' mina) ma jħallix lis-saqajn tal-manekin joqogħdu b'mod naturali.
    - 2.1.4. Fir-rigward tal-vetturi koperti mir-Regolamenti Nru 66 u Nru 107 tan-NU, il-qies imsemmi fil-punt 2.1.3(b) għandu jiġi allinjat mal-ispazju minimu meħtieġ għal persuna waħda b'rabta mal-bosta klassijiet ta' vetturi.
    - 2.1.5. Meta jkun hemm ankri tas-sit għal sit li jinqala' f'vettura, is-sit li jinqala' għandu jingħadd meta jiġi stabbilit in-numru ta' pożizzjonijiet bilqiegħda.
    - 2.1.6. Żona maħsuba għal siġġu tar-roti okkupat għandha titqies bħala pożizzjoni bilqiegħda waħda.
      - 2.1.6.1. Din id-dispożizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tal-paragrafi 3.6.1 u 3.7 tal-Anness 8 għar-Regolament Nru 107 tan-NU.

- 2.2. Il-massa massima
  - 2.2.1. Fil-każ ta' unità ta' trakter għal semitrejler, il-massa massima li trid tiġi kkunsidrata għall-klassifikazzjoni tal-vettura għandha tinkludi l-massa massima tas-semitrejler imġarrba mill-akkoppjament bin-nagħla.
  - 2.2.2. Fil-każ ta' vettura bil-mutur li tista' tirmonka trejler b'fus ċentrali jew trejler riġidu bl-iżbarra tal-irmonk, il-massa massima li trid tiġi kkunsidrata sabiex tiġi kklassifikata l-vettura bil-mutur trid tinkludi l-massa massima ttrasferita lill-vettura tal-irmonk mill-akkoppjament.
  - 2.2.3. Fil-każ ta' semitrejler jew trejler b'fus fiċ-ċentru u trejler bil-ganċ tal-ġbid riġidu, il-massa massima li trid tiġi kkunsidrata għall-klassifikazzjoni tal-vettura għandha tikkorrispondi għall-massa massima trażmessa lill-art mir-roti ta' fus jew grupp ta' fusien meta gganċjati mal-vettura tal-irmunkar.
  - 2.2.4. Fil-każ ta' converter dolly, il-massa massima li trid tiġi kkunsidrata sabiex tiġi kklassifikata l-vettura bil-mutur trid tinkludi l-massa massima tas-semitrejler imġarrba mill-akkoppjament bin-nagħla.
- 2.3. Tagħmir speċjali
  - 2.3.1. Vetturi primarjament mġhammrin b'tagħmir fiss bħal makkinarju jew apparat għandhom jitqiesu bħala tal-kategorija N jew O.
- 2.4. Unitajiet
  - 2.4.1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, kwalunkwe unità ta' kejl u simbolu assoċjat għandhom ikunu konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE <sup>(1)</sup>.
3. Tqassim f'kategoriji ta' vetturi
  - 3.1. Il-manifattur huwa responsabbli għat-tqassim ta' tip ta' vettura f'kategorija speċifika.  
Għal dawn il-finijiet, għandhom jiġu ssodisfati l-kriterji rilevanti kollha deskritti f'dan l-Anness.
  - 3.2. L-awtorità tal-approvazzjoni tista' titlob aktar informazzjoni mingħand il-manifattur bil-għan li turi li tip ta' vettura jrid jiddaħħal f'kategorija ta' vettura bi skop speċjali fil-grupp speċjali ("Kodiċi SG").

## PARTI A

**Kriterji għall-kategorizzazzjoni tal-vetturi**

1. Kategoriji ta' vetturi  
Għall-finijiet ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE u approvazzjoni tat-tip nazzjonali, kif ukoll għall-approvazzjoni tal-vettura individwali tal-UE u għall-approvazzjoni tal-vettura individwali nazzjonali, il-vetturi għandhom jitqassmu fil-kategoriji skont il-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 4.  
L-approvazzjoni tista' tingħata biss għall-kategoriji msemmijin fl-Artikolu 4(1).
2. Sottokategoriji ta' vetturi
  - 2.1. Vetturi off-road  
"Vettura off-road (ORV)" tfisser vettura li tappartjeni għall-kategorija M jew N, b'karatteristiċi tekniċi speċifiċi li jippermettu li tintuża f'toroq oħrajn mhux tas-soltu.  
Għal dawk tal-kategoriji ta' vetturi, l-ittra "G" għandha tiżdied bħala suffiss mal-ittra u ċifra li tidentifika l-kategorija tal-vettura.  
Il-kriterji għat-tqassim f'sottokategoriji ta' vetturi bħala ORV huma speċifikati fil-punt 4 ta' din il-Parti.
  - 2.2. Vetturi bi skop speċjali (SPV)
    - 2.2.1. Għal vetturi mhux kompleti li huma maħsuba li jaqgħu taħt is-sottokategorija SPV, għandha tiżdied l-ittra "S" bħala suffiss mal-ittra u ċ-ċifra li jidentifikaw il-kategorija tal-vettura.  
Id-diversi tipi ta' vetturi bi skop speċjali huma ddefiniti u elenkati fil-punt 5.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE tal-20 ta' Diċembru 1979 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl u dwar l-irrevokar tad-Direttiva 71/354/KEE (ĠU L 39, 15.2.1980, p. 40).

- 2.3. Vetturi bi skop speċjali off-road
- 2.3.1. “Vettura bi skop speċjali off-road (ORV-SPV)” tfisser vettura li tappartjeni għall-kategorija M jew N u li jkollha l-karatteristiċi tekniċi speċifiċi msemmijin fil-punti 2.1 u 2.2.
- Għal dawk tal-kategoriji ta’ vetturi, l-ittra “G” għandha tiżdied bħala suffiss mal-ittra u ċifra li tidentifika l-kategorija tal-vettura.
- Barra minn hekk, għal vetturi mhux kompleti li huma maħsubin li jaqgħu fis-sottokategorija tal-SPV, l-ittra “S” għandha tiżdied bħala t-tieni suffiss.
3. Kriterji għat-tqassim tal-vetturi fil-kategorija N
- 3.1. It-tqassim ta’ tip ta’ vettura fil-kategorija N għandu jkun imsejjes fuq il-karatteristiċi tekniċi tal-vettura kif imsemmi fil-punti 3.2 sa 3.6.
- 3.2. Bħala prinċipju, il-kompartiment(i) li fihom jinsabu l-pożizzjonijiet bilqiegħda kollha, għandhom ikunu separati għalkollox miż-żona ta’ tagħbija.
- 3.3. Permezz ta’ deroga mir-rekwiżiti tal-punt 3.2, persuni u oġġetti jistgħu jiġu ttrasportati fl-istess kompartiment bil-patt li ż-żona ta’ tagħbija tkun ipprovduta b’apparati ta’ sigurtà mfasslin sabiex jiproteġu lin-nies ittrasportati mill-ispostament tat-tagħbija matul is-sewqan, inklużi brejkijiet u liwġiet qawwijin.
- 3.4. Apparati tas-sigurtà - apparati ta’ rbit - maħsubin għall-irbit sigur tat-tagħbija meħtieġa fil-punt 3.3 kif ukoll sistemi ta’ diviżjonar, maħsubin għal vetturi li jaslju sa 7,5 tunnelli għandhom jifasslu skont id-dispożizzjonijiet tas-sezzjonijiet 3 u 4 tal-istandard internazzjonali ISO 27956:2009 “Vetturi tat-triq – L-irbit sigur tal-merkanzija fil-vannijiet tal-kunsinna – Rekwiżiti u metodi ta’ ttestjar”.
- 3.4.1. Ir-rekwiżiti msemmijin fil-punt 3.4 jistgħu jiġu vverifikati permezz ta’ dikjarazzjoni ta’ konformità pprovduta mill-manifattur.
- 3.4.2. Bħala alternattiva għar-rekwiżiti tal-punt 3.4, il-manifattur jista’ juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità tal-approvazzjoni li l-apparati li jaqflu mmuntati juru livell ekwivalenti ta’ protezzjoni kif ipprovdut mill-istandard imsemmi.
- 3.5. In-numru ta’ pożizzjonijiet ta’ bilqiegħda, eskluż il-pożizzjoni ta’ bilqiegħda tax-xufier, ma għandux jaqbeż:
- (a) 6 fil-każ ta Vetturi  $N_1$ ;
- (b) 8 fil-każ ta Vetturi  $N_2$  jew  $N_3$ ;
- 3.6. Il-vetturi għandhom juru kapaċità ta’ ġarr ta’ oġġetti li hija daqs jew ogħla mill-kapaċità ta’ ġarr ta’ persuni mogħtija f’kg.
- 3.6.1. Għal finijiet bħal dawn, l-ekwazzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati fil-konfigurazzjonijiet kollha, b’mod partikolari meta l-pożizzjonijiet bilqiegħda kollha jkunu okkupati:
- (a) meta  $N = 0$ :
- $$P - M \geq 100 \text{ kg}$$
- (b) meta  $0 < N \leq 2$ :
- $$P - (M + N \times 68) \geq 150 \text{ kg};$$
- (c) meta  $N > 2$ :
- $$P - (M + N \times 68) \geq N \times 68;$$
- fejn l-ittri għandhom it-tifsira li ġejja:
- “P” hija l-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;
- “M” hija l-massa f’kondizzjoni ta’ sewqan;
- “N” hija n-numru ta’ pożizzjonijiet ta’ bilqiegħda, eskluż il-pożizzjoni ta’ bilqiegħda tas-sewwieq.
- 3.6.2. Il-massa ta’ tagħmir li huwa mqabba mal-vettura sabiex jilqa’ fih oġġetti (eż. tank, karozzerija, eċċ.), biex jitqandlu l-oġġetti (eż. krejn, lift, eċċ.) u biex jintrabtu l-oġġetti (eż. apparati ta’ sigurtà għall-merkanzija) għandha tkun inkluża f’M.
- 3.6.3. Il-massa tat-tagħmir li ma jintużax għall-iskopijiet imsemmijin fil-punt 3.6.2 (bħal kumpressur, winċ, ġeneratur tal-enerġija elettrika, tagħmir tax-xandir, eċċ.) ma għandhiex tkun inkluża f’M għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-formuli msemmijin fil-punt 3.6.1.

- 3.7. Ir-rekwiżiti msemmijin fil-punti 3.2 sa 3.6 għandhom jiġu sodisfatti għall-varjanti u l-verżjonijiet kollha tat-tip ta' vettura.
- 3.8. Il-kriterji għat-tqassim tal-vetturi f'kategoriji bħala  $N_1$ .
- 3.8.1. Vettura għandha titqiegħed f'kategorija bħala  $N_1$  meta tissodisfa l-kriterji applikabbli kollha.
- Meta ma jkunx issodisfat wieħed jew aktar mill-kriterji, il-vettura għandha titqiegħed f'kategorija bħala  $M_1$ .
- 3.8.2. Minbarra l-kriterji ġenerali msemmijin fil-punti 3.2 sa 3.6, il-kriterji speċifikati f'dan il-punt għandhom ikunu ssodisfatti għall-kategorizzazzjoni ta' vetturi li għalihom il-kompartiment fejn jinsab ix-xufier u t-tagħbija jkunu jinsabu fi ħdan unità waħda (jiġifieri karozzerija "BB").
- 3.8.2.1. Il-fatt li ħajt jew diviżjoni, sħaħ jew parzjali, jitwaħħlu bejn ringiela ta' sits u ż-żona tal-merkanzija ma għandux jeskludi l-obbligu li jiġu ssodisfatti l-kriterji meħtieġa.
- 3.8.2.2. Il-kriterji għandhom ikunu kif ġej:
- (a) it-tagħbija tal-prodotti għandha tkun tista' ssir mill-bieba ta' wara, mill-panċa ta' wara jew mill-bieba fil-ġenb imfassla jew mibnija għal dak il-għan;
- (b) fil-każ ta' bieba jew panċa ta' wara, il-fetħa għat-tagħbija għandha tkun tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:
- (i) fil-każ li l-vettura tkun mgħammra b'ringiela waħda biss ta' sits jew bis-sit tax-xufier biss, l-għoli minimu tal-fetħa tat-tagħbija għandu jkun tal-anqas 600 mm;
- (ii) fil-każ li l-vettura tkun mgħammra b'żewġ ringieli sits jew aktar, l-għoli minimu tal-fetħa tat-tagħbija għandu jkun tal-anqas 800 mm u l-fetħa għandha turi superfiċe minima ta' mill-anqas 12 800 cm<sup>2</sup>;
- (c) Iż-żona tal-merkanzija għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:
- "żona tal-merkanzija" tfisser il-parti tal-vettura li tinsab wara r-ringiela/i sits jew wara s-sit tax-xufier fejn il-vettura tkun mgħammra b'sit tax-xufier wieħed biss;
- (i) ġeneralment, is-superfiċe tat-tagħbija taż-żona tal-merkanzija għandha tkun ċatta;
- (ii) meta l-vettura tkun mgħammra biss b'ringiela waħda sits jew sit wieħed, it-tul minimu taż-żona tal-merkanzija għandu jkun tal-anqas 40 % tal-bażi tar-roti;
- (iii) meta l-vettura tkun mgħammra b'żewġ ringieli sits jew aktar, it-tul minimu taż-żona tal-merkanzija għandu jkun tal-anqas 30 % tal-bażi tar-roti.
- Meta s-sits tal-aħħar ringiela ta' sits ikunu jstgħu jinjalghu faċilment mill-vettura bla ma tintuża xi għodda speċjali, ir-rekwiżiti fuq it-tul taż-żona tal-merkanzija għandhom jiġu ssodisfatti bis-sits kollha installati fil-vettura;
- (iv) ir-rekwiżiti dwar it-tul taż-żona tal-merkanzija għandhom jiġu ssodisfatti meta s-sits tal-ewwel ringiela jew l-aħħar ringiela, skont xi jkun il-każ, ikunu weqfin fil-pożizzjoni normali tagħhom sabiex jintużaw minn min ikun fil-vettura.
- 3.8.2.3. Il-kondizzjonijiet speċifiċi għall-kejl
- 3.8.2.3.1. Definizjonijiet
- (a) "L-għoli tal-fetħa tat-tagħbija", tfisser id-distanza vertikali bejn żewġ sulari orizzontali tanġenti rispettivament għall-ogħla punt tal-parti l-aktar baxxa tad-daħla tal-bieb u tal-punt l-aktar baxx fuq tad-daħla tal-bieb;
- (b) "Is-superfiċe tal-fetħa tat-tagħbija" tfisser l-akbar superfiċe tal-projezzjoni ortogonali fuq pjan vertikali, perpendikolari għal-linja tan-nofs tal-vettura, tal-fetħa massima awtorizzata meta l-bieb/bibien ta' wara jew il-panċa ta' wara jkunu miftuħin beraħ;
- (c) "Il-bażi tar-roti", għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-formuli fil-punti 3.8.2.2 u 3.8.3.1, tfisser id-distanza bejn:
- (i) il-linja tan-nofs tal-fus ta' quddiem u l-linja tan-nofs tat-tieni fus fil-każ ta' vettura b'żewġ fusien; jew
- (ii) il-linja tan-nofs mill-fus ta' quddiem u l-linja tan-nofs ta' fus virtwali daqstant ieħor imbiegħed mit-tieni u t-tielet fus fil-każ ta' vettura bi tliet fusien.

## 3.8.2.3.2. Aġġustamenti tas-sit

- (a) Is-sits għandhom jiġu aġġustati fl-aktar pożizzjoni lura tagħhom;
- (b) Id-dahar tas-siġġu, jekk jista' jiġi aġġustat, għandu jiġi aġġustat biex jakkomoda l-magna tridimensjonali tal-punt H f'angolu tas-sider ta' 25°;
- (c) Id-dahar tas-siġġu, jekk ma jkunx jista' jiġi aġġustat, għandu jkun fil-pożizzjoni magħżula mill-manifattur tal-vettura;
- (d) Meta jkun jista' jiġi aġġustat l-għoli tas-sit, għandu jiġi aġġustat għall-aktar pożizzjoni baxxa.

## 3.8.2.3.3. Kondizzjonijiet tal-vettura

- (a) Il-vettura għandha tkun f'kondizzjonijiet ta' tagħbija li jikkorrespondu għall-massa massima tagħha;
- (b) Il-vettura għandu jkollha r-roti tagħha ssettjati dritti l'quddiem.

## 3.8.2.3.4. Ir-rekwiżiti tal-punt 3.8.2.3.2 ma għandhomx japplikaw meta l-vettura jkollha ħajt jew diviżjoni.

## 3.8.2.3.5. Il-kejl tat-tul taż-żona tal-merkanzija

- (a) Meta l-vettura ma jkollhiex diviżjoni jew ħajt, it-tul għandu jitkejjel minn tanġent ta' pjan vertikali sal-aktar punt imbiegħed fuq wara ta' fuq tas-sit sat-tieqa interna jew bieb jew pjanċa ta' wara, f'pożizzjoni magħluqa;
- (b) Meta l-vettura jkollha diviżjoni jew ħajt, it-tul għandu jitkejjel minn pjan vertikali tanġenti sal-aktar punt imbiegħed fuq wara tad-diviżjoni jew tal-ħajt sat-tieqa interna jew bieb jew pjanċa ta' wara, skont xi jkun il-każ, f'pożizzjoni magħluqa;
- (c) Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw it-tul għandhom jiġu ssodisfati mill-inqas tul linja orizzontali li tinsab fil-pjan vertikali lonġitudinali li jgħaddi mil-linja tan-nofs tal-vettura, fil-livell tal-art tat-tagħbija.

## 3.8.3. Minbarra l-kriterji ġenerali msemmijin fil-punti 3.2 sa 3.6, il-kriterji speċifikati f'dan il-punt għandhom jiġu ssodisfati għall-kategorizzazzjoni tal-vetturi li għalihom il-kompartiment fejn jinsab ix-xufier u t-tagħbija mhumiex f'unità waħda (jiġifieri karożzerija "BE").

## 3.8.3.1. Meta l-vettura tkun mmuntata ma' qafas tat-tip li jingħalaq, għandhom jiġu applikati dawn li ġejjin:

- (a) it-tagħbija tal-prodotti għandha tkun tista' ssir minn bieba ta' wara, pjanċa ta' wara jew pannella jew mezz ieħor;
- (b) l-għoli minimu tal-fetħa tat-tagħbija għandu jkun tal-anqas 800 mm u l-fetħa għandha turi superfiċe ta' tal-anqas 12 800 cm<sup>2</sup>;
- (c) It-tul minimu taż-żona tal-merkanzija għandha tkun tal-anqas 40 % tal-bażi tar-roti.

## 3.8.3.2. Meta l-vettura jkollha żona tal-merkanzija tat-tip miftuħ, għandhom japplikaw biss id-dispożizzjonijiet fil-punti 3.8.3.1(a) u (c).

## 3.8.3.3. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin fil-punt 3.8.3, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fil-punt 3.8.2.3.1.

## 3.8.3.4. Madankollu, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw it-tul taż-żona tal-merkanzija għandhom jiġu ssodisfati tul linja orizzontali li tinsab fil-pjan lonġitudinali li jgħaddi minn għol-linja taċ-ċentru tal-vettura fil-livell tal-art tat-tagħbija.

## 4. Il-kriterji għas-sottokategorizzazzjoni tal-vetturi bħala vetturi off-road

4.1. Il-vetturi M<sub>1</sub> jew N<sub>1</sub> għandhom jitqassmu fis-sottokategorija ta' vetturi off-road jekk jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin fl-istess ħin:

- (a) tal-anqas fus wieħed ta' quddiem u tal-anqas wieħed ta' wara ddisinjati biex jinsaq fl-istess ħin irrispettivament jekk wieħed mill-fusien motorizzati jstax jiġi diżingranat jew le;
- (b) tal-anqas ikun immuntat mekkaniżmu li jsakkar differenzjali wieħed jew mekkaniżmu li għandu effett simili;
- (c) huma kapaċi jtilgħu tal-anqas gradjent ta' 25 % bħala vettura waħedha;



- (d) huma jissodisfaw ħamsa mis-sitt rekwiżiti li ġejjin:
- (i) l-angolu tal-approċċ għandu jkun tal-anqas 25 grad;
  - (ii) l-angolu tat-tluq għandu jkun tal-anqas 20 grad;
  - (iii) l-angolu tar-rampa għandu jkun tal-anqas 20 grad;
  - (iv) il-bogħod tal-qiegħ tal-vettura mill-art taħt il-fus ta' quddiem għandu jkun tal-anqas 180 mm;
  - (v) il-bogħod tal-qiegħ tal-vettura mill-art taħt il-fus ta' wara għandu jkun tal-anqas 180 mm;
  - (vi) il-bogħod tal-qiegħ tal-vettura mill-art bejn il-fusien għandu jkun tal-anqas 200 mm.
- 4.2. Il-vetturi M<sub>2</sub>, N<sub>2</sub> jew M<sub>3</sub> li l-massa massima tagħhom ma taqbiżx it-12-il tunnellata għandhom jitqassmu fis-sottokategorija ta' vetturi off-road jekk jissodisfaw jew il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (a) jew il-kondizzjonijiet stabbiliti kemm fil-punt (b) kif ukoll fil-punt (c):
- (a) il-fusien kollha tagħhom jinsaq fl-istess ħin, irrispettivament minn jekk fus motorizzat wieħed jew aktar jistax jiġi dizingranat;
- (b) (i) tal-anqas fus ta' quddiem wieħed u tal-anqas wieħed ta' wara huma ddisinjati biex jinsaq fl-istess ħin irrispettivament jekk fus motorizzat wieħed jistax jinħall;
- (ii) ikun mgħammar tal-anqas mekkaniżmu wieħed li jissakkar jew mekkaniżmu li għandu l-istess effett;
- (iii) huma kapaċi jtilgħu gradjent ta' 25 % bħala vettura waħedha;
- (c) huma jissodisfaw tal-anqas ħamsa mis-sitt rekwiżiti li ġejjin jekk il-massa massima tagħhom ma tkunx taqbeż is-7,5 tunnellati u tal-anqas erba' jekk il-massa massima tagħhom taqbeż is-7,5 tunnellati:
- (i) l-angolu tal-approċċ għandu jkun tal-anqas 25 grad;
  - (ii) l-angolu tat-tluq għandu jkun tal-anqas 25 grad;
  - (iii) l-angolu tar-rampa għandu jkun tal-anqas 25 grad;
  - (iv) il-bogħod tal-qiegħ tal-vettura mill-art taħt il-fus ta' quddiem għandu jkun tal-anqas 250 mm;
  - (v) il-bogħod tal-qiegħ tal-vettura mill-art bejn il-fusien irid ikun tal-anqas 300 mm;
  - (vi) il-bogħod tal-qiegħ tal-vettura mill-art taħt il-fus ta' wara għandu jkun tal-anqas 250 mm;
- 4.3. Il-vetturi M<sub>3</sub> jew N<sub>3</sub> li l-massa massima tagħhom taqbeż it-12-il tunnellata għandhom jitqassmu fis-sottokategorija ta' vetturi off-road jekk jissodisfaw jew il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (a) jew il-kondizzjonijiet stabbiliti kemm fil-punt (b) kif ukoll fil-punt (c):
- (a) il-fusien kollha tagħhom jinsaq fl-istess ħin, irrispettivament minn jekk fus motorizzat wieħed jew aktar jistax jinħall;
- (b) (i) tal-anqas nofs il-fusien (jew żewġ fusien minn tlieta fil-każ ta' vettura bi tliet fusien u tliet fusien fil-każ ta' vettura b'ħames fusien) huma mfaslin biex jinsaq fl-istess ħin, anki jekk fus wieħed li jaħdem bil-mutur jista' jiġi dizingranat;
- (ii) hemm tal-anqas mekkaniżmu li jsakkar differenzjali wieħed jew mekkaniżmu li għandu effett simili;
- (iii) huma kapaċi jtilgħu gradjent ta' 25 % bħala vettura waħedha;
- (c) tal-anqas jissodisfaw erba' mis-sitt rekwiżiti li ġejjin:
- (i) l-angolu tal-approċċ għandu jkun tal-anqas 25 grad;
  - (ii) l-angolu tat-tluq għandu jkun tal-anqas 25 grad;
  - (iii) l-angolu tar-rampa għandu jkun tal-anqas 25 grad;
  - (iv) il-bogħod tal-qiegħ tal-vettura mill-art taħt il-fus ta' quddiem għandu jkun tal-anqas 250 mm;
  - (v) il-bogħod tal-qiegħ tal-vettura mill-art bejn il-fusien irid ikun tal-anqas 300 mm;
  - (vi) il-bogħod tal-qiegħ tal-vettura mill-art taħt il-fus ta' wara għandu jkun tal-anqas 250 mm.
- 4.4. Il-proċedura għall-kontroll tal-konformità mad-dispożizzjonijiet ġeometriċi msemmijin f'din il-Parti għandha tkun stabbilita fl-Appendiċi 1.44

4.5. Ir-rekwiżiti fil-punti 4.1(a), 4.2(a), 4.2(b), 4.3(a), 4.3(b) dwar fusien operati simultanjament jitqiesu bħala sodisfatti jekk tiġi sodisfatta waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) it-trażmissjoni tal-potenza tal-ġibda għall-fusien kollha ssir biss b'mezzi mekkaniċi u tipprovdi ġibda f'toroq off-road diffiċli; jew
- (b) kull waħda mir-roti tal-fus inkwistjoni tinsaq minn mutur individwali idrawlika jew elettriċa.

Jekk il-fusien skont ir-rekwiżiti fil-punti 4.1(a), 4.2(a), 4.2(b), 4.3(a), 4.3(b) dwar fusien operati simultanjament ma jaħdmux b'mezzi mekkaniċi biss, il-propulsjoni tar-roti individwali għandha tkun iddisinjata għal operazzjoni f'toroq off-road diffiċli. F'tali każ għandu jiġi żgurat li mill-inqas 75 % tal-potenza totali tal-ġibda tista' tiġi trażmessa għar-rotta inkwistjoni meta l-kondizzjonijiet tal-ġibda taħt ir-roti l-oħrajn ma jippermettux it-trażmissjoni tajba tal-potenza tal-ġibda permezz ta' dawn ir-roti.

Is-sistema ta' ġibda awżiljarja skont il-punt 4.5(b) m'għandhiex tippermetti li l-potenza tal-ġibda tiġi diżingranata awtomatikament sakemm il-vettura tilħaq 75 % tal-veloċità massima tal-vettura skont id-disinn jew tilħaq 65 km fis-siegħa.

5. Vetturi bi skop speċjali

	Isem	Kodiċi	Definizzjoni
5.1.	Karavan bil-mutur	SA	Vettura tal-kategorija M bi spazju ta' akkomodazzjoni fejn jgħixu n-nies li fih tal-inqas it-tagħmir li ġejj: <ul style="list-style-type: none"> <li>(a) sits u mejda;</li> <li>(b) akkomodazzjoni tal-irqad li tista' tkun sit ikkonvertit;</li> <li>(c) faċilitajiet ta' fejn issajjar;</li> <li>(d) faċilitajiet ta' ħażna.</li> </ul> Dan it-tagħmir għandu jkun imwaħħal b'mod riġidu mal-kompartiment tal-għajxien. Madankollu, il-mejda tista' titfassal biex tkun tista' tinqala' faċilment.
5.2.	Vettura blindata	SB	Vettura maħsuba għall-protezzjoni ta' persuni jew oġġetti ttrasportati b'kisja li tiflaħ għall-balal.
5.3.	Ambulanza	SC	Vettura tal-kategorija M maħsuba għat-trasport ta' persuni morda jew feruti u li jkollhom tagħmir speċjali għal għan bħal dan.
5.4.	Karozza tal-mejtin	SD	Vettura tal-kategorija M maħsuba għat-trasport ta' persuni deċeduti li jkollhom tagħmir speċjali għal għan bħal dan.
5.5.	Vetturi aċċessibbli għal siġġijiet tar-roti	SH	Vettura tal-kategorija M <sub>1</sub> mibnija jew ikkonvertita speċifikament biex b'hekk tkun tista' takkomoda persuna bilqiegħda waħda jew aktar fis-siġġijiet tar-roti matul vjaġġ bit-triq.
5.6.	Karavan bit-trejler	SE	Vettura tal-kategorija O kif iddefinita fit-terminu 3.2.1.3 tal-istandard internazzjonali ISO 3833:1977.
5.7.	Krejn mobbli	SF	Vettura tal-kategorija N <sub>3</sub> , mhux mgħammra għall-ġarr ta' merkanzija, provduta bi krejn li l-mument ta' rfiġ tagħha huwa daqs jew ogħla aktar minn 400 kNm.
5.8.	Grupp speċjali	SG	Vettura bi skop speċjali li ma tidħol fl-ebda waħda mid-definizzjonijiet imsemmijin f'din il-Parti.
5.9.	Converter dolly	SJ	Vettura tal-kategorija O mgħammra b'akkoppjament tal-ħames rota li jostni semitrejler bil-ħsieb li dan tal-aħħar isir trejler.

	Isem	Kodiċi	Definizzjoni
5.10.	Trejler għat-trasport ta' tagħbijiet eċċezzjonali	SK	Vettura tal-kategorija O <sub>4</sub> maħsuba għat-trasport ta' tagħbijiet li ma jistgħux jinqasmu li hija soġġetta għal restrizzjonijiet fuq il-veloċità u t-traffiku minħabba d-dimensjonijiet tagħha. Taħt dan it-terminu hemm inklużi wkoll karrijiet modulari idrawliċi, ikun xi jkun in-numru ta' moduli.
5.11.	Vettura bil-mutur għat-trasport ta' tagħbija eċċezzjonali	SL	Trakter tat-triq jew unità ta' trakter għal semitrejler tal-kategorija N <sub>3</sub> , li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin: (a) għandhom aktar minn żewġ fusien u tal-anqas nofshom (żewġ fusien minn tlieta fil-każ ta' vettura bi tliet fusien u tliet fusien minn ħamsa fil-każ ta' vettura b'ħames fusien) imfasslin sabiex jinsaq fl-istess ħin, irrispettivament minn jekk fus wieħed bil-mutur jistax jiġi diżingranat; (b) huma mfasslin għall-irmunkar u l-imbottar ta' trejler għat-trasport ta' tagħbijiet eċċezzjonali tal-kategorija O <sub>4</sub> ; (c) għandhom saħħa minima tal-magna ta' 350 kW; u (d) jista' jitqabbd magħhom apparat ta' akkoppjament addizzjonali fuq quddiem għal maser irmunkabbli tqal.
5.12.	Trasportatur ta' ħafna tagħmir	SM	Vettura off-road tal-kategorija N (kif iddefinita fil-punt 2.3) mfassla u mibnija għall-għid, l-imbottar, il-ġarr u l-attwar ta' ċertu tagħmir interkambjabbli: (a) b'mhux anqas żewġ żoni ta' mmuntar għal dan it-tagħmir; (b) b'interfaċċji standardizzati, mekkaniċi, idrawliċi u/jew elettriċi (eż. Konnessjoni motorizzata) għax-xegħil u l-attwar tat-tagħmir interkambjabbli; u (c) li tissodisfa d-definizzjoni tal-istandard internazzjonali ISO 3833-1977, paragrafu 3.1.4 (vettura speċjali). Jekk il-vettura hija mgħammra bi pjattaforma awżiljari tat-tagħbija, it-tul massimu tagħha ma jistax jaqbeż: (a) 1,4 darbiet il-wisa' bejn il-linji ta' quddiem jew wara tal-vettura, l-akbar waħda minnhom fil-każ ta' vetturi b'żewġ fusien; jew (b) 2,0 darbiet il-wisa' bejn il-linji ta' quddiem jew wara tal-vettura, l-akbar waħda minnhom fil-każ ta' vetturi li jkollhom aktar minn żewġ fusien.

## 6. Rimarki

## 6.1. L-approvazzjoni tat-tip ma għandhiex tingħata:

- (a) lil converter dolly kif iddefinita fil-punt 5.9 ta' din il-Parti;
- (b) lil karrijiet bid-drawbar tal-irmonk kif iddefiniti fil-punt 5.4 tal-Parti C;
- (c) lil karrijiet li fihom jistgħu jiġu ttrasportati n-nies għal vjaġġi bit-triq.

## 6.2. Il-Punt 6.1 huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 42 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' serje żgħar nazzjonali.

## PARTI B

**Kriterji għal tipi ta' vettura, varjanti u verżjonijiet**1. Kategorija M<sub>1</sub>

## 1.1. Tip ta' vettura

## 1.1.1. "Tip ta' vettura" għandha tikkonsisti minn vetturi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin komuni:

- (a) l-isem tal-kumpanija tal-manifattur.

Bidla fil-forma legali tas-sjeda tal-kumpanija ma tehtiegħx il-bżonn li tingħata approvazzjoni ġdida;

- (b) id-disinn u l-assemblaġġ tal-partijiet essenzjali tal-istruttura tal-karozzerija fil-każ ta' karozzerija li ssostrni lilha nnifisha.

L-istess għandu japplika għal vetturi li l-karozzerija tagħhom hija marbuta bil-boltijiet magħhom jew iwweldjata ma' qafas separat;

- 1.1.2. Permezz ta' deroga mir-rekwiżiti tal-punt 1.1.1(b), meta l-manifattur juża l-porzjon tal-art tal-istruttura tal-bodi kif ukoll l-elementi kostitwenti essenzjali li jsawru l-parti ta' quddiem tal-istruttura tal-bodi li tinsab direttament quddiem il-parti tal-windskrin, fil-bini ta' tipi differenti ta' karozzeriji (pereżempju saloon u coupe), dawk il-vetturi jistgħu jiġu kkunsidrati li jappartjenu għall-istess tip. L-evidenza ta' dan għandha tiġi pprovduta mill-manifattur.
- 1.1.3. Tip għandu jikkonsisti tal-anqas minn varjant wieħed u verżjoni waħda.
- 1.2. Varjant
- 1.2.1. "Varjant" fi ħdan tip ta' vettura għandu jiġbor flimkien il-vetturi li għandhom il-karatteristiċi ta' kostruzzjoni li ġejjin komuni:
- (a) in-numru ta' bibien laterali jew it-tip ta' karozzerija kif iddefiniti fil-punt 2 tal-Parti C meta l-manifattur juża l-kriterju tal-punt 1.1.2;
- (b) l-impjant tal-enerġija rigward il-karatteristiċi tal-kostruzzjoni li ġejjin:
- (i) it-tip ta' provvista tal-enerġija (magna b'kombustjoni interna, mutur elettriku jew ieħor);
- (ii) il-prinċipju ta' ħidma (positive ignition, compression ignition jew ieħor);
- (iii) in-numru u l-arranġament ta' ċilindri fil-każ ta' magna b'kombustjoni interna (L4, V6 jew oħra);
- (c) in-numru ta' fusien;
- (d) in-numru u l-interkonnessjoni tal-fusien motorizzati;
- (e) in-numru ta' fusien ikkwartjati;
- (f) l-istadju ta' tlestija (eż. kompleta/mhux kompleta).
- (g) f'każ ta' vetturi mibnjin f'diversi stadji, il-manifattur u t-tip tal-vettura fi stadju preċedenti.
- 1.3. Verżjoni
- 1.3.1. "Verżjoni" fi ħdan varjant għandha tiġbor flimkien vetturi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin komuni:
- (a) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;
- (b) il-kapaċità tal-magna f'każ ta' magna b'kombustjoni interna;
- (c) l-output massimu tas-saħħa tal-magna jew il-potenza nominali kontinwa massima (mutur elettriku);
- (d) in-natura tal-karburant (petrol, żejt tal-gass, LPG, bijokarburant jew oħra);
- (e) in-numru massimu ta' pożizzjonijiet bilqiegħda;
- (f) livell ta' ħoss waqt is-sewqan;
- (g) livell ta' emissjonijiet tal-egżost (pereżempju Euro 5, Euro 6 jew ieħor);
- (h) emissjonijiet kombinati, kombinati jew ponderati ta' CO<sub>2</sub>;
- (i) konsum tal-enerġija elettrika (ponderat, ikkombinat);
- (j) konsum kombinat, kombinat jew ponderat tal-karburant;

Bħala alternattiva għall-kriterji fil-punti (h), (i) u (j), il-vetturi miġbura f'verżjoni għandu jsirilhom kull test b'mod komuni għall-kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, tal-konsum tal-enerġija elettrika u tal-konsum tal-karburant tagħhom skont is-subanness 6 tal-Anness XXI tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠUL 175, 7.7.2017, p. 1).

2. Kategoriji  $M_2$  u  $M_3$
- 2.1. Tip ta' vettura
  - 2.1.1. "Tip ta' vettura" għandha tikkonsisti minn vetturi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin komuni:
    - (a) l-isem tal-kumpanija tal-manifattur.

Bidla fil-forma legali tas-sjieda tal-kumpanija ma teħtieġx il-bżonn li tingħata approvazzjoni ġdida;
    - (b) il-kategorija;
    - (c) l-aspetti li ġejjin ta' kostruzzjoni u disinn:
      - (i) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw ix-xażi;
      - (ii) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw l-istruttura tal-karozzerija fil-każ ta' karozzerija li ssostni lilha nnifisha;
    - (d) in-numru ta' sulari (wieħed jew tnejn);
    - (e) in-numru ta' sezzjonijiet (riġidi/artikolati);
    - (f) in-numru ta' fusien;
    - (g) il-modalità tal-provvista tal-enerġija (abbord jew mhux abbord);
  - 2.1.2. Tip ta' vettura għandha tikkonsisti tal-anqas minn varjant wieħed u verżjoni waħda.
- 2.2. Varjant
  - 2.2.1. "Varjant" fi ħdan tip ta' vettura għandu jiġbor flimkien il-vetturi li għandhom il-karatteristiċi ta' kostruzzjoni kollha komuni:
    - (a) it-tip ta' karozzerija kif iddefinit fil-punt 3 tal-Parti C;
    - (b) il-klassi jew it-taħlita ta' klassijiet ta' vetturi kif iddefiniti fil-paragrafu 2.1.1 tar-Regolament Nru 107 tan-NU (biss fil-każ ta' vetturi kompleti u kompluti);
    - (c) l-istadju ta' tlestija (eż. kompleta/mhux kompleta/kompluta);
    - (d) l-impjant tal-enerġija rigward il-karatteristiċi tal-kostruzzjoni li ġejjin:
      - (i) it-tip ta' provvista tal-enerġija (b'kombustjoni interna, mutur elettriku jew ieħor);
      - (ii) il-prinċipju ta' ħidma (positive ignition, compression ignition jew ieħor);
      - (iii) in-numru u l-arranġament ta' ċilindri fil-każ ta' magna b'kombustjoni interna (L6, V8 jew oħra).
    - (e) f'każ ta' vetturi mibnjin f'diversi stadji, il-manifattur u t-tip tal-vettura fi stadju preċedenti.
- 2.3. Verżjoni
  - 2.3.1. "Verżjoni" fi ħdan varjant għandha tiġbor flimkien vetturi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin komuni:
    - (a) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;
    - (b) il-ħila tal-vettura li tirmonka trejler jew le;
    - (c) il-kapaċità tal-magna f'każ ta' magna b'kombustjoni interna;
    - (d) l-output massimu tas-saħħa tal-magna jew il-potenza nominali kontinwa massima (mutur elettriku);
    - (e) in-natura tal-karburant (petrol, żejt tal-gass, LPG, bijokarburant jew oħra);
    - (f) livell ta' ħoss waqt is-sewqan;
    - (g) livell ta' emissjonijiet tal-egżost (pereżempju Euro IV, Euro V jew ieħor).

3. Kategorija N<sub>1</sub>
- 3.1. Tip ta' vettura
- 3.1.1. "Tip ta' vettura" għandha tikkonsisti minn vetturi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin komuni:
  - (a) l-isem tal-kumpanija tal-manifattur.

Bidla fil-forma legali tas-sjeda tal-kumpanija ma tehtiegħ il-bżonn li tingħata approvazzjoni għda;
  - (b) id-disinn u l-assemblaġġ tal-partijiet essenzjali tal-istruttura tal-karozzerija fil-każ ta' karozzerija li ssostni lilha nnifisha;
  - (c) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw ix-xażi fil-każ ta' karozzerija li ma ssostnix lilha nnifisha.
- 3.1.2. Permezz ta' deroga mir-rekwiżiti tal-punt 3.1.1(b), meta l-manifattur juża l-porzjon tal-art tal-istruttura tal-bodi kif ukoll l-elementi kostitwenti essenzjali li jsawru l-parti ta' quddiem tal-istruttura tal-bodi li tinsab direttament quddiem il-parti tal-windskrin, fil-bini ta' tipi differenti ta' karozzeriji (pereżempju vann u chassis-cab, bażijiet tar-roti differenti u għoli tas-saqaf differenti), dawk il-vetturi jistgħu jitqiesu li jappartjenu għall-istess tip. L-evidenza ta' dan għandha tiġi pprovduta mill-manifattur.
- 3.1.3. Tip ta' vettura għandha tikkonsisti tal-anqas minn varjant wieħed u verżjoni waħda.
- 3.2. Varjant
- 3.2.1. "Varjant" fi ħdan tip ta' vettura għandu jiġbor flimkien il-vetturi li għandhom il-karatteristiċi ta' kostruzzjoni li ġejjin komuni:
  - (a) in-numru ta' bibien laterali jew it-tip ta' karozzerija kif iddefinita fil-punt 4 tal-Parti C (għal vetturi kompleti u kompluti) meta l-manifattur juża l-kriterju tal-punt 3.1.2;
  - (b) l-istadju ta' tlestija (eż. kompleta/mhux kompleta/kompluta);
  - (c) l-impjant tal-enerġija rigward il-karatteristiċi tal-kostruzzjoni li ġejjin:
    - (i) it-tip ta' provvista tal-enerġija (magna b'kombustjoni interna, mutur elettriku jew ieħor);
    - (ii) il-prinċipju ta' ħidma (positive ignition, compression ignition jew ieħor);
    - (iii) in-numru u l-arranġament ta' ċilindri fil-każ ta' magna b'kombustjoni interna (L6, V8 jew oħra);
  - (d) in-numru ta' fusien;
  - (e) in-numru u l-interkonnnessjoni tal-fusien motorizzati;
  - (f) in-numru ta' fusien ikkwartjati.
  - (g) f'każ ta' vetturi mibnijin f'diversi stadji, il-manifattur u t-tip tal-vettura fi stadju preċedenti.
- 3.3. Verżjoni
- 3.3.1. "Verżjoni" fi ħdan varjant għandha tiġbor flimkien vetturi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin komuni:
  - (a) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;
  - (b) il-kapaċità tal-magna f'każ ta' magna b'kombustjoni interna;
  - (c) l-output massimu tas-saħħa tal-magna jew il-potenza nominali kontinwa massima (mutur elettriku);
  - (d) in-natura tal-karburant (petrol, żejt tal-gass, LPG, bijokarburant jew oħra);
  - (e) in-numru massimu ta' pożizzjonijiet bilqiegħda;
  - (f) livell ta' ħoss waqt is-sewqan;
  - (g) livell ta' emissjonijiet tal-egżost (pereżempju Euro 5, Euro 6 jew ieħor);
  - (h) emissjonijiet kombinati, kombinati jew ponderati ta' CO<sub>2</sub>;

- (i) konsum tal-enerġija elettrika (ponderat, ikkombinat);
- (j) konsum kombinat, kombinat jew ponderat tal-karburant.
- (k) l-eżistenza ta' sett uniku ta' teknoloġiji innovattivi, kif speċifikat fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>.

Bħala alternattiva għall-kriterji fil-punti (h), (i) u (j), il-vetturi miġbura f'verżjoni għandu jsirilhom kull test b'mod komuni għall-kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, tal-konsum tal-enerġija elettrika u tal-konsum tal-karburant tagħhom skont is-subanness 6 tal-Anness XXI tar-Regolament (UE) 2017/1151.

- 4. Kategoriji N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub>
  - 4.1. Tip ta' vettura
    - 4.1.1. "Tip ta' vettura" għandha tikkonsisti minn vetturi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin komuni:
      - (a) l-isem tal-kumpanija tal-manifattur.
        - Bidla fil-forma legali tas-sjeda tal-kumpanija ma teħtieġx il-bżonn li tingħata approvazzjoni għida;
      - (b) il-kategorija;
      - (c) id-disinn u l-kostruzzjoni tax-xażi li huma komuni għal linja waħda ta' prodott;
      - (d) in-numru ta' fusien;
    - 4.1.2. Tip ta' vettura għandha tikkonsisti tal-anqas minn varjant wieħed u verżjoni waħda.
  - 4.2. Varjant
    - 4.2.1. "Varjant" fi ħdan tip ta' vettura għandu jiġbor flimkien il-vetturi li għandhom il-karatteristiċi ta' kostruzzjoni li ġejjin komuni:
      - (a) il-kunċett tal-istruttura tal-karozzerija jew it-tip ta' karozzerija kif iddefinit fil-punt 4 tal-Parti C u fl-Appendiċi 2 (għal vetturi kompleti u kompluti biss);
      - (b) l-istadju ta' tlestija (eż. kompleta/mhux kompleta/kompluta);
      - (c) l-impjant tal-enerġija rigward il-karatteristiċi tal-kostruzzjoni li ġejjin:
        - (i) it-tip ta' provvista tal-enerġija (magna b'kombustjoni interna, mutur elettriku jew ieħor);
        - (ii) il-prinċipju ta' ħidma (positive ignition, compression ignition jew ieħor);
        - (iii) in-numru u l-arranġament ta' ċilindri fil-każ ta' magna b'kombustjoni interna (L6, V8 jew oħra);
      - (d) in-numru u l-interkonnnessjoni tal-fusien motorizzati;
      - (e) in-numru ta' fusien ikkwartjati;
      - (f) f'każ ta' vetturi mibnjin f'diversi stadji, il-manifattur u t-tip tal-vettura fi stadju preċedenti.
  - 4.3. Verżjoni
    - 4.3.1. "Verżjoni" fi ħdan varjant għandha tiġbor flimkien vetturi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin komuni:
      - (a) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;
      - (b) il-ħila li tirmonka jew le t-trejler kif ġej:
        - (i) trejler bla brejkijiet;
        - (ii) trejler b'sistema ta' bbrejkjar bl-inerzja kif definit fil-paragrafu 2.12 tar-Regolament Nru 13 tan-NU;
        - (iii) trejler b'sistema ta' bbrejkjar kontinwa jew semikontinwa kif iddefinita fil-paragrafi 2.9 u 2.10 tar-Regolament Nru 13 tan-NU;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali h'ief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minn vetturi h'ief (ĠUL 145, 31.5.2011, p. 1).

- (iv) trejler tal-kategorija O<sub>4</sub> li jirriżulta f'massa massima tal-kombinament li ma taqbiżx l-44 tunnellata;
  - (v) trejler tal-kategorija O<sub>4</sub> li jirriżulta f'massa massima tal-kombinament li jaqbeż l-44 tunnellata;
  - (c) il-kapaċità tal-magna;
  - (d) l-output massimu tas-saħħa tal-magna;
  - (e) in-natura tal-karburant (petrol, żejt tal-gass, LPG, bijokarburant jew oħra);
  - (f) livell ta' ħoss waqt is-sewqan;
  - (g) livell ta' emissjonijiet tal-egżost (pereżempju Euro IV, Euro V jew ieħor);
5. Kategoriji O<sub>1</sub> u O<sub>2</sub>
- 5.1. Tip ta' vettura
- 5.1.1. "Tip ta' vettura" għandha tikkonsisti minn vetturi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin komuni:
- (a) l-isem tal-kumpanija tal-manifattur.  
Bidla fil-forma legali tas-sjieda tal-kumpanija ma tehtiegħx il-bżonn li tingħata approvazzjoni għdida;
  - (b) il-kategorija;
  - (c) il-kunċett kif definit fil-punt 5 tal-Parti C;
  - (d) l-aspetti li ġejjin ta' kostruzzjoni u disinn:
    - (i) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw ix-xażi;
    - (ii) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw l-istruttura tal-karozzerija fil-każ ta' karozzerija li ssostni lilha nnifisha;
  - (e) in-numru ta' fusien.
- 5.1.2. Tip ta' vettura għandha tikkonsisti tal-anqas minn varjant wieħed u verżjoni waħda.
- 5.2. Varjant
- 5.2.1. "Varjant" fi ħdan tip ta' vettura għandu jiġbor flimkien il-vetturi li għandhom il-karatteristiċi ta' kostruzzjoni li ġejjin komuni:
- (a) it-tip ta' karozzerija msemmi fl-Appendiċi 2 (għal vetturi kompleti u kompluti);
  - (b) l-istadju ta' tlestija (eż. kompleta/mhux kompleta/kompluta);
  - (c) it-tip ta' sistema tal-ibbrejkjar (pereżempju, mhux ibbrejkjar/inerzja/potenza).
  - (d) f'każ ta' vetturi mibnjin f'diversi stadji, il-manifattur u t-tip tal-vettura fi stadju preċedenti.
- 5.3. Verżjoni
- 5.3.1. "Verżjoni" fi ħdan varjant għandha tiġbor flimkien vetturi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin komuni:
- (a) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;
  - (b) il-kunċett tas-sospensjoni (sospensjoni bl-arja, bl-azzar jew bil-lasktu, bil-virga ta' torsjoni jew oħra);
  - (c) il-kunċett tal-iżbarra (triangolari, tubu jew oħra).
6. Kategoriji O<sub>3</sub> u O<sub>4</sub>
- 6.1. Tip ta' vettura
- 6.1.1. "Tip ta' vettura" għandha tikkonsisti minn vetturi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin komuni:
- (a) l-isem tal-kumpanija tal-manifattur.  
Bidla fil-forma legali tas-sjieda tal-kumpanija ma tehtiegħx il-bżonn li tingħata approvazzjoni għdida;
  - (b) il-kategorija;



- (c) il-kunċett tat-trejler b'rabta mad-definizzjonijiet fil-punt 5 tal-Parti C;
  - (d) l-aspetti li ġejjin ta' kostruzzjoni u disinn:
    - (i) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw ix-xażi;
    - (ii) id-disinn u l-kostruzzjoni tal-elementi kostitwenti essenzjali li jiffurmaw l-istruttura tal-karozzerija fil-każ ta' karozzerija li ssostni lilha nnifisha;
  - (e) in-numru ta' fusien.
- 6.1.2. Tip ta' vettura għandha tikkonsisti tal-anqas minn varjant wieħed u verżjoni waħda.
- 6.2. Varjanti
- 6.2.1. "Varjant" fi ħdan tip ta' vettura għandu jiġbor flimkien il-vetturi li għandhom il-karatteristiċi ta' kostruzzjoni li ġejjin komuni:
- (a) it-tip ta' karozzerija msemmi fl-Appendiċi 2 (għal vetturi kompleti u kompluti);
  - (b) l-istadju ta' tlestija (eż. kompleta/mhux kompleta/kompluta);
  - (c) il-kunċett tas-sospensjonijiet (sospensjoni tal-azzar, arja jew idrawlika);
  - (d) il-karatteristiċi tekniċi li ġejjin:
    - (i) il-ħila jew le li x-xażi jiġi estiż;
    - (ii) l-ġholi tas-sular (normali, low loader, semi-low loader, eċċ.);
  - (e) f'każ ta' vetturi mibnijin f'diversi stadji, il-manifattur u t-tip tal-vettura fi stadju preċedenti.
- 6.3. Verżjonijiet
- 6.3.1. "Verżjoni" fi ħdan varjant għandha tiġbor flimkien vetturi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin komuni:
- (a) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli;
  - (b) is-subdiviżjonijiet jew taħlita ta' subdiviżjonijiet imsemmija fil-punti 3.2 u 3.3 tal-Anness I għad-Direttiva 96/53/KE li fihom jappartjeni l-isparzjar tal-fusien bejn żewġ fusien konsekuttivi li jiffurmaw grupp;
  - (c) id-definizzjoni tal-fusien fid-dawl ta' dawn li ġejjin:
    - (i) fusien jogħlew (numru u pożizzjoni);
    - (ii) fusien karikabbli (numru u pożizzjoni);
    - (iii) fus manuvrabbli (numru u pożizzjoni).
7. Ir-rekwiżiti komuni għall-kategoriji kollha ta' vetturi
- 7.1. Meta vettura taqa' taħt bosta kategoriji minħabba l-massa massima tagħha jew in-numru ta' pożizzjonijiet bilqiegħda jew it-tnejn li huma, il-manifattur jista' jagħżel li juża l-kriterji ta' waħda jew l-oħra mill-kategorija ta' vetturi għad-definizzjoni tal-varjanti u l-verżjonijiet.
- 7.1.1. Eżempji:
- (a) vettura "A" tista' tirċievi approvazzjoni tat-tip bħala  $N_1$  (3,5 tunnelli) u  $N_2$  (4,2 tunnelli) b'rabta mal-massa massima tagħha. F'dan il-każ, il-parametri msemmijin fil-kategorija  $N_1$  jistgħu jintużaw ukoll għall-vetturi li jaqgħu fil-kategorija  $N_2$  (jew viċe versa).
  - (b) vettura "B" tista' tirċievi approvazzjoni tat-tip bħala  $M_1$  u  $M_2$  b'rabta man-numru ta' pożizzjonijiet bilqiegħda (7 + 1 jew 10 + 1), il-parametri msemmijin fil-kategorija  $M_1$  jistgħu jintużaw ukoll għall-vetturi li jaqgħu fil-kategorija  $M_2$  (jew viċe versa).
- 7.2. Vettura tal-kategorija N tista' tirċievi approvazzjoni tat-tip skont id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-kategorija  $M_1$  jew  $M_2$ , skont xi jkun il-każ, meta jkun maħsub li ser tiġi kkonvertita f'vettura ta' dik il-kategorija matul l-istadju li jmiss ta' proċedura b'bosta stadji ta' approvazzjoni tat-tip.
- 7.2.1. Dan huwa possibbli biss għal vetturi mhux kompleti.

It-tali vetturi għandhom jiġu identifikati minn kodiċi speċifiku tal-varjant mogħti mill-manifattur tal-vettura bażi.

- 7.3. Deżinjazzjonijiet tat-tip, tal-varjant u tal-verżjoni
- 7.3.1. Il-manifattur għandu jalloka kodiċi alfanumeriku lil kull tip ta' vettura, varjant u verżjoni, magħmul minn ittri Rumani u/jew numri Għarab.
- L-użu ta' parentesi u singijiet huwa awtorizzat, dment li ma jidherx post ittra jew numru.
- 7.3.2. Il-kodiċi sħiħ għandu jiġi ddeżinjat: Tip-Varjant-Verżjoni jew "TVV".
- 7.3.3. It-TVV għandu jidentifika biċ-ċar u mingħajr ekwivoċi taħlita unika tal-karatteristiċi tekniċi b'rabta mal-kriterji definiti f'din il-Parti.
- 7.3.4. L-istess manifattur jista' juża l-istess kodiċi sabiex jiddefinixxi tip ta' vettura meta din tal-aħħar taqa' taħt żewġ kategoriji jew aktar.
- 7.3.5. L-istess manifattur ma għandux juża l-istess kodiċi sabiex jiddefinixxi tip ta' vettura għal aktar minn approvazzjoni waħda tat-tip fi ħdan l-istess kategorija ta' vetturi.
- 7.4. Numru ta' karattri għat-TVV
- 7.4.1. In-numru ta' karattri ma għandux jaqbeż:
- (a) 15 għall-kodiċi tat-tip ta' vettura;
- (b) 25 għall-kodiċi ta' varjant wieħed;
- (c) 35 għall-kodiċi ta' verżjoni waħda.
- 7.4.2. It-"TVV" alfanumeriku sħiħ ma għandux ikun fiha aktar minn 75 karattru.
- 7.4.3. Meta jintuża t-TVV sħiħ, għandu jitħalla spazju bejn it-tip, il-varjant u l-verżjoni.
- Eżempju ta' TVV bħal din: 159AF[...space]0054[...space]977K(BE).

## PARTI C

**Definizzjonijiet tat-tipi ta' karożzerija**

1. Ġenerali
- 1.1. It-tip ta' karożzerija kif ukoll il-kodiċi għall-karożzerija għandhom ikunu indikati permezz ta' kodiċijiet.
- Il-lista ta' kodiċijiet għandha tapplika prinċipalment għal vetturi kompleti u kompluti.
- 1.2. Fir-rigward ta' vetturi tal-kategoriji M, it-tip ta' karożzerija għandu jikkonsisti minn żewġ ittri kif speċifikat fil-punti 2 u 3.
- 1.3. Fir-rigward ta' vetturi tal-kategoriji N u O, it-tip ta' karożzerija għandu jikkonsisti minn żewġ ittri kif imsemmi fil-punti 4 u 5.
- 1.4. Meta jkun hemm bżonn (speċjalment għat-tipi ta' karożzerija msemmijin rispettivament fil-punti 4.1 u 4.6 u fil-punti 5.1 sa 5.4), dawn għandhom ikunu supplimentati minn żewġ figuri.
- 1.4.1. Il-lista ta' figuri għandha tiġi stabbilita fl-Appendiċi 2.
- 1.5. Għal vetturi bi skop speċjali, it-tip ta' karożzerija li jintuża għandu jkun assoċjat mal-kategorija tal-vettura.
2. Vetturi tal-kategorija M<sub>1</sub>

Ref.	Kodiċi	Isem	Definizzjoni
2.1.	AA	Saloon	Vettura ddefinita fit-terminu 3.1.1.1 tal-istandard internazzjonali ISO 3833:1977, li tal-anqas ikollha erba' twieqi tal-ġenb.
2.2.	AB	Hatchback	Saloon kif definita fi 2.1 bi sportell fuq wara tal-vettura.

Ref.	Kodiċi	Isem	Definizzjoni
2.3.	AC	Station wagon	Vettura ddefinita fit-terminu 3.1.1.4 tal-istandard internazzjonali ISO 3833:1977.
2.4.	AD	Coupé	Vettura ddefinita fit-terminu 3.1.1.5 tal-istandard internazzjonali ISO 3833:1977.
2.5.	AE	Convertible	Vettura ddefinita fit-termini Nru 3.1.1.6 tal-istandard internazzjonali ISO 3833:1977. Madankollu, karozza convertible m'għandux ikollha bieba.
2.6.	AF	Vetturi b'diversi skopijiet	Vetturi ħlief għal AG u dawk imsemmija f'AA sa AE maħsuba għall-ġarr ta' persuni u l-bagalji jew okkażjonalment il-prodotti tagħhom, f'kompartment wieħed.
2.7.	AG	Trakk station wagon	Vettura ddefinita fit-terminu Nru 3.1.1.4.1 tal-istandard internazzjonali ISO 3833:1977. Madankollu, il-kompartment tal-bagalji jrid ikun separat għalkollox mill-kompartment tal-passiġġieri. Barra minn hekk, il-punt ta' referenza tal-post ta' bilqiegħda tax-xufier ma għandux għalfejn ikun mill-inqas 750 mm 'il fuq mill-wiċċ li jirfed il-vettura.

3. Vetturi li jappartjenu għall-kategorija M<sub>2</sub> jew M<sub>3</sub>

Ref.	Kodiċi	Isem	Definizzjoni
3.1.	CA	Vettura b'sular wieħed	Vettura fejn l-ispazji pprovduti għall-persuni jkunu mqassmin fl-ivell wieħed jew b'mod li ma jikkostitwixxux żewġ livelli imposti fuq xulxin;
3.2.	CB	Vettura b'żewġ sulari	Vettura ddefinita fil-paragrafu 2.1.6 tar-Regolament Nru 107 tan-NU;
35 A	Sistemi tal-wajper u l-washer tal-windskrin	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1008/2010		C
			(a) Sistema tal-wajpers tal-windskrin	Għandhom ikunu japplikaw il-punti 1.1 sa 1.1.10 tal-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 1008/2010. Għandu jitwettaq biss it-test deskritt fil-punt 2.1.10 tal-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 1008/2010.
			(b) Sistema tal-ħasil tal-windskrin	Għandujapplika l-punt 1.2 tal-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 1008/2010, għajr il-punti 1.2.2, 1.2.3 u 1.2.5.

Partita	Suġġett	Referenza għall-Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
36 A	Sistemi tas-sħana	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 122 tan-NU		C It-twaħħil ta' sistema tas-sħana ma għandux ikun meħtieġ.
			(a) Is-sistemi tas-sħana kollha	Ir-rekwiżiti tal-paragrafi 5.3 u 6 tar-Regolament Nru 122 tan-NU għandhom japplikaw.
			(b) is-sistemi tas-sħana LPG	Ir-rekwiżiti tal-Anness 8 għar-Regolament Nru 122 tan-NU għandhom japplikaw.
37 A	Protezzjoni tar-roti	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1009/2010		B
38 A	Trażżin tar-ras (headrests), inkorporati fis-sits tal-vettura jew le	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 25 tan-NU		X
41 A	Emissjonijiet (Euro VI) minn vetturi heavy-duty/aċċess għal informazzjoni	Regolament (KE) Nru 595/2009		A Bl-eċċezzjoni tas-sett ta' rekwiżiti relatati mal-OBDs u l-aċċess għall-informazzjoni.
			Kejl tas-saħħa	(Meta l-manifattur tal-vetturi juża magna minn manifattur ieħor) Data tal-bench test mill-manifattur tal-magna hija aċċettata, dment li s-sistema ta' ġestjoni tal-magna tkun identika (jiġifieri jkollha tal-anqas l-istess ECU). Test tal-output tas-saħħa jista' jitwettaq biss fuq dinamometru tax-xażi. Dan għandu jsir minħabba t-telf ta' qawwa fit-trażmissjoni.
44 A	Piżijiet u dimensjonijiet	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1230/2012		B It-test ta' tluq f'telgħa bil-massa kombinata massima deskritt fil-punt 5.1 tal-Parti A tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1230/2012 jista' jiġi rinunzjat fuq talba tal-manifattur.
45 A	Materjali tal-ħġieġ tas-sikurezza u l-installazzjoni tagħhom fuq vetturi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 43 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Installazzjoni	B
46 A	Installazzjoni tat-tajers	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 458/2011		B Id-dati għall-applikazzjoni progressiva għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.

Partita	Suġġett	Referenza għall-Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
46B	Tajers pnevmatiċi għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (Klassi C <sub>1</sub> )	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 30 tan-NU	Komponenti	X
46D	Emissjonijiet tal-ħoss tat-tajers għat-tidwir, adeżjoni fuq uċuħ imxarrbin u r-reżistenza tat-tidwir (Klassijiet C <sub>1</sub> , C <sub>2</sub> u C <sub>3</sub> )	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 117 tan-NU	Komponenti	X
46E	Stepni għall-użu temporanju, tajers run-flat u/jew sistema run-flat u/jew sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 64 tan-NU	Komponenti	X
			It-tqabbid ta' sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers (TPMS)	B It-twaħħil ta' TPMS ma għandux ikun meħtieġ.
50 A	Komponenti tal-akkoppjar mekkaniku ta' vetturi magħquda	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 55 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Installazzjoni	B
53 A	Protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' ħabta frontali	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 94 tan-NU		C Ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 94 tan-NU għandhom japplikaw għall-vetturi mgħammra b'airbags fuq quddiem. Vetturi li ma għandhomx airbags għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit tal-punt 14 A ta' din it-tabella.
54 A	Protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' ħabta laterali	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 95 tan-NU		C
			Test tal-forma tar-ras	Il-manifattur għandu jipprovdi s-servizz tekniku b'informazzjoni xierqa dwar impatt possibbli tar-ras tal-pupu mal-istruttura tal-vettura jew il-ħġieġa tal-ġenb jekk magħmula minn ħġieġ laminat.  Meta jintwera li aktarx li t-tali impatt iseħħ, għandu jsir it-test parzjali bl-użu tat-test tal-forma tar-ras deskritt fil-paragrafu 3.1 tal-Anness 8 għar-Regolament Nru 95 tan-NU u għandu jiġi ssodisfat il-kriterju speċifikat fil-paragrafu 5.2.1.1 tar-Regolament Nru 95 tan-NU.  Bi qbil mas-servizz tekniku, il-proċedura tat-test deskritta fl-Anness 4 għar-Regolament Nru 21 tan-NU jista' jintuża bħala alternattiva għat-test tar-Regolament Nru 95 tan-NU.

Partita	Suġġett	Referenza għall-Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
58	Ħarsien tal-persuni mexjin	Regolament (KE) Nru 78/2009	(a) Rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-vettura	Mhux disponibbli
			(b) Sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem	X
59	Riċiklabbiltà	Direttiva 2005/64/KE		Mhux disponibbli - Għandu japplika biss l-Artikolu 7 dwar l-użu mill-ġdid tal-partijiet tal-komponenti.
61	Sistema ta' kondizzjonament tal-arja	Direttiva 2006/40/KE		A
62	Sistema tal-idroġenu	Regolament (KE) Nru 79/2009		X
63	Sikurezza Ġenerali	Regolament (KE) Nru 661/2009		Ara nota ta' spjega <sup>(15)</sup> tat-tabella f'din il-Parti b'atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vetturi prodotti f'serje illimitata.
64	Indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 65/2012		Mhux disponibbli
67	Komponenti speċifiċi għall-gassijiet likwifikati miż-żejt (LPG) u l-installazzjoni tagħhom fuq vetturi bil-mutur	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 67 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Installazzjoni	A
68	Sistemi ta' allarm tal-vettura (VAS)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 97 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Installazzjoni	B
69	Sikurezza elettrika	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 100 tan-NU		B
70	Komponenti speċifiċi għas-CNG u l-installazzjoni tagħhom fuq il-vetturi bil-mutur	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 110 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Installazzjoni	A
72	sistema eCall	Regolament (UE) 2015/758		Mhux disponibbli

Noti ta' spjega

X

Applikazzjoni sħiħa tal-att regolatorju kif ġej:

- (a) għandu jinħareġ ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip;
- (b) it-testijiet u l-verifiki għandhom isiru mis-servizz tekniku jew il-manifattur skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 67 sa 81;
- (c) għandu jiġi abbozzat rapport tat-ittestjar skont l-Anness III;
- (d) Għandha tiġi żgurata Konformità tal-Produzzjoni (COP).

A

Applikazzjoni tal-att regolatorju kif ġej:

- (a) għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha tal-att regolatorju sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor;
- (b) ma għandu jkun meħtieġ ebda ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip;
- (c) it-testijiet u l-verifiki għandhom isiru mis-servizz tekniku jew il-manifattur skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 67 sa 81;
- (d) għandu jiġi abbozzat rapport tat-ittestjar skont l-Anness III;
- (e) għandha tiġi żgurata COP.

B

Applikazzjoni tal-att regolatorju kif ġej:

L-istess għall-ittra "A", bl-eċċezzjoni li t-testijiet u l-verifiki jistgħu jsiru mill-manifattur stess, soġġett għall-qbil tal-awtorità tal-approvazzjoni.

C

Applikazzjoni tal-att regolatorju kif ġej:

- (a) ir-rekwiżiti tekniċi mir-regolatorji biss għandhom jiġu ssodisfati, indipendentement minn kwalunkwe dispożizzjoni tranżizzjonali;
- (b) ma għandu jkun meħtieġ ebda ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip;
- (c) it-testijiet u l-verifiki għandhom isiru mis-servizz tekniku jew il-manifattur (ara d-deċizzjonijiet għall-ittra "B");
- (d) għandu jiġi abbozzat rapport tat-ittestjar skont l-Anness III;
- (e) għandha tiġi żgurata COP.

D

L-istess għad-deċizzjonijiet fl-ittri "B" u "C", bl-eċċezzjoni li dikjarazzjoni tal-konformità sottomessa mill-manifattur hija biżżejjed. Ma għandu jkun hemm bżonn ta' ebda rapport tat-test.

L-awtorità ta' approvazzjoni jew is-servizz tekniku jista' jkun jeħtieġ informazzjoni addizzjonali għal aktar evidenza, jekk ikun hemm bżonn.

Mhux disponibbli

L-att regolatorju ma għandux japplika. Iżda l-konformità ma' aspekk speċifiku wieħed jew aktar inklużi fl-att regolatorju tista' tkun imposta.

Is-serje ta' emendi tar-Regolamenti tan-NU li għandhom jintużaw huma elenkati fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 661/2009. Is-serje ta' emendi adottati sussegwentement huma aċċettati bħala alternattiva.

Tabella 2

Vetturi N<sub>1</sub> <sup>(1)</sup>

Partita	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
1 A	Livell ta' ħoss	Regolament (UE) Nru 540/2014		A
2 A	Emissjonijiet (Euro 5 u Euro 6) ta' vetturi ħfief/aċċess għall-informazzjoni	Regolament (KE) Nru 715/2007	(a) OBD	Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema OBD li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 (is-sistema OBD għandha tkun imfassla sabiex tal-anqas tirreġistra l-ħsara fis-sistema ta' mmaniġġjar tal-magna). L-interfaċċa tal-OBD għandha tkun tista' tikkomunika ma' għodod dijanjostiċi komunement disponibbli.
			(b) Konformità waqt is-servizz	Mhux disponibbli
			(c) Aċċess għall-informazzjoni	Huwa suffiċjenti li l-manifattur jipprovdi aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura b'mod aċċessibbli faċilment u minnufih.
			(d) Kejl tas-saħħa	(Meta l-manifattur tal-vetturi juża magna minn manifattur ieħor) Data tal-bench test mill-manifattur tal-magna hija aċċettata, dment li s-sistema ta' ġestjoni tal-magna tkun identika (jiġifieri jkollha tal-anqas l-istess ECU). Test tal-output tas-saħħa jista' jitwettaq biss fuq dinamometru tax-xażi. Dan għandu jsir minħabba t-telf ta' qawwa fit-trażmissjoni.
3 A	Prevenzjoni tar-riskji tan-nar (tankijiet tal-karburant likwidu)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 34 tan-NU	(a) Tankijiet tal-karburant likwidu	B
			(b) Installazzjoni fuq il-vettura	B
3B	Apparati ta' protezzjoni tal-qiegħ fuq wara (RUPDs) u l-installazzjoni tagħhom; protezzjoni tal-qiegħ fuq wara (RUP)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 58 tan-NU		B

<sup>(1)</sup> In-noti ta' spjega marbutin mat-Tabella "Atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vetturi prodotti f'serje illimitata" ta' din il-Parti japplikaw għal din it-Tabella wkoll. L-ittri f'din it-Tabella għandhom l-istess tifsira bħal fit-Tabella 1 ta' dan l-Appendiċi.



Partita	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
4 A	Spazju għall-immuntar u l-iffissar ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni fuq wara	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1003/2010		B
5 A	Tagħmir tal-istering	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 79 tan-NU	(a) Sistemi mekkaniċi	Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5 tar-Regolament Nru 79.01 tan-NU għandhom japplikaw. Għandhom isiru t-testijiet kollha stipulati fil-paragrafu 6.2 tar-Regolament Nru 79 tan-NU u għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 6.1 tar-Regolament Nru 79 tan-NU.
			(b) Sistema elettronika kumplessa ta' kontroll tal-vettura	Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti kollha tal-Anness 6 tar-Regolament Nru 79 tan-NU. Il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti tista' tiġi ċċekkjata biss minn servizz tekniku.
6B	Lukketti tal-bibien u komponenti li jżommu l-bibien	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 11 tan-NU	(a) Rekwiżiti ġenerali (Paragrafu 5 tar-Regolament Nru 11 tan-NU)	Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti kollha.
			(b) Rekwiżiti tal-prestazzjoni (Paragrafu 6 tar-Regolament Nru 11 tan-NU)	Għandhom japplikaw biss ir-rekwiżiti tal-paragrafu 6.1.5.4 u l-paragrafu 6.3 tar-Regolament Nru 11 tan-NU.
7 A	Apparat u sinjali ta' twissija li jinstemgħu	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 28 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Installazzjoni fuq il-vettura	B
8 A	Apparat għal viżjoni indiretta u l-installazzjoni tiegħu	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 46 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Installazzjoni fuq il-vettura	B
9 A	Ibbrejkjar tal-vetturi u t-trejlers	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 13 tan-NU.	(a) rekwiżiti dwar id-disinn u t-testijiet	A
			(b) Kontroll tal-istabbiltà elettroniku (ESC)	It-twaħħil ta' ESC ma għandux ikun meħtieġ. Jekk jitqabbd, għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament Nru 13 tan-NU.

Partita	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
9B	Ibbrejkjar tal-karozzi tal-passiġġieri	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 13-H tan-NU	(a) Rekwiżiti dwar id-disinn u t-testijiet	A
			(b) ESC u sistemi ta' assistenza fil-brejkijiet (BAS)	It-twaħħil ta' BAS u ESC ma għandux ikun meħtieġ. Jekk ikunu mwaħħlin, dawn għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament Nru 13-H tan-NU.
10 A	Kompatibbiltà elettromanjetika	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 10 tan-NU		B
13B	Protezzjoni tal-vetturi bil-mutur kontra użu mhux awtorizzat	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 116 tan-NU		A Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 8.3.1.1.1. tar-Regolament Nru 116 tan-NU jistgħu jiġu applikati minflok il-paragrafu 8.3.1.1.2 ta' dak ir-Regolament, ikun xi jkun it-tip ta' sistema tal-motopropulsjoni.
14 A	Protezzjoni tas-sewwieq mill-mekkaniżmu tal-istering jekk ikun hemm impatt	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 12 tan-NU		C
			(a) Test tal-impatt mal-ostaklu	Għandu jkun meħtieġ test.
			(b) Test tal-impatt tal-imblokkar tal-ġisem mal-istering	Mhux meħtieġa jekk ir-rotta tal-istering hija mgħammra b'airbag.
	(c) Test tal-forma tar-ras	Mhux meħtieġa jekk ir-rotta tal-istering hija mgħammra b'airbag.		
15 A	Sits, l-ankraġġi tagħhom u kull ilqugħ protettiv tar-ras	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 17 tan-NU		B
17 A	Aċċess u manuvrabbiltà tal-vettura (ger tar-rivers)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 130/2012		D
17B	Tagħmir tal-ispidometru inkluż l-installazzjoni tiegħu	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 39 tan-NU		B
18 A	Pjanċa statutorja tal-manifattur u VIN	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 19/2011		B

Partita	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
19 A	Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza, sistemi ta' ankraġġi ISOFIX u ankraġġi ISOFIX tal-irbit ta' fuq	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 14 tan-NU		B
20 A	Installazzjoni ta' dawl u apparat ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq il-vetturi bil-magna	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 48 tan-NU		B Ma' tip ġdid ta' vettura għandhom jitqabdu DRLs.
21 A	Mezzi ta' retroriflessjoni għal vetturi bil-mutur	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 3 tan-NU		X
22 A	Fanali ta' quddiem u ta' wara, fanali tal-waqfien u fanali li jimmarkaw il-kontorn tat-tarf għal vetturi awtomotivi u t-trejlers tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 7 tan-NU		X
22B	Fanali għal binhar għal vetturi bil-mutur	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 87 tan-NU		X
22C	Fanali li jimmarkaw il-ġnub għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 91 tan-NU		X
23 A	Indikaturi tad-direzzjoni għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 6 tan-NU		X
24 A	Illuminazzjoni tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 4 tan-NU		X
25 A	Fanali ta' quddiem issiġillati ta' vetturi bil-mutur (SB) li jitgħu raġġ ta' dawl baxx jew raġġ ta' dawl tas-sewqan Ewropew asimmetriku jew it-tnejn	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 31 tan-NU		X
25B	Bozoz tal-filament għal użu f'unitajiet tal-fanali approvati għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 37 tan-NU		X

Partita	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
25C	Fanali ta' quddiem ta' vetturi awtomotivi mgħammra b'sorsi tad-dawl li jifgħu il-gass	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 98 tan-NU		X
25D	Fontijiet ta' dawl bi skarikar tal-gass għall-użu f'unitajiet ta' fanali bi skarikar ta' gass approvati għal vetturi bil-mutur	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 99 tan-NU		X
25E	Fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jifgħu raġġ tal-passaġġ u/jew raġġ tas-sewqan asimetriku u mgħammra b'bozoz tal-filament u/jew b'moduli b'dajowds li jarmu d-dawl (moduli LED)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 112 tan-NU		X
25F	Sistemi adattivi tad-dawl ta' quddiem (AFS) għal vetturi awtomotivi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 123 tan-NU		X
26 A	Fanali ta' quddiem ta' kontra ċ-ċpar għall-vetturi bil-mutur	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 19 tan-NU		X
27 A	Apparat għall-irmunkar	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1005/2010		B
28 A	Fanali taċ-ċpar ta' wara għal vetturi bil-magna u t-trejlers tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 38 tan-NU		X
29 A	Fanali tar-rivers għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 23 tan-NU		X
30 A	Lampi tal-ipparkjar għal vetturi bil-mutur	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 77 tan-NU		X
31 A	Ċinturini tas-sikurezza, sistemi ta' trażżin, sistemi ta' trażżin għat-tfal u sistemi ISOFIX ta' trażżin għat-tfal	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 16 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Rekwiżiti ta' installazzjoni	B

Partita	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
33 A	Lok u identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, tal-indikaturi operatorji u tal-indikaturi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 121 tan-NU		A
34 A	Sistemi li jneħħu l-ġelu u t-titpin minn mal-windskrin	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 672/2010		Mhux disponibbli Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema li tneħħi l-ġelu u t-titpin minn mal-windskrin adegwata.
35 A	Sistemi tal-wajper u l-washer tal-windskrin	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1008/2010		Mhux disponibbli Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema ta' wajpers u has-siela.
36 A	Sistemi tas-sħana	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 122 tan-NU		C It-twaħħil ta' sistema tas-sħana ma għandux ikun meħtieġ.
			(a) Is-sistemi tas-sħana kollha	Ir-rekwiżiti tal-paragrafi 5.3 u 6 tar-Regolament Nru 122 tan-NU għandhom japplikaw.
			(b) is-sistemi tas-sħana LPG	Ir-rekwiżiti tal-Anness 8 għar-Regolament Nru 122 tan-NU għandhom japplikaw.
41 A	Emissjonijiet (Euro VI) minn vetturi heavy-duty/aċċess għal informazzjoni	Regolament (KE) Nru 595/2009		A Bl-eċċezzjoni tas-sett ta' rekwiżiti relatati mal-OBDs u l-aċċess għall-informazzjoni.
			Kejl tas-saħħa	(Meta l-manifattur tal-vetturi juża magna minn manifattur ieħor) data tal-bench test mill-manifattur tal-magna hija aċċettata, sakemm dik is-sistema ta' ġestjoni tal-magna tkun l-istess (jiġifieri jkollha tal-anqas l-istess ECU). Test tal-output tas-saħħa jista' jitwettaq biss fuq dinamometru tax-xażi. Dan għandu jsir minħabba t-telf ta' qawwa fit-trażmissjoni.
43 A	Sistemi ta' sospensjoni tat-titjir	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 109/2011		B

Partita	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
45 A	Materjali tal-ħġieġ tas-sikurezza u l-installazzjoni tagħhom fuq vetturi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 43 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Installazzjoni	B
46 A	Installazzjoni tat-tajers	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 458/2011		B Id-dati għall-applikazzjoni progressiva għandhom ikunu daww stabbiliti fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.
46B	Tajers pnevmatiċi għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (Klassi C <sub>1</sub> )	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 30 tan-NU	Komponenti	X
46C	Tajers pnevmatiċi għal vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom (Klassijiet C <sub>2</sub> u C <sub>3</sub> )	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 54 tan-NU	Komponenti	X
46D	Emissjonijiet tal-ħoss tat-tajers għat-tidwir, adeżjoni fuq uċuħ imxarrbin u r-reżistenza tat-tidwir (Klassijiet C <sub>1</sub> , C <sub>2</sub> u C <sub>3</sub> )	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 117 tan-NU	Komponenti	X
46E	Stepni għall-użu temporanju, tajers run-flat u/jew sistema run-flat u/jew sistema ta' monitoraġġ tal-persjoni tat-tajers	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 64 tan-NU	Komponenti	X
			It-tqabbid ta' sistema ta' monitoraġġ tal-persjoni tat-tajers	B It-twaħħil ta' TPMS ma għandux ikun meħtieġ
48 A	Piżijiet u dimensjonijiet	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1230/2012		B
			It-test ta' xegħil fit-telgħa bil-massa kombinata massima	It-test ta' tluq f'telgħa bil-massa kombinata massima deskritt fil-punt 5.1 tal-Parti A tal-Anness 1 għar-Regolament (UE) Nru 1230/2012 jista' jiġi rinunzjat fuq talba tal-manifattur.
49 A	Vetturi kummerċjali fir-rigward tal-isporġenji esterni tagħhom quddiem il-panew ta' wara tal-kabina	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 61 tan-NU		C
			(a) Speċifikazzjonijiet ġenerali	Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5 tar-Regolament Nru 61 tan-NU għandhom japplikaw.
			(b) Speċifikazzjonijiet partikolari	Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 6 tar-Regolament Nru 61 tan-NU għandhom japplikaw.

Partita	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
50 A	Komponenti tal-akkoppjar mekkaniku ta' vetturi magħquda	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 55 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Installazzjoni	B
54 A	Protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' ħabta laterali	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 95 tan-NU	C	C
			Test tal-forma tar-ras	Il-manifattur għandu jipprova s-servizz tekniku b'informazzjoni xierqa dwar impatt possibbli tar-ras tal-pupu mal-istruttura tal-vettura jew il-ħġieġa tal-ġenb jekk magħmula minn ħġieġ laminat.  Meta jintwera li aktarx li t-tali impatt iseħħ, għandu jsir it-test parzjali bl-użu tat-test tal-forma tar-ras deskritt fil-paragrafu 3.1 tal-Anness 8 għar-Regolament Nru 95 tan-NU u għandu jiġi ssodisfat il-kriterju speċifikat fil-paragrafu 5.2.1.1 tar-Regolament Nru 95 tan-NU.  Bi qbil mas-servizz tekniku, il-proċedura tat-test deskritta fl-Anness 4 għar-Regolament Nru 21 tan-NU tista' tintuża bħala alternattiva għat-test tar-Regolament Nru 95 tan-NU msemmi aktar 'il fuq.
56 A	Vetturi għat-trasport ta' merkanzija perikoluża	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 105 tan-NU		A
58	Ħarsien tal-persuni mexjin	Regolament (KE) Nru 78/2009	(a) Ir-rekwiżiti tekniċi applikabbli għal vettura	Mhux disponibbli
			(b) Sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem	X
59	Riċiklabbiltà	Direttiva 2005/64/KE		Mhux disponibbli Għandu jkun japplika biss l-Artikolu 7 dwar l-użu mill-ġdid tal-partijiet tal-komponenti.
61	Sistema ta' kondizzjonament tal-arja	Direttiva 2006/40/KE		B

Partita	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
62	Sistema tal-idroġenu	Regolament (KE) Nru 79/2009		X
63	Sikurezza Ġenerali	Regolament (KE) Nru 661/2009		Ara nota ta' spjega <sup>(15)</sup> tat-tabella f'din il-Parti b'atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vetturi prodotti f'serje illimitata.
67	Komponenti speċifiċi għall-gassijiet likwifikati miż-żejt (LPG) u l-installazzjoni tagħhom fuq vetturi bil-mutur	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 67 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Installazzjoni	A
68	Sistemi ta' allarm tal-vettura (VAS)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 97 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Installazzjoni	B
69	Is-sikurezza elettrika	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 100 tan-NU		B
70	Komponenti speċifiċi għas-CNG u l-installazzjoni tagħhom fuq il-vetturi bil-mutur	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 110 tan-NU	(a) Komponenti	X
			(b) Installazzjoni	A
71	Saħħa tal-kabina	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 29 tan-NU		C
72	Sistema eCall	Regolament (UE) 2015/758		Ma japplikax



**Appendiċi 2**

Rekwiżiti għall-approvazzjoni tal-UE ta' vetturi individwali skont l-Artikolu 44

**1. APPLIKAZZJONI**

Għall-fini tal-applikazzjoni ta' dan l-Appendiċi, vettura titqies li hija ġdida meta:

- (a) qatt ma tkun ġiet irreġistrata qabel; jew
- (b) tkun ilha rreġistrata anqas minn sitt xhur meta ssir l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-vettura individwali.

Vettura għandha titqies irreġistrata meta tkun kisbet awtorizzazzjoni amministrattiva permanenti, temporanja jew għal perjodu qasir sabiex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni fit-toroq, li tinvolvi l-identifikazzjoni tagħha u l-ħruġ ta' numru ta' reġistrazzjoni <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> Fin-nuqqas ta' dokument ta' reġistrazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tirreferi għall-evidenza dokumentata disponibbli tad-data tal-manifattura jew l-evidenza dokumentata tal-ewwel xirja

**2. DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI****2.1. Kategorizzazzjoni tal-vettura**

Il-vetturi għandhom jitqassmu f'kategoriji skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness I kif ġej:

- (a) in-numru propju ta' pożizzjonijiet bilqiegħda għandu jiġi kkunsidrat; u
- (b) il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli għandha tkun il-massa massima ddikjarata mill-manifattur fil-pajjiż ta' oriġini disponibbli fid-dokumenti uffiċjali tiegħu.

Fejn ma jkunx possibbli li tiġi stabbilita faċilment il-kategorija ta' vettura minħabba d-disinn tal-karozzerija, għandhom ikunu japplikaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

**2.2. Applikazzjoni għal approvazzjoni tal-vettura individwali**

- (a) L-applikant għandu jissottometti applikazzjoni lill-awtorità tal-approvazzjoni flimkien mad-dokumentazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għat-tħaddim tal-proċedura ta' approvazzjoni.

Meta d-dokumentazzjoni sottomessa ma tkunx kompleta, iffalsifikata jew folza, l-applikazzjoni għall-approvazzjoni għandha tiġi rifjutata.

- (b) Tista' tiġi sottomessa biss applikazzjoni waħda għal vettura partikolari fi Stat Membru wieħed. L-awtorità ta' approvazzjoni tista' titlob mingħand l-applikant impenn bil-miktub li ser tiġi sottomessa applikazzjoni waħda biss fl-Istat Membru tal-awtorità ta' approvazzjoni.

B'vettura partikolari, wieħed għandu jifhem vettura fiżika li l-VIN tagħha jkun identifikat b'mod ċar.

Madankollu, kwalunkwe applikant jista' japplika għal approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE fi Stat Membru ieħor fir-rigward ta' vettura partikolari oħra b'karatteristiċi tekniċi identiċi jew simili għal dik li tkun ingħatat approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE.

- (c) Il-mudell tal-formola ta' applikazzjoni u t-tifsila tal-fajl għandhom ikunu stipulati mill-awtorità ta' approvazzjoni.

Id-dettalji mitluba tal-vettura jistgħu jikkonsistu biss f'għażla xierqa mill-informazzjoni inkluża fl-Anness I.

- (d) Ir-rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu rrispettati huma dawk stabbiliti fil-punt 4.

Ir-rekwiżiti tekniċi għandhom ikunu dawk applikabbli għal vetturi li jappartjenu għal tip ta' vettura li attwalment qed tiġi prodotta, fir-rigward tad-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

- (e) Fir-rigward tat-testijiet meħtieġa taħt l-atti regolatorji elenkati f'dan l-Anness, l-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni ta' konformità mal-istandards jew ir-regolamenti internazzjonali rikonnoxxuti. Id-dikjarazzjoni inkwistjoni tista' tinħareġ biss mill-manifattur tal-vettura.

"Dikjarazzjoni ta' konformità" għandha f'fisser dikjarazzjoni maħruġa mill-uffiċċju jew id-dipartiment fi ħdan l-organizzazzjoni tal-manifattur li huwa awtorizzat debitament maniġment biex jorbot b'mod sħiħ lill-manifattur bir-responsabbiltà legali fir-rigward tad-disinn u l-bini ta' vettura.

L-atti regolatorji li għalihom għandha tiġi pprovduta dikjarazzjoni bħal din għandhom ikunu dawk imsemmijin fil-punt 4.

Meta dikjarazzjoni ta' konformità ġġib magħha inċertezzi, l-applikant jista' jintalab jikseb mingħand il-manifattur l-evidenza, inkluż rapport tat-test, li tikkonferma d-dikjarazzjoni tal-manifattur.

### 2.3. Is-servizzi tekniċi inkarigati mill-approvazzjonijiet ta' vetturi individwali

- (a) Is-servizzi tekniċi inkarigati mill-approvazzjonijiet tal-vetturi individwali għandhom ikunu tal-kategorija A kif imsemmi fl-Artikolu 68(1).
- (b) Permezz ta' deroga mir-reqwiżit biex tintwera l-konformità tagħhom mal-istandards elenkati fl-Appendiċi 1 għall-Anness III, is-servizzi tekniċi għandhom jikkonformaw mal-istandards li ġejjin:
  - (i) EN ISO/IEC 17025:2005 meta jagħmlu t-testijiet huma stess;
  - (ii) EN ISO/IEC 17020:2012 meta jikkontrollataw il-konformità tal-vettura mar-reqwiżiti inklużi f'dan l-Appendiċi.
- (c) Meta fuq talba tal-applikant ikunu jridu jsiru testijiet speċifiċi li jeħtieġu ħliet speċifiċi, dawn għandhom isiru minn wieħed mis-servizzi tekniċi notifikati lill-Kummissjoni tal-għażla tal-applikant.

### 2.4. Rapporti tat-testijiet

- (a) Ir-rapporti tat-testijiet għandhom jiġu abbozzati skont il-paragrafu 5.10.2 tal-istandard EN ISO/IEC 17025:2005.
- (b) Ir-rapporti tat-testijiet għandhom jiġu abbozzati f'waħda mil-lingwi tal-Unjoni determinata mill-awtorità ta' approvazzjoni.

Meta fl-applikazzjoni tal-punt 2.3(c) ikun inħareġ rapport tat-test fi Stat Membru li mhuwiex dak inkarigat bl-approvazzjoni ta' vettura individwali, l-awtorità ta' approvazzjoni tista' tkun teħtieġ li l-applikant jissottometti traduzzjoni vera tar-rapport tat-test.
- (c) Ir-rapporti tat-testijiet għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-vettura ttestjata, inkluż l-identifikazzjoni tagħha. Il-partijiet li għandhom rwol importanti fir-rigward tar-riżultati tat-testijiet għandhom jiġu deskritti u jiġi rrapportat in-numru ta' identifikazzjoni tagħhom.
- (d) Fuq it-talba ta' applikant, rapport tat-test mibgħut għal sistema marbuta ma' vettura partikolari jista' jiġi ppreżentat ripetutament jew mill-istess applikant inkella minn ieħor għall-finijiet ta' approvazzjoni individwali għal vettura oħra.

F'każ bħal dan, l-awtorità ta' approvazzjoni għandha tiżgura li l-karatteristiċi tekniċi tal-vettura huma spezzjonati kif suppost skont tar-rapport tat-test.

L-ispezzjoni tal-vettura u d-dokumentazzjoni li tintbagħat flimkien mar-rapport tat-test għandhom juru li l-vettura li għaliha titfittex approvazzjoni individwali għandha l-istess karatteristiċi bħall-vettura deskritta fir-rapport.
- (e) Jistgħu jiġu sottomessi biss kopji awtentikati ta' rapport tat-test.
- (f) Ir-rapporti tat-testijiet imsemmijin fil-punt (d) ma jinkludux ir-rapporti mfasslin sabiex tingħata approvazzjoni ta' vettura individwali.

### 2.5. Fil-proċedura tal-approvazzjoni ta' vettura individwali kull vettura partikolari għandha tiġi spezzjonata fiżikament mis-servizz tekniku.

Ma għandha tkun awtorizzata ebda eżenzjoni għal dan il-prinċipju.

### 2.6. Meta l-awtorità ta' approvazzjoni tkun issodisfata li l-vettura tissodisfa r-reqwiżiti tekniċi speċifikati f'dan l-Appendiċi u tikkonforma mad-deskrizzjoni inkluża fl-applikazzjoni, din għandha tagħti l-approvazzjoni tagħha skont l-Artikolu 44.

### 2.7. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni għandu jifassal skont l-Artikolu 44.

### 2.8. L-awtorità ta' approvazzjoni għandha iżżomm rekord tal-approvazzjonijiet kollha mogħtijin skont l-Artikolu 44.

## 3. REVIŻJONI TAR-REKWIŻITI TEKNIĠI

Il-lista tar-reqwiżiti tekniċi inkluża fil-punt 4 għandha tiġi riveduta b'mod regolari sabiex tqis ir-riżultati tal-ħidma ta' armonizzazzjoni li qed issir fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (WP.29) f'Ġinevra u l-iżviluppi leġiżlattivi fil-pajjiżi terzi.

## 4. REKWIŻITI TEKNIĊI

Parti I: Vetturi tal-kategorija M<sub>1</sub>

Partita	Referenza għal att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
1	Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE <sup>(1)</sup> (Livell permissibbli tal-ħoss)	<p>Test waqt is-sewqan</p> <p>(a) Għandu jitwettaq test skont il-“Metodu A” msemmi fl-Anness 3 għar-Regolament Nru 51 tan-NU.</p> <p>Il-limiti huma daww speċifikati fil-punt 2.1 tal-Anness I għad-Direttiva 70/157/KEE. Jista' jkun li l-limiti permessi jitħallew jinqabżu b'deċibel (1).</p> <p>(b) Il-korsa tat-test għandha tikkonforma mal-Anness 8 għar-Regolament Nru 51 tan-NU. Tista' tintuża korsa tat-testijiet bi speċifikazzjonijiet differenti bil-kondizzjoni li t-testijiet ta' korrelazzjoni jkun saru mis-servizz tekniku. Għandu jiġi applikat fattur ta' korrezzjoni jekk ikun hemm bżonn.</p> <p>(c) Sistemi tal-egżost li fihom materjali fibrużi ma għandhomx bżonn ikunu kondizzjonati kif stipulat fl-Anness 5 għar-Regolament Nru 51 tan-NU</p> <p>Test stazzjonarju</p> <p>Għandu jitwettaq test skont il-paragrafu 3.2 tal-Anness 3 tar-Regolament Nru 51-H tan-NU.</p>
2 A	Regolament (KE) Nru 715/2007 (Emissjonijiet Euro 5 u Euro 6 ta' vet-turi ħfief/aċċess għall-informazzjoni)	<p>Emissjonijiet mill-pajp tal-egżost</p> <p>(a) Għandu jitwettaq test tat-tip I skont l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 692/2008 permezz tal-fatturi ta' deterjorament stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 692/2008. Il-limiti li għandhom jiġu applikati għandhom ikunu daww speċifikati fit-Tabella I u t-Tabella II fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 715/2007.</p> <p>(b) Il-vettura ma għandhiex tkun meħtieġa turi 3 000 km kif imsemmi fil-paragrafu 3.1.1 tal-Anness 4 għar-Regolament Nru 83 tan-NU.</p> <p>(c) Il-karburant li għandu jintuża għat-test għandu jkun il-karburant ta' referenza kif stipulat fl-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 692/2008.</p> <p>(d) Id-dinamometru għandu jiġi stabbilit skont ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fil-paragrafu 3.2 tal-Anness 4 għar-Regolament Nru 83 tan-NU.</p> <p>(e) It-test imsemmi fil-punt (a) ma għandux isir meta jkun jista' jintwera li l-vettura tikkonforma mar-Regolamenti dwar il-Kodiċi ta' Kalifornja msemmijin fil-punt 2.1.1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 692/2008.</p> <p>Emissjonijiet tal-evaporazzjoni</p> <p>Għal magni li jaħdmu bil-petrol, għandha tkun meħtieġa l-preżenza ta' sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet ta' evaporat (eż. kannestru tal-karbonju).</p> <p>Emissjonijiet mill-crankcase</p> <p>Għandha tkun meħtieġa l-preżenza ta' apparat għar-riċiklaġġ ta' gassijiet tal-crankcase.</p> <p>OBD</p> <p>(a) Il-vettura għandha tkun mġhammra b'sistema OBD.</p> <p>(b) L-interfaċċa tal-OBD trid tkun tista' tikkomunika ma' għodod dijanjostiċi komuni użati għall-ispezzjonijiet tekniċi perjodiċi.</p> <p>Opaċità tad-duħħan</p> <p>(a) Vetturi mġhammrin b'magna diżil għandhom jiġu ttestjati skont il-metodi ta' ttestjar imsemmijin fl-Appendiċi 2 għall-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 692/2008.</p>

Partita	Referenza għal att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		<p>(b) Il-valur korrett tal-koeffiċjent ta' assorbiment għandu jitwahaħhal b'mod evidenti u f'post faċilment aċċessibbli.</p> <p>Emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u l-konsum tal-karburant</p> <p>(a) Għandu jitwettaq test skont l-Anness XII għar-Regolament (KE) Nru 692/2008.</p> <p>(b) Il-vettura ma għandhiex tkun meħtieġa turi 3 000 km kif mitlub fil-paragrafu 3.1.1 tal-Anness 4 għar-Regolament Nru 83 tan-NU.</p> <p>(c) Meta l-vettura tkun tikkonforma mar-Regolamenti dwar il-Kodiċi ta' Kalifornja msemmijin fil-punt 2.1.1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 692/2008 u, għaldaqstant, ma hemm bżonn li jsir l-ebda test tal-emissjonijiet mill-pajp tal-egżost, l-Istati Membri għandhom jikkalkolaw l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u l-konsum ta' karburant bil-formula stabbilita fin-noti ta' spjega <sup>(b)</sup> u <sup>(c)</sup>.</p> <p>Aċċess għall-informazzjoni</p> <p>Id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-informazzjoni ma għandhomx japplikaw.</p> <p>Kejl tas-saħħa</p> <p>(a) L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mingħand il-manifattur li tiddikjara l-output massimu tas-saħħa tal-magna f'kW kif ukoll il-veloċità korrispondenti tal-magna frivoluzzjonijiet kull minuta.</p> <p>(b) L-applikant jista' inkella jipprovdi kurva tal-output tas-saħħa tal-magna li tiprovdi l-istess informazzjoni.</p>
3 A	Regolament Nru 34 tan-NU (Tankijiet tal-karburant - Apparat ta' protezzjoni fuq wara)	<p>Tankijiet tal-karburant</p> <p>(a) It-tankijiet tal-karburant għandhom ikunu konformi mal-paragrafu 5 tar-Regolament Nru 34 tan-NU bl-eċċezzjoni tal-paragrafi 5.1, 5.2 u 5.12. B'mod partikolari, għandhom jikkonformaw mal-paragrafi 5.9 u 5.9.1, iżda ma għandu jsir ebda test tat-tqattir.</p> <p>(b) Tankijiet tal-LPG jew tas-CNG għandhom ikunu rċevew approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolament Nru 67 tan-NU, serje ta' emendi 01, jew ir-Regolament Nru 110 tan-NU <sup>(a)</sup>, rispettivament.</p> <p>Dispożizzjonijiet speċifiċi għal tankijiet tal-karburant magħmulin minn materjal tal-plastik</p> <p>L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li t-tank tal-karburant fil-vettura partikolari, li l-VIN tagħha għandu jiġi speċifikat, jikkonforma ma' tal-anqas wieħed minn dawn li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— FMVSS Nru 301 (Integrità tas-sistema tal-karburant); jew</li> <li>— Anness 5 għar-Regolament Nru 34 tan-NU.</li> </ul> <p>Apparat protettiv ta' wara</p> <p>Il-parti ta' wara tal-vettura għandha tinbena skont il-paragrafi 8 u 9 tar-Regolament Nru 34 tan-NU.</p>
3B	Regolament Nru 58 tan-NU (Protezzjoni underrun ta' wara)	Il-parti ta' wara tal-vettura għandha tinbena skont il-paragrafu 2 tar-Regolament Nru 58 tan-NU. Biżżejjeđ li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 2.3.
4 A	Regolament (UE) Nru 1003/2010 (Spazju għal pjanċi ta' reġistrazzjoni fuq wara)	L-ispazju, l-inklinazzjoni, l-angoli għall-viżibbiltà u l-pożizzjoni tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni għandhom jikkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 1003/2010.

Partita	Referenza għal att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
5 A	Regolament Nru 79 tan-NU (Tagħmir tal-istering)	<p>Sistemi mekkaniċi</p> <p>(a) Il-mekkaniżmu tal-istering għandu jinbena b'tali mod li jiċċentra ruħu. Sabiex tiġi kkontrollata l-konformità ma' din id-dispożizzjoni, għandu jitwettaq test skont il-paragrafi 6.1.2 u 6.2.1 tar-Regolament Nru 79 tan-NU.</p> <p>(b) Ħsara f'tagħmir ta' power steering ma għandhiex twassal għal telf totali tal-kontroll tal-vettura.</p> <p>Sistema elettronika kumplessa ta' kontroll tal-vettura (Apparat "drive-by wire")</p> <p>Sistema elettronika kumplessa ta' kontroll għandha tkun awtorizzata biss jekk tikkonforma mal-Anness 6 għar-Regolament Nru 79 tan-NU.</p>
6 A	Regolament Nru 11 tan-NU (Lukketti u ċappetti tal-bibien)	Konformità mal-paragrafu 6.1.5.4 tar-Regolament Nru 11 tan-NU.
7 A	Regolament Nru 28 tan-NU (Twissija li tinstema')	<p>Komponenti</p> <p>L-apparat ta' twissija bil-ħoss mhumiex meħtieġ li jkun approvat għat-tip skont ir-Regolament Nru 28 tan-NU. Madankollu, għandu jarmi ħoss kontinwu kif meħtieġ fil-paragrafu 6.1.1 tar-Regolament Nru 28 tan-NU.</p> <p>Installazzjoni fuq il-vettura</p> <p>(a) Għandu jitwettaq test skont il-paragrafu 6.2 tar-Regolament Nru 28 tan-NU.</p> <p>(b) Il-livell massimu tal-pressjoni tal-ħoss għandu jkun skont il-paragrafu 6.2.7.</p>
8 A	Regolament Nru 46 tan-NU (Apparat għall-viżjoni indiretta)	<p>Komponenti</p> <p>(a) Il-vettura għandha tkun mgħammra b'mirja li juru wara stipulati fil-paragrafu 15.2 tar-Regolament Nru 46 tan-NU.</p> <p>(b) Mhumiex meħtieġa li jkunu approvati għat-tip skont ir-Regolament Nru 46 tan-NU.</p> <p>(c) Ir-raġġi tal-kurvatura tal-mirja ma għandhomx jikkawżaw distorsjonijiet sinifikanti tal-immaġni. Bid-diskrezzjoni tas-servizz tekniku, ir-raġġijiet tal-kurvatura għandhom jiġu kkontrollati skont il-metodu deskritt fl-Anness 7 għar-Regolament Nru 46 tan-NU. Ir-raġġijiet tal-kurvatura ma għandhomx ikunu anqas minn dawk meħtieġa mill-paragrafu 6.1.2.2.4. tar-Regolament Nru 46 tan-NU.</p> <p>Installazzjoni fuq il-vettura</p> <p>Għandu jsir il-kejl sabiex jiġi żgurat li l-kampi tal-vista jikkonformaw mal-paragrafu 15.2.4. tar-Regolament Nru 46 tan-NU.</p>
9B	Regolament Nru 13-H tan-NU (Ibbrejkjar)	<p>Dispożizzjonijiet ġenerali</p> <p>(a) Is-sistema tal-brejkijiet għandha tkun mibnija skont il-paragrafu 5 tar-Regolament Nru 13-H tan-NU.</p> <p>(b) Il-vetturi għandhom ikunu mgħammra b'sistema elettronika tal-ibbrejkjar anti-lock li taġixxi fuq ir-roti kollha.</p> <p>(c) Il-prestazzjonijiet tas-sistema tal-brejkijiet għandhom jikkonformaw mal-Anness III għar-Regolament Nru 13-H tan-NU.</p> <p>(d) Għal dak il-għan, it-testijiet fit-triq għandhom isiru fuq korsa li s-superfiċe tagħha jkollha adeżjoni kbira. It-test fuq il-brejk tal-ipparkjar għandu jitwettaq fuq pendil ta' 18 % ('il fuq u 'l isfel).</p> <p>Għandhom jitwettqu biss dawk it-testijiet imsemmijin taħt l-intestaturi "Brejk tas-servizz" u "Brejk tal-ipparkjar". F'kull każ, il-vettura għandha tkun f'kondizzjonijiet ta' tagħbija bis-sħiħ.</p>

Partita	Referenza għal att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
		<p>(e) It-test fit-triq imsemmi fil-punt (d) ma għandux isir meta l-applikant jissottometti dikjarazzjoni mingħand il-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura tikkonforma jew mar-Regolament Nru 13-H tan-NU, inkluż is-suppliment 5, inkella mal-FMVSS Nru 135.</p> <p>Brejk tas-servizz</p> <p>(a) Għandu jitwettaq test tat-“tip 0” kif stipulat fil-paragrafi 1.4.2 u 1.4.3 tal-Anness 3 għar-Regolament Nru 13-H tan-NU.</p> <p>(b) Barra minn hekk, għandu jitwettaq test tat-“Tip I” kif stipulat fil-paragrafu 1.5 tal-Anness 3 għar-Regolament Nru 13-H tan-NU.</p> <p>Brejk tal-ipparkjar</p> <p>Għandu jitwettaq test skont il-paragrafu 2.3 tal-Anness 3 tar-Regolament Nru 13-H tan-NU.</p>
10 A	Regolament Nru 10 tan-NU (Interferenza tar-radju (kompatibilità elettromanjetika))	<p>Komponenti</p> <p>(a) Subassemblaġġi elettriċi/elettroniċi ma jeħtiġux li jkollhom it-tip approvat skont ir-Regolament Nru 10 tan-NU.</p> <p>(b) Madankollu, l-apparati elettriċi/elettroniċi li jitwaxxlu għodda għandhom jikkonformaw mar-Regolament Nru 10 tan-NU.</p> <p>Radjazzjonijiet elettromanjetiċi emessi</p> <p>L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura tikkonforma mar-Regolament Nru 10 tan-NU jew mal-istandards alternattivi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Radjazzjoni elettromanjetika bi frekwenza wiesgħa: CISPR 12 jew SAE J551-2; jew</li> <li>— Radjazzjoni elettromanjetika bi frekwenza dejqa: CISPR 12 (off-board) jew 25 (in-board) jew SAE J551-4 u SAE J1113-41.</li> </ul> <p>Testijiet tal-immunità</p> <p>Test tal-immunità għandu jiġi rinunzjat.</p>
12 A	Regolament Nru 21 tan-NU (Aċċessorji ta' ġewwa)	<p>Arranġament ta' ġewwa</p> <p>(a) Fir-rigward tar-rekwiżiti dwar l-assorbiment tal-enerġija, il-vettura għandha titqies li tikkonforma mar-Regolament Nru 21 tan-NU jekk il-vettura jkollha tal-anqas żewġ airbags fuq quddiem, waħda mdaħħla fl-istering u l-oħra fid-daxxbord.</p> <p>(b) Meta l-vettura tkun mgħammra b'air bag waħda biss fuq quddiem imdaħħla fl-istering, id-daxxbord għandu jkun magħmul minn materjali li jassorbu l-enerġija.</p> <p>(c) Is-servizz tekniku għandu jivverifika li ma jkun hemm ebda tarf li jaqta' fiż-żoni ddefiniti fil-paragrafi 5.1 sa 5.7 tar-Regolament Nru 21 tan-NU.</p> <p>Kontrolli elettriċi</p> <p>(a) It-twieqi li jaħdmu bl-elettriku, sistemi tal-pannelli tas-saqaf u sistemi diviżorji għandhom jiġu ttestjati skont il-paragrafu 5.8 tar-Regolament Nru 21 tan-NU.</p> <p>Is-sensittività tas-sistemi ta' awtorriversjar imsemmija fil-paragrafu 5.8.3 tista' tvarja mir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 5.8.3.1.1 tar-Regolament Nru 21 tan-NU.</p> <p>(b) It-twieqi elettriċi li ma jistgħux jingħalqu meta l-ignixin tkun mitfija għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti li jikkonċernaw lil sistemi ta' awtorriversjar.</p>

Partita	Referenza għal att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
13 A	Regolament Nru 18 tan-NU (Apparat kontra s-serq u immobilizzatur)	<p>(a) Sabiex jiġi evitat l-użu mhux awtorizzat, il-vettura għandha tkun mġhamra bi:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— apparat li jissakkar kif iddefinit fil-paragrafu 2.3 tar-Regolament Nru 18 tan-NU; u</li> <li>— immobilizzatur li jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi tal-paragrafu 5 tar-Regolament Nru 18 tan-NU;</li> </ul> <p>(b) Jekk, skont il-punt (a), immobilizzatur għandu jitwahaħal għdid, għandu jkun ta' tip approvat skont ir-Regolamenti Nru 18, Nru 97 jew Nru 116 tan-NU.</p>
14 A	Regolament Nru 12 tan-NU (Sistema li tiproteġi s-sewwieq mill-istering)	<p>(a) L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura partikolari, il-VIN tagħha li għandu jiġi speċifikat, jikkonforma ma' tal-anqas wieħed minn dawn li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Regolament Nru 12 tan-NU;</li> <li>— FMVSS Nru 203 (Protezzjoni mill-impatt għas-sewwieq mis-sistema ta' kontroll tal-istering) inkluż FMVSS Nru 204 (Spontament lura tal-kontroll tal-istering);</li> <li>— Artikolu 11 tal-JSRRV.</li> </ul> <p>(b) Jista' jitwettaq test skont l-Anness 3 għar-Regolament Nru 12 tan-NU fuq vettura tal-produzzjoni fuq talba tal-applikant.</p> <p>It-test għandu jitwettaq minn servizz tekniku li jkun ġie deżinjat biex iwettaq dan it-test. Għandu jinħareġ rapport iddetaljat minn dak is-servizz tekniku lill-applikant.</p>
15 A	Regolament Nru 17 tan-NU (Saħħa tas-sit — trażżin tar-ras)	<p>Sits, ankraġġi tas-sits u sistemi ta' aġġustament</p> <p>L-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura partikolari, il-VIN tagħha li għandu jiġi speċifikat, jikkonforma ma' tal-anqas wieħed minn dawn li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Regolament Nru 17 tan-NU; jew</li> <li>— FMVSS Nru 207 (Sistemi ta' bilqiegħda).</li> </ul> <p>Trażżin tar-ras</p> <p>(a) Meta d-dikjarazzjoni tkun ibbażata fuq l-FMVSS Nru 207, is-sistemi ta' trażżin tar-ras għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5 u l-Anness 4 għar-Regolament Nru 17 tan-NU wkoll.</p> <p>(b) Għandhom jitwettqu biss it-testijiet deskritti fil-paragrafi 5.12, 6.5, 6.6 u 6.7 tar-Regolament Nru 17 tan-NU.</p> <p>(c) Fl-avveniment l-ieħor, l-applikant għandu jissottometti dikjarazzjoni mill-manifattur li tistabbilixxi li l-vettura partikolari, il-VIN tagħha li għandu jiġi speċifikat, jikkonforma ma' FMVSS Nru 202a (Trażżin tar-ras).</p>
16 A	Regolament Nru 17 tan-NU (Sporġenzi esterni)	<p>(a) Is-superfiċe esterna tal-karozzerija għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ġenerali inklużi fil-paragrafu 5 tar-Regolament Nru 17 tan-NU.</p> <p>(b) Bid-diskrezzjoni tas-servizz tekniku, għandhom jiġu kkontrollati d-dispożizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 6.1, 6.5, 6.6, 6.7, 6.8 u 6.11 tar-Regolament Nru 17 tan-NU.</p>
17 A, 17B	Regolament Nru 39 tan-NU (Spidometru - ger tar-rivers)	<p>Tagħmir tal-ispidometru</p> <p>(a) L-arloġġ għandu jikkonforma mal-paragrafi 5.1 sa 5.1.4 tar-Regolament Nru 39 tan-NU.</p> <p>(b) Meta s-servizz tekniku jkun jixtieq jivverifika li l-ispidometer ikun ikkalibrat bi preċiżjoni suffiċjenti, jista' jitlob li jsiru t-testijiet stipulati fil-paragrafu 5.2 tar-Regolament Nru 39 tan-NU.</p> <p>Ġer tar-rivers</p> <p>Il-mekkaniżmu tal-gerijiet għandu jinkludi ger tar-rivers.</p>

Partita	Referenza għal att regolatorju	Rekwiżiti alternattivi
- 6.2. L-awtorità kompetenti għandha tiegħu kont taċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni bi skop adegwat sabiex tiffinalizza l-valutazzjoni globali tagħha tas-servizz tekniċu.
7. Tħejjija għal valutazzjoni
- 7.1. L-awtorità kompetenti għandha formalment taħtar tim ta' valutazzjoni konġunta. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-kompetenza li tinġieb għal kull tim ta' valutazzjoni konġunta hija xierqa. B'mod partikolari, it-tim kollu ta' valutazzjoni konġunta għandu jkollu:
  - (a) għarfien xieraq tal-iskop speċifiku li għalih qiegħda titfittex id-deżinjazzjoni; u
  - (b) fehim suffiċjenti biex tivvaluta b'mod affidabbli l-kompetenza tas-servizz tekniċu biex topera fi ħdan l-kamp ta' applikazzjoni tad-deżinjazzjoni tiegħu.
- 7.2. L-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi b'mod ċar il-kompitu mogħti lit-tim ta' valutazzjoni konġunta. Il-kompitu tat-tim ta' valutazzjoni konġunta hu li jirrevedi d-dokumenti miġbura mis-servizz tekniċu applikant u li jwettaq valutazzjoni fuq il-post.
- 7.3. L-awtorità kompetenti għandha taqbel, flimkien mas-servizz tekniċu u t-tim ta' valutazzjoni assenjat, dwar id-data u l-iskeda ta' żmien għall-valutazzjoni. Madankollu, tibqa' r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti li tftitex data li hi konformi mal-pjan ta' sorveljanza u rivalutazzjoni.
- 7.4. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-tim ta' valutazzjoni konġunta jiġi pprovdut bid-dokumenti ta' kriterji xierqa, rekords ta' valutazzjoni ta' qabel, u d-dokumenti u r-rekords rilevanti tas-servizz tekniċu.
8. Valutazzjoni fuq il-post

It-tim ta' valutazzjoni konġunta għandu jwettaq il-valutazzjoni tas-servizz tekniċu fil-faċilitajiet tas-servizz tekniċu li minnhom titwettaq attività ewlenija waħda jew iżjed u, fejn rilevanti, għandu jwettaq il-valutazzjoni tax-xhieda viżiva f'postijiet oħra magħżula fejn jopera s-servizz tekniċu.
9. Analiżi tal-fatti misjuba u rapport ta' valutazzjoni
- 9.1. It-tim ta' valutazzjoni konġunta għandu janalizza l-informazzjoni u l-evidenza rilevanti kollha miġbura matul ir-reviżjoni tad-dokument u r-rekord u l-valutazzjoni fuq il-post. Dik l-analiżi għandha tkun biżżejjed biex tippermetti lit-tim jiddetermina l-punt tal-kompetenza u l-konformità tas-servizz tekniċu mar-rekwiżiti għall-għażla.
- 9.2. Il-proċeduri ta' rapportar tal-awtorità kompetenti għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti li ġejjin ikunu ssodisfati.
  - 9.2.1. Għandha ssir laqgħa bejn it-tim ta' valutazzjoni konġunta u s-servizz tekniċu qabel jitilqu minn fuq il-post. F'dik il-laqgħa, it-tim ta' valutazzjoni konġunta għandu jipprovidi rapport bil-miktub u/jew orali dwar il-fatti misjuba miksuba mill-analiżi. Għandha tiġi pprovduta opportunità lis-servizz tekniċu biex isaqsi mistoqsijiet dwar is-sejbiet, inkluż in-nuqqas ta' konformità, jekk ikun hemm, u l-bażi tiegħu.
  - 9.2.2. Rapport miktub dwar l-eżitu tal-valutazzjoni għandu jinġieb għall-attenzjoni minnufih lis-servizz tekniċu. Dak ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jinkludi kummenti dwar il-kompetenza u l-konformità, u għandu jidentifika in-nuqqas ta' konformità, jekk ikun hemm, li għandu jiġi riżolt sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti kollha tal-għażla.
  - 9.2.3. Is-servizz tekniċu għandu jiġi mistieden biex jirrispondi għar-rapport ta' valutazzjoni u jiddeskrivi l-azzjonijiet speċifiċi meħuda jew ipplanati biex jittieħdu, f'perjodu ta' żmien speċifiku, biex kwalunkwe nuqqas ta' konformità identifikat jiġi riżolt.
- 9.3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-risponsi tas-servizz tekniċu huma suffiċjenti u effettivi biex jirrisolvu n-nuqqas ta' konformità. Jekk ir-rispons tas-servizz tekniċu jinsabu li mhumiex biżżejjed, għandha tintalab informazzjoni ulterjuri. B'żieda ma' dan, tista' tintalab xhieda ta' implimentazzjoni effettiva ta' azzjonijiet meħuda, jew tista' titwettaq valutazzjoni ta' segwitu biex tivverifika implimentazzjoni effettiva tal-azzjonijiet korrettivi.
- 9.4. Ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jinkludi mill-anqas dan li ġej:
  - (a) identifikazzjoni unika tas-servizz tekniċu;
  - (b) data(i) tal-valutazzjoni fuq il-post;
  - (c) isem(ismijiet) tal-awditur(i) u/jew espert(i) involuti fil-valutazzjoni;

- (d) identifikazzjoni unika tal-faċilitajiet kollha valutati;
  - (e) ambitu propost tad-deżinjazzjoni li ġiet valutata;
  - (f) dikjarazzjoni dwar l-adegwatezza tal-organizzazzjoni u l-proċeduri interni adottati mis-servizz tekniku li jappoġġaw il-kompetenza tiegħu, kif determinat permezz tal-issodisfar tar-rekwiżiti għad-deżinjazzjoni;
  - (g) informazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni tan-nuqqas ta' konformità kollha;
  - (h) rakkomandazzjoni ta' jekk l-applikant għandux jiġi deżinjat jew jiġix konfermat bħala servizz tekniku u, jekk ikun il-każ, l-ambitu tad-deżinjazzjoni.
10. L-għoti, il-konferma jew l-estensjoni ta' deżinjazzjoni
- 10.1. L-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien mhux dovut, tiegħu deċiżjoni jekk tagħtix, tikkonfermax, jew testendix id-deżinjazzjoni abbażi tar-rapport(i) ta' valutazzjoni u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.
- 10.2. L-awtorità kompetenti trid tipprovdi ċertifikat lis-servizz tekniku. Dak iċ-ċertifikat għandu jidentifika dan li ġej:
- (a) l-identità u l-logo tal-awtorità kompetenti;
  - (b) l-identità unika tas-servizz tekniku deżinjat;
  - (c) id-data effettiva tad-deżinjazzjoni u d-data tal-iskadenza;
  - (d) indikazzjoni fil-qosor ta' jew referenza għall-ambitu tad-deżinjazzjoni (atti regolatorji rilevanti jew parti minnhom);
  - (e) dikjarazzjoni ta' konformità u referenza għal dan ir-Regolament.
11. Valutazzjoni mill-ġdid u sorveljanza
- 11.1. Valutazzjoni mill-ġdid hija simili għal valutazzjoni inizjali ħliet li l-esperjenza miksuba matul il-valutazzjonijiet ta' qabel għandu jittieħed kont tagħha. Valutazzjonijiet ta' sorveljanza fuq il-post huma anqas komprensivi minn valutazzjonijiet mill-ġdid.
- 11.2. L-awtorità kompetenti għandha tfassal il-pjan tagħha għall-valutazzjoni mill-ġdid u sorveljanza ta' kull servizz tekniku deżinjat sabiex kampjuni rappreżentattivi tal-ambitu tad-deżinjazzjoni jiġu valutati fuq bażi regolari.
- L-intervall bejn valutazzjonijiet fuq il-post, kemm valutazzjonijiet mill-ġdid jew sorveljanza, jiddependi fuq l-istabbiltà ppruvata li s-servizz tekniku jkun laħaq.
- 11.3. Fejn, waqt is-sorveljanza jew il-valutazzjonijiet mill-ġdid, jiġu identifikati in-nuqqas ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi limiti ta' żmien stretti għal azzjonijiet korrettivi li jridu jittieħdu.
- 11.4. Fejn l-azzjonijiet korrettivi jew ta' titjib ma jkunux ittieħdu fil-limiti ta' żmien miftiehma jew jitqiesu li mhumiex suffiċjenti, l-awtorità kompetenti għandha tadotta miżuri xierqa bħat- twettiq ta' valutazzjoni ulterjuri, jew is-sospensjoni jew l-irtirar tad-deżinjazzjoni għal waħda jew iżjed mill-attivajiet li għalihom is-servizz tekniku jkun ġie ddeżinjat.
- 11.5. Fejn l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tissospendi jew tirtira d-deżinjazzjoni ta' servizz tekniku, għandha tinforma lis-servizz tekniku dwar id-deċiżjoni tagħha permezz ta' ittra reġistrata. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità kompetenti għandha tadotta l-miżuri kollha neċessarji biex tiżgura l-kontinwità tal-attivajiet diġà mwettqa mis-servizz tekniku.
12. Rekords dwar servizzi tekniċi deżinjati
- 12.1. L-awtorità kompetenti għandha żżomm rekords dwar is-servizzi tekniċi biex turi li r-rekwiżiti għad-deżinjazzjoni, inkluż il-kompetenza, ġew issodisfati b'mod effettiv.
- 12.2. L-awtorità kompetenti għandha żżomm ir-rekords dwar is-servizzi tekniċi sikuri sabiex tiżgura l-kunfidenzjalità.
- 12.3. Ir-rekords dwar is-servizzi tekniċi għandhom jinkludu tal-anqas dan li ġej:
- (a) il-korrispondenza rilevanti;
  - (b) ir-rekords u rapporti ta' valutazzjoni;
  - (c) kopji taċ-ċertifikati tad-deżinjazzjoni.
-

## ANNEX IV

## KONFORMITÀ TAL-PROĊEDURI TA' PRODUZZJONI

1. **Objettivi**
  - 1.1. Il-konformità tal-proċedura ta' produzzjoni timmira li tiżgura li kull vettura, sistema, komponent u unità, parti jew tagħmir tekniċi separati prodotti jkunu f'konformità mat-tip approvat.
  - 1.2. Il-konformità tal-proċedura ta' produzzjoni għandha dejjem tinkludi l-valutazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-assigurazzjoni tal-kwalità, imsemmija fil-punt 2 bħala l-“valutazzjoni inizjali”, u l-verifika tas-suġġett tal-approvazzjoni tat-tip u l-kontrolli relatati mal-prodott, imsemmija fil-punt 3 bħala “arranġamenti tal-konformità tal-prodott”.
2. **Valutazzjoni inizjali**
  - 2.1. Qabel ma tagħti l-approvazzjoni tat-tip, l-awtorità ta' approvazzjoni għandha tivverifika li l-manifattur ikun stabbilixxa arranġamenti u proċeduri sodisfaċenti sabiex jiżgura li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet jew il-partijiet u t-tagħmir tekniċi separati jkunu prodotti skont it-tip approvat.
  - 2.2. Gwida għat-twettiq ta' dawk il-valutazzjonijiet tista' tinkiseb mill-istandard EN ISO 19011:2011 — Linji gwida għall-awditjar tas-sistemi ta' mmaniġġjar.
  - 2.3. Il-konformità mar-rekwiżiti tal-punt 2.1 għandha tiġi vverifikata għas-sodisfazzjon tal-awtorità tal-approvazzjoni, kif ġej:

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tkun sodisfatta bil-valutazzjoni inizjali u l-arranġamenti ta' konformità tal-prodott imsemmija fil-punt 3, filwaqt li tqis wieħed mill-arranġamenti msemmija fil-punti 2.3.1 sa 2.3.3, jew kombinazzjoni ta' dawk l-arranġamenti b'mod sħiħ jew parzjali kif xieraq.
  - 2.3.1. Il-valutazzjoni inizjali u l-verifika tal-arranġamenti ta' konformità tal-prodott għandhom jitwettqu mill-awtorità tal-approvazzjoni jew minn korp deżinjat għal dak il-fini mill-awtorità tal-approvazzjoni.
    - 2.3.1.1. Meta tikkunsidra l-firxa tal-valutazzjoni inizjali li għandha titwettaq, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' tqis l-informazzjonili ġejja:
      - (a) jekk il-manifattur għandux ċertifikat simili għal dak imsemmi fil-punt 2.3.3, iżda li ma ġiex ikkwalifikat jew rikonoxxut skont dan il-punt;
      - (b) fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip ta' sistema, komponent jew unità teknika separata, il-valutazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità li twettqu mill-manifattur(i) tal-vettura fil-bini tal-manifattur tas-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata, skont waħda jew aktar mill-ispeċifikazzjonijiet tas-settur industrijali li jissodisfaw ir-rekwiżiti fl-istandard EN ISO 9001: 2015 jew ISO/TS16949:2009.
      - (c) jekk f'wieħed mill-Istati Membri dan l-aħħar ġietx irtirata waħda jew aktar mill-approvazzjonijiet tat-tip tal-manifattur minħabba kontroll mhux sodisfaċenti tal-konformità tal-produzzjoni. F'dak il-każ, il-valutazzjoni inizjali mill-awtorità ta' approvazzjoni ma tistax tkun limitata għall-aċċettazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tas-sistema ta' kwalità tal-manifattur, iżda għandha tinkludi verifika ta' jekk ġiex implimentat it-titjib kollumehtieg sabiex jiġi żgurata kontroll effettiv sabiex il-vetturi, il-komponenti, is-sistemi jew l-unitajiet tekniċi separati jiġu prodotti f'konformità mat-tip approvat.
  - 2.3.2. Il-valutazzjoni inizjali u l-verifika tal-arranġamenti ta' konformità tal-prodott jistgħu jitwettqu mill-awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru ieħor jew mill-korp deżinjat għal dak il-fini mill-awtorità tal-approvazzjoni.
    - 2.3.2.1. L-awtorità tal-approvazzjoni ta' dak l-Istat Membru l-ieħor għandha f'dak il-każ tħejji dikjarazzjoni ta' konformità, li tiddekrivi l-erjas u l-faċilitajiet ta' produzzjoni li l-awtorità tal-approvazzjoni tkun kopriet bħala rilevanti għall-prodott(i) li għandu jiġi approvat għat-tip u għall-atti regolatorji skont liema dawn il-prodotti għandhom jiġu approvati tat-tip.
    - 2.3.2.2. Malli tirċievi talba għal dikjarazzjoni ta' konformità mill-awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru li tagħti approvazzjoni tat-tip, l-awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru ieħor għandha immedjatament tibgħat dik id-dikjarazzjoni ta' konformità jew tinforma lil dik l-awtorità tal-approvazzjoni li ma tistax tippovdi tali dikjarazzjoni.

2.3.2.3. Id-dikjarazzjoni tal-konformità għandha tal-anqas tinkludi dan li ġej:

- |                                    |   |
|------------------------------------|---|
| (a) Grupp jew kumpanija            | (eż. XYZ Automotive)  |
| (b) Organizzazzjoni partikolari    | (eż. Diviżjoni reġjonali)   |
| (c) Impjanti/Siti                  | (eż. Impjant tal-Magni 1 (fil-pajjiż A) — Impjant tal-Vetturi 2 (fil-pajjiż B))     |
| (d) Firxa ta' Vetturi/Komponenti   | (eż. Il-mudelli kollha tal-Kategorija M <sub>1</sub> )                              |
| (e) Erjas ivvalutati               | (eż. Assemblaġġ tal-magna, ippressar u assemblaġġ tal-bodi, assemblaġġ tal-vettura) |
| (f) Dokumenti eżaminati            | (eż. Manwal u proċeduri tal-kwalità tal-kumpanija u tas-sit)                        |
| (g) Data tal-valutazzjoni          | (eż. Awditjar li jsir minn jj/xx/ssss sa jj/xx/ssss)                                |
| (h) Żjara ta' monitoraġġ ippjanata | (eż. xx/ssss)   |

2.3.3. Awtorità ta' approvazzjoni tista' taċċetta wkoll iċ-ċertifikazzjoni tal-manifattur għall-istandards EN ISO 9001:2015 jew ISO/TS16949:2009 (il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik iċ-ċertifikazzjoni f'dak il-każ għandha tkopri l-prodott(i) li għandu jiġi approvat), jew standard ta' ċertifikazzjoni ekwivalenti li jissodisfa r-rekwiżiti ta' valutazzjoni inizjali tal-punt 2.3., dment li l-konformità tal-produttazzjoni tassew tkun koperta mis-sistema ta' mmaniġġjar tal-kwalità u li l-approvazzjoni tat-tip tal-manifattur ma tkunx ġiet irtirata kif imsemmi fil-punt 2.3.1.1.(c). Il-manifattur għandu jipprovdi dettalji taċ-ċertifikazzjoni u jinforma lill-awtorità tal-approvazzjoni bi kwalunkwe reviżjoni għall-validità jew il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

2.4. Għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura, il-valutazzjonijiet inizjali mwettqa għall-għoti ta' approvazzjonijiet tat-tip ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati tal-vettura ma hemmx għalfejn jiġu ripetuti, iżda għandhom jiġu kkompletati b'valutazzjoni tal-postijiet u l-attivitatiet relatati mal-assemblaġġ tal-vettura sħiħa mhux koperti mill-valutazzjonijiet inizjali.

3. Arranġamenti ta' konformità tal-prodott

3.1. Kull vettura, sistema, komponent jew unità, parti jew element tekniċi separati ta' tagħmir approvat skont ir-Regolament tan-NU anness mal-Ftehim Rivedut tal-1958 u għal dan ir-Regolament għandu jkun manifatturat b'tali mod li jikkonforma mat-tip approvat billi jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-Anness, l-imsejjaħ Regolament tan-NU u dan ir-Regolament.

3.2. Qabel ma tagħti approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament u r-Regolament tan-NU anness mal-Ftehim Rivedut tal-1958, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti adegwati għall-konformità tal-prodotti u pjanijiet ta' kontroll dokumentati, li għandhom jiġu miftiehma mal-manifattur għal kull approvazzjoni, sabiex f'intervalli speċifikati jitwettqu t-testijiet jew il-kontrolli assoċjati meħtieġa għall-verifika ta' konformità kontinwa mat-tip approvat, inkluż, meta applikabbli, it-testijiet speċifikati f'dan ir-Regolament u l-imsemmi Regolament tan-NU.

3.3. B'mod partikolari, id-detentur tal-approvazzjoni għandu:

3.3.1. jiżgura l-eżistenza u l-applikazzjoni tal-proċeduri għall-kontroll effettiv tal-konformità ta' vetturi, sistemi, komponenti, u unitajiet, partijiet jew tagħmir tekniċi separati mat-tip approvat;

3.3.2. ikollu aċċess għall-ittestjar jew tagħmir adatt ieħor meħtieġ għall-kontroll tal-konformità ma' kull tip approvat;

3.3.3. jiżgura li d-data li tirriżulta mit-testijiet jew il-verifiki tiġi reġistrata u li dokumenti annessi jibqgħu disponibbli għal perijodu sa 10 snin li għandu jiġi determinat bi ftehim mal-awtorità tal-approvazzjoni;

3.3.4. janalizza r-riżultati ta' kull tip ta' test jew kontroll, sabiex tkun verifikata u żgurata l-istabbiltà tal-karatteristiċi tal-prodott, filwaqt li jippermettivarjazzjoni ta' produzzjoni industrijali;

3.3.5. jiżgura li għal kull tip ta' prodott, jitwettqu tal-anqas il-kontrolli previsti f'dan ir-Regolament u t-testijiet previsti fl-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II;

3.3.6. jiżgura li kwalunkwe sett ta' kampjuni jew testijiet li jipprovdu evidenza ta' nonkonformità fit-tip ta' test inkwistjoni, iwassal għal teħid ta' kampjuni u ttestjar ulterjuri. Għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa kollha biex jitreggħa' lura l-proċess ta' produzzjoni biex tiġi żgurata l-konformità mat-tip approvat;

- 3.4. Fil-każ ta' approvazzjonijiet tat-tip b'bosta stadji jew bi stadji mħalltin li jsiru pass pass, l-awtorità tal-approvazzjoni li qed tagħti approvazzjoni tat-tip għal vettura sħiħa tista' titlob mingħand kwalunkwe awtorità ta' approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip ta' kwalunkwe sistema, komponent jew unità teknika separata rilevanti d-dettalji speċifiċi dwar il-konformità mar-rekwiżiti ta' produzzjoni stabbiliti f'dan l-Anness.
- 3.5. L-awtorità ta' approvazzjoni li qed tagħti approvazzjoni tat-tip għal vettura sħiħa u li mhix issodisfata bl-informazzjoni rrapportata msemmija fil-punt 3.4., u li għarrfet bil-miktub dwar dan lill-manifattur rilevanti u lill-awtorità ta' approvazzjoni li tagħti l-approvazzjoni tat-tip għas-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata, għandha titlob li jsiru awditjar jew verifiki addizzjonali dwar il-konformità tal-produzzjoni, li għandhom isiru fuq il-post tal-manifattur(i) ta' dawk is-sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati. Ir-riżultati ta' dan l-awditjar jew verifiki addizzjonali dwar il-konformità tal-produzzjoni għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' dik l-awtorità ta' approvazzjoni minnufih.
- 3.6. Meta japplikaw il-punti 3.4 u 3.5 u l-awtorità tal-approvazzjoni li tagħti l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa ma tkunx issodisfata bir-riżultati tal-awditjar jew il-verifiki addizzjonali, il-manifattur għandu jiżgura li l-konformità tal-produzzjoni terġa' tinkiseb malajr kemm jista' jkun biex jissodisfa lil dik l-awtorità ta' approvazzjoni u lill-awtorità ta' approvazzjoni li tagħti l-approvazzjoni tat-tip għas-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata.
4. Arranġamenti kontinwi ta' verifika
- 4.1. L-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tista' fi kwalunkwe ħin tivverifika l-metodi ta' kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità ta' produzzjoni permezz ta' verifiki perjodiċi. Għal dan il-għan, il-manifattur għandu jippermetti aċċess lil dik l-awtorità għas-siti tal-manifattura, tal-ispezzjoni, tal-ittestjar, tal-ħżin u tad-distribuzzjoni u għandu jipprovi l-informazzjoni neċessarja kollha fir-rigward tad-dokumentazzjoni u r-rekords dwar is-sistema ta' mmaniġġjar tal-kwalità.
- 4.1.1. L-arranġamenti normali għal tali awditi perjodiċi għandhom ikunu li jissorveljaw l-effettività kontinwa tal-proċeduri stabbiliti fil-punti 2 u 3 (valutazzjoni inizjali u arranġamenti ta' konformità tal-prodott).
- 4.1.1.1. L-attivitajiet ta' sorveljanza mwettqa mis-servizzi tekniċi (ikkwalifikati jew rikonoxxuti kif meħtieġ fil-punt 2.3.3) għandhom jiġu aċċettati bħala li jissodisfaw ir-rekwiżit tal-punt 4.1.1 fir-rigward tal-proċeduri stabbiliti fil-valutazzjoni inizjali.
- 4.1.1.2. Il-frekwenza normali tal-verifiki mill-awtorità tal-approvazzjoni (minbarra dawk imsemmija fil-punt 4.1.1.1) għandha tkun tali li tiżgura li l-kontrolli rilevanti applikati skont il-punti 2 u 3 jiġu riveduti f'intervalli bbażati fuq metodoloġija ta' valutazzjoni tar-riskju li tikkonforma mal-istandard internazzjonali ISO 31000:2018 – Ġestjoni tar-Riskju – Prinċipji u Linji Gwida u tali verifika għandha fi kwalunkwe każ titwettaq tal-anqas darba kull tliet snin. Din il-metodoloġija għandha tagħti kunsiderazzjoni b'mod partikolari lil kwalunkwe nonkonformità mqajma minn Stati Membri oħrajn fil-kuntest tal-Artikolu 54(1).
- 4.2. F'kull revizzjoni, ir-rekords tat-testijiet jew il-kontrolli u r-rekords ta' produzzjoni, b'mod partikolari r-rekords ta' dawk it-testijiet jew kontrolli ddokumentati kif meħtieġ fil-punt 2.2, għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ispettur.
- 4.3. L-ispettur jista' jagħżel kampjuni b'mod każwali li għandhom jiġu ttestjati fil-laboratorju tal-manifattur jew fil-faċilitajiet tas-servizz tekniku. F'każ bħal dan għandu jitwettaq test fiżiku biss. In-numru minimu tal-kampjuni jista' jiġi determinat fuq il-bażi tar-riżultati tal-verifiki tal-manifattur stess.
- 4.4. L-ispettur li huwa tal-fehma li l-livell ta' kontroll mhuwix sodisfaċenti, jew li jqis li hemm bżonn li tiġi verifikata l-validità tat-testijiet li saru skont il-punt 4.2, għandu jagħżel il-kampjuni li għandhom jintbagħtu lil servizz tekniku biex dan jagħmel it-testijiet fiżiċi skont ir-rekwiżiti dwar il-konformità tal-produzzjoni, stipulati fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness II.
- 4.5. Meta jinstabu riżultati mhux sodisfaċenti matul spezzjoni jew revizzjoni ta' sorveljanza, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li l-manifattur ireġġa' lura l-konformità tal-produzzjonijiet malajr kemm jista' jkun.
- 4.6. Fil-każijiet li fihom il-konformità mar-Regolamenti tan-NU tkun meħtieġa minn dan ir-Regolament, il-manifattur jista' jagħżel li japplika dan l-Anness bħala alternattiva ekwivalenti għar-rekwiżiti dwar il-konformità tal-produzzjoni fir-regolamenti rispettivi tan-NU. Madankollu, jekk japplikaw il-punti 4.4. jew 4.5, ir-rekwiżiti separati kollha dwar il-konformità tal-produzzjoni fir-Regolamenti tan-NU għandhom jiġu rrispettati għas-sodisfazzjon tal-awtorità ta' approvazzjoni sakemm tiddeċiedi li reġgħet inkisbet il-konformità tal-produzzjoni.

## ANNEX V

## LIMITI TA' SERJE ŻĠĦAR U TA' TMIEM IS-SERJE

## A. LIMITI ANNWALI KWANTITATTIVI TA' SERJE ŻĠHIRA

1. L-għadd ta' unitajiet ta' tip wieħed ta' vetturi li għandhom jiġu rreġistrati, imqiegħda għad-disponibbiltà fis-suq jew jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni kull sena fl-Unjoni ma għandux jaqbeż, skont l-Artikolu 41, il-limiti annwali kwantitattivi indikati fit-tabella li ġejja għall-kategorija tal-vettura inkwistjoni:

Kategorija	Unitajiet
M <sub>1</sub>	1 500
M <sub>2</sub> , M <sub>3</sub>	0
N <sub>1</sub>	1 500
N <sub>2</sub> , N <sub>3</sub>	0 sad-data tal-applikazzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 41(5). 1 500 wara dik id-data
O <sub>1</sub> , O <sub>2</sub>	0
O <sub>3</sub> , O <sub>4</sub>	0

2. L-għadd ta' unitajiet ta' tip wieħed ta' vettura li għandhom jiġu rreġistrati, imqiegħda għad-disponibbiltà fis-suq jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni kull sena fi Stat Membru, għandu jiġi ddeterminat minn dak l-Istat Membru iżda, skont l-Artikolu 42, m'għandux jaqbeż il-limiti annwali kwantitattivi indikati hawn taħt għall-kategorija ta' vettura inkwistjoni:

Kategorija	Unitajiet
M <sub>1</sub>	250
M <sub>2</sub> , M <sub>3</sub>	250
N <sub>1</sub>	250
N <sub>2</sub> , N <sub>3</sub>	250
O <sub>1</sub> , O <sub>2</sub>	500
O <sub>3</sub> , O <sub>4</sub>	250

## B. LIMITI TA' TMIEM IS-SERJE

L-għadd massimu ta' vetturi kompleti u kompluti mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni f'kull Stat Membru skont il-proċedura "Tmiem is-Serje" għandu jiġi limitat b'wieħed mill-modi li ġejjin li jiġi magħżul mill-Istat Membru:

- L-għadd massimu ta' vetturi ta' tip wieħed jew aktar jista', fil-każ tal-kategorija M<sub>1</sub>, ma jaqbiżx l-10 % u fil-każ tal-kategoriji l-oħra kollha ma jaqbiżx it-30 % tal-vetturi tat-tipi kollha kkonċernati mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni f'dak l-Istat Membru matul is-sena ta' qabel. Jekk 10 %, 30 % rispettivament, ikun inqas minn 100 vettura, imbagħad l-Istat Membru jista' jippermetti li jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni massimu ta' 100 vettura.
- Vetturi ta' kwalunkwe tip wieħed għandhom ikunu limitati għal dawk li għalihom ikun inħareġ ċertifikat validu tal-konformità fid-data tal-manifattura tal-vettura jew wara u li jkun baqa' validu għal tal-inqas tliet xhur wara d-data tal-ħruġ tiegħu iżda sussegwentement ikun tilef il-validità tiegħu minħabba d-dħul fis-seħħ ta' att regolatorju.

## ANNEX VI

**LISTA TAL-PARTIJET JEW TAGĦMIR LI JISTGĦU JIPPREŻENTAW RISKJU SERJU GĦALL-FUNZJONAMENT KORRETT TA' SISTEMI LI HUMA ESSENZJALI GĦAS-SIKUREZZA TAL-VETTURA JEW GĦALL-PRESTAZZJONI AMBJENTALI TAGĦHA, IR-REKWIŻITI TAL-PRESTAZZJONI TA' TALI PARTIJET U TAGĦMIR, IL-PROĊEDURI TA' TTESTJAR XIERQA, U D-DISPOŻIZZJONIJIET TAL-IMMARKAR U L-IPPAKKJAR**

## I. Partijiet jew tagħmir b'impatt sinifikanti fuq is-sikurezza tal-vettura

Partita Nru	Deskrizzjoni tal-oġġett	Rekwiżiti ta' prestazzjoni	Proċedura tat-test	Rekwiżit ta' mmarkar	Rekwiżiti tal-ippakkjar
1	(...)				
2					
3					

## II. Partijiet jew tagħmir b'impatt sinifikanti fuq il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura

Partita Nru	Deskrizzjoni tal-oġġett	Rekwiżiti ta' prestazzjoni	Proċedura tat-test	Rekwiżit ta' mmarkar	Rekwiżiti tal-ippakkjar
1	(...)				
2					
3					



## ANNEX VII

## ATTI REGOLATORJI LI GĦALIHOM MANIFATTUR JISTA' JIĠI DEŻINJAT BĦALA SERVIZZ TEKNIKU

1. Objettivi u kamp ta' applikazzjoni
  - 1.1. Dan l-Anness jistabbilixxi l-lista tal-atti regolatorji li għalihom servizz tekniku intern ta' manifattur jista' jintgħażel bħala servizz tekniku skont l-Artikolu 72(1).
  - 1.2. Tinkludi wkoll id-dispożizzjonijiet xierqa rigward id-deżinjazzjoni ta' servizz tekniku intern ta' manifattur bħala servizz tekniku, li għandhom jiġu applikati fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati kkonċernati mill-Parti I tal-Anness II.
  - 1.3. Madankollu, dan l-Anness ma japplikax għal manifatturi li japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vetturi prodotti f'serje żgħira, kif imsemmi fl-Artikolu 41.

2. Deżinjazzjoni ta' servizz tekniku intern ta' manifattur bħala servizz tekniku

- 2.1. Servizz tekniku intern ta' manifattur deżinjat bħala servizz tekniku huwa manifattur li jkun ġie deżinjat mill-awtorità ta' approvazzjoni tat-tip bħala laboratorju ta' ttestjar biex jagħmel it-testijiet ta' approvazzjoni fisimha.

L-espressjoni "biex jagħmel it-testijiet" mhijiex limitata għall-kejl tal-prestazzjonijiet, iżda tkopri wkoll ir-reġistrazzjoni tar-riżultati tat-test u s-sottomissjoni lill-awtorità ta' approvazzjoni tat-tip ta' rapport, inkluż il-konklużjonijiet relevanti.

Tkopri wkoll il-kontroll tal-konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet li mhux bilfors jeħtieġu kejl. Dan huwa l-każ għall-valutazzjoni ta' jekk id-disinn jikkonformax mar-rekwiżiti leġiżlattivi.

3. Lista ta' atti regolatorji u restrizzjonijiet

	Suġġett	Referenza għal att regolatorju
4 A	Spazju għall-immuntar u l-iffissar ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni fuq wara	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1003/2010
7 A	Apparat u sinjali ta' twissija li jinstemgħu	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 28 tan-NU
10 A	Kompatibbiltà elettromanjetika	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 10 tan-NU
18 A	Pjanċa statutorja tal-manifattur u VIN	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 19/2011
20 A	Installazzjoni ta' dawl u apparat ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq il-vetturi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 48 tan-NU
27 A	Apparat għall-irmunkar	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1005/2010
33 A	Lok u identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, tal-indikaturi operatorji u tal-indikaturi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 121 tan-NU
34 A	Sistemi li jneħħu l-ġelu u t-titpin minn mal-windskrin	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 672/2010
35 A	Sistemi tal-wajper u l-washer tal-windskrin	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1008/2010

	Suġġett	Referenza għal att regolatorju
36 A	Sistemi tas-sħana	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 122 tan-NU Ħlief għad-dispożizzjonijiet fl-Anness 8 relatati mal- ħiters ta' kombustjoni tal-LPG u s-sistemi tas-sħana LPG
37 A	Protezzjoni tar-roti	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1009/2010
44 A	Piżijiet u dimensjonijiet	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1230/2012
45 A	Materjali tal-ħġieġ tas-sikurezza u l-installazzjoni tagħhom fuq vetturi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 43 tan-NU Ristretti għad-dispożizzjonijiet inklużi fl-Anness 21
46 A	Installazzjoni tat-tajers	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 458/2011
48 A	Piżijiet u dimensjonijiet	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1230/2012
49 A	Vetturi kummerċjali fir-rigward tal-isporġenzi es- terni tagħhom quddiem il-panew ta' wara tal-kabina	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 61 tan-NU
50 A	Komponenti tal-akkoppjar mekkaniku ta' vetturi magħquda	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 55 tan-NU Ristretti għad-dispożizzjonijiet inklużi fl-Anness 5 (sal-paragrafu 8, li huwa inkluż ukoll) u l-Anness 7
61	Sistema ta' kondizzjonament tal-arja	Direttiva 2006/40/KE

### **Appendiċi**

Deżinjazzjoni ta' servizz tekniku intern ta' manifattur bħala servizz tekniku u sottokuntrattar

1. Ġenerali
  - 1.1. Id-deżinjazzjoni u n-notifika ta' servizz tekniku intern ta' manifattur bħala servizz tekniku għandha ssir skont l-Artikoli 68 sa 81 u kwalunkwe sottokuntrattar għandu jsir skont dan l-Appendiċi.
2. Sottokuntrattar
  - 2.1. F'konformità mal-Artikolu 71(1), servizz tekniku jista' jinnomina sottokuntrattur biex jagħmel it-testijiet f'ismu.
  - 2.2. Għall-finijiet ta' din l-Appendiċi "Sottokuntrattur" tfisser sussidjarju tas-servizz tekniku li ġie inkarigat minn dak is-servizz tekniku b'attivitajiet ta' ttestjar fl-organizzazzjoni tiegħu stess jew inkella parti terza li daħlet f'kuntratt ma' dak is-servizz tekniku biex tagħmel l-attivitajiet tat-testijiet.
  - 2.3. L-użu tas-servizzi ta' sottokuntrattur ma jeħlisx lis-servizz tekniku mill-obbligu tiegħu li jikkonforma mal-Artikoli 69, 70, 80 u 81, u b'mod partikolari ma' dawk li jikkonċernaw il-ħiliet tas-servizzi tekniċi u l-konformità mal-Istandard EN ISO/IEC 17025:2005.
  - 2.4. Il-punt 2 tal-Anness VII għandha tapplika għas-sottokuntrattur.
3. Rapport tat-test

Għandhom jiġu abbozzati rapporti tal-ittestjar skont l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 30(3).

—

## ANNEX VIII

**KONDIZZJONIJET GĦALL-UŻU TA' METODI TA' TTESTJAR VIRTWALI MINN MANIFATTUR JEW SERVIZZ TEKNIKU**

## 1. Obiettivi u kamp ta' applikazzjoni

Dan l-Anness jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-ittestjar virtwali skont l-Artikolu 30(7).

## 2. Lista ta' atti regolatorji

	Suġġett	Referenza għal att regolatorju
3B	Apparati ta' protezzjoni tal-qieġh fuq wara (RUPDs) u l-installazzjoni tagħhom; protezzjoni tal-qieġh fuq wara (RUP)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 58 tan-NU
6 A	Aċċess u manuvrabbiltà tal-vettura (skaluni, stafef u mqabad tal-idejn)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 130/2012
6B	Lukketti tal-bibien u komponenti li jżommu l-bibien	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 11 tan-NU
8 A	Tagħmir għal viżjoni indiretta u l-installazzjoni tiegħu	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 46 tan-NU
12 A	Aċċessorji ta' ġewwa	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 21 tan-NU
16 A	Sporġenzi esterni	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 26 tan-NU
20 A	Installazzjoni ta' dwal u apparat ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq il-vetturi	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 48 tan-NU
27 A	Apparat għall-irmunkar	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1005/2010
32 A	Firxa viżiva fuq quddiem	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 125 tan-NU
35 A	Sistemi tal-wajper u l-washer tal-windskrin	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1008/2010
37 A	Protezzjoni tar-roti	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1009/2010
42 A	Protezzjoni laterali tal-vetturi tal-merkanzija	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 73 tan-NU
48 A	Piżijiet u dimensjonijiet	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1230/2012
49 A	Vetturi kummerċjali fir-rigward tal-isporġenzi esterni tagħhom quddiem il-panew ta' wara tal-kabina	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 61 tan-NU
50 A	Komponenti tal-akkoppjar mekkaniku ta' vetturi magħquda	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 55 tan-NU

	Suġġett	Referenza għal att regolatorju
50B	Apparat ta' gganċjar magħluq (CCD); twaħħil ta' tip approvat ta' CCD	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 102 tan-NU
52 A	Vetturi M <sub>2</sub> u M <sub>3</sub>	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 107 tan-NU
52B	Saħħa tas-superstruttura ta' vetturi tal-passiġġiera kbar	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 66 tan-NU
57 A	Apparat protettiv underrun ta' quddiem (FUPDs) u l-installazzjoni tiegħu; protezzjoni underrun ta' quddiem (FUP)	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 93 tan-NU

**Appendiċi 1**

## Kondizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' metodi ta' ttestjar virtwali

## 1. Disinn ta' test virtwali

L-iskema li ġejja għandha tintuża bħala struttura tal-bażi biex jiġi deskritt u jitmexxa l-ittestjar virtwali:

- (a) fini;
- (b) mudell tal-istruttura;
- (c) kondizzjonijiet tal-konfini;
- (d) suppożizzjonijiet ta' taġħbija;
- (e) kalkolu;
- (f) valutazzjoni;
- (g) dokumentazzjoni.

## 2. Fundamenti ta' simulazzjoni u kalkolu bil-kompjuter

## 2.1. Mudell matematiku

Il-mudell matematiku għandu jkun ipprovdut mill-manifattur. Għandu jkun jirrifletti l-kumplexità tal-istruttura tal-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata li għandhom jiġu ttestjati b'rabta mar-rekwiżiti tal-att regolatorju rilevanti u l-kondizzjonijiet ta' limitu tiegħu.

L-istess dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għall-ittestjar ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati indipendentement mill-vettura.

## 2.2. Il-proċess ta' validazzjoni tal-mudell matematiku

Il-mudell matematiku għandu jkun validat skont il-kondizzjonijiet ta' ttestjar proprji.

Għal dan il-għan, għandu jsir test fiżiku biex jitqabblu r-riżultati miksubin meta jintuża l-mudell matematiku mar-riżultati ta' test fiżiku. Il-komparabbiltà tar-riżultati tat-test għandha tiġi ppruvata. Il-manifattur jew is-servizz tekniku għandu jabbozza rapport ta' validazzjoni u jissottomettih lill-awtorità ta' approvazzjoni.

Kwalunkwe bidla fil-mudell matematiku jew fis-sofwer li aktarx li jinvalida r-rapport ta' validazzjoni għandha tiġi notifikata lill-awtorità ta' approvazzjoni, li tista' titlob li jsir proċess ta' validazzjoni ġdid.

Il-flow chart tal-proċess ta' validazzjoni tintwera fl-Appendiċi 3.

## 2.3. Dokumentazzjoni

Il-manifattur għandu jżomm rekord tad-data u l-għodod awżiljari li uża għas-simulazzjoni u l-kalkolu u għandu jqiegħed dan ir-rekord għad-dispożizzjoni tas-servizz tekniku.

## 3. Għodod u appoġġ

Jekk jitlob dan, is-servizz tekniku jrid jirċievi mingħand il-manifattur l-għodod meħtieġa biex jagħmel l-ittestjar virtwali, inkluż is-sofwer xieraq, jew jingħata aċċess għal dawn l-għodod.

Il-manifattur għandu jipprovdwi wkoll appoġġ xieraq lis-servizz tekniku.

L-aċċess u l-appoġġ ipprovduti mill-manifattur lil servizz tekniku ma jeżentawx lis-servizz tekniku mill-obbligi tiegħu rigward il-ħiliet tal-persunal tiegħu, il-ħlas tad-drittijiet tal-liċenzja u l-kunfidenzjalità.

**Appendiċi 2**

Kondizzjonijiet speċifiċi għall-użu ta' metodi ta' ttestjar virtwali

## 1. Lista ta' atti regolatorji


	Referenza għal att regolatorju	Anness u paragrafi	Kondizzjonijiet speċifiċi
3B	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 58 tan-NU	Paragrafi 2.3, 7.3. u 25.6 tar-Regolament Nru 58 tan-NU.	Dimensjonijiet u reżistenza għall-forzi.
6 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 130/2012	L-Anness II, Parti 1 u 2 tar-Regolament (UE) Nru 130/2012.	Dimensjonijiet tat-turġien, ir-running boards u l-poġġamani.
6B	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 11 tan-NU	Anness 3 tar-Regolament Nru 11 tan-NU. Anness 4, paragrafu 2.1. tar-Regolament Nru 11 tan-NU. Anness 5 tar-Regolament Nru 11 tan-NU.	Testijiet tas-saħħa tensili u reżistenza tal-lukketti għall-aċċelerazzjoni.
8 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 46 tan-NU	Paragrafu 15.2.4 tar-Regolament Nru 46 tan-NU.	Kampijiet ta' viżjoni preskritti tal-mirja li tħares lura bihom.
12 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 21 tan-NU	(a) Paragrafi 5. sa 5.7. tar-Regolament Nru 21 tan-NU.  (b) Paragrafu 2.3. tar-Regolament Nru 21 tan-NU.	(a) Kejl tar-raġġi kollha tal-kurvatura u tal-isporġenzi kollha għajr għal dawk ir-rekwiżiti fejn forza trid tiġi applikata sabiex tiġi kkontrollata l-konformità mad-dispożizzjonijiet.  (b) Determinazzjoni taż-żona fejn tim-patta r-ras.
16 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 26 tan-NU	Paragrafu 5.2.4 tar-Regolament Nru 26 tan-NU. Id-dispożizzjonijiet kollha fil-paragrafu 5 (Rekwiżiti ġenerali) u 6 (Rekwiżiti partikolari) tar-Regolament Nru 26 tan-NU.	Kejl tar-raġġi kollha tal-kurvatura u tal-isporġenzi kollha għajr għal dawk ir-rekwiżiti fejn forza trid tiġi applikata sabiex tiġi kkontrollata l-konformità mad-dispożizzjonijiet.
20 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 48 tan-NU	Il-paragrafu 6. (Speċifikazzjonijiet individwali), u l-Annessi 4, 5 u 6 għar-Regolament Nru 48 tan-NU.	Sewqan tat-test stipulat fil-paragrafu 6.2.2.9.2.2 irid isir fuq vettura vera.
27 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1005/2010	Anness II, punt 1.2. tar-Regolament (UE) Nru 1005/2010.	Forza statika trattiva u kompressiva.
32 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 125 tan-NU	Paragrafu 5(Speċifikazzjonijiet) tar-Regolament Nru 125 tan-NU.	Ostruzzjonijiet u kamp ta' viżjoni.
35 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1008/2010	L-Anness III, punti 1.1.2. u 1.1.3. tar-Regolament (UE) Nru 1008/2010.	Determinazzjoni tal-erja koperta biss.
37 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1009/2010	L-Anness II, il-punt 2. tar-Regolament (UE) Nru 1009/2010.	Verifika tar-rekwiżiti dimensjonali.
42 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 73 tan-NU	Paragrafu 12.10 tar-Regolament Nru 73 tan-NU.	Reżistenza taħt forza orizzontali tal-forza u kejl tad-deflessjoni.

	Referenza għal att regolatorju	Anness u paragrafi	Kondizzjonijiet speċifiċi
48 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament (UE) Nru 1230/2012	(a) Anness I, Parti B, punt 7 u 8 tar-Regolament (UE) Nru 1230/2012.  (b) Anness I, Parti C, punt 6 u 7 tar-Regolament (UE) Nru 1230/2012.	(a) Kontroll tal-konformità mar-rekwiżiti dwar il-manuvrabbiltà inkluża l-manuvrabbiltà tal-vetturi mghamrin b'fusien bil-lift jew li jitgħabbew.  (b) Kejl tal-isporġenza 'l barra massima fuq wara.
49 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 61 tan-NU	Paragrafi 5 u 6 tar-Regolament Nru 61 tan-NU.	Kejl tar-raġġi kollha tal-kurvatura u tal-isporġenzi kollha għajr għal dawk ir-rekwiżiti fejn forza trid tiġi applikata sabiex tiġi kkontrollata l-konformità mad-dispożizzjonijiet.
50 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 55 tan-NU	(a) Anness 5 "Rekwiżiti għall-apparati ta' akkoppjament mekkaniku" tar-Regolament Nru 55 tan-NU.  (b) Anness 6, paragrafu 1.1. tar-Regolament Nru 55 tan-NU.  (c) Anness 6, paragrafu 3 tar-Regolament Nru 55 tan-NU.	(a) Id-dispożizzjonijiet kollha tal-paragrafi 1 sa 8 inklużi.  (b) Testijiet tas-saħħa fuq akkoppjamenti mekkaniċi ta' disinn sempliċi jistgħu jiġu sostitwiti ma' testijiet virtwali.  (c) Il-paragrafi 3.6.1. (Test tas-saħħa), 3.6.2. (Reżistenza għall-bokkla) u 3.6.3. (Reżistenza għall-mument ta' liwi) biss.
52 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 107 tan-NU	Anness 3 tar-Regolament Nru 107 tan-NU.	Paragrafu 7.4.5. (metodu ta' kalkolu).
52B	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 66 tan-NU	Anness 9 tar-Regolament Nru 66 tan-NU.	Simulazzjoni bil-kompjuter tat-test tal-qlib fuq vettura sħiħa bħala metodu ta' approvazzjoni ekwivalenti.
57 A	Regolament (KE) Nru 661/2009 Regolament Nru 93 tan-NU	Anness 5, paragrafu 3 tar-Regolament Nru 93 tan-NU.	Reżistenza taħt forza orizzontali tal-forza u kejl tad-deflessjoni.



**Appendiċi 3**

Proċess ta' validazzjoni



## ANNEX IX

## PROCĊEDURI LI GĦANDHOM JIĠU SEGWITI MATUL L-APPROVAZZJONI TAT-TIP F'DIVERSI STADJI

1. Obbligi tal-manifatturi
  - 1.1. L-operazzjoni sodisfaċenti tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji teħtieġ azzjoni konġunta mill-manifatturi kollha kkonċernati. Għal dak il-għan l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, qabel jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-ewwel stadju jew tal-istadji ta' wara, iridu jiżguraw li jeżistu arranġamenti adattati bejn il-manifatturi rilevanti għall-forniment u l-interkambju ta' dokumenti u informazzjoni, biex it-tip ta' vettura kompluta tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi tal-atti regolatorji kollha rilevanti elenkati fl-Anness II. Din l-informazzjoni trid tinkludi dettalji dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' sistema, komponent u unità teknika separata rilevanti u dwar il-partijiet tal-vettura li jiffurmaw parti mill-vettura mhux kompleta iżda li għad ma ngħatawx l-approvazzjoni tat-tip.
  - 1.2. Fl-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, kull manifattur involut responsabbli għall-approvazzjoni u l-konformità tal-produzzjoni tas-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati kollha manifatturati jew miżjuda minn dak il-manifattur mal-istadju li nbena qabel. Il-manifattur tal-istadju sussegwenti ma għandux ikun responsabbli għall-oġġetti li ġew approvati fi stadju preċedenti, ħlief fejn dak il-manifattur jimmodifika partijiet rilevanti sa tali punt li l-approvazzjoni tat-tip mogħtija preċedentement issir invalida.
2. Obbligi tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni
  - 2.1. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha:
    - (a) tivverifika li ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE kollha maħruġa skont l-atti regolatorji li huma applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura jkopru t-tip ta' vettura fl-istat kompletat tagħha u jikkorrispondu għar-rekwiżiti preskritti;
    - (b) tiżgura li d-data kollha rilevanti, b'kont meħud tal-istat ta' ikkompletar tal-vettura, hija inkluża fil-folder ta' informazzjoni;
    - (c) b'referenza għad-dokumentazzjoni, tiżgura li l-ispeċifikazzjoni(jiet) tal-vettura u d-data li tinsab fil-Parti tal-fowlder ta' informazzjoni jiġu inklużi fid-data fil-pakketti ta' informazzjoni u fiċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE maħruġa skont l-atti regolatorji rilevanti; u fil-każ ta' vettura kompletata, fejn numru ta' punt tal-fowlder ta' informazzjoni mhux inkluż fil-pakkett ta' informazzjoni ta' kwalunkwe wieħed mill-atti regolatorji, tikkonferma li l-parti jew il-karatteristika rilevanti tikkonforma mad-dettalji fil-fowlder ta' informazzjoni;
    - (d) fuq kampjun magħżul ta' vetturi mit-tip li għandu jiġi approvat twettaq jew torganizza biex jitwettqu spezzjonijiet ta' partijiet u sistemi tal-vettura biex tivverifika li l-vettura/i hija/huma mibnija skont id-data rilevanti li tinsab fil-pakkett ta' informazzjoni awtentikat skont l-atti regolatorji rilevanti kollha; u
    - (e) meta jkun meħtieġ twettaq, jew torganizza biex jitwettqu kontrolli ta' installazzjoni rilevanti għal unitajiet tekniċi separati.
  - 2.2. In-numru ta' vetturi li għandhom jiġu spezzjonati għall-finijiet tal-punt 2.1 (d) għandu jkun suffiċjenti biex jippermetti l-kontroll tad-diversi kombinazzjonijiet li għandhom jiġu approvati għat-tip tal-UE skont l-istat ta' kkompletar tal-vettura u l-kriterji li ġejjin:
    - magna;
    - gerboks;
    - fusien motorizzati (numru, pożizzjoni, interkonnessjoni);
    - fusien manuvrabbli (numru u pożizzjoni);
    - stili ta' bodi;
    - numru ta' bibien;
    - naħa tas-sewqan;
    - in-numru ta' sits;
    - livell ta' tagħmir.
3. Rekwiżiti applikabbli
  - 3.1. L-approvazzjonijiet tat-tip f'diversi stadji għandhom jingħataw abbażi tal-istat ta' tlestija tat-tip ta' vettura u għandhom jinkoporaw l-approvazzjonijiet tat-tip kollha mogħtija fi stadji preċedenti.

- 3.2. Għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura shiġha, dan ir-Regolament (b'mod partikolari r-reqwiziti tal-Anness I u l-atti regolatorji partikolari elenkati fl-Anness II) għandhom ikunu japplikaw bl-istess mod daqslikieku l-approvazzjoni kienet tkun ngħatat(jew għet estiża) lill-manifattur tal-vettura bażi.
- 3.2.1. Meta tip ta' sistema, komponent jew unità teknika separata ma jkunux ġew modifikat, l-approvazzjoni tat-tip tas-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata mogħtija fl-istadju ta' qabel għandha tibqa' valida sad-data ta' skadenza tal-ewwel reġistrazzjoni, kif speċifikat fl-att regolatorju partikolari.
- 3.2.2. Meta tip ta' sistema jkun ġie modifikat fl-istadju sussegwenti ta' tlestija tal-vettura, sal-punt li s-sistema jkollha terġa' tiġi ttestjata għal skopijiet tal-approvazzjoni tat-tip, dak l-ittestjar mill-ġdid għandu jkun limitat biss għal dawk il-partijiet tas-sistema li ġew modifikati jew affettwati mill-bidliet.
- 3.2.3. Meta tip ta' vettura jew tip ta' sistema jkun ġie modifikat minn manifattur ieħor fl-istadju sussegwenti ta' tlestija tal-vettura, sal-punt li, apparti isem il-manifatturi, il-vettura jew is-sistema tista' tibqa' titqies bħala l-istess tip, ir-reqwiziti li japplika għat-tipi eżistenti jista' jibqa' jiġi applikat sakemm ma tkunx waslet id-data għall-ewwel reġistrazzjoni fl-att regolatorju rilevanti.
- 3.2.4. Il-bidla fil-kategorija ta' vettura għandha twassal għall-applikazzjoni tar-reqwiziti rilevanti għall-kategorija l-ġdida ta' vettura. Iċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE mill-kategorija ta' qabel għandhom ikunu aċċettati dment li l-vettura tikkonforma mal-istess reqwiziti bħal dawk li japplikaw għall-kategorija l-ġdida, jew aktar stretti minnhom.
- 3.3. Soġġetta għall-qbil tal-awtorità ta' approvazzjoni, approvazzjoni tat-tip għal vettura shiġha mogħtija lill-manifattur tal-istadju sussegwenti ta' tlestija tal-vettura ma għandhiex bżonn tiġi estiża jew riveduta meta estensjoni mogħtija fl-istadju tal-vettura ta' qabel ma taffettwax l-istadju li jmiss jew id-data teknika tal-vettura. Madankollu, in-numru tal-approvazzjoni tat-tip inkluż l-estensjoni tal-vettura tal-istadju/i preċedenti għandu jkun ikkupjat fiċ-ċertifikat ta' konformità tal-vettura tal-istadju sussegwenti.
- 3.4. Meta ż-żona tal-merkanzija ta' vettura shiġha jew kompletata tal-kategorija N jew O tkun modifikata minn manifattur ieħor għaż-żieda ta' fittings li jinqalgħu għall-ħżin u l-irbit tal-merkanzija (pereżempju, inforra għall-ispazju tat-tagħbija, xkafef għall-ħżin u xkafef ta' fuq is-saqaf), tali oġġetti jistgħu jiġu ttrattati bħala parti mill-paymass u ma jkunx hemm bżonn ta' approvazzjoni tat-tip, dment li jkunu ssodisfati ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-modifiki ma jaffettwawx l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura b'xi mod, għajr żieda tal-massa propja tal-vettura;
- (b) il-fittings miżjudin jistgħu jinqalgħu bla ma jintużaw għodod speċjali.
4. Identifikazzjoni tal-vettura
- 4.1. Il-VIN, preskritt bir-Regolament (UE) Nru 19/2011, għandu jinżamm matul l-istadji sussegwenti tal-approvazzjoni tat-tip kollha biex jiżgura t-traċċabbiltà tal-proċess.
- 4.2. Fit-tieni stadju u f'dawk ta' wara, minbarra l-pjanċa statutorja preskritta bir-Regolament (UE) Nru 19/2011, kull manifattur għandu jwajjal mal-vettura pjanċa addizzjonali li l-mudell tagħha jidher fl-Appendiċi għal dan l-Anness. Din il-pjanċa għandha titwajjal b'mod sod, f'pożizzjoni li tidher tajjeb u aċċessibbli fil-pront fparti li mhix soġġetta għal sostituzzjoni waqt l-użu. Għandha turi b'mod ċar u li ma jitħassarx l-informazzjoni li ġejja fl-ordni elenkata:
- l-isem tal-manifattur;
  - is-sezzjonijiet 1, 3 u 4 tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE;
  - l-istadju ta' approvazzjoni;
  - il-VIN tal-vettura bażi;
  - il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tal-vettura fejn il-valur ikun inbidel matul l-istadju attwali tal-approvazzjoni;
  - il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tal-kombinazzjoni (fejn il-valur ikun inbidel matul l-istadju attwali tal-approvazzjoni u fejn il-vettura għandha permissi tiġbed trejler). Għandu jintuża "0" jekk il-vettura ma tistax tirmonka trejler;
  - il-massa massima teknikament permissibbli fuq kull fus, elenkata fl-ordni minn quddiem għal wara fejn il-valur ikun inbidel matul l-istadju attwali tal-approvazzjoni;
  - fil-każ ta' semitrejler jew trejler b'fus fin-nofs, il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli fil-punt ta' gganċjar fejn il-valur ikun inbidel matul l-istadju attwali tal-approvazzjoni.
- Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-punt 4.1 u f'dan il-punt, il-pjanċa addizzjonali għandha tikkonforma mar-reqwiziti stabbiliti fl-Anness I u l-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 19/2011.

**Appendiċi**

## Mudell tal-pjanċa addizzjonali tal-manifattur

L-eżempju hawn taħt huwa mogħti biss bħala gwida.

---

ISEM TAL-MANIFATTUR (stadju 3)

---

e2\*201X/XX\*2609

---

Stadju 3

---

WD9VD58D98D234560

---

1 500 kg

---

2 500 kg

---

1 – 700 kg

---

2 – 810 kg

---

## ANNEX X

**AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR L-OBD TAL-VETTURA U GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR IT-TISWIJA U L-MANUTENZJONI TAL-VETTURA**

1. Introduzzjoni  
Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura.
2. L-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura
  - 2.1. Manifattur għandu jdaħħal fis-seħħ l-arranġamenti u l-proċeduri meħtieġa, skont l-Artikolu 61, biex jiżgura li l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura hija aċċessibbli permezz ta' siti web li jużaw format standardizzat b'mod faċilment aċċessibbli u minnufih, u b'mod nondiskriminatorju meta mqabbel mad-dispożizzjonijiet mogħtija jew l-aċċess mogħti lin-negozjanti u lis-sewweġja awtorizzati.
  - 2.2. Awtorità tal-approvazzjoni għandha tagħti approvazzjoni tat-tip biss wara li tirċievi mingħand il-manifattur ċertifikat ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura.
  - 2.3. Iċ-ċertifikat ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandu jagħmilha ta' prova ta' konformità mal-Artikolu 64.
  - 2.4. Iċ-ċertifikat ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandu jiġi preparat skont il-mudell stabbilit fl-Appendiċi 1.
  - 2.5. L-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandha tinkludi dan li ġej:
    - 2.5.1. identifikazzjoni inekwivokabbli tal-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata li għalihom il-manifattur huwa responsabbli;
    - 2.5.2. manwali tal-manutenzjoni, inkluż rekords ta' servizz u manutenzjoni;
    - 2.5.3. manwali tekniċi;
    - 2.5.4. informazzjoni dwar il-komponenti u d-dijanżjosi (bħal-valuri teoretiċi minimi u massimi tal-kejl);
    - 2.5.5. pjanti tal-wajers;
    - 2.5.6. il-kodiċijiet tad-dijanżjostika tal-ħsarat, inkluż kodiċijiet speċifiċi tal-manifattur;
    - 2.5.7. numru tal-identifikazzjoni għall-kalibrazzjoni tas-softwer applikabbli għal tip ta' vettura;
    - 2.5.8. informazzjoni pprovdata li tikkonċerna, u tkun twasslet permezz ta' għodda u taġġmir ta' sjieda;
    - 2.5.9. informazzjoni tar-reġistrazzjoni tad-data u data bidirezjonali ta' monitoraġġ u ttestjar;
    - 2.5.10. unitajiet ta' xogħol standard jew perjodi ta' ħin għat-tiswija u kompiti ta' manutenzjoni jekk jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tan-negozjanti u s-sewweġja awtorizzati tal-manifattur jew direttament inkella permezz ta' parti terza;
    - 2.5.11. fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip b'bosta stadji, l-informazzjoni meħtieġa fil-punt 3, u l-informazzjoni kollha l-oħra meħtieġa biex tinżamm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61.
  - 2.6. Il-manifattur għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati l-informazzjoni li ġejja:
    - 2.6.1. informazzjoni rilevanti biex ikunu jistgħu jiġu żviluppati komponenti sostituti li jkunu kritiċi għall-funzjonament korrett tas-sistema OBD;
    - 2.6.2. informazzjoni sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati għodod dijanżjostiċi ġeneriċi.
  - 2.7. Għall-finijiet tal-punt 2.6.1, l-iżvilupp ta' komponenti sostituti ma għandux ikun ristrett minn kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
    - 2.7.1. in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' informazzjoni pertinenti;

- 2.7.2. ir-rekwiżiti tekniċi relatati mal-istrateġiji għall-indikazzjoni ta' hsrat jekk jinqabżu l-limiti tal-OBD jew jekk is-sistema OBD ma tkunx tista' tissodisfa r-rekwiżiti bażiċi ta' monitoraġġ tal-OBD ta' dan ir-Regolament;
- 2.7.3. modifikazzjonijiet speċifiċi fl-immaniġġjar tal-informazzjoni dwar l-OBD sabiex it-tħaddim tal-vettura fuq il-petrol jew fuq il-gass ikun ittrattat b'mod indipendenti;
- 2.7.4. l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi alimentati bil-gass li jinkludu numru limitat ta' nuqqasijiet minuri.
- 2.8. Għall-finijiet tal-punt 2.6.2, fejn il-manifatturi jużaw għodod dijanjostiċi u tat-testijiet skont l-ISO 22900 - L-interfaċċa modulari tal-komunikazzjonijiet tal-vettura (MVCI) u ISO 22901 L-iskambju miftuħ ta' data dijanjostika (ODX) fin-netwerks konċessjonarji tagħhom, il-fajls ODX għandhom ikunu aċċessibbli għall-operaturi indipendenti permezz tas-sit web tal-manifattur.
- 2.9. Għall-fini tal-OBD, id-dijanostika, it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, il-fluss dirett tad-data tal-vettura għandu jsir disponibbli permezz tal-port serjali tad-data fuq il-konnettur standardizzat li jllinkja d-data speċifikat fil-paragrafu 6.5.1.4 tal-Appendiċi 1 tal-Anness 11 għar-Regolament Nru 83 tan-NU u fil-paragrafu 4.7.3 tal-Anness 9B għar-Regolament Nru 49 tan-NU.

Meta l-vettura tkun miexja, id-data għandha tkun disponibbli biss għal funzjonijiet li jinqraw.

3. Approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji
  - 3.1. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip b'bosta stadji, il-manifattur finali għandu jkun responsabbli sabiex jipprovdi aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura rigward l-istadju/i tal-manifattura tiegħu stess u l-link għall-istadju/i ta' qabel.
  - 3.2. Barra minn hekk, il-manifattur finali għandu jipprovdi fuq is-sit web tiegħu l-informazzjoni li ġejja lill-operaturi indipendenti:
    - 3.2.1. l-indirizz tas-sit web tal-manifattur(i) responsabbli għall-istadju/stadji preċedenti;
    - 3.2.2. l-isem u l-indirizz tal-manifatturi kollha responsabbli għall-istadju/stadji preċedenti;
    - 3.2.3. in-numru/numri tal-approvazzjoni tat-tip tal-istadju/stadji preċedenti;
    - 3.2.4. in-numru tal-magna.
  - 3.3. Kull manifattur responsabbli minn stadju jew stadji partikolari tal-approvazzjoni tat-tip għandu jkun responsabbli sabiex jipprovdi fuq is-sit web tiegħu aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura rigward l-istadju/i tal-approvazzjoni tat-tip li huwa responsabbli għalih(om) u l-link għall-istadju/i ta' qabel.
  - 3.4. Il-manifattur responsabbli għal stadju jew stadji partikolari tal-approvazzjoni tat-tip għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-manifattur responsabbli għall-istadju li jmiss:
    - 3.4.1. iċ-ċertifikat ta' konformità marbut mal-istadju/i li huwa responsabbli għalih(om);
    - 3.4.2. iċ-ċertifikat dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, inklużi l-annessi tiegħu;
    - 3.4.3. in-numru tal-approvazzjoni tat-tip li jikkorrispondi għall-istadju/i li huwa responsabbli għalih(om);
    - 3.4.4. id-dokumenti msemmijin fil-punti 3.4.1, 3.4.2. u 3.4.3. hekk kif ipprovduti mill-manifattur(i) involut(i) fl-istadju/i ta' qabel.
  - 3.5. Kull manifattur għandu jawtorizza l-manifattur responsabbli għall-istadju li jmiss biex jgħaddi d-dokumenti lill-manifatturi responsabbli għal kwalunkwe stadju li jmiss u l-istadju finali.
  - 3.6. Barra minn hekk, fuq bażi kuntrattwali, il-manifattur responsabbli għal stadju jew stadji partikolari tal-approvazzjoni tat-tip għandu:
    - 3.6.1. jipprovdi lill-manifattur responsabbli għall-istadju li jmiss bl-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura u l-informazzjoni dwar interfaċċa li tikkorrispondi għall-istadju/stadji partikolari li huwa responsabbli għalihom;
    - 3.6.2. jipprovdi, fuq talba ta' manifattur responsabbli għal stadju sussegwenti tal-approvazzjoni tat-tip, b'aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura u informazzjoni dwar l-interfaċċa li tikkorrispondi għall-istadju/i partikolari li huwa responsabbli għalih(om).

- 3.7. Manifattur, inkluż manifattur finali, jista' jitlob biss ħlas skont l-Artikolu 63 dwar l-istadju/i partikolari li huwa responsabbli għalih(om).

Manifattur, inkluż manifattur finali, ma għandux jitlob ħlas biex jipprovdi informazzjoni marbuta mal-indirizz web jew id-dettalji ta' kuntatt ta' xi manifattur ieħor.

#### 4. Adattamenti tal-konsumatur

- 4.1. Permezz ta' deroga mill-punt 2, jekk in-numru ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati soġġetti għal adattament speċifiku għall-konsumatur ikun aktar baxx minn 250 unità prodotti madwar id-dinja, l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni għall-adattament tal-konsumatur għandha tiġi pprovduta b'mod aċċessibbli faċilment u minnufih, u b'mod nondiskriminatorju meta mqabbel mad-dispożizzjonijiet mogħtija jew l-aċċess mogħti lin-negozjanti u lis-sewweġja awtorizzati.

Għall-għoti ta' service u r-riprogrammar tal-unitajiet ta' kontroll elettroniku marbutin mal-adattament għall-konsumatur, il-manifattur għandu jkiegħed l-għodda djanjostika speċjalista proprjetarja rispettiva jew it-tagħmir tat-test disponibbli għall-operaturi indipendenti kif ipprovduti lis-sewweġja awtorizzati.

L-adattamenti tal-konsumatur għandhom jiġu elenkati fuq is-sit web tal-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-manifattur fiċ-ċertifikat dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBd tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura meta ssir l-approvazzjoni tat-tip.

- 4.2. Il-manifatturi għandhom iqiegħdu l-għodda djanjostika speċjalista proprjetarja jew it-tagħmir tat-test għas-servizzar tas-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi adattati għall-konsumaturi disponibbli għal operaturi indipendenti permezz ta' bejgħ jew kiri.

- 4.3. Fiċ-ċertifikat dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBd tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, fi żmien l-approvazzjoni tat-tip, il-manifattur għandu jsemmi l-adattamenti għall-konsumatur li minnu huwa derogat l-obbligu taħt il-punt 2 li jipprovdi aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBd tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura f'format standardizzat u kwalunkwe unità ta' kontroll elettronika marbuta magħhom.

Dawk l-adattamenti tal-konsumaturi u kwalunkwe unità ta' kontroll elektronika marbuta magħhom għandhom ikunu elenkati fuq is-sit web informativ dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-manifattur ukoll.

#### 5. Il-manifatturi ta' volum baxx

- 5.1. B'deroga mill-punt 2, il-manifatturi li l-produzzjoni annwali dinjija tagħhom ta' tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata soġġetta għal dan ir-Regolament hija għal vetturi tal-kategorija M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub> anqas minn 1 000 vettura jew għal vetturi tal-kategorija M<sub>2</sub>, M<sub>3</sub>, N<sub>2</sub>, N<sub>3</sub> u O anqas minn 250 unità, għandhom jipprovdu aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija ta' vettura u l-manutenzjoni tal-vettura b'mod aċċessibbli faċilment u minnufih, u b'mod nondiskriminatorju meta mqabbel mad-dispożizzjonijiet mogħtija jew l-aċċess mogħti għan-negozjanti u lis-sewweġja awtorizzati.

- 5.2. Il-vettura, is-sistemi, il-komponent u l-unità teknika separata soġġetti għall-punt 5.1. għandhom ikunu elenkati fuq is-sit web ta' informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-manifattur.

- 5.3. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tgħarraf lill-Kummissjoni dwar kull approvazzjoni tat-tip mogħtija lil manifatturi ta' volum żgħir.

#### 6. Rekwiżiti

- 6.1. L-informazzjoni dwar l-OBd tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u manutenzjoni disponibbli permezz tas-siti web għandha ssegwi l-istandard komuni rilevanti msemmi fl-Artikolu 61.

Dawk li jeħtieġu d-dritt li jidduplikaw jew jippubblikaw mill-ġdid l-informazzjoni għandhom jinnegozjaw direttament mal-manifattur ikkonċernat. L-informazzjoni għall-materjal ta' taħriġ għandha wkoll tkun disponibbli, imma tista' tiġi preżentata permezz ta' media oħra għajr is-siti web.

L-informazzjoni fuq il-partijiet kollha tal-vettura, li bihom hija mgħammra l-vettura, kif identifikat mill-VIN u kwalunkwe kriterju addizzjonali bħall-bażi tar-roti, l-output tal-magna, il-livell jew l-għażliet tal-finitura, mill-manifattur tal-vettura u li jistgħu jiġu sostitwiti minn partijiet ta' riżerva offruti mill-manifattur tal-vettura lis-sewweġja awtorizzati jew lil negozjanti jew partijiet terzi permezz ta' referenza għan-numru tal-partijiet tat-tagħmir oriġinali (OE), trid titqiegħed għad-dispożizzjoni, fl-għamla ta' settijiet ta' data li jistgħu jinqraw minn magna u li jistgħu jiġu pproċessati elettronikament, f'bażi ta' data li hija aċċessibbli għall-operaturi indipendenti.

Din id-database għandu jkun fiha l-VIN, in-numri tal-partijiet OE, l-isem OE tal-partijiet, l-attributi tal-validità (dati ta' validità minn u validità sa), l-attributi tal-fittings u, fejn applikabbli, il-karatteristiċi tal-istrutturar.

L-informazzjoni fuq id-database għandha tiġi aġġornata b'mod regolari. Jekk din l-informazzjoni tkun disponibbli għal negozjanti awtorizzati, l-aġġornamenti għandhom jinkludu l-modifiki kollha għall-vetturi individwali wara l-produzzjoni tagħhom.

- 6.2. L-aċċess għall-karatteristiċi tas-sigurtà tal-vettura li jintużaw min-negozjanti u sewweġja awtorizzati għandu jkun disponibbli għall-operaturi indipendenti taħt il-protezzjoni tat-teknoloġija tas-sigurtà skont ir-rekwiżiti li ġejjin:
  - 6.2.1. id-data għandha tiġi skambjata billi jiġu żgurati kunfidenzjalità, integrità u protezzjoni kontra tbaġħbis;
  - 6.2.2. għandu jintuża l-istandard <https://ssl-tls> (RFC4346);
  - 6.2.3. ċertifikati ta' sikurezza skont l-istandard internazzjonali ISO 20828 għandhom jintużaw għall-awtentikazzjoni reċiproka ta' operaturi u manifatturi indipendenti;
  - 6.2.4. iċ-ċavetta privata ta' operatur indipendenti għandha tkun protetta b'hardwer sigur.
- 6.3. Il-Forum dwar l-Aċċess għal Informazzjoni dwar il-Vettura msemmi fl-Artikolu 66 irid jispeċifika l-parametri għall-adempiment tar-rekwiżiti msemmija fil-punt 6.2 skont l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. L-operatur indipendenti għandu jkun approvat u awtorizzat għal dan il-fini fuq il-bażi ta' dokumenti li juru li jseġwi attività leġittima ta' negozju u ma nstabx ħati ta' xi attività kriminali rilevanti.
- 6.4. Ir-riprogrammazzjoni tal-unitajiet ta' kontroll tal-vetturi għandha titwettaq skont l-istandard internazzjonali ISO 22900-2 jew l-*SAE J2534* jew it-*TMC RP1210B*, bl-użu ta' hardwer komuni.

Għall-validazzjoni tal-kompatibbiltà tal-applikazzjoni speċifika għall-manifattur u l-interfaċċji ta' komunikazzjoni tal-vetturi (VCI) li jikkonformaw mal-istandard internazzjonali ISO 22900-2 jew *SAE J2534* jew *TMC RP1210B*, il-manifattur għandu joffri validazzjoni tal-VCIs żviluppata indipendentement jew inkella l-informazzjoni, u s-self ta' kwalunkwe hardwer speċjali, meħtieġ sabiex manifattur tal-VCI jaġmel validazzjoni bħal din hu stess.

Il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 63(1) għandhom japplikaw għal ħlasijiet għat-tali validazzjoni jew informazzjoni u hardwer.
- 6.5. Ir-rekwiżiti tal-punt 6.4 ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' riprogrammar ta' apparati ta' limitazzjoni tal-veloċità u tagħmir ta' reġistrazzjoni.
- 6.6. Id-DTCs kollha marbutin mal-emissjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-Anness XI għar-Regolament (KE) Nru 692/2008 u l-Anness X għar-Regolament (UE) Nru 582/2011.
- 6.7. Għall-aċċess għal kwalunkwe informazzjoni dwar l-*OBD* tal-vettura u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għajr dik relatata ma' żoni ta' sigurtà tal-vettura, ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni għall-użu tas-sit web tal-manifattur minn operatur indipendenti għandhom jeħtieġu biss tali informazzjoni li tkun meħtieġa biex jiġi konfermat kif ser isir il-ħlas għall-informazzjoni. Għall-informazzjoni li tikkonċerna aċċess għaż-żoni siguri tal-vettura, l-operatur indipendenti għandu jippreżenta ċertifikat skont l-istandard internazzjonali ISO 20828 sabiex jidentifika lilu nnfsu u lill-organizzazzjoni li jappartjeni għaliha u l-manifattur għandu jirrispondi biċ-ċertifikat tiegħu skont l-istandard internazzjonali ISO 20828 biex jikkonferma lill-operatur indipendenti li qed ikollu aċċess għal sit leġittimu tal-manifattur maħsub. Iż-żewġ partijiet għandhom jirreġistraw kwalunkwe tranżazzjoni bħal din fejn jindikaw il-vetturi u l-bidliet li sarulhom skont din id-dispożizzjoni.
- 6.8. Il-manifatturi għandhom jindikaw in-numru tal-approvazzjoni tat-tip skont il-mudell fis-siti web ta' informazzjoni dwar it-tiswija tagħhom.
- 6.9. Jekk l-informazzjoni dwar l-*OBD* tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura disponibbli fuq sit web ta' manifattur ma tinkludix informazzjoni speċifika rilevanti li tippermetti d-disinn u l-manifattura xierqa ta' sistemi ta' retromodifika għall-karburanti alternattivi, kwalunkwe manifattur interessat ta' sistemi ta' retromodifika għall-karburanti alternattivi għandu jkun jista' jkseb l-informazzjoni meħtieġa billi jikkuntatta direttament lill-manifattur b'tali talba. Id-dettalji ta' kuntatt għal dak il-fini għandhom ikunu indikati b'mod ċar fuq is-sit web tal-manifattur u l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta fi żmien 30 jum. Ikun meħtieġ biss li tali informazzjoni tkun ipprovduta għal sistemi alternattivi ta' retromodifika tal-karburanti li jkunu suġġetti għar-Regolament Nru 115 tan-NU jew għal komponenti ta' retromodifika għall-karburanti alternattivi li jiffurmaw parti minn sistemi suġġetti għar-Regolament Nru 115 tan-NU. Barra minn hekk, ikun meħtieġ biss li tali informazzjoni tkun ipprovduta bi tweġiba għal talba li b'mod ċar tispeċifika l-ispeċifikazzjoni eżatta tal-mudell tal-vettura li għaliha hija meħtieġa l-informazzjoni u li tikkonferma speċifikament li l-informazzjoni hija meħtieġa għall-iżvilupp ta' sistemi jew ta' komponenti ta' retromodifika għall-karburanti alternattivi suġġetti għar-Regolament Nru 15 tan-NU.
7. Rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip
  - 7.1. Sabiex jirċievi approvazzjoni tat-tip, il-manifattur irid jissottometti ċ-ċertifikat mimli, li mudell tiegħu huwa pprovdut fl-Appendiċi 1.
  - 7.2. Meta l-informazzjoni dwar l-*OBD* tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura ma tkunx disponibbli, jew ma tikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness, il-manifattur għandu jipprovidi dik l-informazzjoni fi żmien sitt xhur mid-data tal-approvazzjoni tat-tip.



- 7.3. L-obbligu li l-informazzjoni tkun ipprovduta fiż-żmien il-perijodu msemmi fil-punt 7.2 għandu japplika biss, jekk wara l-approvazzjoni tat-tip, il-vettura titqiegħed fis-suq.

Meta l-vettura titqiegħed fis-suq aktar minn sitt xhur wara li tkun ingħatat l-approvazzjoni tat-tip l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta fid-data ta' dak in-nhar li tqiegħdet fis-suq.

- 7.4. Abbażi ta' ċertifikat komplut dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' tippreżumi li l-manifattur daħħal fis-seħħ arranġamenti u proċeduri sodisfaċenti fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, dment li ma jkun sar l-ebda ilment u l-manifattur jipprovdidi ċ-ċertifikat fi żmien il-perjodu msemmi fil-punt 7.2.
-

**Appendiċi 1**

Iċ-ċertifikat tal-manifattur dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura

(Il-manifattur): ...

(L-indirizz tal-manifattur): ...

Jiċċertifika li

jipprovi aċċess għal informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura skont id-dispożizzjonijiet ta':

L-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> u l-Anness X għal dak ir-Regolament.

fir-rigward tat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata elenkata f'dokument mehmuż ma' dan iċ-ċertifikat.

Jiġu applikati d-derogi li ġejjin: Adattamenti għall-konsumatur (\*) — Volum żgħir (\*) —.

L-indirizzi prinċipali tas-siti web li permezz tagħhom jista' jkun hemm aċċess għall-informazzjoni rilevanti, li b'dan hija ċertifikata b'ħa konformi ma' dawk id-dispożizzjonijiet, huma elenkati f'dokument mehmuż ma' dan iċ-ċertifikat flimkien mad-dettalji ta' kuntat tar-rappreżentant responsabbli tal-manifattur li ffirma dan iċ-ċertifikat.

Fejn applikabbli: B'dan il-manifattur jiċċertifika wkoll li kkonforma mal-obbligu fl-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2018/858 li jipprovi l-informazzjoni li tikkonċerna approvazzjonijiet preċedenti ta' dawn it-tipi ta' vetturi mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data tal-approvazzjoni tat-tip.

Magħmul fi...[Post]

Fi...[Data]

(Firma) (Pożizzjoni)

Annessi:

— Anness A: L-indirizzi tas-siti web.

— Anness B: Dettalji ta' kuntatt;

— Anness C: Tipi ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata.

Nota ta' spjega:

(\*) Ħassar fejn mhux applikabbli

(<sup>1</sup>) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

## ANNEX A

**L-INDIRIZZI TAS-SITI WEB LI JISSEMMEW F'DAN IĊ-ĊERTIFIKAT:**

\_\_\_\_\_

## ANNEX B

**ID-DETTALJI TA' KUNTATT TAR-RAPPREŻENTANT TAL-MANIFATTUR IMSEMMI F'DAN IĊ-ĊERTIFIKAT:**

\_\_\_\_\_

## ANNEX C

**TIPI TA' VETTURA, SISTEMA, KOMPONENT JEW UNITÀ TEKNIKA SEPARATA**

\_\_\_\_\_

## Appendiċi 2

### Informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura

1. Il-manifattur tal-vettura għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa f'din l-Appendiċi sabiex ikunu jistgħu jiġu manifatturati partijiet ta' sostituzzjoni jew ta' servizz kif ukoll għodod dijanjostiċi u tagħmir tat-testijiet kompatibbli mal-OBD.
2. Meta tintalab, l-informazzjoni li ġejja għandha tkun disponibbli fuq bażi diskriminatorja, lil kwalunkwe manifattur interessat ta' komponenti, għodod dijanjostiċi jew tagħmir tal-ittestjar:
  - 2.1. deskrizzjoni tat-tip u tan-numru taċ-ċikli ta' pre-kondizzjonament li ntużaw għall-approvazzjoni tat-tip oriġinali tal-vettura;
  - 2.2. deskrizzjoni tat-tip taċ-ċikli ta' wiri tal-OBD li ntuża għall-approvazzjoni tat-tip oriġinali tal-vettura għall-komponent immonitorjat mis-sistema OBD;
  - 2.3. dokument komprensiv li jiddeskrivi l-komponenti kollha li nħassu permezz tal-istrategġja għall-iskoperta tal-ħsara u għall-attivazzjoni tal-MI (numru fiss ta' ċikli tas-sewqan jew metodu statistiku), inklużi lista tal-parametri rilevanti sekondarji li nħassu għal kull komponent immonitorjat mis-sistema OBD u lista tal-kodiċijiet tal-output kollha tal-OBD u l-format użat (bi spjegazzjoni ta' kull wieħed) assoċjati ma' komponenti tal-power-train individwali relatati mal-emissjonijiet u l-komponenti individwali li m'humex relatati mal-emissjonijiet, fejn il-monitoraġġ tal-komponent jintuża biex tkun iddeterminata l-attivazzjoni tal-MI. B'mod partikolari, fil-każ ta' tipi ta' vetturi li jużaw rabta mal-komunikazzjoni skont l-ISO 15765-4 "Vetturi tat-triq — Dijanjostiki fuq in-netwerk taż-żona tal-kontrollur (CAN) — il-Parti 4: Ir-rekwiżiti għas-sistemi relatati mal-emissjonijiet", għandha tingħata spjegazzjoni komprensiva għad-data mogħtija fis-servizz \$ 05 Test ID \$ 21 sa FF u d-data mogħtija fis-servizz \$ 06, u spjegazzjoni komprensiva għad-data mogħtija fis-servizz \$ 06 Test ID \$ 00 sa FF, għal kull monitor tal-OBD appoġġat minn ID.

F'każ li jintużaw standards ta' protokoll tal-komunikazzjoni oħrajn, trid tiġi pprovdata spjegazzjoni komprensiva ekwivalenti.

Din l-informazzjoni tista' tkun ipprovdata fil-forma ta' tabella, bl-intestaturi tal-kolonna u r-ringiela li ġejjin:

Komponent Kodiċi ta' difett; Strategġja ta' Monitoraġġ; Kriterji għall-identifikazzjoni ta' ħsarat; Kriterji għall-attivazzjoni MI; Parametri sekondarji; Test li juri l-prekondizzjonament

Katalist P0420 Sensur tal-ossiġenu; Katalista P0420 Sinjali tas-senser tal-ossiġenu 1 u 2; Differenza bejn sinjali tas-sensers 1 u 2; it-tielet ċiklu Veloċità tal-magna; tagħbija tal-magna; modalità A/F; temperatura tal-katalista; Żewġ ċikli tat-Tip 1 Tip 1.

3. L-informazzjoni meħtieġa għall-manifattura tal-għodod dijanjostiċi
 

Sabiex tkun iffaċilitata l-provvista ta' għodod dijanjostiċi ġeneriċi għal sewweġja ta' ħafna marki, il-manifatturi tal-vetturi għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni msemmija fil-punti 3.1, 3.2 u 3.3 permezz tas-siti web ta' informazzjoni dwar it-tiswija tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-funzjonijiet kollha tal-għodod dijanjostiċi u l-links kollha għal informazzjoni dwar it-tiswija u għal struzzjonijiet biex issolvi l-problemi. L-aċċess għal din l-informazzjoni jista' jkun suġġett għall-pagament ta' ammont raġonevoli.

  - 3.1. Informazzjoni dwar il-protokoll ta' komunikazzjoni
 

L-informazzjoni li ġejja għandha tkun meħtieġa f'forma indiċjata skont il-marka, il-mudell u l-varjant, tal-vettura jew definizzjoni oħra ta' ħidma bħall-VIN jew bħal identifikazzjoni tal-mudell u tas-sistemi:

    - 3.1.1. kwalunkwe sistema addizzjonali ta' informazzjoni dwar il-protokoll meħtieġa sabiex tkun ikkompletata d-dijanjistika flimkien mal-istandards preskritti fil-paragrafu 4.7.3 tal-Anness 9B għar-Regolament Nru 49 tan-NU u fil-paragrafu 6.5.1.4 tal-Anness 11 għar-Regolament Nru 83 tan-NU, inkluż kwalunkwe informazzjoni dwar il-protokoll ta' hardwer jew ta' softwer, identifikazzjoni tal-parametri, funzjonijiet ta' trasferiment, rekwiżiti "biex tinżamm attiva" ("keep alive") jew kondizzjonijiet għal żbalji;
    - 3.1.2. dettalji dwar kif jinkisbu u jiġu interpretati l-kodiċijiet ta' ħsara kollha li ma jikkonformawx mal-istandards preskritti fil-paragrafu 4.7.3 tal-Anness 9B għar-Regolament Nru 49 tan-NU u fil-paragrafu 6.5.1.4 tal-Anness 11 għar-Regolament Nru 83 tan-NU;
    - 3.1.3. lista tal-parametri kollha disponibbli tad-data attiva, inkluż informazzjoni dwar skalar u aċċess;
    - 3.1.4. lista tat-testijiet funzjonali disponibbli kollha li jinkludu l-attivazzjoni jew il-kontroll tat-tagħmir u l-mezz biex ikunu implimentati;

- 3.1.5. dettalji ta' kif tinkiseb l-informazzjoni kollha dwar il-komponenti u l-istatus, it-timbri skont il-ħin, id-DTC pendenti u l-frejms iffriżati;
  - 3.1.6. issettjar mill-ġdid tal-parametri adattabbli tat-tagħlim, tal-kodifikazzjoni tal-varjanti u tal-arranġament tal-komponenti sostituti u tal-preferenzi tal-konsumatur;
  - 3.1.7. Identifikazzjoni tal-unità ta' kontroll Elettroniku (ECU) u kodifikazzjoni tal-varjanti;
  - 3.1.8. dettalji ta' kif jiġu ssettjati mill-ġdid id-dwal tas-servizz;
  - 3.1.9. post tal-konnettur dijanjostiku u d-dettalji tal-konnettur;
  - 3.1.10. identifikazzjoni tal-kodiċi tal-magna.
  - 3.2. Test u dijanjosi tal-komponenti monitorjati mill-OBD  
Għandha tkun meħtieġa l-informazzjoni li ġejja:
    - 3.2.1. deskrizzjoni tat-testijiet biex tkun ikkonfermata l-funzjonalità, fuq il-komponent jew fuq it-tagħmir li jikkontrolla ċ-ċaqliq;
    - 3.2.2. informazzjoni li tikkonċerna l-proċedura tat-test, inkluż il-parametri tat-test u l-informazzjoni dwar il-komponenti;
    - 3.2.3. dettalji tal-konnessjoni, inkluż l-input u l-output u l-valuri tas-sewqan u tat-tagħbija minimi u massimi;
    - 3.2.4. valuri mistennija f'ċerti kondizzjonijiet ta' sewqan, inkluż l-idling;
    - 3.2.5. valuri elettriċi għall-komponent fl-istat statiku u dinamiku tiegħu;
    - 3.2.6. valuri tal-modalità tal-ħsara għal kull wieħed mix-xenarji;
    - 3.2.7. sekwenzi dijanjostiċi tal-modalità tal-ħsara, inkluż l-arbli tal-ħsarat u l-eliminazzjoni dijanjostika ggwidata.
  - 3.3. Data meħtieġa sabiex issir tiswija  
Għandha tkun meħtieġa l-informazzjoni li ġejja:
    - 3.3.1. inizjalizzazzjoni tal-ECU u tal-komponent (fil-każ li jitwaħħlu sostituti);
    - 3.3.2. inizjalizzazzjoni tal-ECUs il-ġodda jew sostituti, fejn ikun rilevanti, permezz tat-tekniki tar-(ri-)programmazzjoni pass-through.
-

## ANNEX XI

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

## 1. Regolament (KE) Nru 715/2007

Regolament (KE) Nru 715/2007	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(2)	Artikolu 86(1), punt (2)
Artikolu 3, punti (14) u (15)	Artikolu 3, punti (48) u (45)
Artikolu 6	Artikolu 61
Artikolu 7	Artikolu 63
Artikolu 8	—
Artikolu 9	—
Artikolu 13(2), punt (e)	Artikolu 86(1), punt (5)

## 2. Regolament (KE) Nru 595/2009

Regolament (KE) Nru 595/2009	Dan ir-Regolament
Artikolu 1, it-tieni paragrafu	Artikolu 87(1), punt 2
Artikolu 3, punti (11) u (13)	Artikolu 3, punti (48) u (45)
Artikolu 6	Artikolu 661
Artikolu 11(2), punt (e)	Artikolu 84(3), punt (a)

## 3. Direttiva 2007/46/KE

Direttiva 2007/46/KE	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1(1)
—	Artikolu 1(2)
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3, punt (1)	—
Artikolu 3, punt (2)	—
Artikolu 3, punt (3)	Artikolu 3, punt (1)
Artikolu 3, punt (4)	Artikolu 3, punt (3)
Artikolu 3, punt (5)	Artikolu 3, punt (2)
Artikolu 3, punt (6)	Artikolu 3, punt (6)
Artikolu 3, punt (7)	Artikolu 3, punt (8)
Artikolu 3, punt (8)	Artikolu 3, punt (9)
Artikolu 3, punt (9)	Artikolu 3, punt (10)
Artikolu 3, punt (10)	Artikolu 3, punt (11)
Artikolu 3, punt (11)	Artikolu 3, punt (16)
Artikolu 3, punt (12)	Artikolu 3, punt (17)
Artikolu 3, punt (13)	Artikolu 3, punt (15)
Artikolu 3, punt (14)	—
Artikolu 3, punt (15)	—
Artikolu 3, punt (16)	—
Artikolu 3, punt (17)	Artikolu 3, punt (32)
Artikolu 3, punt (18)	Artikolu 3, punt (24)

Direttiva 2007/46/KE	Dan ir-Regolament
Artikolu 3, punt (19)	Artikolu 3, punt (25)
Artikolu 3, punt (20)	Artikolu 3, punt (26)
Artikolu 3, punt (21)	Artikolu 3, punt (27)
Artikolu 3, punt (22)	Artikolu 3, punt (28)
Artikolu 3, punt (23)	Artikolu 3, punt (18)
Artikolu 3, punt (24)	Artikolu 3, punt (19)
Artikolu 3, punt (25)	Artikolu 3, punt (20)
Artikolu 3, punt (26)	—
Artikolu 3, punt (27)	Artikolu 3, punt (40)
Artikolu 3, punt (28)	Artikolu 3, punt (41)
Artikolu 3, punt (29)	Artikolu 3, punt (36)
Artikolu 3, punt (30)	—
Artikolu 3, punt (31)	Artikolu 3, punt (38)
Artikolu 3, punt (32)	Artikolu 3, punt (54)
Artikolu 3, punt (33)	Artikolu 3, punt (4)
Artikolu 3, punt (34)	—
Artikolu 3, punt (35)	—
Artikolu 3, punt (36)	Artikolu 3, punt (5)
Artikolu 3, punti (37) sa (40)	—
—	Artikolu 3, punt (7)
—	Artikolu 3, punti (12), (13) u (14))
—	Artikolu 3, punti (21), (22) u (23)
—	Artikolu 3, punti (29), (30), (31), (33), (34) u (35)
—	Artikolu 3, punt (37)
—	Artikolu 3, punt (39)
—	Artikolu 3, punti (42) sa (53)
—	Artikolu 3, punti (55) sa (58)
—	Artikolu 5(2) u (3)
—	Artikolu 6(1), t-tielet subparagrafu, (2) u (3)
—	Artikolu 7(2), (3) u (4)
Artikolu 4(1)	—
Artikolu 4(2)	Artikolu 7(1)
Artikolu 4(3), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 6(4)
Artikolu 4(3), it-tieni subparagrafu	Artikolu 6(5), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 4(4)	Artikolu 6(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafi
—	Artikolu 6(5), it-tieni subparagrafu u (6) sa (10)
—	Artikolu 8
—	Artikolu 9
—	Artikolu 10
—	Artikolu 11
—	Artikolu 12
Artikolu 5(1)	Artikolu 13(1) u (2), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 13(2), it-tieni subparagrafu

Direttiva 2007/46/KE	Dan ir-Regolament
Artikolu 5(2), it-tieni subparagrafu	Artikolu 13(3)
Artikolu 5(3)	Artikolu 13(4), l-ewwel sentenza
—	Artikolu 13(4), it-tieni sentenza u (5) sa (10)
—	Artikolu 14
—	Artikolu 15
—	Artikolu 16
—	Artikolu 17
—	Artikolu 18
—	Artikolu 19
—	Artikolu 20
—	Artikolu 21
Artikolu 6(1)	Artikolu 22(1)
—	Artikolu 22(2) u (4)
Artikolu 6(2)	Artikolu 25(1)
Artikolu 6(3)	—
Artikolu 6(4)	Artikolu 25(2)
Artikolu 6(5)	Artikolu 22(5) u (6), u l-Artikolu 25(3)
Artikolu 6(6) u Artikolu 7(1)	Artikolu 23
Artikolu 6(7) u Artikolu 7(3)	Artikolu 25(4)
Artikolu 6(8) u Artikolu 7(4)	Artikolu 30(4)
Artikolu 7 (2)	Artikolu 24
Artikolu 8(1) u (2)	Artikolu 26(1) u (3)
—	Artikolu 26(2) u (4)
Artikolu 8(3)	Artikolu 26(5)
Artikolu 8(4)	Artikolu 28(2)
Artikolu 8(5) sa (8)	Artikolu 27(1) u (2)
—	Artikolu 27(3)
Artikolu 9(1)	Artikolu 5(1)
Artikolu 9(2)	Artikolu 22(3)
—	Artikolu 28(1) u (3)
Artikolu 9(3)	Artikolu 28(4)
Artikolu 9(4)	Artikolu 28(5)
Artikolu 9(5)	—
Artikolu 9(6) u (7)	Artikolu 28(6) u (7)
Artikolu 10(1) u (2)	Artikolu 29(1)
Artikolu 10(3)	Artikolu 29(2)
Artikolu 10(4)	Artikolu 29(3)
Artikolu 11	Artikolu 30(1), (2) u (5) sa (8)
Artikolu 12(1)	Artikolu 31(1)
—	Artikolu 31(2)
Artikolu 12(2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 31(3)
Artikolu 12(2), it-tieni subparagrafu	Artikolu 31(4)
—	Artikolu 31(5), (6) u (8)



Direttiva 2007/46/KE	Dan ir-Regolament
Artikolu 12(3)	Artikolu 31(7)
—	Artikolu 32
Artikolu 13(1)	Artikolu 33(1)
Artikolu 13(2)	Artikolu 33(2)
Artikolu 13(3)	Artikolu 33(3) u (4)
—	Artikolu 33(5)
Artikolu 14(1) u Artikolu 15(1)	Artikolu 34(1)
Artikolu 14(2) u Artikolu 15(2)	Artikolu 34(2)
Artikolu 14(3) u Artikolu 15(3)	Artikolu 34(3)
Artikolu 14(4)	Artikolu 34(4)
Artikolu 16(1) u (2)	Artikolu 27(1)
Artikolu 16(3)	Artikolu 27(2)
Artikolu 17(1) sa (4)	Artikolu 35(2) sa (5)
Artikolu 18(1) u (3)	Artikolu 36(1) u (4)
—	Artikolu 36(2)
Artikolu 18(2)	Artikolu 36(5)
—	Artikolu 36(6) u (7)
Artikolu 18(4)	Artikolu 36 (8) u (9)
Artikolu 18(5) u (6)	Artikolu 36(4)
Artikolu 18(7)	Artikolu 37(2)
Artikolu 18(8)	Artikolu 36(3)
—	Artikolu 37(1) u (3)
—	Artikolu 38(1)
Artikolu 19(1) u (2)	Artikolu 38(2)
Artikolu 19(3)	Artikolu 38(3)
Artikolu 20(1)	Artikolu 39(1)
Artikolu 20 (2), kliem introduttorju	Artikolu 39(4)
Artikolu 20 (2), punti (a) sa (c)	Artikolu 39(2)
Artikolu 20(3)	Artikolu 39(5)
Artikolu 20(4), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 39(3)
Artikolu 20(4), it-tieni subparagrafu	Artikolu 39(6)
Artikolu 20(4), it-tielet subparagrafu	Artikolu 39(7)
Artikolu 20 (5)	—
Artikolu 21	Artikolu 40
Artikolu 22	Artikolu 41
Artikolu 23(1)	Artikolu 42(1)
Artikolu 23(2) u (3)	Artikolu 42 (2)
Artikolu 23(4)	Artikolu 42(3)
Artikolu 23(5)	Artikolu 42(4)
—	Artikolu 42(5)
Artikolu 23(6), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 43(1) u (2)
Artikolu 23(6), it-tieni subparagrafu	Artikolu 43(3)
Artikolu 23(6), it-tielet subparagrafu	Artikolu 43(4)

Direttiva 2007/46/KE	Dan ir-Regolament
Artikolu 23(7)	Artikolu 43(5)
—	Artikolu 44
Artikolu 24	Artikoli 45 u 46
Artikolu 25	Artikolu 47
Artikolu 26(1)	Artikolu 48(1)
Artikolu 26(2)	—
Artikolu 26(3)	Artikolu 48(2)
Artikolu 27	Artikolu 49
Artikolu 28	Artikolu 50
—	Artikolu 51
Artikolu 29(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 52(1) u (3)
—	Artikolu 52(2)
—	Artikolu 52(4)
Artikolu 29(1), it-tieni subparagrafu	Artikolu 53(1) u (2)
—	Artikolu 53(3) u (4)
Artikolu 29(2)	Artikolu 53(5), l-ewwel subparagrafu
—	Artikolu 53(5), it-tieni subparagrafu, (6) u (8)
Artikolu 29(3)	Artikolu 53(7)
Artikolu 29(4)	—
Artikolu 30(1)	Artikolu 53(1)
Artikolu 30(2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 53(2)
Artikolu 30(2), it-tieni subparagrafu	—
Artikolu 30(3)	Artikolu 54(1)
Artikolu 30(4)	Artikolu 54(2), (3) u (4), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 30(5)	Artikolu 54(4), it-tieni subparagrafu
Artikolu 30(6)	Artikolu 54(5)
Artikolu 31(1) sa (4)	Artikolu 55
Artikolu 31(5), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 56(1)
Artikolu 31(5), it-tieni u t-tielet subparagrafi	Artikolu 56(2)
Artikolu 31(6) u (7)	—
Artikolu 31(8)	Artikolu 56(3)
Artikolu 31(9)	Artikolu 56(4)
—	Artikolu 56(5)
Artikolu 31(10)	Artikolu 56(6)
Artikolu 31(11)	—
Artikolu 31(12), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 56(7)
Artikolu 31(12), it-tieni subparagrafu	—
Artikolu 31(13)	—
Artikolu 32	Artikolu 53
Artikolu 33	—
Artikolu 34(1)	Artikolu 57(1)
Artikolu 34(2)	Artikolu 57(2)
Artikolu 34(3) u (4)	—

Direttiva 2007/46/KE	Dan ir-Regolament
Artikolu 35	Artikolu 58
Artikolu 36	—
Artikolu 37	Artikolu 59
Artikolu 38	Artikolu 60
—	Artikolu 62
—	Artikolu 64
—	Artikolu 65
—	Artikolu 66
—	Artikolu 67
Artikolu 39	Artikolu 82
Artikolu 40	Artikolu 83
Artikolu 41(1) u (3)	Artikolu 68(1)
Artikolu 41(2)	Artikolu 80(1)
Artikolu 41(4)	Artikolu 70
Artikolu 41(5)	Artikolu 68(2)
—	Artikolu 69(3) u (4)
Artikolu 41(6)	Artikolu 72(1)
Artikolu 41(7)	Artikolu 72(2) u (3)
Artikolu 41(8)	Artikolu 68(5)
—	Artikolu 69
—	Artikolu 71
Artikolu 42	Artikolu 73
Artikolu 43(1) u (3)	Artikolu 74(1)
Artikolu 43(2)	Artikolu 74(2)
Artikolu 43(4)	Artikolu 75
Artikolu 43(5)	Artikolu 74(3)
—	Artikolu 76
—	Artikolu 77
—	Artikolu 78
—	Artikolu 79
—	Artikolu 80(2) u (3)
—	Artikolu 81
Artikolu 44	Artikolu 89
Artikolu 45	Artikolu 91
Artikolu 46	Artikolu 84
—	Artikolu 85
Artikolu 47	Artikolu 90
Artikolu 48	—
Artikolu 49	Artikolu 88
—	Artikolu 86
—	Artikolu 87
Artikolu 50	Artikolu 91
Artikolu 51	—

Direttiva 2007/46/KE	Dan ir-Regolament
Annessi I u III	Artikolu 24(4)
Anness II, parti A, punti 1 sa 1.3.4	Artikolu 4
Anness II, parti A, punti 2 sa 6.2, parti B, parti C, Appendiċi 1 u 2	Anness I
Anness IV	Anness II, partijiet I u II
Anness V, Appendiċi 1 u 2	Anness III
Anness V, Appendiċi 3	Artikolu 30(3)
Annessi VI, VII u VIII	Artikolu 28(3)
Anness IX	Artikolu 36(3)
Anness X	Anness IV
Anness XI	Anness IV, parti III
Anness XII	Anness V
Anness XIII	Anness VI
Anness XIV	—
Anness XV	Anness VII
Anness XVI	Anness VIII
Anness XVII	Anness IX
—	Anness X
Anness XIX	—
Anness XX	—
Anness XXI	Anness XI



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**